# 2016-118 REV 1

**DOKUMENT TA' PROGRAMMAR 2018-2020**

| | |
|---|---|
| Minn | Id-Direttur Eżekuttiv |
| Lil | Il-Bord tat-Tmexxija |
| Dok. Preċ. | |
| Suġġett | Dokument ta' Programmar tal-eu-LISA 2018-2020 |

Livell ta' protezzjoni **PUBBLIKU**

# Dokument ta' Programmar tal-eu-LISA

2018-2020

-

# Il-Werrej

***Kelmtejn qabel*** ... **8**

***Lista ta' Akronimi*** ... **9**

***Id-dikjarazzjoni tal-missjoni*** ... **12**

***Taqsima I Kuntest ġenerali*** ... **14**

***Taqsima II Ipprogrammar Pluriennali 2018-2020*** ... **16**

***1. Objettivi pluriennali*** ... **16**

**1.1. L-għanijiet strateġiċi għall-perjodu 2014-2020** ... **16**

*1.1.1. Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE* ... 16

*1.1.2. Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza u fornitur ta' servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) rikonoxxut fl-UE* ... 16

*1.1.3. Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċ-ċentru prinċipali tat-teknoloġija tal-ICT u ċ-ċentru tal-kompetenzi tal-UE* ... 17

*1.1.4. Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġli* ... 17

**1.2. L-objettivi pluriennali strateġiċi għall-perjodu 2018-2020** ... **18**

***2. Programm pluriennali (2018-2020)*** ... **32**

**2.1. Oqsma ta' azzjoni strateġika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1** ... **32**

*2.1.1. Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi* ... 32

*2.1.2. Evoluzzjoni tas-sistemi* ... 33

*2.1.3. Infrastruttura tal-komunikazzjoni* ... 36

*2.1.4. L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda* ... 38

*2.1.5. Sigurtà* ... 39

*2.1.6. Il-protezzjoni tad-data* ... 40

*2.1.7. Rapportar statutorju* ... 40

*2.1.8. Il-forniment ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri* ... 41

**2.2. Oqsma ta' azzjoni strateġika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2** ... **42**

*2.2.1. L-evoluzzjoni bħala ċentru ta' eċċellenza* ... 42

*2.2.2. L-evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija* ... 43

*2.2.3. Il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-iżviluppi fir-riċerka għall-evoluzzjoni tas-sistema* ... 44

**2.3. Oqsma ta' azzjoni strateġika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3** ... **46**

*2.3.1. Sħubiji mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn* ... 46

*2.3.2. Sħubiji ma' aġenziji u korpi rilevanti oħrajn tal-UE* ... 46

**2.4. Oqsma ta' azzjoni strateġika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4** ... **47**

*2.4.1. Ippjanar strateġiku u operazzjonali* ... 47

*2.4.2. Ġestjoni finanzjarja u akkwist* ... 47

*2.4.3. Ġestjoni tal-faċilitajiet* ... 47

*2.4.4. Ġestjoni tar-riżorsi umani* ... 48

*2.4.5. Verifika* ... 49

*2.4.6. Komunikazzjoni esterna u interna* ... 50

***3. Prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għas-snin 2018-2020*** ... **51**

*3.1 Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali* 51

*3.1.1 Ħarsa ġenerali lejn il-popolazzjoni tal-persunal għall-2016* 51

*3.1.2 In-nefqa għall-2016* 52

*3.1.3 Informazzjoni oħra* 52

*3.2 Programmar tar-riżorsi għall-perjodu 2018-2020* 52

*3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji* 52

*3.2.2 Riżorsi umani* 54

*Taqsima III Programm ta' Ħidma għall-2018* 68

*1. Sommarju eżekuttiv* 68

*2. Attivitajiet fl-2018* 73

2.1. Attivitajiet orizzontali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu 73

2.2. Attivitajiet orizzontali tal-proġett 86

*2.2.1. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1* 86

*2.2.1.1. L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni tal-IT tal-intrapriżi għall-ġestjoni tal-proċessi tal-approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal tal-eu-LISA u l-issodisfar tar-rekwiżiti tas-sigurtà għall-kuntratturi* 87

*2.2.1.2. Titjib tas-sigurtà fiżika f'Tallinn* 88

*2.2.1.3. Titjib tas-sigurtà fiżika fi Strasburgu* 89

*2.2.1.4. Stħarriġ Annwali dwar il-Protezzjoni tad-Data* 90

*2.2.1.5. L-għoti ta' gwida dwar il-privatezza mid-disinn* 91

*2.2.2. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2* 92

*2.2.3. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3* 92

*2.2.3.1. Il-kondiviżjoni ta' servizzi dwar il-protezzjoni tad-data ma' aġenziji rilevanti oħrajn* 92

*2.2.4. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4* 93

*2.2.4.1. It-tisrif tal-eżiti tar-Rieżami tal-Mudell ta' Governanza fi proposti ta' raffinament* 94

*2.2.4.2. Iż-żieda tal-kapaċitajiet tal-ippjanar tal-Aġenzija* 95

*2.2.4.3. L-introduzzjoni ta' bbaġitjar ibbażat fuq l-attività* 96

*2.2.4.4. L-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-HQ il-ġodda* 97

*2.2.4.5. Operazzjonijiet loġistiċi u organizzazzjonali għall-okkupazzjoni finali tal-bini ġdid jew rinnovat fi Strasburgu* 98

*2.2.4.6. Operazzjonijiet loġistiċi u organizzazzjonali għall-okkupazzjoni finali tal-bini ġdid tal-kwartieri ġenerali f'Tallinn* 98

*2.2.4.7. L-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-bini l-ġdid fi Strasburgu* 99

*2.2.4.8. Il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' arkitettura tan-netwerk korporattiv* 100

*2.2.4.9. Il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' arkitettura tas-sistema u tal-ħażna* 101

*2.2.4.10. L-iżvilupp ta' Infrastruttura tal-IT korporattiva fil-kwartieri ġenerali ġodda* 102

*2.2.4.11. Titjib tal-applikazzjonijiet korporattivi* 103

*2.2.4.12. L-iżvilupp ulterjuri tal-arkitettura tal-intrapriżi* 104

*2.2.4.13. L-implimentazzjoni tal-monitoraġġ tal-Istrateġija tal-HR u tal-Politika dwar iż-Żamma tal-Persunal* 105

*2.2.4.14. L-implimentazzjoni tal-Politika dwar is-Saħħa u s-Sigurtà* 106

*2.2.4.15. L-għoti ta' kuntratti għal servizzi mediċi tal-eu-LISA* 107

*2.2.4.16. Għodod tal-IT tal-HR żviluppati u implimentati fil-produzzjoni (Allegro, Sysper II u/jew applikazzjoni ddedikata għall-ġestjoni tal-ħin)* 108

2.3. Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu 109

**2.3.1. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1 109**
*2.3.1.1. Manutenzjoni tal-VIS* 109
*2.3.1.2. L-iżgurar tal-operat ta' kwalità għolja u bla interruzzjonijiet tas-sistemi kummerċjali ewlenin* 111
*2.3.1.3. It-tħaddim, il-ġestjoni u ż-żamma taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u s-sit operattiv ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija* 112
*2.3.1.4. Manutenzjoni tal-BMS* 112
*2.3.1.5. Manutenzjoni tas-SIS II* 114
*2.3.1.6. Il-ġestjoni operattiva tas-SIS II (tranżizzjoni għall-kuntratt tal-MWO ġdida tas-SIS II, kontinwazzjoni mill-2017)* 115
*2.3.1.7. Appoġġ għall-Istati Membri (SIS II)* 116
*2.3.1.8. Manutenzjoni tal-eurodac* 116
*2.3.1.9. Manutenzjoni tal-VIS Mail* 118
*2.3.1.10. Il-ġestjoni fil-livell 2 tal-infrastruttura tal-IT tas-sistemi kummerċjali ewlenin* 118
*2.3.1.11. Il-ġestjoni operattiva regolari tal-kuntratti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwiżizzjoni, tiġdid, ġestjoni tal-kuntratti)* 119
*2.3.1.12. Il-ġestjoni operattiva ta' DubliNet* 121
*2.3.1.13. L-abbozzar ta' rapporti tekniċi, l-aggregazzjoni tal-istatistika u l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata ta' awtoritajiet* 122
*2.3.1.14. L-għoti ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri* 124

**2.3.2. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2 125**
*2.3.2.1. L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar il-Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka* 125
2.3.3. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3 126
*2.3.3.1. L-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija bħala osservatur fil-missjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Schengen* 126
2.3.4. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4 127
*2.3.4.1. Taħriġ lill-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet* 127

**2.4. Attivitajiet ta' proġett operattiv 129**
2.4.1. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1 129
*2.4.1.1. L-iżvilupp tal-Ispeċifikazzjonijiet tal-Offerti Tekniċi ta' referenza għas-Sejħiet għall-Offerti ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira* 129
*2.4.1.2. Monitoraġġ integrat tas-sistemi kummerċjali ewlenin* 130
*2.4.1.3. It-twettiq ta' benchmarking tal-Uffiċċju ta' Servizz* 133
*2.4.1.4. It-twettiq ta' studju dwar desktops virtwali għall-amministraturi* 134
*2.4.1.5. Implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi kondiviżi (kontinwazzjoni mill-2017)* 135
*2.4.1.6. Iċ-ċentralizzazzjoni tal-ħruġ tal-liċenzji ta' Oracle* 137
*2.4.1.7. It-twettiq ta' studju awtomatizzat dwar il-kontroll tal-kwalità tad-data segwit minn test* 138
*2.4.1.8. Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS (kontinwazzjoni mill-2017)* 140
*2.4.1.9. Dekummissjonar tal-BMS 1.0* 141
*2.4.1.10. L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar (kontinwazzjoni mill-2017)* 142
*2.4.1.11. L-aġġustament tat-throughput tranżazzjonali tal-VIS (kontinwazzjoni mill-2017)* 143
*2.4.1.12. Aġġustament tat-throughput tranżazzjonali tal-BMS (kontinwazzjoni mill-2017)* 144
*2.4.1.13. Tiġdid tal-USK* 145
*2.4.1.14. Żieda fil-bażi ta' data tal-VIS minn 60 miljun għal 100 miljun rekord (kontinwazzjoni)* 147
*2.4.1.15. It-tisħiħ tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-VIS/BMS (kontinwazzjoni)* 149
*2.4.1.16. It-twettiq ta' studju dwar l-implimentazzjoni ta' arkitettura orjentata lejn is-servizzi* 151
*2.4.1.17. L-evoluzzjoni tal-għodod tal-ittestjar komuni* 152
*2.4.1.18. L-implimentazzjoni ta' fażi ta' ttestjar tal-virtwalizzazzjoni* 153
*2.4.1.19. Il-konsolidazzjoni u t-tħejjija tal-AFIS tas-SIS II għall-implimentazzjoni tal-Fażi 2* 154
*2.4.1.20. Evoluzzjonijiet tas-SIS II* 155
*2.4.1.21. Tfassil mill-ġdid tas-SIS II* 156
*2.4.1.22. Deċiżjoni tas-SIS II dwar ir-Ritorn* 157

*2.4.1.23. L-integrazzjoni tal-eurodac mal-istandards tal-arkitettura ta' servizzi kondiviżi* ... 158
*2.4.1.24. Riforma tal-Eurodac: bidliet funzjonali u titjib tal-kapaċità* ... 159
*2.4.1.25. Valutazzjoni tal-impatt għas-softwer bħala servizz* ... 160
*2.4.1.26. It-twettiq ta' fażi ta' ttestjar tan-netwerk unifikat* ... 161
*2.4.1.27. It-tħejjija għat-tieni ġenerazzjoni ta' TESTA-ng* ... 162
*2.4.1.28. Il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati* ... 163
*2.4.1.29. Trasferiment tal-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni, it-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS u tas-SIS II* ... 165
*2.4.1.30. L-implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data sabiex tittejjeb il-Fażi 2 tar-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika (kontinwazzjoni mill-2017)* ... 167
*2.4.1.31. L-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ* ... 169
*2.4.1.32. L-iżvilupp tal-ETIAS* ... 171
*2.4.1.33. L-iżvilupp ta' sistema ġdida għas-segwitu tal-Mekkaniżmu tal-Allokazzjoni ta' Dublin* ... 172
*2.4.1.34. L-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN* ... 173
*2.4.1.35. It-tieni fażi tal-implimentazzjoni tas-sigurtà tal-infrastruttura kondiviża komuni* ... 175
*2.4.1.36. L-implimentazzjoni ta' sistema ta' skambju ta' informazzjoni Ristretta għall-UE (kontinwazzjoni mill-2017)* ... 176
*2.4.1.37. L-implimentazzjoni ta' infrastruttura iżolata u sigura ta' brawżing fuq il-web fuq l-IT korporattiva* ... 177

2.4.2. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2 ___ **178**

*2.4.2.1. L-introduzzjoni ta' statistika avvanzata tan-netwerk (kontinwazzjoni mill-2017)* ... 178
*2.4.2.2. L-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' Rapportar Avvanzat għall-KPIs u l-FLS/OLAs tal-proċessi tal-ITSM* ... 180
*2.4.2.3. L-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tal-Mudell ta' Maturità* ... 181
*2.4.2.4. L-implimentazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp ta' sistemi addizzjonali* ... 183

2.4.3. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3 ___ **185**

2.4.4. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4 ___ **185**

***Annessi* ... 186**

***Anness I: Allokazzjoni tar-riżorsi għal kull attività 2018-2020* ... 186**

***Anness II: Riżorsi umani u finanzjarji 2018-2020* ... 207**

***Tabella 1 – Infiq* ... 207**

***Tabella 2 – Dħul* ... 210**

***Tabella 3 – Ħarsa ġenerali lejn id-dħul u l-infiq* ... 213**

***Tabella 4 – Eżitu tal-baġit u kanċellazzjoni tal-approprjazzjonijiet* ... 217**

***Anness III:* ... 218**

***Tabella 1 – Il-popolazzjoni tal-persunal u l-iżvilupp tagħha: ħarsa ġenerali lejn il-kategoriji kollha tal-persunal* ... 219**

***Tabella 2 – Il-pjan tal-politika tal-persunal pluriennali 2018-2020* ... 222**

***Anness IV:* ... 231**

***A. Politika dwar ir-reklutaġġ* ... 231**

***B. Evalwazzjoni tal-prestazzjoni u riklassifikazzjoni/promozzjonijiet* ... 236**

***Tabella 1 - Riklassifikazzjoni tal-persunal temporanju/promozzjoni tal-uffiċjali* ... 237**

*Tabella 2 - Riklassifikazzjoni tal-aġenti kuntrattwali* ........ 240
*C. Politika dwar il-mobbiltà* ........ 242
*D. Bilanċ bejn is-sessi u bilanċ ġeografiku* ........ 243
*E. L-edukazzjoni skolastika* ........ 249
*Anness V: Bini* ........ 251
*Anness VI: Privileġġi u immunitajiet* ........ 255
*Anness VII: Evalwazzjonijiet* ........ 260
*Anness VIII: Riskji fl-2018* ........ 263
*Anness IX: Il-pjan ta' akkwist għas-Sena 2018* ........ 265
*Anness X: Ċart tal-organizzazzjoni għall-2018* ........ 266
*Anness XI: SLA standard* ........ 268
*Anness XII: Indikaturi tal-Livell ta' Servizz Komuni* ........ 269

# Kelmtejn qabel

Id-Dokument ta' Programmar 2018-2020 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA) tfassal abbażi tal-proċess intern stabbilit tal-allinjament tar-riżorsi umani u finanzjarji eżistenti mal-attivitajiet legalment obbligatorji u l-proġetti għall-iżvilupp organizzattiv. Dan id-dokument jirrifletti l-impenn qawwi tal-eu-LISA sabiex tikkontribwixxi għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-UE billi tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja u tiżviluppa bħala ċentru ta' eċċellenza.

L-intenzjoni ta' dan id-dokument hija, minn naħa, li jservi bħala bażi għal deċiżjonijiet dwar il-finanzjament tal-Aġenzija, li jipprovdi informazzjoni lill-partijiet interessati tal-eu-LISA dwar l-attivitajiet u d-distribuzzjoni tar-riżorsi tagħha għall-2018 u li jagħti ħarsa ġenerali lejn l-2019 u l-2020. Barra minn hekk, huwa maħsub li jipprovdi lill-persunal tal-eu-LISA bi gwida dwar il-prijoritajiet tal-Aġenzija u li jgħin fl-ippjanar tal-ħidma tal-unitajiet differenti.

Għall-perjodu 2018-2020, l-Aġenzija stabbilixxiet tliet oqsma ta' prijorità għolja:

- **Il-ġestjoni operattiva u l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti:** l-eu-LISA sejra tkompli żżomm is-sistemi fdati lilha li jiffunzjonaw f'konformità mal-istrumenti legali applikabbli għalihom, b'mod partikolari x-xogħol ta' manutenzjoni u l-iżvilupp tekniku meħtieġ għat-tħaddim tajjeb tas-sistemi, billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-Istati Membri.

- **L-introduzzjoni ta' sistemi ġodda:** l-Aġenzija hija mistennija li tkompli l-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), li hija ppjanata li tibda fit-tieni nofs tal-2017 mal-adozzjoni tar-Regolament dwar l-EES mill-koleġiżlaturi. Mal-adozzjoni tal-proposta għal Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), l-eu-LISA sejra tibda l-iżvilupp tal-ETIAS. Barra minn hekk, soġġetta wkoll għall-adozzjoni tar-Regolament Eurodac imfassal mill-ġdid, l-Aġenzija hija mistennija li tkompli l-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa fis-sistema Eurodac. Soġġetta għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Dublin imfassal mill-ġdid, għandha tiġi implimentata s-Sistema ta' Allokazzjoni ta' Dublin il-ġdida. Il-bażijiet legali rilevanti għaż-żewġ kompiti mistennija jiġu adottati fl-2017. Barra minn hekk, abbażi tal-proposta sottomessa mill-Kummissjoni fil-21 ta' Diċembru 2016, l-Aġenzija qed tippjana li tibda l-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II), wara l-adozzjoni tas-SIS II imfassla mill-ġdid.

- **Żvilupp u tisħiħ organizzattiv:** dan il-qasam wiesa' jkopri diversi azzjonijiet maħsuba biex jagħmlu l-organizzazzjoni aktar solida u aġli. Huwa jkopri l-introduzzjoni ta' miżuri bħall-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB), it-titjib tal-kapaċità tal-ippjanar strateġiku, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet relatati mal-immaniġġjar tar-riżorsi umani (HR), il-finalizzazzjoni tat-trasferiment tal-Aġenzija għall-bini ġdid tagħha u l-kooperazzjoni ma' korpi u istituzzjonijiet Ewropej differenti.

# Lista ta' Akronimi

| | |
|---|---|
| ABB | Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività |
| AFIS | Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' |
| AG | Grupp Konsultattiv |
| AMMU | Unità ta' Ġestjoni u Manutenzjoni tal-Applikazzjonijiet |
| BC | kontinwità tal-operat |
| BCU | Unità Ċentrali ta' Riżerva - ċentru ta' riżerva f'St. Johann im Pongau |
| BMS | Sistema ta' Ġestjoni Bijometrika |
| AK | Aġent Kuntrattwali |
| COTS | prodott kummerċjalment disponibbli |
| CSI | Infrastruttura Kondiviża Komuni |
| CSS | Settur tas-Servizzi Korporattivi |
| CU | Unità Ċentrali - iċ-ċentru tad-data ewlieni fi Strasburgu |
| DĠ DIGIT | Direttorat Ġenerali għall-Informatika |
| DP | protezzjoni tad-data |
| UPD | Uffiċjal dwar il-Protezzjoni tad-Data |
| QEA | Qorti Ewropea tal-Awdituri |
| ECRIS-TCN | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi |
| KEPD | Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data |
| EES | Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ |
| EIGE | Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi |
| EiO | Bidu tal-Ħidma |
| EMCDDA | Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga |
| ENISA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni |
| EPMO | Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża |
| EPSO | Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal |
| ESP | fornitur ta' servizz estern |
| ER | Regolament tat-twaqqif |
| ETIAS | Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar |
| UE | Unjoni Ewropea |
| eu-LISA | Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja |
| Eurojust | Unità Ewropea ta' Kooperazzjoni Ġudizzjarja |
| FG | Grupp ta' Funzjoni |
| FPU | L-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti |
| FTE | ekwivalenti ta' ingaġġ full-time |
| GCU | Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali |
| H&S | saħħa u sigurtà |

| | |
|---|---|
| HLEG | Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-Komunikazzjoni ta' April 2016 *Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà* |
| HQ | kwartieri ġenerali |
| HR | riżorsi umani |
| HRTU | Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ |
| IA | awditjar intern |
| IAC | Kapaċità tal-Awditjar Intern |
| IAS | Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea |
| ICS | standard tal-kontroll intern |
| ICT | teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni |
| ISKE | Standard tas-sigurtà tal-informazzjoni li huwa żviluppat għas-settur pubbliku Estonjan |
| ITIL | Librerija Infrastrutturali tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| ITSM | Ġestjoni tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni |
| ĠAI | ġustizzja u affarijiet interni |
| ĠAI | Ġustizzja u Affarijiet Interni |
| KPI | indikatur ewlieni tal-prestazzjoni |
| LE | pakkett legali |
| LFS | dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva |
| LMS | sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim |
| BT | Il-Bord tat-Tmexxija |
| MOM | midwer orjentat għall-messaġġi |
| MtQ | memorandum ta' qbil |
| SM | Stati Membri |
| MSP | Proġett ta' Microsoft |
| MWO | żamma f'kundizzjoni ta' operat tajjeb |
| OD | Id-Dipartiment tal-Operazzjonijiet |
| OIU | L-Unità tal-Operazzjonijiet u l-Infrastruttura |
| ĠU | Il-Ġurnal Uffiċjali |
| OLA | ftehim dwar il-livell operazzjonali |
| PAP | Pjan ta' Akkwist u Akkwiżizzjoni |
| PD | Dokument ta' Programmar |
| PIA | valutazzjoni tal-impatt fuq il-privatezza |
| PKI | infrastruttura taċ-ċavetta pubblika |
| pm | pour mémoire |
| PRINCE2 | Proġetti f'Ambjenti Kkontrollati 2 |
| QM | Ġestjoni tal-Kwalità |
| QMS | sistema ta' ġestjoni tal-kwalità |
| R&Ż | riċerka u żvilupp |
| RAD | Id-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni |
| RPO | objettiv tal-punt ta' rkupru |
| RTO | objettiv tal-ħin ta' rkupru |

| | |
|---|---|
| SEC | L-Unità tas-Sigurtà |
| SIRENE | Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punt ta' Dħul Nazzjonali |
| SIS II | Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen |
| FLS | Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz |
| SMART | rapport dwar l-amministrazzjoni tal-maniġment superjuri |
| ENS | Espert Nazzjonali Sekondat |
| SOA | Arkitettura Orjentata lejn is-Servizz |
| SON | Netwerk ta' Uffiċjali tas-Sigurtà |
| SRP | Politika dwar iż-Żamma tal-Persunal |
| sTESTA | Servizzi Trans-Ewropej sikuri tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet |
| SXB | Strasburgu |
| AT | Aġent Temporanju |
| TBD | li għandu jiġi ddeterminat |
| TESTA-ng | Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida |
| ToR | termini ta' referenza |
| USK | kit tas-softwer tal-utenti |
| VAAS | Virtwalizzazzjoni Attiva/Studju Attiv |
| VIS | Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża |
| WAN | netwerk fuq żona wiesgħa |

# Id-dikjarazzjoni tal-missjoni

### IL-MANDAT TAGĦNA

L-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja kienet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 (ĠU L 286, 1.11.2011, p. 1), li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Novembru 2011, li jistabbilixxi li l-Aġenzija għandha tassumi r-responsabbiltajiet ewlenin tagħha mill-1 ta' Diċembru 2012. L-eu-LISA hija responsabbli mill-forniment u t-tmexxija ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-oqsma tal-ażil, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-infurzar tal-liġi.

L-Aġenzija għandha l-mandat sabiex tipprovdi t-tmexxija operattiva effettiva tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II — l-akbar sistema ta' informazzjoni għall-kooperazzjoni fis-sigurtà pubblika u l-infurzar tal-liġi fl-Ewropa), tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS — sistema li tippermetti lill-Istati fiż-żona Schengen jiskambjaw data dwar il-viża li tirrigwardja l-applikazzjonijiet għal viżi għal soġġorn qasir għal żjara jew tranżitu miż-żona Schengen) u tas-sistemi Eurodac (bażi ta' data ta' marki tas-swaba' fuq skala kbira li tassisti primarjament fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil) f'isem il-partijiet ikkonċernati tagħha, jiġifieri l-pubbliku Ewropew fl-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej. Barra minn hekk, l-Aġenzija hija responsabbli wkoll min-netwerks ta' komunikazzjoni li jappoġġjaw is-sistemi msemmija hawn fuq. F'termini ta' netwerks, l-eu-LISA hija l-fornitur tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal SIS II, EURODAC u VIS. L-Aġenzija hija responsabbli wkoll għal VIS Mail u DubliNet, l-għodod ta' komunikazzjoni għas-sistemi VIS u Eurodac, rispettivament.

L-Aġenzija tista' ssir responsabbli għal sistemi oħrajn jekk jiġu adottati l-istrumenti legali applikabbli.

### IL-MISSJONI TAGĦNA

Il-missjoni ewlenija tal-Aġenzija hija li tkun iddedikata sabiex kontinwament iżżid valur lill-Istati Membri, billi tappoġġja, permezz tat-teknoloġija, l-isforzi tagħhom għal Ewropa aktar sikura.

### IL-VIŻJONI TAGĦNA

- Li nipprovdu servizzi ta' kwalità għolja u effiċjenti u soluzzjonijiet lill-partijiet ikkonċernati tagħna;
- Li nirbħu l-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati tagħna, billi nallinjaw kontinwament il-kapaċitajiet tat-teknoloġija mal-ħtiġijiet li qegħdin jevolvu tal-Istati Membri;
- Li nikbru bħala ċentru ta' eċċellenza.

### IL-VALURI TAGĦNA

L-Aġenzija tħaddan għadd ta' valuri ewlenin li jmexxu u jsostnu l-attivitajiet operattivi u l-iżvilupp strateġiku tal-organizzazzjoni:

- **responsabbiltà**: l-iskjerament ta' qafas ta' governanza sod, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja tajba;
- **trasparenza**: tiġi pprovduta komunikazzjoni regolari u miftuħa lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-Aġenzija u l-involviment tagħhom fi djalogu kontinwu sabiex tkun definita l-istrateġija fit-tul għall-iżvilupp tal-Aġenzija;

- **eċċellenza**: permezz tal-istruttura organizzazzjonali adattata, in-nies adattati u l-proċessi adattati implimentati sabiex jiżguraw il-kontinwità tas-servizz u komprensività funzjonali tal-għodod ipprovduti lill-Istati Membri;
- **kontinwità**: jiġi żgurat li l-Aġenzija tagħmel l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti magħmula mill-Istati Membri u li tkompli tiżviluppahom;
- **ħidma f'tim**: li tfittex li tagħti setgħa lil kull membru individwali fit-tim sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, sabiex b'hekk jikkontribwixxi għas-suċċess komuni;
- **attenzjoni lejn il-klijent**: li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun allinjata fi kwalunkwe ħin mal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

# Taqsima I Kuntest ġenerali

Għandu jiġi nnotat li l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għadda minn trasformazzjoni sinifikanti fis-snin riċenti. Filwaqt li, bħala konsegwenza tal-migrazzjoni irregolari u t-theddid terroristiku, il-pressjoni fuqha żdiedet b'mod sinifikanti llum il-ġurnata, fl-istess ħin saret dipendenti ħafna fuq it-teknoloġiji moderni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni. Barra minn hekk, hemm proċess ta' konverġenza mgħaġġla ħafna bejn il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, li tqajjem domanda u aspettattivi fir-rigward tat-teknoloġiji u s-sistemi – fil-preżent u fil-ġejjieni.

Il-prospetti tal-politika għall-perjodu ta' programmar attwali jiffokaw fuq miżuri speċifiċi mmirati sabiex jipprovdu appoġġ operattiv lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw theddid għas-sigurtà interna, kif ukoll pressjoni sproporzjonata fil-fruntieri esterni tagħhom (li ġejjin minn migrazzjoni irregolari u talbiet għal protezzjoni internazzjonali). L-indirizzar effiċjenti tar-riskji dejjem jikbru għas-sigurtà jirrikjedi sforzi konġunti mill-Istati Membri u mill-partijiet ikkonċernati istituzzjonali tal-UE, bl-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI) bi rwol operattiv partikolarment aktar b'saħħtu. Madankollu, l-isforzi konġunti għandhom jitfasslu minn pjanijiet ta' azzjoni miftiehma bejn l-eu-LISA u l-aġenziji tal-ĠAI li jikkontribwixxu, immexxija mit-talbiet operattivi.

F'dan l-ambjent impenjattiv u esiġenti, ir-rwol tal-eu-LISA fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja qed isir dejjem aktar prominenti, bit-talbiet kummerċjali fuq l-Aġenzija jiġu estiżi kontinwament sabiex jakkomodaw kompiti ġodda u addizzjonali. B'mod partikolari, l-Aġenzija trid teżamina l-iżvilupp u l-adattament kontinwi tas-sistemi li topera u ta' kwalunkwe sistema ġdida fdata lilha fi ħdan il-qafas legali, sabiex issostni b'mod effiċjenti u effettiv il-ħtiġijiet tan-negozju tal-partijiet interessati kkonċernati (eż. l-utenti finali) f'ambjent ta' sigurtà li qed isir dejjem aktar impenjattiv.

L-eu-LISA tifhem ir-rwol ewlieni tagħha fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, minħabba l-enfasi akbar imqiegħda fuq is-sistemi tal-IT u sejra tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib tagħha mal-Istati Membri (SM) u aġenziji tal-ĠAI msieħba fi proġetti operattivi, bħall-Hotspots u t-Task Forces Reġjonali tal-UE, jekk u kif mitlub mill-Kummissjoni, billi tipprovdi appoġġ iddedikat lil SM speċifiċi affettwati b'mod partikolari mill-migrazzjoni irregolari.

Bħala eżempju tat-talbiet miżjuda fuq l-Aġenzija, il-'Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti dwar il-Fruntieri u s-Sigurtà', maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fis-6 ta' April 2016, tistabbilixxi r-rwol imsaħħaħ tal-eu-LISA fl-iżvilupp ta' sistemi ġodda u l-ħidma fuq l-esplorazzjoni tad-diversi dimensjonijiet tal-interoperabbiltà tas-sistemi. B'hekk, l-Aġenzija sejra tkompli l-isforzi tagħha flimkien mal-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ħdan il-mandat tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli maħluq mill-Kummissjoni, fir-rigward tal-erba' dimensjonijiet tal-interoperabbiltà deskritti fil-Komunikazzjoni (l-iżvilupp ta' Interfaċċja Waħdanija tat-Tfittxija, l-interkonnettività tas-sistemi eżistenti, is-sistema kondiviża ta' tqabbil bijometriku u l-iżvilupp ta' repożitorju komuni tad-data).

Diversi attivitajiet iddedikati sejrin jeżaminaw l-evoluzzjoni tas-sistemi eżistenti, bħat-tieni fażi tas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) għas-SIS II (ħarsa lejn modalitajiet bijometriċi ġodda). Barra minn hekk, soġġetta għall-eżitu tal-HLEG, l-Aġenzija sejra tesplora t-twaqqif possibbli ta' kontroll awtomatizzat tal-kwalità tad-data. Sakemm jiġu adottati l-istrumenti legali rilevanti, fl-2018 sejra tkun qed tiġi żviluppata s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), li tħejji t-triq għall-ittestjar, l-iskjerament u d-dħul fis-seħħ tas-sistema fl-Istati Membri.

Fl-2016, il-Kummissjoni ffinalizzat evalwazzjoni globali komprensiva tas-SIS II, 3 snin wara d-dħul fis-seħħ tat-tieni ġenerazzjoni tagħha. Madankollu, minkejja s-suċċess operattiv tas-sistema, l-evalwazzjoni rriżultat ukoll f'għadd ta' rakkomandazzjonijiet, ifformati bl-iskop li jissaħħu l-effettività u l-effiċjenza tas-sistema, kemm

minn perspettiva teknika kif ukoll operattiva. Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, fil-21 ta' Diċembru, il-Kummissjoni pproponiet bidliet fil-bażi legali tas-SIS. Fl-2017 jistgħu jsiru aktar bidliet flimkien mar-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar is-Sistemi ta' Informazzjoni u l-Interoperabbiltà. In-negozjati dwar il-proposti leġiżlattivi x'aktarx sejrin jibdew fl-2017 u l-eu-LISA sejra ssegwihom mill-qrib sabiex tkun tista' tassisti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE, kull meta jkunu meħtieġa l-kompetenzi tekniċi tagħha.

Il-pressjoni attwali mill-migrazzjoni irregolari jew min-numru akbar ta' applikazzjonijiet għall-ażil fil-fruntieri esterni tal-UE mhijiex mistennija li tonqos fis-snin li ġejjin. F'dan ir-rigward, permezz tas-sistemi li topera, l-eu-LISA għadha wieħed mill-kontributuri ewlenin għall-effiċjenza tal-kontrolli fil-fruntieri u s-sigurtà tal-fruntieri tal-Unjoni Ewropea. Bħala eżempju, l-Eurodac x'aktarx li sejra tevolvi lil hinn mill-qafas legali attwali tagħha u sejra issir għodda saħansitra aktar utli għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament ta' Dublin u tassisti fil-kontroll tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni u l-movimenti sekondarji fiha.

Wara l-evalwazzjoni tal-VIS imwettqa mill-Kummissjoni fl-2016 u s-sottomissjoni ta' valutazzjoni tal-impatt u proposta leġiżlattiva sabiex tiġi riveduta l-bażi legali tal-VIS fl-2017, in-negozjati relatati sejrin jibqgħu għaddejjin fl-2018. L-Aġenzija sejra ssegwi mill-qrib dawn il-konsultazzjonijiet u tgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bil-kompetenzi tekniċi tagħha, meta meħtieġa.

Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tkompli bil-parteċipazzjoni attiva tagħha fin-netwerk tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-aġenziji, u sejra tippożizzjona ruħha bħala sieħba ewlenija f'dan il-qasam billi tikkoordina n-netwerk estiż ta' aġenziji fl-2018.

# Taqsima II Ipprogrammar Pluriennali 2018-2020

# 1. Objettivi pluriennali

## 1.1. L-għanijiet strateġiċi għall-perjodu 2014-2020

L-għanijiet strateġiċi għall-Aġenzija, kif deskritti hawn taħt, jirriflettu l-mandat tal-Aġenzija waqt li qed jinkiteb dan id-dokument u l-prijoritajiet tagħha kif definiti permezz ta' djalogu mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni. Dawn l-għanijiet ġew stabbiliti fl-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2014.

L-għanijiet sejrin jiġu mmonitorjati regolarment u jkunu soġġetti għal reviżjonijiet regolari, kif ukoll jiġu żviluppati matul l-istrateġija fit-tul sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem jevolvu tal-organizzazzjoni u tal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Minbarra l-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija, tfasslu għadd ta' strateġiji kollaterali li jirrigwardjaw l-oqsma ta' negozju rilevanti (eż. Strateġija ta' Komunikazzjoni Esterna, Strateġija ta' Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka, Strateġija ta' Ġestjoni tal-Partijiet Ikkonċernati, Strateġija ta' Żvilupp u Tagħlim għall-persunal tal-eu-LISA u Strateġija ta' HR). Ħafna minn dawn l-istrateġiji interni jikkonċernaw primarjament il-massimizzazzjoni tal-produttività tar-riżorsi tal-unitajiet tan-negozju inkwistjoni, iżda huma konsistenti ma', u jfittxu li jsaħħu u jappoġġjaw it-twassil ta', l-għanijiet strateġiċi usa' tal-organizzazzjoni deskritti f'dan id-dokument.

### *1.1.1. Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE*

L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-mudell operattiv tagħha sabiex iżżomm l-operat stabbli u kontinwu tas-sistemi fdati lill-maniġment tagħha (bħalissa s-SIS II, il-VIS, l-EURODAC u l-infrastruttura sottostanti ta' komunikazzjoni sigura), filwaqt li tiżgura t-twettiq tal-kompiti relatati mal-ġestjoni operattiva tas-sistemi u l-evoluzzjoni tagħhom. L-Aġenzija sejra tkompli topera wkoll il-VIS Mail (li għandha tiġi sostitwita bil-VIS Mail 2) u d-DubliNet. L-Aġenzija sejra tappoġġja b'mod proattiv lill-Istati Membri matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-sistemi taħt il-kontroll tagħha, sabiex b'hekk jiġu żgurati l-evoluzzjoni kontinwa tagħhom u l-allinjament tal-kapaċitajiet tagħhom f'konformità mal-leġiżlazzjoni. Minbarra t-titjib kontinwu tal-kapaċitajiet tekniċi xierqa, l-Aġenzija sejra tiffoka fuq li taġixxi bħala konsulent tekniku u kontributur, billi tanalizza u tikseb għarfien addizzjonali dwar il-proċessi tan-negozju tal-klijenti tagħha b'rabta mal-oqsma ta' politika rilevanti. L-Aġenzija tista' wkoll tassumi r-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda, bħal ETIAS, soġġetta għall-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti u l-aġġustament tal-mandat tagħha u tikkunsidra wkoll l-implikazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali u aspetti tal-protezzjoni tad-data.

### *1.1.2. Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza u fornitur ta' servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) rikonoxxut fl-UE*

L-Aġenzija sejra timplimenta u tiżviluppa oqfsa operattivi u ta' governanza komprensivi bbażati fuq l-aħjar prattika u l-istandards tal-industrija attwali. Hija sejra tiżgura l-ġestjoni effiċjenti u kosteffettiva tas-sistemi permezz tal-monitoraġġ kontinwu u l-evoluzzjoni tal-proċessi operattivi, billi tfittex opportunitajiet sabiex

tottimizza l-operazzjonijiet tagħha permezz ta' linja bażi inizjali u mbagħad bit-titjib tal-kost totali tas-sjieda tas-sistemi eżistenti f'konformità mal-qafas legali ta' kull waħda mis-sistemi.

L-Aġenzija sejra tfittex ukoll li toħloq sinerġiji u ekonomiji ta' skala, billi tistabbilixxi sħubiji ma' aġenziji oħrajn fil-qasam tal-ĠAI abbażi tal-mandat tagħha u billi ssegwi l-prinċipju tal-komplementarjetà.

### *1.1.3. Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċ-ċentru prinċipali tat-teknoloġija tal-ICT u ċ-ċentru tal-kompetenzi tal-UE*

L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa sħubiji mal-aġenziji tal-UE fil-qasam ta' politika rilevanti. L-Aġenzija sejra tfittex ukoll li tiskambja l-aħjar prattiki, l-esperjenza u l-għarfien fil-qasam tal-ICT mal-imsieħba identifikati. L-Aġenzija sejra tkompli tkabbar il-kompetenzi interni tagħha fl-oqsma tekniċi rilevanti relatati mal-mandat tagħha.

### *1.1.4. Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġli*

Is-servizzi ta' tmexxija u amministrazzjoni jitlaqqgħu flimkien primarjament taħt l-Għan Strateġiku 4, sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet (trażversali) orizzontali ewlenin jiġu ppjanati, implimentati, immonitorjati u rrapportati b'mod koerenti u konsistenti sabiex jiġi ffaċilitat it-twassil effiċjenti u effettiv tal-programm ta' ħidma tal-eu-LISA u tiġi żgurata ġestjoni tajba tar-riżorsi u tal-finanzi. L-Aġenzija sejra tiffoka l-isforzi tagħha fuq l-iżvilupp professjonali u tal-karriera tal-persunal tagħha. B'mod parallel, hija sejra tkompli bl-integrazzjoni tal-organizzazzjoni abbażi tal-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tal-Aġenzija, billi tallinja l-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni, it-teknoloġija tagħha u l-abbiltajiet estensivi tal-kapital uman tagħha sabiex timmassimizza l-valur miżjud tiegħu.

## 1.2. L-objettivi pluriennali strateġiċi għall-perjodu 2018-2020

Minn mindu twaqqfet, l-eu-LISA fasslet approċċ ta' ppjanar li jippermetti lill-organizzazzjoni tissimplifika l-isforzi tagħha sabiex tiżviluppa b'mod kostanti b'mod li tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha u tissodisfa l-viżjoni tagħha. Permezz ta' approċċ pass pass, l-Aġenzija fasslet l-istrateġija fit-tul tagħha, li tistabbilixxi l-għanijiet strateġiċi u l-objettivi strateġiċi korrispondenti għall-perjodu 2014-2020. Id-dokument jistabbilixxi l-qafas tal-kamp ta' applikazzjoni mixtieq tal-iżvilupp tal-Aġenzija. Sabiex tilħaq l-għanijiet u l-objettivi strateġiċi tagħha, l-Aġenzija abbozzat ukoll Programm ta' Ħidma Pluriennali għall-perjodu 2015-2020 (inkorporat fid-dokument attwali fir-rigward tal-perjodu 2018-2020) li jispjega fid-dettall l-elementi ewlenin tal-objettivi strateġiċi u r-relazzjonijiet bejn l-elementi, l-objettivi u l-għanijiet strateġiċi. Dan jiddeskrivi wkoll l-oqsma ta' azzjoni speċifiċi li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Dawn l-oqsma ta' azzjoni strateġika għandhom l-għan li jappoġġjaw u jiżguraw il-koeżjoni bejn, minn naħa waħda, il-funzjonijiet tan-negozju fdati lill-Aġenzija mir-regolament tat-twaqqif tagħha u l-attivitajiet orizzontali mwettqa sabiex jappoġġjaw in-negozju ewlieni u, min-naħa l-oħra, l-ambizzjonijiet strateġiċi tal-organizzazzjoni. Huma għandhom l-għan ukoll li jipprovdu faċilitazzjoni, gwida u appoġġ għall-ippjanar tal-attivitajiet u l-azzjonijiet prattiċi li jagħtu r-riżultati mixtieqa. B'dan il-mod, l-Aġenzija hija kunfidenti li l-azzjonijiet kollha tagħha huma konformi mar-rekwiżiti statutorji u sejrin iwassluha sabiex tikseb il-viżjoni tagħha u tissodisfa l-missjoni tagħha. L-intenzjoni tal-organizzazzjoni hija li tabbozza d-dokumenti ta' programmar tagħha b'tali mod li jkunu jirriflettu l-loġika u l-kamp ta' applikazzjoni tal-istrateġija fit-tul.

L-interrelazzjonijiet bejn l-għanijiet, l-objettivi, l-indikaturi tal-kisba, l-elementi u l-oqsma ta' azzjoni strateġika huma deskritti fit-tabelli ta' hawn taħt. Għandu jiġi nnotat li kull għan strateġiku b'objettiv strateġiku speċifiku jista' jinfirex f'aktar minn qasam wieħed ta' azzjoni strateġika. Bħala eżempju, l-Għan Strateġiku 1 u l-objettiv strateġiku 'Tipprovdi soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat' jirrigwardjaw tliet oqsma ta' azzjoni strateġika: (a) 'Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi', (b) 'L-evoluzzjoni tas-Sistemi' u (ċ) 'L-infrastruttura tal-komunikazzjoni'.

*Tabella 1: Għanijiet strateġiċi u indikaturi tal-kisba*[1]

| Għan strateġiku | Indikaturi tal-kisba |
|---|---|
| Għan Strateġiku 1: Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE | Numru ta' nuqqasijiet kritiċi identifikati waqt it-testijiet tas-sigurtà |
| | Il-perċentwal (%) ta' riskji għas-sigurtà identifikati ttrattati permezz ta' kontrolli tas-sigurtà assigurati |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-Eurodac |
| | Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-Eurodac |
| | Id-disponibbiltà tan-netwerk fuq żona wiesgħa (għas-sistemi SIS II u VIS) |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tas-SIS II |

1 Kif adottati mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija f'Marzu 2017.

| Għan strateġiku | Indikaturi tal-kisba |
|---|---|
| | Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tas-SIS II |
| | Id-disponibbiltà tas-sistema ċentrali tal-VIS/BMS |
| | Il-ħin ta' rispons tas-sistema ċentrali tal-VIS/BMS |
| Għan Strateġiku 2: Issir ċentru ta' eċċellenza u fornitur ta' servizzi tal-ICT rikonoxxut fl-UE | Ir-rata ta' kanċellazzjoni (%) ta' approprjazzjonijiet ta' pagament |
| | Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-impenji baġitarji |
| | Ir-rata (%) ta' implimentazzjoni tal-pagamenti |
| | Il-proporzjon (%) tar-riżorsi amministrattivi għar-riżorsi operazzjonali |
| | Il-proporzjon (%) ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji |
| | Metri kwadri medji ta' spazju tal-uffiċċju għal kull FTE ($m^2$) |
| | Is-sodisfazzjon tal-parteċipanti esterni fil-korsijiet ta' taħriġ tal-eu-LISA |
| Għan Strateġiku 3: Tikber bħala ċ-ċentru prinċipali tat-teknoloġija tal-ICT u ċ-ċentru tal-kompetenzi tal-UE | Il-konformità tal-akkwisti mal-Pjan ta' Akkwist u Akkwiżizzjoni (PAP) tal-Aġenzija |
| | Ġestjoni tal-proġetti tal-akkwisti: % ta' proġetti ta' akkwist ewlenin mal-iskeda |
| | Sodisfazzjon tal-klijenti: % ta' klijenti tal-iSM sodisfatti jew sodisfatti ħafna bis-servizz ġenerali pprovdut mill-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA |
| Għan Strateġiku 4: Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġli | Il-proporzjon (%) ta' attivitajiet identifikati fil-Programm ta' Ħidma Annwali li tlestew jew huma skedati |
| | Prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz tas-Sistemi tal-Istati Membri |
| | Ġestjoni tal-proġetti: valutazzjoni tal-proġetti kkompletati kontra l-parametri definiti tal-kwalità/kost/ħin |
| | Perċentwal (%) ta' rakkomandazzjonijiet tal-awditjar implimentati sal-iskadenzi stipulati |
| | Perċentwal (%) ta' jiem ta' assenza ċċertifikata vs mhux iċċertifikata mix-xogħol matul il-perjodu tar-rapportar |
| | Perċentwal (%) Annwali tad-Dawran tal-Persunal |
| | Indiċi tal-prestazzjoni tal-persunal |
| | Livell ta' involviment tal-persunal |
| | Il-viżibbiltà tal-eu-LISA bbażata fuq l-internet |

*Tabella 2: Elementi tal-objettivi strateġiċi, l-eżiti pproġettati u l-oqsma ta' azzjoni strateġika*

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 1 | L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | • L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | • Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-Istati Membri<br>• L-introduzzjoni ta' mudell ta' servizz unifikat għas-sistemi kollha sal-2020<br>• Servizzi addizzjonali (eż. statistika, rapportar) disponibbli għall-partijiet interessati[2] | Tmexxija operattiva tas-sistemi |
| 2 | 1 | Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | • L-inkorporazzjoni ta' kultura ta' titjib kontinwu matul l-operazzjonijiet permezz tal-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-istandards u/jew iċ-ċertifikazzjonijiet rilevanti tal-aħjar prattika tal-industrija<br>• It-titjib kontinwu tal-proċessi, l-għodod, ir-rapportar u l-kapaċitajiet ewlenin tal-ġestjoni tal-kuntratti fi ħdan l-Aġenzija<br>• It-titjib tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-monitoraġġ u l- | • It-titjib kontinwu tal-prestazzjoni fl-oqsma operattivi kollha u l-livelli miżjuda ta' awtomazzjoni, fejn xieraq u possibbli<br>• Il-kost totali tas-sjieda ottimizzata tas-sistemi ġestiti minnha<br>• Is-sinerġiji potenzjali identifikati bejn is-sistemi, l-infrastruttura u s-servizzi identifikati (fejn it-teknoloġija u r-rekwiżiti legali u kummerċjali jippermettu) | Tmexxija operattiva tas-sistemi |

2 Japplika biss jekk ikun applikabbli fi ħdan ir-Regolament ta' Twaqqif tal-Aġenzija u r-Regolament tas-Sistemi.

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | ottimizzazzjoni kontinwi tal-kost totali tas-sjieda | | |
| 3 | 1 | L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | • L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti<br>• It-titjib kontinwu tas-servizzi offruti u tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri | • Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom<br>• L-interoperabbiltà mtejba tas-sistemi (soġġetta għall-bidliet fl-istrumenti legali rilevanti) | Evoluzzjoni tas-sistemi |
| 4 | 1 | Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | • Il-viżibbiltà raffinata tal-prestazzjoni tas-sistemi u korporattiva tal-Aġenzija għall-partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-produzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' data tal-prestazzjoni xierqa<br>• It-tranżizzjoni minn analiżi tad-data ex-post (statistika) għal analitika soġġetta għall-istrumenti legali | • Intelligence dwar in-negozju u l-analitika mtejba (soġġetta għal reviżjoni legali)<br>• Il-forniment ta' rapporti analitiċi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti[3] | Evoluzzjoni tas-sistemi |
| 5 | 1 | L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati | • Is-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni effettivi tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri terzi ta' | • Hemm fis-seħħ l-aħjar soluzzjoni tan-netwerk sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiżgura li d-data tas-sistema tiġi pproċessata bl- | Infrastruttura tal-komunikazzjoni |

3 Il-parti interessata ewlenija f'dan is-sens hija l-Kummissjoni, li teħtieġ rapporti analitiċi.

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Membri skont il-mandat tagħhom | servizz ta' netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi | aktar mod effiċjenti, sigur u kosteffettiv possibbli, f'konformità mal-qafas legali | |
| 6 | 1 | Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | • L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti<br>• Il-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati<br>• Iż-żieda fil-viżibbiltà tal-prestazzjoni tas-sistemi u korporattiva tal-Aġenzija għall-partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-produzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' data tal-prestazzjoni teknika xierqa | • Sistema ta' Dħul/Ħruġ imwettqa skont l-iskeda, diment li jiġi adottat l-istrument leġiżlattiv rilevanti<br>• L-implimentazzjoni ta' maħżen virtwali tad-data soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt[4];<br>• L-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali oħrajn jekk meħtieġa mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti | L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda |

4 L-implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data fil-bidu sejra jkollha l-għan li tistabbilixxi l-pjattaforma teknika u l-awtomazzjoni ta' rapporti tekniċi ta' kuljum, kull ġimgħa u kull xahar għall-funzjonament ta' SIS II, VIS u Eurodac. Skont ir-riżultat tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti f'Livell Għoli dwar l-interoperabbiltà u l-evoluzzjoni tal-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi ġestiti mill-eu-LISA, il-kapaċitajiet tal-pjattaforma jistgħu jintużaw aktar għall-monitoraġġ tal-kwalità tad-data u għall-implimentazzjoni ta' diversi rapporti analitiċi u ta' statistika.

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | 1 | It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | • It-titjib, l-ittestjar u l-irfinar tal-proċeduri ta' rkupru minn diżastri u ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju tal-Aġenzija<br>• It-tisħiħ u l-evoluzzjoni tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Aġenzija għas-sistemi u n-netwerks ta' komunikazzjoni tagħha<br>• Il-progress kontinwu lejn il-konformità mal-istandards rilevanti tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni<br>• Iż-żamma u l-evoluzzjoni tal-istrateġija ta' sigurtà tal-Aġenzija<br>• L-iżvilupp ulterjuri tan-Netwerk ta' Uffiċjali tas-Sigurtà (SON) | • L-iżgurar ta' standards tas-sigurtà komuni tal-Aġenzija<br>• Il-kontinwità tan-negozju u l-ittestjar internament u regolarment tal-proċeduri u l-politika tal-immaniġġjar ta' rkupru minn diżastru flimkien mal-Istati Membri (it-twettiq ta' eżerċizzju ta' kontinwità tan-negozju u sigurtà għal SIS II mal-Istati Membri fuq bażi volontarja) | Sigurtà |
| 8 | 1 | It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni tad-data | • L-evoluzzjoni ta' mekkaniżmi robusti u xierqa tal-protezzjoni tad-data għall-aspetti korporattivi u operattivi tan-negozju<br>• Id-data personali fis-sistemi taħt it-tmexxija tiġi pproċessata f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data aċċettati; dik id-data għandha tinżamm sigura l-ħin kollu u sikura minn | • Konformità sħiħa kontinwa mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data u r-rekwiżiti speċifiċi tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data tal-istrumenti leġiżlattivi għas-sistemi u l-Aġenzija u l-aħjar prattika<br>• Ir-rispons f'waqtu għat-talbiet formali għall-protezzjoni tad-data mill-awtoritajiet | Il-protezzjoni tad-data |

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | kwalunkwe aċċess, tibdil, użu jew telf mhux awtorizzat | rilevanti, bħall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) | |
| 9 | 1 | Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | • Konformità sħiħa u f'waqtha mal-obbligi statutorji kollha tar-rapportar<br>• L-iżgurar ta' segwitu adegwat għal u konformità mas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet tal-Aġenzija skont l-Art. 31 tar-Regolament ta' twaqqif tal-Aġenzija | • L-Aġenzija sejra tkompli tissodisfa b'suċċess l-obbligi statutorji kollha ta' rapportar kif stipulat fil-bażijiet legali rilevanti | Rapportar statutorju |
| 10 | 1 | Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | • L-għoti ta' taħriġ xieraq dwar is-sistemi għall-Istati Membri | • Hemm fis-seħħ programm ta' taħriġ imfassal apposta u risponsiv dwar is-sistemi li jissodisfa b'mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati<br>• L-implimentazzjoni sħiħa ta' soluzzjoni xierqa ta' pjattaforma għat-tagħlim elettroniku<br>• Pjanijiet ta' taħriġ annwali maqbula mal-partijiet ikkonċernati rilevanti | Il-forniment ta' taħriġ dwar is-sistemi lill-Istati Membri |
| 11 | 2 | L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell effiċjenti u kosteffettiv ta' servizz u governanza | • L-ibbażar tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija fuq l-istandards tal-industrija għall-governanza korporattiva tal-ICT u l-integrazzjoni sħiħa tar-rapportar dwar il- | • Hemm fis-seħħ eżerċizzji ta' benchmarking regolari tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni<br>• Valutazzjoni annwali tal-proċessi tal-ITSM u tal-mudell tas-servizzi tal-Aġenzija | L-evoluzzjoni bħala ċentru ta' eċċellenza |

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | prestazzjoni fl-istrutturi tal-ġestjoni tal-Aġenzija<br>• L-evoluzzjoni tal-mudell operattiv tal-Aġenzija lejn il-konformità mal-istandards tal-industrija għall-Ġestjoni tas-Servizzi tal-IT (ITSM)/Librerija tal-Infrastruttura tat-Teknoloġija tal-Informatika (ITIL)<br>• L-iżvilupp ulterjuri tal-Uffiċċju għall-ġestjoni tal-Proġetti tal-Aġenzija (PMO) | • Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) korporattivi u t-teħid tal-azzjonijiet korrettivi rilevanti, kif meħtieġa<br>• Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz (FLS) maqbula mal-iSM<br>• Iċ-ċertifikazzjoni tal-ISO 20 000 (standard internazzjonali għall-ġestjoni tas-servizzi tal-IT) | |
| 12 | 2 | L-għoti ta' appoġġ u kompetenzi marbuta mal-ICT lil aġenziji oħrajn | • L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudell ta' servizz xieraq għall-konsulenza u l-appoġġ marbuta mal-ICT | • Sinerġiji ma' aġenziji oħrajn fl-użu tal-ICT u tar-riżorsi | L-evoluzzjoni bħala ċentru ta' eċċellenza |
| 13 | 3 | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-akkwisti li toffri l-aġilità meħtieġa sabiex jiġu pprovduti soluzzjonijiet u servizzi tal-ICT kosteffettivi | • L-implimentazzjoni ta' stateġija tal-akkwisti li toffri aġilità lill-Aġenzija sabiex tinkorpora l-ħtiġijiet tal-klijenti, l-għanijiet organizzazzjonali u l-kundizzjonijiet tas-suq<br>• L-implimentazzjoni tar-rapport tal-benchmarking biennali dwar il-kost totali tas-sjieda | • L-istabbiliment ta' allinjament kontinwu bejn ir-rapportar tal-benchmarking tal-kost totali tas-sjieda u l-attività tal-akkwisti u l-provenjenza tal-Aġenzija<br>• L-allinjament tal-kapaċitajiet umani u teknoloġiċi eżistenti tal-organizzazzjoni mar-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati | L-evoluzzjoni bħala ċentru ta' eċċellenza |

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 | 4 | It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | • L-identifikazzjoni ta' oqsma u proċessi kummerċjali ewlenin li jeħtieġu titjib, id-dijanjożi u l-analiżi tar-raġunijiet wara prestazzjoni ħażina u l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa sabiex tittejjeb il-prestazzjoni b'mod kwantifikabbli jew li jista' jitkejjel<br>• Iż-żamma u t-tħaddim ta' qafas ta' governanza tajjeb u adattiv li jinkludi l-proċessi u l-proċeduri | • L-implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-kwalità abbażi tal-istandards applikabbli<br>• L-implimentazzjoni tal-istandards tal-industrija rilevanti: ITSM, Proġetti f'Ambjenti Kkontrollati 2 (PRINCE2), ISO 27001 (standard internazzjonali għall-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni)<br>• Il-qafas, il-proċessi u l-proċeduri ta' governanza huma konformi mar-rekwiżiti statutorji u mal-ħtiġijiet kummerċjali rilevanti | L-evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija |
| 15 | 2 | Il-monitoraġġ ta' teknoloġiji ġodda u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda sabiex tiġi ffaċilitata l-ottimizzazzjoni tal-proċessi kummerċjali | • L-evoluzzjoni ulterjuri ta' għodod ta' involviment u monitoraġġ tar-riċerka sabiex tkun tista' ssir l-integrazzjoni rapida tal-aspetti rilevanti tar-riċerka fil-proċessi kummerċjali tal-Aġenzija<br>• L-iżvilupp ta' proċess strutturat ta' valutazzjoni u monitoraġġ tat-teknoloġija | • Il-monitoraġġ regolari tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet lill-maniġment rigward it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet ġodda applikabbli | Il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-iżviluppi fir-riċerka għall-evoluzzjoni tas-sistema |

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | • Il-pjanijiet direzzjonali tal-evoluzzjoni[5] tas-sistemi għandhom jiġu aġġornati bl-eżiti tar-riċerka u l-iżvilupp (R&D) rilevanti | |
| 16 | 3 | Issir konsulenta fdata għall-istituzzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet tal-ICT li jaqgħu taħt il-mandat tal-Aġenzija | • L-għoti ta' pariri effettivi lill-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mandat u l-attivitajiet tal-Aġenzija<br>• L-evoluzzjoni u ż-żamma ta' relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet tal-UE rilevanti u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn | • It-turija ta' fiduċja konsistentement għolja tal-partijiet ikkonċernati fil-kapaċità tal-Aġenzija li twettaq il-kompiti mogħtija b'mandat lilha, ikkwantifikata permezz ta' stħarriġ immirat għall-partijiet ikkonċernati | Sħubiji mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn |
| 17 | 3 | Issir faċilitatur tekniku ta', u konsulenta għal, l-atturi rilevanti fil-qasam tal-politika tal-ĠAI | • It-titjib tal-kapaċità tal-kompetenzi kummerċjali interni tal-Aġenzija fis-sistemi ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni | • Kapaċitajiet imtejba fis-sistemi ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni<br>• Il-forniment ta' pariri u dokumenti analitiċi tekniċi meħtieġa | Sħubiji mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn |
| 18 | 3 | It-tmexxija tal-ġbir u l-kondiviżjoni tal-aħjar | • It-tfittxija tas-sinerġiji rilevanti ma' atturi oħrajn fil-qasam tal-ICT fis-settur pubbliku u privat u l-iżvilupp ta' | • Proċess intern għall-ġestjoni tal-għarfien fis-seħħ | Is-sħubiji ma' aġenziji oħrajn u korpi rilevanti oħrajn tal-UE |

5 Disponibbli fiċ-Ċentru ta' Riżorsi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għall-Amministraturi, in-Negozji u ċ-Ċittadini (CircaBC).

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | prattiki fil-qasam tal-ICT | programmi ta' tagħlim xierqa u opportunitajiet għal skambju ta' informazzjoni | • Il-kondiviżjoni tal-kompetenzi, tal-'lezzjonijiet miksuba' u tal-aħjar prattika fl-oqsma tas-suġġetti rilevanti jew il-proġetti fuq skala kbira skambjati fuq bażi regolari mal-partijiet interni u esterni rilevanti<br>• L-iffirmar ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni formali mal-aġenziji tal-ĠAI kollha rilevanti<br>• Inizjattivi u proġetti konġunti | |
| 19 | 4 | L-allinjament kontinwu tal-ippjanar strateġiku u operazzjonali, kif ukoll tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni sabiex iservu bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati | • L-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija u l-evidenza ta' din permezz tal-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti u preċiża dwar il-ġestjoni | • L-implimentazzjoni tal-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija kif deskritti fid-dokument tal-istrateġija ta' 6 snin tagħha<br>• L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji kollaterali rilevanti (akkwisti, teknoloġija, HR, eċċ.) | Ippjanar strateġiku u operazzjonali |
| 20 | 4 | It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | • L-iżvilupp u t-tisħiħ ulterjuri tal-proċeduri tal-akkwist u l-finanzi tal-Aġenzija f'konformità man-normi, il-gwida u l-aħjar prattika rilevanti tal-UE, inkluż mis-settur privat | • L-implimentazzjoni sħiħa tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB)<br>• Il-kisba sistematika tal-għanijiet tal-implimentazzjoni baġitarja<br>• Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u | Ġestjoni finanzjarja u akkwist |

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali (HQ) permanenti f'Tallinn | |
| 21 | 4 | It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | • It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | • Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fis-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' HQ permanenti f'Tallinn | Ġestjoni tal-faċilitajiet |
| 23 | 4 | Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdija personalizzata tal-iżvilupp tal-impjegati | • L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz ta' opportunitajiet xierqa ta' avvanz fil-karriera<br>• Il-ħolqien ta' qafas u strateġija xierqa għall-ġestjoni tal-għarfien għall-Aġenzija | • L-allinjament konsistenti tal-impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni tal-għarfien, żvilupp u taħriġ<br>• Hemm fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tal-għarfien | Ġestjoni tar-riżorsi umani |
| 24 | 4 | L-allinjament kontinwu tal-ippjanar strateġiku u operazzjonali, kif ukoll tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni sabiex iservu bl-aħjar | • Il-funzjoni tal-awditjar intern (IA) tal-Aġenzija sejra tkompli teżamina, tevalwa u tirrapporta b'mod oġġettiv dwar l-adegwatezza tal-kontrolli interni tal-eu-LISA bħala kontribuzzjoni għall-użu | • Il-kooperazzjoni sħiħa mal-awdituri esterni u l-konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar kollha | Verifika |

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | mod il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati | xieraq, ekonomiku u effettiv tar-riżorsi tagħha | • L-implimentazzjoni sħiħa tal-Mudell ta' Kapaċità tal-Awditjar Intern għas-Settur Pubbliku | |
| 25 | 4 | It-twassil ta' komunikazzjoni ċara, immirata u effettiva dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija lill-partijiet ikkonċernati esterni | • Iż-żieda tal-viżibbiltà, tal-kredibbiltà u tal-fehim preċiż tal-ħidma u l-mandat tal-Aġenzija fost il-partijiet ikkonċernati esterni<br>• It-tisħiħ tal-kapaċità tal-komunikazzjoni esterna tal-Aġenzija | • Iż-żieda tal-viżibbiltà tal-Aġenzija bħala faċilitatur ewlieni tal-implimentazzjoni tal-politika tas-sigurtà tal-UE<br>• L-informar tal-partijiet ikkonċernati esterni ewlenin dwar il-progress b'suċċess tal-Aġenzija lejn il-kisba tal-għanijiet strateġiċi tagħha sal-2020 | Komunikazzjoni esterna u interna |
| 26 | 4 | L-iżvilupp u ż-żamma ta' kultura korporattiva b'saħħitha u immaġini pożittiva għall-partijiet ikkonċernati tagħha u għall-istituzzjonijiet tal-UE | • Il-promozzjoni u ż-żamma ta' immaġini pożittiva tal-Aġenzija permezz ta' komunikazzjoni esterna u interna effettiva (inklużi programmi ta' sensibilizzazzjoni u obbligi statutorji u legali ta' rapportar) | • L-istabbiliment ta' identità korporattiva koerenti u koeżiva sabiex jinżammu l-perċezzjonijiet pożittivi tal-Aġenzija<br>• It-twettiq ta' stħarriġ regolari mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu identifikati l-oqsma li jeħtieġu titjib<br>• L-istabbiliment ta' kultura korporattiva uniformi fl-Aġenzija kollha<br>• L-Aġenzija għandha fis-seħħ proċess b'saħħtu ta' komunikazzjoni interna | Komunikazzjoni esterna u interna |

| REF | Għan strateġiku | Objettiv strateġiku 2015-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) fl-2020 | Qasam ta' azzjoni strateġika tad-Dokument ta' Programmar |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | • L-ispirazzjoni tal-membri tal-persunal kollha sabiex joħolqu perċezzjonijiet pożittivi tal-Aġenzija<br>• L-inkorporazzjoni tal-etos tat-titjib tal-kwalità fil-proċessi kollha tal-Aġenzija | |

# 2. Programm pluriennali (2018-2020)

## 2.1. Oqsma ta' azzjoni strateġika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

*Tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE*

### *2.1.1. Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi*

L-eu-LISA sejra tiżgura d-disponibbiltà kontinwa tas-servizzi lill-Istati Membri permezz tat-tħaddim mhux interrott u ta' kwalità għolja 24 siegħa kuljum tas-sistemi fdati lilha. Dan l-għan sejjer jinkiseb permezz ta' monitoraġġ kostanti, ġestjoni tal-inċidenti u interazzjonijiet mal-Istati Membri. Sejrin jiġu żgurati wkoll il-ġestjoni u l-manutenzjoni effiċjenti taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u tas-sit operazzjonali ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija.

Sabiex tkompli tiżviluppa l-operazzjonijiet tagħha skont l-aħjar prattiki internazzjonali, l-Aġenzija sejra tissokta bl-iżvilupp tal-Mudell tas-Servizzi u l-Proċessi tagħha abbażi tal-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-ITIL/ITSM, kif adottat mill-Bord tat-Tmexxija fl-2013. Abbażi tal-pjan direzzjonali, il-Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA għall-proċessi tal-Fażi 1 ġie adottat b'mod uffiċjali fi Frar 2016. Fis-sena ta' wara, l-Aġenzija sejra timplimenta l-proċessi miftiehma fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Fażi 2 tal-Proġett tal-ITSM. Hija sejra tfittex ukoll opportunitajiet sabiex tkompli tawtomatizza u tirrazzjonalizza l-proċessi, kull fejn applikabbli, sabiex b'hekk tibbenifika mill-għodda integrata tal-ITSM u l-integrazzjoni ulterjuri tagħha ma' għodod ta' monitoraġġ oħrajn. Sejra tingħata wkoll attenzjoni lill-integrazzjoni tal-mudell tal-proċess tal-ITSM mal-proċess stabbilit tal-ġestjoni tal-proġetti, bil-għan li tiġi standardizzata u kkontrollata b'mod aktar effiċjenti t-tranżizzjoni għall-operazzjonijiet. F'dan ir-rigward, il-valutazzjoni annwali tal-maturità tal-proċessi hija ppjanata wkoll bħala prerekwiżit għat-tentattiv taċ-ċertifikazzjoni ISO 20 000.

Fis-snin 2018-2020, l-eu-LISA sejra tkompli bl-isforzi tagħha sabiex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fl-oqsma operattivi kollha u żżid il-livelli ta' awtomazzjoni, kull fejn ikun xieraq. Il-kombinazzjoni ta' titjib organizzattiv u proġetti/soluzzjonijiet tekniċi sejra tgħin sabiex jinkisbu:

- l-introduzzjoni ta' benchmarking tal-Uffiċċju ta' Servizz;
- valutazzjoni annwali tal-maturità tal-proċess;
- iċ-ċentralizzazzjoni tal-liċenzjar ta' Oracle;
- l-implimentazzjoni tas-Soluzzjoni ta' Monitoraġġ tal-Avvenimenti għas-Sistemi Kummerċjali Ewlenin[6], li sejra tiġi integrata mas-Soluzzjoni ta' Monitoraġġ Ċentrali fi ħdan il-Qasam Komuni tas-Servizzi Kondiviżi;

6 Is-sistemi kummerċjali ewlenin huma s-sistemi fdati lill-Aġenzija għat-tmexxija operattiva.

- l-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti tekniċi ta' referenza għas-sejħiet għall-offerti ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira;
- l-armonizzazzjoni tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-data tal-eu-LISA billi titkompla l-implimentazzjoni ta' servizzi kondiviżi (li bdiet fl-2017). L-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi mistennija tintemm fl-2019. L-enfasi sejra tkun fuq l-iżgurar tal-allinjament tal-proċessi u l-arranġamenti kuntrattwali tal-MWOs differenti mad-dispożizzjonijiet u l-istandards tas-servizz komuni.

Barra minn hekk, fis-snin 2018-2020, l-eu-LISA sejra tkompli tidentifika u timplimenta s-sinerġiji bejn is-sistemi, l-infrastruttura u s-servizzi bl-implimentazzjoni ta' soluzzjoni integrata għall-għodod eżistenti kollha ta' monitoraġġ tas-sistemi kummerċjali ewlenin, abbażi tal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti rilevanti. Il-monitoraġġ integrat sejjer jikkontribwixxi għal aktar żieda fl-effiċjenza tal-ġestjoni operattiva tas-sistemi fdati lill-eu-LISA u sejjer jappoġġja lill-Aġenzija sabiex tilħaq l-objettivi tagħha f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament tat-twaqqif.

L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kuntratti tagħha għas-sistemi ġestiti minnha, billi tistandardizza u tottimizza l-portafoll tal-kuntratti ta' żamma f'kundizzjoni ta' operat tajjeb (MWO). Il-benefiċċji sejrin jinkludu (iżda jistgħu ma jkunux limitati għal):

- l-allinjament tat-tul tal-kuntratti ta' MWO ġestiti mill-Aġenzija;
- l-istabbiliment ta' sistema ta' kontroll unifikata fir-rigward tal-kuntratturi;
- l-implimentazzjoni ta' metrika tal-prestazzjoni unifikata għall-kuntratturi kollha;
- l-allinjament tal-għadd u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kuntratti mal-arkitettura tas-sistemi (preżenti u futuri) ġestiti mill-eu-LISA.

L-Aġenzija sejra timplimenta l-attivitajiet kollha li joħorġu mill-bidliet proposti fir-regolamenti tal-VIS u tas-SIS wara l-evalwazzjonijiet relatati tal-VIS u tas-SIS II.

### *2.1.2. Evoluzzjoni tas-sistemi*

Bħala riżultat tas-suċċess tal-operazzjonijiet li għaddejjin, u meta wieħed iqis it-tensjoni u l-ħtiġijiet attwali li jidhru fil-qasam tas-sigurtà interna fl-Ewropa, is-SIS II Ċentrali qed tiffaċċja għadd ta' sfidi kemm minn perspettiva teknika kif ukoll minn perspettiva kummerċjali.

Minn perspettiva teknika, is-SIS II Ċentrali trid tevolvi sabiex tiżgura li l-kapaċità addizzjonali għat-twissijiet u l-mistoqsijiet tkun tista' tiġi ġestita kif suppost bir-rekwiżiti tal-prestazzjoni esiġenti ħafna assoċjati mas-sistema. Id-disponibbiltà tas-sistema għandha tiġi kkunsidrata sabiex titnaqqas saħansitra aktar il-possibbiltà ta' nuqqas ta' disponibbiltà, speċjalment għall-funzjonalità tal-mistoqsijiet, li hija estremament sensittiva. Jeħtieġ li tiġi kkunsidrata soluzzjoni attiva/attiva orizzontali sabiex tappoġġja d-disponibbiltà tas-sistema għall-orizzont ta' 2019-2020[7].

Minn perspettiva kummerċjali, mill-2018 l-Istati Membri sejrin jibdew jużaw b'mod attiv il-kapaċitajiet ta' tqabbil bijometriku tas-SIS II Ċentrali. Fl-istess ħin, l-Aġenzija qiegħda tippjana li tibda t-tieni fażi tal-proġett għal AFIS. Hija sejra timmira li tiżviluppa aktar kapaċitajiet ta' AFIS, billi tiffoka fuq il-ħin ta' rispons tagħha u aspetti tekniċi

7 Fl-2017, l-Aġenzija sejra twettaq valutazzjoni tal-impatt li tesplora diversi aspetti tal-istruttura attiva/attiva.

oħrajn. L-Aġenzija sejra teżegwixxi l-kompiti meħtieġa sabiex timplimenta r-reġistrazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ritorn[8] u l-projbizzjonijiet fuq id-dħul fis-SIS II, sabiex b'hekk ittejjeb il-kapaċitajiet ta' SIS II sabiex tappoġġja l-politika ta' ritorn tal-UE, b'mod partikolari:

- il-ħolqien ta' twissijiet ta' SIS II dwar il-migranti irregolari li huma s-suġġetti ta' deċiżjonijiet ta' ritorn[9];
- l-użu ta' immaġini tal-wiċċ għal identifikazzjoni bijometrika, flimkien mal-marki tas-swaba';
- il-ħażna ta' informazzjoni dwar 'hit' dwar twissijiet ta' kontrolli diskreti u speċifiċi;
- il-ħolqien ta' kategorija ta' twissija ġdida dwar 'Persuna Mfittxija Mhux Magħrufa', li għaliha tista' teżisti data forensika fil-bażijiet ta' data nazzjonali (eż. marka latenti li tħalliet fuq ix-xena tad-delitt).

Soġġett għall-adozzjoni tal-qafas legali wara l-Evalwazzjoni tas-SIS II, aspett importanti ieħor ikun li tikkunsidra l-implimentazzjoni ta' SIS II nazzjonali komuni (b'kopja nazzjonali jew mingħajrha) li hija żviluppata kompletament bħala parti minn proġett ċentrali jew, għall-inqas, tiddeskrivi pjan ta' azzjoni b'konfigurazzjoni komuni għall-implimentazzjonijiet nazzjonali ffokati prinċipalment fuq l-elementi tal-infrastruttura, li ġew identifikati bħala sorsi ta' problemi għall-kontinwità tan-negozju.

Is-sistema Eurodac sejra tkompli tevolvi teknikament, inkluż f'termini ta' kapaċità, sabiex tinżamm allinjata mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri. Wara l-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tar-Regolament tal-Eurodac imfassal mill-ġdid, l-eu-LISA sejra tibda l-implimentazzjoni tal-bidliet fil-funzjonalitajiet tal-Eurodac.

Il-proposta mfassla mill-ġdid tal-Eurodac tirrifletti l-iżviluppi fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni wara li eskalat il-kriżi tar-refuġjati u qed testendi l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema sabiex isservi ħtiġijiet importanti oħrajn fil-qasam tal-migrazzjoni, flimkien ma' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-ażil. Is-sistema sejra tippermetti aħjar lill-Istati Membri sabiex jidentifikaw il-migranti irregolari fi ħdan l-UE u jiffaċilitaw is-segwitu tar-ritorni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

L-evoluzzjoni tal-Eurodac, li għandha l-għan li tikkonforma mal-qafas legali l-ġdid, għandha tinkludi, ladarba tiġi adottata, (a) estensjoni tat-tfittxija u l-ħażna għall-kategoriji kollha ta' data (persuni li jfittxu l-ażil, ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu preżenti illegalment fit-territorju tal-UE, (b) tnaqqis tal-età tal-persuni soġġetti għat-teħid tal-marki tas-swaba' għal 6 snin (meta mqabbel ma' 14-il sena, li huwa l-limitu attwali) sabiex tlaħħaq aħjar mal-wasliet ta' minuri, applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u movimenti sekondarji, (ċ) estensjoni tal-mudell tad-data sabiex ikun ikopri data bijografika personali addizzjonali, (d) estensjoni tal-perjodi taż-żamma tad-data u (e) introduzzjoni ta' immaġini tal-wiċċ: it-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac jinkludi t-trażmissjoni ta' immaġini tal-wiċċ għas-sistema ċentrali[10]. L-immaġnijiet tal-wiċċ għall-ewwel jinħażnu u jintbagħtu lura lill-Istati Membri bħala parti mis-settijiet tar-riżultati tat-tfittxija. L-eu-LISA sejra tibda studju matul l-2018 sabiex tkompli tinvestiga l-inklużjoni tal-kapaċitajiet ta' rikonoxximent tal-wiċċ fis-sistema u l-allinjament ta' dan mas-sistema ta' tqabbil bijometriku komuni. L-istudju sejjer jiffoka fuq il-modalitajiet u l-għażliet tekniċi differenti, l-impatt fuq l-Istati Membri, u l-arkitettura u l-alternattivi attwali, kif ukoll jipprovdi indikazzjonijiet għall-pjan ta' direzzjoni tal-implimentazzjoni għar-rikonoxximent tal-wiċċ.

Minbarra l-evoluzzjoni tal-Eurodac li toħroġ mit-tfassil mill-ġdid tal-bażi ġuridika, jistgħu jiġu implimentati għadd ta' evoluzzjonijiet tekniċi oħrajn, bħal (a) aktar titjib fil-kapaċità sabiex jiġi indirizzat l-impatt tal-bidliet

8 Li joħroġ minn proposta leġiżlattiva li tmur lura għall-aħħar tal-2016 u soġġetta għall-adozzjoni leġiżlattiva.

9 Li joħroġ minn proposta leġiżlattiva li tmur lura għall-aħħar tal-2016 u soġġetta għall-adozzjoni leġiżlattiva.

10 Għad-dettalji, jekk jogħġbok irreferi għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 205 Finali mis-6 ta' April 2016.

funzjonali fil-ħażna u t-throughput tat-tranżazzjonijiet tas-sistema, (b) il-bidliet possibbli għall-allinjament jew l-iffaċilitar tal-interoperabbiltà[11], (ċ) l-allinjament mad-dispożizzjonijiet u l-istandards[12] tas-servizzi kondiviżi[13] (l-eżiti tal-proġett komuni tas-servizzi kondiviżi) u (d) l-adattamenti u t-titjib teknoloġiku (eż. fuq l-infrastruttura jew il-livell ta' monitoraġġ). Abbażi tal-eżiti tal-HLEG (rapport finali maħruġ f'Mejju 2017), studju dwar servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż li twettaq mill-eu-LISA, kif ukoll abbażi ta' sforzi u studji kontinwi oħrajn immexxija mill-Kummissjoni Ewropea li sejrin jgħinu sabiex jitfassal il-qafas leġiżlattiv rilevanti, jista' jkun meħtieġ li l-arkitettura tas-sistema ċentrali tal-Eurodac tiġi eżaminata mill-ġdid. L-Eurodac jista' jkollha bżonn titfassal mill-ġdid sabiex tuża s-servizz ta' tqabbil bijometriku komuni u tmexxi l-loġika tan-negozju f'saff ta' applikazzjoni minn quddiem, minħabba li mhux il-loġika tan-negozju kollha tista' tiġi implimentata fil-bażi ta' data ċentrali ta' servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż.

L-evoluzzjonijiet kollha tal-Eurodac sejrin jiġu indirizzati b'mod kuntrattwali permezz tal-kuntratt ġdid ta' MWO tal-Eurodac fil-bidu tal-2018 (fin-nuqqas ta' qafas legali fil-ħin tal-abbozzar, il-baġit meħtieġ għall-implimentazzjoni tat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac ma jiġix inkluż fl-ippjanar kuntrattwali ta' MWO tal-Eurodac, li sejjer ikollu jiġi kkunsidrat mill-ġdid kif xieraq).

L-esperjenza riċenti tal-Eurodac għamlet evidenti l-kumplessità tal-introduzzjoni ta' bidliet fis-sistema Eurodac minn tarf sa tarf (Sistema Ewlenija u Sistemi Nazzjonali) u l-allinjament tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni, l-għażla taż-żmien u l-isforzi. Għal kull bidla waħda fis-sistema ċentrali li tirriżulta f'bidla fl-Interfaċċja mas-Sistemi Nazzjonali, jew għal kull bidla fil-funzjonalità tal-Eurodac (regoli tan-negozju), it-32 Applikazzjoni Nazzjonali kollha konnessi għandhom jinbidlu u jiġu allinjati b'mod parallel. Sabiex jitqassar il-ħin tal-evoluzzjoni ta' servizzi ġodda u jitnaqqas iż-żmien għat-tqegħid fis-suq, tista' tkun maħsuba arkitettura nazzjonali standard għall-ġejjieni, sakemm il-qafas legali jippermetti dan. Għal dan il-għan, sejrin jitwettqu investigazzjonijiet addizzjonali u valutazzjoni tal-impatt mill-eu-LISA sabiex jiġu identifikati l-aħjar prattiki u liema għażliet u teknoloġiji huma l-aktar xierqa (valutazzjoni tal-impatt għal softwer bħala servizz).

Il-proposta għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac tinkludi dispożizzjonijiet li jifformalizzaw ir-responsabbiltà diġà eżistenti tal-eu-LISA għal DubliNet skont memorandum ta' qbil (MtQ) tal-2014. Malli jiġi approvat il-qafas legali ta' hawn fuq u bi qbil mal-Istati Membri, sejrin jiġu vvalutati l-bidliet f'DubliNet sabiex jiġu mmodifikati, pereżempju, il-formoli PDF predefiniti skambjati għal formoli web aktar awtomatizzati/XML[14].

Għall-perjodu 2018-2020, l-eu-LISA sejra tkompli tiżgura servizz kontinwu mill-VIS u mill-BMS permezz ta' manutenzjoni regolari u komprensiva. Soġġetta għal emenda tar-Regolament dwar il-VIS, l-eu-LISA ser ikollha bżonn twettaq l-attività meħtieġa sabiex tiżgura li l-bidliet kollha meħtieġa li joħorġu minn din l-emenda jiġu introdotti b'mod suffiċjenti fis-sistema. Fl-2018, il-BMS 1.0 sejra tiġi dekummissjonata għar-rilaxx tal-ispazju taċ-ċentru tad-data tal-Unità Ċentrali (CU) u tal-Unità Ċentrali ta' Riżerva (BCU). Fl-2019, l-isforzi ewlenin tal-eu-LISA sejrin jiġu ffokati fuq iż-żamma tal-kapaċità tranżazzjonali tal-VIS u tal-BMS allinjati mar-rekwiżiti tan-negozju. Fl-aħħar tal-perjodu, sejjer jiġi implimentat mekkaniżmu sabiex jikkontrolla l-fluss bejn il-VIS u l-BMS bil-għan li jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tat-throughput tas-sistema u jiġu mmaniġġjati aħjar il-varjazzjonijiet

11 Soġġett għall-eżitu tal-ħidma fil-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli.

12 Għall-proġett tas-servizzi kondiviżi, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 2.4.1.5

13 Il-benefiċċji għall-Eurodac sejrin ikunu t-titjib tal-ġestjoni tal-aċċess (minn 'Lightweight Directory Access' għal Direttorju Attiv), it-titjib tas-sigurtà, il-verifika tal-konformità, ħolqien ta' ċentru ta' reġistrazzjoni, eċċ.

14 L-implimentazzjoni ta' dawn il-kompiti tiddependi fuq it-trasferiment sħiħ tar-responsabbiltà għall-ġestjoni ta' DubliNet lill-eu-LISA.

tat-traffiku. Dan sejjer jiġi implimentat bl-allokazzjoni tat-tagħbija dinamika u l-kontroll tal-fluss tal-VIS[15]. Barra minn hekk, il-komponenti tan-Netwerk taż-Żona tal-Ħażna tal-VIS sejrin jiġu aġġornati jew sostitwiti. Fl-aħħar nett, il-kapaċità tal-ambjent ta' qabel il-produzzjoni tas-sistema sejra tiġi allinjata mal-ambjent tat-test.

Għalkemm għadha mhijiex sistema fil-produzzjoni, l-EES għandha tkun fil-fażi ta' żvilupp tagħha fl-2018, meta s-sistemi eżistenti (eż. applikazzjonijiet VIS / BMS) ikollhom jiġu adattati sabiex iqisu l-bidliet meħtieġa mill-bażi ġuridika tal-EES għall-interkonnessjoni bejn is-sistemi. Dawn l-attivitajiet jista' jkollhom influwenza fuq is-sistema tal-VIS u sejrin jirrikjedu attivitajiet ta' koordinazzjoni u konverġenza vigorużi. Barra minn hekk, sejjer ikun meħtieġ ukoll li l-eu-LISA tieħu miżuri ta' tħejjija sabiex tibda l-fażi ta' żvilupp tal-ETIAS u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) (ara t-taqsima 2.1.4, 'L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda', għal aktar dettalji).

Barra minn hekk, jenħtieġ li jiddaħħal fis-seħħ maħżen virtwali tad-data ċentrali[16] sabiex jippermetti l-produzzjoni ta' rapporti dwar il-kwalità tad-data u rapporti analitiċi u ta' statistika ad hoc, jiffaċilita t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Istati Membri, kif ukoll fil-Kummissjoni u fl-aġenziji tal-ĠAI rilevanti[17]. Filwaqt li tkompli l-attività mibdija fis-snin preċedenti u, jekk meħtieġ, soġġetta għall-adozzjoni ta' emendi tal-bażijiet ġuridiċi rilevanti, l-eu-LISA sejra ttejjeb il-kapaċitajiet ta' statistika u rapportar tagħha billi tibni soluzzjoni standard għall-maħżen virtwali tad-data u ttejjeb il-kapaċitajiet tagħha li tidentifika u tindirizza l-kwistjonijiet ta' kwalità tad-data għas-sistemi kollha tagħha.

Sabiex tiżgura l-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi, l-Aġenzija qiegħda tippjana li tivverifika li r-riżultat tal-Istudju Attiv/Attiv tal-Virtwalizzazzjoni rigward l-għażla tat-teknoloġiji tal-infrastruttura jissodisfa r-rekwiżiti kummerċjali għall-applikazzjonijiet.

B'kontinwità (a) mill-fażi tat-test ta' virtwalizzazzjoni li trid titwettaq fl-2018 u (b) mill-ambjenti tat-test virtwalizzati tal-ittestjar tas-sistemi kummerċjali ewlenin differenti, l-għan għas-snin 2019-2020 sejjer ikun li titħejja l-virtwalizzazzjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin u li dawn jiġu integrati pass pass fl-infrastruttura kondiviża komuni diġà implimentata.

### *2.1.3. Infrastruttura tal-komunikazzjoni*

L-Aġenzija bħalissa qiegħda tikkondividi r-responsabbiltà għall-kompiti relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni mal-Kummissjoni: l-eu-LISA hija responsabbli għas-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur tas-servizz rilevanti għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni għal Eurodac, VIS u SIS II u l-iskambju ta' data bejn l-uffiċċji tat-Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punt ta' Dħul Nazzjonali (SIRENE). Il-Kummissjoni għadha responsabbli għall-kompiti l-oħrajn kollha relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari l-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni u t-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali. Wara r-rieżami tar-Regolament ta' twaqqif tal-Aġenzija u

15 L-allokazzjoni tat-tagħbija dinamika u l-kontroll tal-fluss tal-VIS huma miżuri ta' kumpens f'każ li struttura attiva/attiva għall-VIS ma tkunx teknikament vijabbli.

16 L-implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data għall-ewwel sejra jkollha l-għan li tistabbilixxi l-pjattaforma teknika u li tawtomatizza r-rapporti tekniċi regolari ta' kuljum, kull ġimgħa u kull xahar dwar il-funzjonament ta' SIS II, VIS u Eurodac. Skont ir-riżultat tal-ħidma tal-Grupp ta' Esperti f'Livell Għoli dwar l-interoperabbiltà u l-iżvilupp tal-istrumenti legali li jirregolaw is-sistemi ġestiti mill-eu-LISA, il-kapaċitajiet tal-pjattaforma jistgħu jintużaw ukoll għall-monitoraġġ tal-kwalità tad-data u għall-implimentazzjoni ta' diversi rapporti analitiċi u ta' statistika.

17 L-aċċess ta' Aġenziji oħrajn għad-data rilevanti huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti.

tal-istrumenti tas-sistemi, huwa mistenni li jseħħ trasferiment tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni għan-netwerk lill-eu-LISA fil-perjodu ta' referenza. Barra minn hekk, l-eu-LISA tmexxi wkoll VIS Mail u DubliNet.

Mal-iskadenza tal-kuntratt tas-Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet (sTESTA) u t-tlestija tal-migrazzjoni tas-SIS II, tal-VIS u tal-Eurodac għan-netwerk il-ġdid, is-Servizzi Trans-Ewropej għat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet - ġenerazzjoni ġdida (TESTA-ng), l-Aġenzija sejra tkompli tagħmel ħilitha sabiex ittejjeb l-infrastruttura tal-komunikazzjoni abbażi tal-istudju li sar fl-2017 u timmira għal netwerk sigur unifikat għas-sistemi kollha ġestiti minnha jekk tiġi adottata l-bażi ġuridika applikabbli. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tibda, fil-limiti tal-mandat legali tagħha, l-attivitajiet ta' tħejjija għas-suċċessur ta' TESTA-ng, billi l-kuntratt qafas ta' TESTA-ng sejjer jiskadi mhux aktar tard mill-2020. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija qiegħda tippjana li twettaq attivitajiet relatati mat-titjib u l-ottimizzazzjoni tan-netwerk TESTA-ng, li għandhom iwasslu għal kwalità aħjar tas-servizzi tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni offruti lill-Istati Membri.

B'mod indikattiv, dawn l-attivitajiet sejrin jinkludu l-introduzzjoni tas-saff ta' kriptaġġ addizzjonali għal VIS sabiex is-sigurtà tad-data kummerċjali ta' VIS (mibdija diġà fl-2017) tiżdied għall-istess livell ta' protezzjoni użat għal SIS II, l-introduzzjoni tal-forniment ta' statistika tan-netwerk avvanzat, li tippermetti lill-eu-LISA tkejjel u tevalwa l-prestazzjoni reali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni lejn reazzjoni proattiva għall-ostakoli u individwazzjoni ta' soluzzjonijiet aktar malajr għall-kwistjonijiet imqajma mill-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha l-ħsieb li tistudja x-xejriet fid-dispożizzjonijiet tan-Netwerk Unifikat[18] bil-għan li tottimizza l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin, li bħalissa qiegħda tistrieħ fuq il-'multiprotocol label switching' u fuq konnessjonijiet iddedikati (minn punt għal punt, eċċ.) u apparat relatat ('turnkey access points') li, xi drabi, jiġi rreplikat/idduplikat fost l-Istati Membri, kif ukoll is-siti ċentrali li jwasslu, fost l-oħrajn, għal kumplessità ogħla u inqas flessibbiltà. L-Aġenzija qiegħda tippjana wkoll li tindirizza fl-istudju l-modi possibbli ta' kif tista' tikseb infrastruttura ta' komunikazzjoni aktar reżiljenti bejn is-sistemi ċentrali sabiex dawn jikkontribwixxu għaż-żieda tad-disponibbiltà globali.

Il-kompiti relatati mal-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni sejrin ikomplu jiġu fdati lil fornitur terz mis-settur privat. Dan il-fornitur tan-netwerk sejjer ikompli jkun marbut bil-miżuri ta' sigurtà stipulati fl-istrumenti bażiċi għal kull sistema u fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar in-Netwerks SIS II u VIS u ma għandu jkollu ebda aċċess għad-data operattiva f'SIS II, VIS jew Eurodac. Jekk il-leġiżlazzjoni rilevanti tiġi emendata, l-Aġenzija tieħu l-kontroll f'idejha mingħand il-Kummissjoni Ewropea u tiżgura l-ġestjoni xierqa tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-Aġenzija sejra tkompli bl-implimentazzjoni ta' pjattaforma ta' ttestjar tan-netwerk tas-sistemi kummerċjali ewlenin sabiex ittejjeb il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni minn tarf sa tarf, billi tipprovdi l-ambjent għal testijiet komprensivi, taħriġ, simulazzjonijiet u validazzjoni ta' teknoloġiji/approċċi ta' arkitettura ġodda.

Fis-snin 2018-2020, l-eu-LISA sejra tkompli tikber bħala kontributur għal u faċilitatur tal-politiki tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE billi:

- tkompli tiżviluppa l-viżjoni tal-evoluzzjoni meħtieġa tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (fl-2018);

18 Kwalunkwe implimentazzjoni ulterjuri tista' tkun soġġetta għal emendi leġiżlattivi.

- tiżgura li l-Aġenzija jkollha l-mezzi meħtieġa sabiex tittestja t-titjib tas-sistema u ambjent xieraq ta' qabel il-produzzjoni jew għall-iżvilupp tan-netwerk, permezz tal-implimentazzjoni ta' pjattaforma u proċessi ta' testijiet unifikati u standardizzati;
- teżegwixxi l-attivitajiet ta' tħejjija għas-suċċessur ta' TESTA-ng fil-limiti tal-bażi ġuridika tal-Aġenzija, billi tqis ir-riżultati tal-istudji eżegwiti;
- iżżomm u timmonitorja n-netwerks u s-sistemi taħt il-ġestjoni tal-eu-LISA sabiex tiżgura s-sigurtà u l-affidabbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

### *2.1.4. L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda*

Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni Ewropea ssottomettiet Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà u proposta riveduta għal pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti. Din kienet tinkludi proposta għal Regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ, kif ukoll proposta għar-reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen. Skont id-dokument tal-Kummissjoni Ewropea MEMO/16/1495, l-adozzjoni tal-proposti mill-koleġiżlaturi kienet mistennija li tiġi ffinalizzata sal-aħħar tal-2016 sabiex is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tkun operattiva sal-bidu tal-2020, wara t-3 snin meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sistema. In-negozjati fuq il-proposta dwar l-EES ikomplu, iżda huma mistennija li jiġu ffinalizzati sa tmiem il-Presidenza Estonjana tal-Kunsill (jiġifieri sa tmiem l-2017). L-eu-LISA sejra tibda l-attivitajiet ta' akkwist għall-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida malli tiġi approvata l-bażi ġuridika. Sabiex ikun jista' jinbeda malajr l-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ fl-2017, fl-2016 l-Aġenzija bdiet il-kompiti ta' tħejjija meħtieġa, inkluża t-tħejjija ta' abbozz ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-EES. L-iżvilupp tal-EES sejjer jirrikjedi l-adozzjoni minn qabel ta' miżuri ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea u sejjer jinkludi l-iżvilupp tas-softwer, il-kunsinna tal-ħardwer, is-softwer tas-sistema u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp tad-dokumentazzjoni teknika meħtieġa. Fl-2018, il-proġett tal-EES mistenni jkun fil-fażi ta' żvilupp tiegħu.

Il-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq tirrikjedi wkoll li l-eu-LISA tħares lejn il-possibbiltà li żżid l-AFIS mas-SIS II (proġett li diġà beda jiġi eżegwit) u tiżviluppa kapaċità ta' monitoraġġ ċentrali għall-kwalità tad-data. Il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-eu-LISA sejrin jaħdmu sabiex jistabbilixxu soluzzjoni standardizzata għal interfaċċja unika ta' tfittxija, servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż, interkonnettività, repożitorju komuni tad-data, eċċ. Dawn kienu diġà indirizzati fir-rapport mill-HLEG, maħruġ f'Mejju 2017 (jekk jogħġbok ara wkoll it-taqsima 2.1.2, 'Evoluzzjoni tas-sistemi').

Fis-16 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni Ewropea ssottomettiet ukoll proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624. Is-sistema proposta sejra tkun sistema tal-UE għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE. Is-sistema tippermetti lill-awtoritajiet jiddeterminaw jekk il-preżenza ta' tali persuni fit-territorju tal-Istati Membri toħloqx jew le migrazzjoni irregolari, sigurtà jew riskju għas-saħħa pubblika. Il-proposta tipprevedi li jingħata mandat lill-eu-LISA sabiex tiżviluppa s-sistema u sabiex tiżgura l-ġestjoni teknika u operattiva tagħha. L-Aġenzija ser ikollha bżonn tibda l-iżvilupp tas-sistema ladarba l-proposta tiġi adottata mill-koleġiżlaturi.

Il-kriżi migratorja esponiet nuqqasijiet strutturali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Bħala parti mill-isforzi tagħha sabiex tistabbilixxi l-għodod bil-għan li timmaniġġja aħjar il-flussi migratorji fuq perjodi medji u twal, u f'konformità mal-approċċ stabbilit fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, il-proposta għar-Riforma ta' Dublin (proposta ta' Dublin 'IV') tintroduċi sistema ġdida għall-allokazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE abbażi ta' gwida għat-tqassim. Is-sistema awtomatizzata ġdida sejra tiġi

żviluppata [19] sabiex issegwi l-mekkaniżmu ta' allokazzjoni awtomatika u tiddistribwixxi (mill-ġdid) l-applikazzjonijiet għall-ażil madwar l-UE. Huwa mistenni li l-bażi ġuridika meħtieġa tiġi adottata fl-2017 u li, fl-2018, l-eu-LISA sejra tkun fil-proċess li tiżviluppa s-sistema.

Il-Kummissjoni Ewropea riċentament ippubblikat il-proposta leġiżlattiva għat-twaqqif ta' sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni tal-Istati Membri li għandhom informazzjoni dwar il-kundanna fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u persuni mingħajr stat sabiex jissupplimentaw u jappoġġjaw is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS jew is-sistema ECRIS-TCN). Il-ħolqien ta' sistema ċentralizzata tal-ECRIS għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi b'bażi ta' data ċentralizzata fl-isfond jagħmilha possibbli li jiġi vverifikat malajr jekk xi Stat Membru għandux informazzjoni dwar il-kundanna fuq ċittadin ta' pajjiż terz. It-titjib propost sejjer jippermetti lill-Istati Membri jitolbu l-informazzjoni dettaljata dwar il-kundanna permezz tas-sistema ECRIS direttament mill-Istati Membri identifikati. Il-kompiti li għandhom jitwettqu mill-eu-LISA huma tnejn: li timplimenta s-sistema ECRIS-TCN il-ġdida, li tinkludi ġestjoni tal-proġett, segwitu għall-iżvilupp u attivitajiet ta' kontroll u assigurazzjoni tal-kwalità; u li twettaq il-ġestjoni operattiva u l-manutenzjoni tas-sistema. Minbarra dan, bħala parti mill-fażi ta' 'qabel il-proġett', l-eu-LISA sejra tkompli tappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea fil-ħolqien tal-att ta' implimentazzjoni u l-isfidi funzjonali u tekniċi relatati.

### *2.1.5. Sigurtà*

L-Aġenzija sejra tkompli, matul il-perjodu 2018-2020, tiffoka fuq l-iżgurar tal-ogħla livell ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-mandat tagħha. Il-metodi sabiex jinkiseb dak li ssemma hawn fuq jinkludu dan li ġej:

- L-eu-LISA sejra tkompli tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data fi ħdan ir-regolamenti tas-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha.
- L-Aġenzija sejra tkompli tagħti valur miżjud lill-partijiet interessati tagħha billi ttejjeb il-qafas ta' sigurtà u kontinwità tagħha, inkluż l-iżvilupp tal-arkitettura tas-sigurtà għas-sistemi u l-immaniġġjar tan-netwerks tal-komunikazzjoni.
- L-Aġenzija sejra tkompli tirfina u taġġusta l-arkitettura tal-politika tas-sigurtà tagħha billi tieħu approċċ proattiv fil-monitoraġġ u l-indirizzar tar-riskji u l-avvenimenti ta' sigurtà rilevanti kollha għall-protezzjoni tal-persunal tagħha u tal-assi fiżiċi, informattivi u organizzattivi tagħha.
- Ladarba l-Aġenzija ssir is-sid ta' żewġ binjiet ġodda, hija tkun tista' tiżgura s-sigurtà u ż-żamma tal-ordni f'dawk il-binjiet u fuq l-art matul u wara l-perjodu ta' tranżizzjoni (u ż-żewġ binjiet jintużaw simultanjament sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju); u s-sikurezza u s-sigurtà ta' dawk kollha fil-bini tal-eu-LISA jiġu ffaċilitati kontinwament b'rispons ta' emerġenza f'waqtu u adegwat.
- Sejjer jiddaħħal fis-seħħ proċess ta' ġestjoni tar-riskji għas-sigurtà sabiex jiġu mmonitorjati u kkontrollati r-riskji u l-vulnerabbiltajiet li jistgħu jaffettwaw lill-Aġenzija u s-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha; l-eu-LISA sejra tikkoopera wkoll mal-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri fejn jinsabu s-siti tal-Aġenzija sabiex imexxu valutazzjoni tar-riskju preċiża.
- Il-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju u rkupru minn diżastri għall-Aġenzija u s-sistemi taħt ir-responsabbiltà tagħha sejrin jiġu rfinuti u ttestjati aktar permezz tal-implimentazzjoni, it-tħaddim, it-titjib u l-manutenzjoni kontinwa tal-approċċ imħaddan fl-Istrateġija ta' Sigurtà u Kontinwità 2016-2020.

19 Soġġetta għal emendi leġiżlattivi.

- Sejjer jitwettaq eżerċizzju ta' kontinwità tan-negozju u rkupru minn diżastri fuq is-sistemi ċentrali u nazzjonali tas-SIS II flimkien mal-Istati Membri (fl-2018).
- Wara l-implimentazzjoni ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-kontinwità tan-negozju u tas-sigurtà, l-eu-LISA sejra tapplika kontinwament l-istandards rilevanti, bħal ISO 27001, ISO 27031 u ISO 22301, sabiex ittejjeb il-fiduċja tal-partijiet interessati tal-Aġenzija.
- L-Aġenzija sejra tipprovdi wkoll assigurazzjoni dwar is-sigurtà industrijali għall-kuntratturi tal-MWO tagħha permezz ta' żjarat esterni.
- In-netwerk eżistenti li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni, l-aħjar prattiki, pariri u gwida fil-livell tal-esperti tas-sigurtà - in-Netwerk tal-Uffiċjali tas-Sigurtà - sejjer ikompli jservi bħala netwerk informali ta' esperti tas-sigurtà li jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar is-sigurtà u l-kontinwità tan-negozju u jagħtu pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Gruppi Konsultattivi fuq talba tagħhom.

Il-proċessi stabbiliti hawn fuq huma implimentati permezz ta' kooperazzjoni msaħħa kontinwament mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u mal-aġenziji tal-UE rilevanti, inklużi testijiet u eżerċizzji fuq skala kbira. L-istrumenti użati għal dan il-proċess sejrin ikopru l-iskambju tal-aħjar prattiki, laqgħat, l-iżvilupp ta' standards komuni għas-sigurtà u risposti konġunti għal inċidenti ta' sigurtà.

### 2.1.6. Il-protezzjoni tad-data

L-Aġenzija qiegħda tippjana li tkompli tħares id-drittijiet tas-suġġetti tad-data fost dawk li għandhom karigi fl-eu-LISA billi twettaq stħarriġ annwali ta' unitajiet speċifiċi u sensibilizzazzjoni permezz ta' sessjonijiet organizzati ma' dawk li għandhom karigi fl-eu-LISA. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) sejjer ikompli l-attivitajiet ta' monitoraġġ fuq l-operazzjonijiet tal-ipproċessar b'data personali u sejjer ikompli jsegwi l-obbligi tiegħu li jinforma lis-suġġetti tad-data, kif ukoll iżomm l-Operazzjoni tal-Ipproċessar fuq ir-Reġistru ta' Data Personali aġġornata kif xieraq.

L-impatt li sejjer ikollu r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data l-ġdid fuq il-konformità fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data għandu jiġi vvalutat u inkorporat fil-proċessi fl-eu-LISA. Il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-privatezza (PIA)[20] u l-kunċett ta' privatezza mid-disinn huma metodi li l-iskjerament ta' sistemi ġodda jeħtieġ li jinkorpora fil-proċess tal-ġestjoni tal-proġetti.

Il-kooperazzjoni mal-KEPD sejra tkompli tkun element ewlieni tal-kompiti tad-UPD billi tipprovdi assistenza fl-ispezzjonijiet tas-sistemi fuq skala kbira, kif ukoll billi tirrikjedi gwida jew opinjonijiet għall-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-privatezza. Flimkien ma' din, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data tal-Istati Membri rrappreżentati fil-gruppi ta' koordinazzjoni tas-superviżjoni sejra tkompli tkun b'saħħitha, bil-għan li jiżdied il-livell ta' fiduċja fi kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data. Sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni ma' aġenziji oħrajn tal-UE, huwa ppjanat li din tkompli tikber permezz ta' kondiviżjoni tal-esperjenzi u l-adozzjoni tal-aħjar prattiki.

### 2.1.7. Rapportar statutorju

Fil-perjodu 2018-2020, l-Aġenzija sejra tkompli tikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-ġestjoni u tar-rapportar statutorju (kif previsti fil-bażijiet legali għal kull sistema ġestita minnha u msemmija fir-Regolament tat-

20 Il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-privatezza hija l-identifikazzjoni tar-riskji f'termini ta' protezzjoni tad-data kif perċepita mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, b'kontrolli ssuġġeriti sabiex jittaffew dawk ir-riskji.

twaqqif). Hija sejra tkompli tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar:

- il-pubblikazzjoni kull sena ta' statistika tas-SIS II skont l-Artikolu 66(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjoni parallela fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006;
- is-sottomissjoni fl-2019 tar-rapport tekniku biennali dwar il-funzjonament tas-SIS II, inkluż dwar is-sigurtà, skont l-Artikolu 46(8) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-dispożizzjoni parallela fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006;
- is-sottomissjoni fl-2018 u fl-2020 tar-rapport tekniku biennali dwar il-funzjonament tal-VIS, inkluż dwar is-sigurtà, skont l-Artikolu 50(3) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u l-Artikolu 17(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI;
- is-sottomissjoni kull sena ta' rapport annwali dwar l-attività tas-sistema ċentrali tal-Eurodac, inkluż dwar il-funzjonament tekniku u s-sigurtà tagħha skont l-Artikolu 40(1) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013;
- il-pubblikazzjoni kull sena tal-istatistika annwali tal-Eurodac skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

Barra minn hekk, eu-LISA sejra tkompli tiżgura l-pubblikazzjoni (fuq bażi annwali, f'Il-Ġurnal Uffiċjali (ĠU) tal-UE) tal-lista tal-awtoritajiet kompetenti li huma awtorizzati sabiex ifittxu direttament id-data li tinsab fis-SIS II, flimkien mal-lista ta' uffiċċji nazzjonali (N.SIS II) u l-uffiċċji nazzjonali SIRENE (skont l-Artikolu 31(8) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u dispożizzjoni parallela fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI), kif ukoll tippubblika kull sena fuq is-sit web tagħha l-lista aġġornata ta' awtoritajiet maħtura, li tispeċifika l-unità eżatta li għandha aċċess għad-data rreġistrata fis-sistema ċentrali tal-Eurodac skont l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) Nru 603/2013.

### *2.1.8. Il-forniment ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri*

L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi taħriġ ta' livell għoli dwar l-użu tekniku ta' SIS II, VIS u Eurodac jew kwalunkwe sistema futura fil-mandat tagħha lill-awtoritajiet nazzjonali parteċipanti f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u bl-appoġġ tagħha. Fil-perjodu 2018-2020, sejra tingħata attenzjoni speċjali lill-ħolqien tal-portafolli tat-taħriġ relatati mas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-ETIAS.

Minbarra l-korsijiet ta' taħriġ attwali offruti lill-grupp tal-partijiet interessati prinċipali tal-eu-LISA kkonċernat hawnhekk, jiġifieri l-Operaturi Nazzjonali tal-IT, huwa ppjanat ukoll aktar tisħiħ tat-taħriġ għall-persunal ta' SIRENE u għall-evalwaturi ta' Schengen.

Sabiex tinkiseb tħejjija teknika għall-integrazzjoni fis-SIS II, fil-VIS jew fl-Eurodac, l-eu-LISA sejra tħejji u twassal programmi ta' taħriġ ġodda mfassla għal Stati Membri jew korpi tal-UE li jingħaqdu mas-sistemi. Fil-preżent, il-kandidati mistennija għall-programmi ġodda huma l-Irlanda, Ċipru u l-Europol.

Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tkompli ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji oħrajn tal-ĠAI fil-qasam tat-taħriġ, speċjalment mas-CEPOL, mal-Frontex u mal-EASO u, fejn rilevanti, mal-FRA. Il-komponent tat-tagħlim elettroniku tal-attivitajiet ta' taħriġ tal-eu-LISA għandu jiġi żviluppat aktar, b'mod li jirriżulta fit-twaqqif ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tat-tagħlim (LMS) b'offerti ta' livell għoli ta' korsijiet elettroniċi.

## 2.2. Oqsma ta' azzjoni strateġika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*Issir ċentru ta' eċċellenza u fornitur ta' servizzi tal-ICT rikonoxxut fl-UE*

### 2.2.1. L-evoluzzjoni bħala ċentru ta' eċċellenza

L-Aġenzija sejra tkompli żżomm u tirfina l-proċessi li hemm fis-seħħ għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi billi ssegwi l-istandards u l-aħjar prattika fl-ITIL/ITSM. B'hekk, l-eu-LISA sejra tkun tista' tidentifika u timplimenta ulterjorment attivitajiet maħsuba biex itejbu l-kwalità tas-servizzi u l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi tal-ITSM u l-mudell tas-servizzi stabbiliti, filwaqt li jtejbu b'mod sinifikanti l-kosteffettività tat-twassil tas-servizzi tal-IT mingħajr ma jiġi ssagrifikat is-sodisfazzjon tal-klijenti[21]. L-għan ewlieni huwa li jittejbu ċ-ċifri għall-attributi 'adattati għall-użu' tas-servizzi tagħha, jiġifieri għad-disponibbiltà, il-prestazzjoni u l-kontinwità, kif ukoll il-prestazzjoni mtejba tal-proċessi, abbażi tal-KPIs tal-proċessi rispettivi. Pereżempju, l-implimentazzjoni ppjanata tal-Proċess ta' Titjib Kontinwu tas-Servizz u tas-Soluzzjoni ta' Rapportar Avvanzat sejra tippermetti viżjoni f'ħin reali tal-attributi tas-servizz 'adattati għall-użu' u l-KPIs tal-proċess. L-integrazzjoni kkoordinata ulterjuri tal-proċessi tal-ġestjoni tas-Servizzi tal-IT għandha l-għan li tipprovdi kontroll kontinwu, effiċjenza akbar u opportunitajiet għal titjib kontinwu tas-servizzi tal-eu-LISA.

Barra minn hekk, l-Aġenzija bniet il-qafas ta' governanza tal-IT tagħha fuq l-istandards tal-industrija għall-governanza korporattiva tal-ICT, filwaqt li integrat ir-rapportar tal-prestazzjoni fl-istrutturi tal-ġestjoni tal-Aġenzija, eż. billi implimentat is-sistema avvanzata tal-istatistika tan-netwerk (it-tieni parti), sabiex tippermetti lill-eu-LISA tkejjel u tevalwa l-prestazzjoni reali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni użata mis-sistemi kummerċjali ewlenin kollha.

L-Aġenzija sejra tkompli tiżviluppa l-mudell operattiv tagħha lejn konformità ogħla mal-istandards tal-industrija għall-ġestjoni tas-servizzi tal-IT (ITSM/ITIL) billi tiżviluppa mekkaniżmu ta' Rapportar Avvanzat għal proċessi tal-ITSM, KPIs u SLAs/ftehimiet fil-livell operattiv (OLAs) u l-implimentazzjoni ta' valutazzjoni tal-Mudell tal-Maturità.

L-eu-LISA sejra tkompli ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha sabiex tippjana u timplimenta l-proġetti u l-programmi tagħha, billi ttejjeb il-proċess tal-ġestjoni tal-proġetti tagħha, timplimenta l-għodod meħtieġa sabiex issostni l-attività tagħha u tibni mekkaniżmi marbuta mill-qrib mal-governanza tal-Aġenzija. Sejjer jiġi stabbilit Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Proġetti ta' Intrapriża (EPMO) fi ħdan l-eu-LISA bil-għan li jipprovdi sistema robusta għall-ġestjoni ta' proġetti organizzattivi u qafas ta' governanza prammatika li jistabbilixxi mod konsistenti, prevedibbli u effiċjenti ta' kif jiġu ġestiti l-programmi u l-proġetti. Huwa sejjer ikompli jimplimenta u jippromwovi l-aħjar prattiki u jistandardizza l-proċessi u l-metodoloġiji tal-ġestjoni tal-proġetti u tal-portafolli sabiex jiġġestixxi b'mod effettiv ir-riżorsi u l-għanijiet tal-proġetti. L-għan huwa li jaġixxi bħala faċilitatur organizzattiv għall-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-istrateġija korporattiva, filwaqt li jimmassimizza l-valur, jikseb effiċjenza u jikseb iffrankar fl-ispejjeż, meta jkun possibbli. Permezz tal-missjoni u l-viżjoni tiegħu, l-EPMO sejjer jappoġġja l-objettivi strateġiċi tal-eu-LISA msemmija fid-dokument ta' strateġija 2014-2020. L-EPMO tal-eu-LISA sejjer jevolvi b'mod progressiv fi stadji, sakemm jinkiseb l-istatus ta' 'Ċentru ta' Kompetenza'

21 Għal dan il-għan, l-Aġenzija twettaq stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-partijiet interessati.

sal-aħħar tal-2020. Kull stadju jirrappreżenta pass 'il quddiem kemm fuq il-kapaċità (is-servizzi mogħtija mill-EPMO) kif ukoll fuq id-dimensjonijiet tal-maturità.




Wieħed mill-istadji ewlenin huwa t-tlestija sal-Q4 2017 tal-pilota tas-soluzzjoni għall-ġestjoni tal-proġetti ta' intrapriża, li sejra tkun segwita minn skjerament sħiħ mill-utenti flimkien ma' titjib gradwali tal-kapaċitajiet tal-għodod fl-Istadju 2.

It-tagħlimiet miksuba u l-aħjar prattiki tal-industrija sejrin jintużaw kontinwament sabiex itejbu l-kapaċitajiet tal-kunsinna tal-proġetti.

Sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-kunsinna, l-għodod interni sejrin jiġu aġġornati abbażi tal-istudju tal-għodod taċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tas-sistemi li beda fl-2016. Dan l-iżvilupp jappoġġja ċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp intern. L-iskop tal-għodod huwa li jappoġġjaw il-validazzjoni tal-kunsinna tal-kuntratturi, sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-partijiet interessati jiġu ssodisfati. Dan jikkonsisti prinċipalment fl-introduzzjoni tal-għodod speċifiċi disponibbli fis-suq sabiex jappoġġjaw l-awtomatizzazzjoni tal-fażijiet jew l-oqsma differenti involuti fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tas-sistemi u l-ITSM, bħat-tfassil u l-analiżi tar-rekwiżiti, il-kontroll tal-verżjoni, l-ittestjar tas-softwer, il-ġestjoni tar-rilaxx u l-ġestjoni tal-bidla. Huwa sejjer jiggarantixxi wkoll il-viżibbiltà bejn l-għodod sabiex jiżgura l-kompatibbiltà minn tarf sa tarf, it-traċċabbiltà u l-kontroll tal-konfigurazzjoni għal kull rekwiżit ġdid jew bidla ġdida.

### 2.2.2. L-evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija

Il-mudell ta' governanza tal-Aġenzija, kif operat u miżmum permezz ta' qafas ta' governanza b'saħħtu li jinkludi proċessi u proċeduri, sejjer jappoġġja l-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul tal-eu-LISA. Huwa sejjer jaffettwa prinċipalment l-objettivi strateġiċi, l-aktar l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' mudell ta' servizz u governanza effiċjenti u kosteffettiv u sejjer jappoġġja l-allinjament kontinwu tal-ippjanar strateġiku u operattiv.

Bħal fis-snin preċedenti, il-qafas ta' governanza, li jinkludi elementi bħall-konsultazzjoni u l-immaniġġjar tal-partijiet ikkonċernati, l-immaniġġjar tar-riskji korporattivi, l-immaniġġjar korporattiv tal-prestazzjoni tal-KPI, l-immaniġġjar tal-kontroll intern u l-għoti ta' pariri legali, sejjer jiżgura li r-rekwiżiti statutorji u l-ħtiġijiet tan-negozju rilevanti jiġu ssodisfati u li l-Aġenzija taderixxi mal-kunċett tal-ipprattikar u t-twassil ta' governanza tajba fl-azzjonijiet u l-attivitajiet tagħha. Huwa stabbilit proċess ta' rapportar u ppjanar iddedikat sabiex jappoġġja lill-Aġenzija u lill-partijiet ikkonċernati tagħha b'approċċ ċar u trasparenti sabiex iwasslu l-elementi tiegħu skont ir-rekwiżiti u l-aspettattivi.

Bħala kontinwazzjoni tal-eżerċizzju tal-ġestjoni tal-kwalità tal-2017, imwettaq bl-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-Qafas Komuni tal-Valutazzjoni, fl-2018 l-eu-LISA sejra tkompli timplimenta l-miżuri miftiehma sabiex iżżomm u ttejjeb il-kwalità fil-proċessi u l-attivitajiet tagħha, abbażi tal-pjan ta' titjib tal-kwalità miftiehem. Fl-2019, u bħala parti mill-isforzi kontinwi għat-titjib tal-kwalità, l-Aġenzija għandha l-għan li tmexxi eżerċizzju ta' ġestjoni tal-kwalità ta' segwitu.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, il-mudell, il-proċessi u l-proċeduri ta' governanza huma stabbiliti b'mod robust iżda aġli abbażi tal-Katalogu tas-Servizzi tal-eu-LISA u d-dokumentazzjoni tal-proċess ta' livell aktar baxx, mhux biss sabiex l-eu-LISA tiġi appoġġjata biżżejjed bil-għan li tiżgura li l-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati jiġu identifikati, evalwati u inkorporati aktar f'objettivi organizzattivi, iżda wkoll sabiex jinbdew attivitajiet u kompiti ġodda jew emendati fis-snin 2018-2020. Għal dan l-iskop, l-approċċ ta' governanza tal-Aġenzija sejjer jinżamm u jiġi rfinut, jekk ikun meħtieġ, u sejrin jiġu inkorporati gradwalment rekwiżiti ġodda sabiex itejbu l-kontribut kontinwu tiegħu, flimkien ma' valur miżjud, għall-Aġenzija u l-partijiet interessati tagħha.

### *2.2.3. Il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-iżviluppi fir-riċerka għall-evoluzzjoni tas-sistema*

Il-ħidma f'dan il-qasam bejn l-2018 u l-2020 sejra tipproċedi skont l-Istrateġija ta' Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka għall-perjodu. L-Istrateġija għas-snin 2015-2017 iffokat fuq l-istabbiliment ta' attivitajiet u kapaċitajiet ewlenin li jistabbilixxu linja bażi għal aktar ħidma. Il-prijoritizzazzjoni ta' suġġetti partikolarment rilevanti u l-involviment tal-imsieħba kollaborattivi kienu l-pedamenti tal-approċċ propost għax-xogħol. L-Istrateġija ta' Monitoraġġ tar-Riċerka u t-Teknoloġija għas-snin 2018-2020 sejra tieħu kont tal-ħidma mwettqa sal-lum, tevalwa r-rispons u l-lezzjonijiet miksuba u timmodifika l-approċċ, jekk ikun xieraq, sabiex iżżid il-valur miżjud tax-xogħol. Sejjer jiġi mfittex valur miżjud akbar mill-iżvilupp tas-sistema u l-proġetti ta' evoluzzjoni, billi jiġu identifikati suġġetti ta' prijorità ġodda li huma ta' rilevanza partikolari għas-sistemi ġodda li mhumiex previsti fil-perjodu ta' ppjanar preċedenti (eż. ETIAS) u l-eżamijiet imwettqa li huma allinjati mal-ippjanar operattiv tal-proġetti (eż. enfasi fuq suġġetti relatati mal-kwalità tad-data u, fil-ħidma fuq il-bijometrika, enfasi akbar fuq l-aspetti tal-ittestjar skont l-ippjanar għal żidiet fil-kapaċità tal-BMS u l-iżvilupp ta' BMS kondiviża fil-ġejjieni). Filwaqt li l-proposta għal regolament ġdid tal-Aġenzija tipprevedi evoluzzjoni sinifikanti f'termini tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u riċerka - inkluż irwol fl-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE - u żieda assoċjata fl-għadd ta' membri tal-persunal involuti, mhuwiex previst li r-regolament il-ġdid jiġi adottat fil-ħin tal-ippjanar għas-snin 2018-2020. Għalhekk, l-istrateġija mħejjija sejra tiġi riformulata kif meħtieġ ladarba jsir applikabbli kwalunkwe mandat ġdid.

L-Aġenzija sejra tkompli tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri bl-iżviluppi fir-riċerka rilevanti għat-tmexxija operattiva ta' SIS II, VIS, Eurodac u sistemi oħrajn fuq skala kbira, mill-inqas darbtejn fis-sena. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni sejra tikkonsulta mal-Aġenzija matul it-tħejjija tal-attivitajiet ta' riċerka rilevanti għall-ħidma tal-Aġenzija (Programmi Qafas, sejħiet għal proposti).

Huwa mistenni li l-prijoritizzazzjoni tas-suġġetti tkompli tkun importanti minħabba l-limitazzjoni probabbli fuq ir-riżorsi għax-xogħol. Hekk kif is-sistemi tal-Aġenzija jkomplu jevolvu, l-oqsma tat-teknoloġija ġodda sejrin isiru aktar importanti (pereżempju, it-teknoloġiji assoċjati ma' interfaċċji tal-web onlajn li jistgħu jintużaw għall-EES u l-ETIAS futuri) u huwa propost li ssir aktar enfasi fuq dawn l-oqsma speċifiċi. L-isfidi fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni saru evidenti fil-passat riċenti, bħal mudelli tal-migrazzjoni li jvarjaw u li diffiċli jiġu mbassra u l-iżvilupp ta' theddidiet ġodda f'termini ta' terroriżmu u ċiberkriminalità. Sejjer ikun meħtieġ l-iżvilupp ta' arkitetturi tas-sistemi ġodda li jippermettu l-flessibbiltà u l-adattabbiltà, filwaqt li l-evoluzzjoni tas-sistemi f'din id-direzzjoni soġġetta għall-emendi leġiżlattivi rilevanti sejra tkun appoġġjata permezz ta' monitoraġġ tat-teknoloġija u r-riċerka. L-innovazzjonijiet fl-infrastruttura sejrin jiġu mmonitorjati wkoll b'mod aktar qawwi hekk kif il-mixja lejn l-eċċellenza fl-għoti tas-servizzi tkompli żżid fil-pass tagħha.

Minħabba li l-għan tal-evoluzzjoni tas-sistema ta' xprunar sejjer jitqiegħed fil-qalba tax-xogħol, l-interazzjonijiet mal-Gruppi Konsultattivi tal-Aġenzija sejrin ikunu aktar rilevanti minn qatt qabel. Il-preżentazzjoni frekwenti tal-ippjanar u tar-riżultati fil-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv sejra tibqa' importanti. Il-ħidma fil-perjodu tal-programm sejra tissawwar mill-kontribut ipprovdut minn kwestjonarju mxerred lill-membri tal-Grupp Konsultattiv fit-tieni nofs tal-2017.

Il-kollaborazzjoni sejra tkompli tkun importanti wkoll fil-qafas tal-arranġamenti ta' ħidma ma' korpi oħrajn tal-UE. Minħabba li jistgħu jiġu skjerati teknoloġiji avvanzati u li qegħdin jevolvu u minħabba li jenħtieġ li s-softwer b'sors miftuħ[22] ikun iffavorit kemm jista' jkun, il-monitoraġġ tal-ħidma tal-akkademiċi u tal-istituti tar-riċerka sejjer jiġi segwit b'mod aktar qawwi minn qabel. L-interazzjonijiet riċenti maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni enfasizzaw il-valur miżjud tal-interazzjoni miegħu u din il-kollaborazzjoni sejra tissaħħaħ fil-perjodu li qiegħed jiġi diskuss.

Ir-rwol tal-monitoraġġ tat-teknoloġija fi ħdan l-istrutturi ta' proġetti speċifiċi kien evidenti ħafna f'dawn l-aħħar snin bil-kontribuzzjonijiet għall-proġetti permezz tal-għoti ta' kontribut ibbażat fuq tali monitoraġġ għall-proġett pilota Fruntieri Intelliġenti, l-istudji dwar l-evoluzzjoni tal-AFIS ta' SIS II u tal-BMS u l-eżami tat-titjib tas-sigurtà tal-IT ikunu notevoli. Huwa previst ukoll irwol speċifiku għall-monitoraġġ tat-teknoloġija fl-istrutturi tal-proġetti fil-ġejjieni. B'mod partikolari, l-Uffiċjal għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-eu-LISA sejjer jiġi assenjat sabiex jassumi rwoli b'rabta mal-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, proġetti ffokati fuq l-interkonnettività u l-interoperabbiltà tas-sistemi u proġetti li jinvolvu modalitajiet jew funzjonalitajiet bijometriċi ġodda bbażati fuq il-proġetti pilota evalwati mitluba mill-Kummissjoni Ewropea[23]. Dan jippermetti l-ingranaġġ xieraq tal-għarfien miksub mit-teknoloġiji tal-monitoraġġ f'dawn l-oqsma fil-perjodu bejn l-2015 u l-2017.

Barra minn hekk, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti bħall-konferenza annwali tal-Aġenzija u d-diskussjonijiet madwar mejda mal-industrija sejra tissokta fil-perjodu 2018-2020. Minħabba li l-faċilitajiet ġodda sejrin ikunu disponibbli fiż-żewġ siti fi Strasburgu u f'Tallinn għall-ospitar ta' avvenimenti bħal dawn, tista' tiġi kkunsidrata żieda fin-numru ta' avvenimenti ospitati jekk tinħoloq id-domanda.

---

22 Sors miftuħ jirreferi għal softwer, applikazzjoni jew programm fejn il-kodiċi tas-sors ikun disponibbli għall-pubbliku sabiex jintuża, jiġi kondiviż u/jew immodifikat. Softwer bħal dan ġeneralment ikun disponibbli mingħajr ħlas.

23 Fir-rigward tal-proġetti relatati mal-interoperabbiltà, l-eu-LISA sejra tirrispetta d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Fl-esplorazzjoni tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, sejra tingħata kunsiderazzjoni speċjali għall-protezzjoni tad-data skont id-disinn, imsemmija fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2016/680.

## 2.3. Oqsma ta' azzjoni strateġika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3

*Tikber bħala ċ-ċentru prinċipali tat-teknoloġija tal-ICT u ċ-ċentru tal-kompetenzi tal-UE*

### 2.3.1. Sħubiji mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn

F'termini tat-trawwim ta' kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, l-eu-LISA sejra tkompli tippożizzjona lilha nnifisha bħala msieħba u konsulenta fdata fuq suġġetti li jappartjenu għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

Enfasi ewlenija sejra tkun fuq l-għoti ta' għarfien espert tekniku u l-kondiviżjoni tal-għarfien mal-Presidenzi b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE, sabiex b'hekk jiġi żgurat li l-firxa konsiderevoli ta' għarfien tal-eu-LISA fit-tmexxija ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira sservi bħala bażi għat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi infurmati. Barra minn hekk, l-uffiċċju ta' kollegament tal-eu-LISA fi Brussell sejjer ikompli jiżviluppa u jippermetti relazzjonijiet ta' ħidma effettivi mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u mal-atturi operattivi u tal-politika rilevanti. L-Aġenzija sejra tfittex li tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ta' ħidma diġà b'saħħithom u li tintensifika l-kooperazzjoni mal-Kunsillieri tal-ĠAI u mal-Parlament Ewropew permezz ta' skambji ta' opinjonijiet regolari.

Fl-2018, l-eu-LISA sejra teżamina l-iżvilupp tas-sħubiji eżistenti ma' entitajiet tal-Kummissjoni Ewropea, bħaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u d-DĠ DIGIT. L-għan ġenerali huwa li jiġu korrelatati l-azzjonijiet, jinħolqu sinerġiji u jiġi żgurat djalogu regolari. B'dan il-mod, l-Aġenzija sejra tkompli tibni approċċ inklużiv u olistiku lejn il-ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati matul l-2018, permezz ta' avvenimenti esterni ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni mfassla apposta.

### 2.3.2. Sħubiji ma' aġenziji u korpi rilevanti oħrajn tal-UE

L-eu-LISA sejra tkompli l-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' ħidma ma' diversi aġenziji tal-UE, b'enfasi speċifika fuq l-imsieħba fil-familja ta' aġenziji tal-ĠAI: is-CEPOL (l-arranġament ta' ħidma kien diġà ffirmat fl-2013 u kien segwit minn ftehimiet dwar il-kooperazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet ta' taħriġ, organizzati b'mod konġunt mill-eu-LISA u mis-CEPOL fl-2016 u fl-2017), il-Frontex u l-EASO (iż-żewġ ftehimiet ta' ħidma ġew iffirmati fl-2014), l-FRA u l-Europol (l-arranġament ta' ħidma mal-FRA u l-memorandum ta' qbil mal-Europol ġew iffirmati fl-2016). L-Aġenzija tfittex li tiffirma ftehimiet mal-Eurojust u mal-ENISA fl-2017. Sejra tissokta aktar kollaborazzjoni f'livell strateġiku ma' aġenziji oħrajn, bħall-EIGE u l-EMCDDA, fil-kuntest tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-ĠAI. Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tkompli tikkoopera mill-qrib mal-aġenziji li jikkoordinaw in-Netwerk tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u n-netwerk usa' ta' aġenziji tal-UE.

Fis-snin sal-2020, sejrin jittieħdu passi ulterjuri sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni mal-akkademiċi, mal-entitajiet tar-riċerka u mal-industriji relatati fl-iskali Ewropej u globali. Dan jgħin sabiex jissaħħaħ l-għarfien espert tal-Aġenzija bil-ħsieb tal-iżvilupp tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira eżistenti u ġodda fl-Ewropa u, b'mod ġenerali, sabiex jittejjeb il-forniment tas-servizzi lill-utenti finali. L-għan ta' dawn l-attivitajiet sejjer jibqa' li jappoġġjaw lill-Aġenzija fit-twettiq tal-mandat u l-kompiti tagħha, kif ukoll fil-promozzjoni tal-immaġini tagħha bħala aġenzija Ewropea miftuħa, affidabbli u effiċjenti.

L-eu-LISA sejra tfittex ukoll li tkompli ssaħħaħ ir-relazzjonijiet ta' ħidma diġà b'saħħithom u li tintensifika l-kooperazzjoni mal-Kunsilliera tal-ĠAI tal-Istati Membri u l-korpi diplomatiċi tal-Istati Membri tal-UE.

## 2.4. Oqsma ta' azzjoni strateġika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4

*Tiżviluppa organizzazzjoni moderna, effiċjenti u aġli*

### *2.4.1. Ippjanar strateġiku u operazzjonali*

Għall-perjodu 2018-2020, l-intenzjoni hija li jiġu rfinuti u jissaħħu aktar il-proċess u l-proċeduri tar-rapportar u tal-ippjanar strateġiku fi ħdan l-Aġenzija. L-enfasi tal-ippjanar operattiv sejra tkun fuq l-irfinar tal-użu tal-mudell tad-Dokument ta' Programmar Uniku sabiex jissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA, kif ukoll l-użu tal-approċċ sabiex jitwettaq aħjar l-ippjanar intern tal-ħidma u l-użu tar-riżorsi tal-unitajiet u tas-setturi. L-Aġenzija sejra ttejjeb aktar l-applikazzjoni tagħha għall-awtomatizzazzjoni tal-ġbir ta' informazzjoni għall-ippjanar annwali. Bil-għan li ttejjeb il-kwalità tal-ippjanar, l-Aġenzija sejra tipprovdi taħriġ speċifiku sabiex tiżgura li l-membri tal-persunal involuti fl-attivitajiet tal-ippjanar ikollhom il-ħiliet meħtieġa.

### *2.4.2. Ġestjoni finanzjarja u akkwist*

L-Aġenzija sejra tkompli tistabbilizza l-proċessi u l-proċeduri finanzjarji interni tagħha billi tiżgura l-ġestjoni effettiva u trasparenti tar-riżorsi finanzjarji u baġitarji disponibbli. B'mod partikolari, l-eu-LISA sejra timmira li tilħaq il-miri maħsuba fl-eżekuzzjoni tal-baġit permezz ta' preċiżjoni mtejba tat-tbassir baġitarju tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA sejra tkompli timmonitorja u tevolvi l-proċeduri finanzjarji u tal-akkwist tagħha, filwaqt li tistabbilixxi l-elementi li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-ABB.

Barra minn hekk, l-attivitajiet ta' akkwist tal-Aġenzija sejrin jiġu ssimplifikati aktar permezz tal-konsolidazzjoni u r-rinfurzar tal-proċeduri tagħha, il-bini u ż-żamma tal-kapaċitajiet sabiex tipprovdi pariri profiċjenti dwar l-aħjar prattiki u ż-żieda tat-trasparenza tal-ipprezzar fil-kuntratti li jappoġġjaw is-sistemi. Fil-perjodu 2018-2020 sejra tingħata attenzjoni partikolari sabiex tiġi żgurata l-aġilità meħtieġa bil-għan li jiġu akkwistati prodotti u servizzi jew jinkisbu riżorsi esterni addizzjonali sabiex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-prijoritajiet politiċi li qegħdin jevolvu fl-UE u l-impatt tagħhom fuq l-eu-LISA b'mod f'waqtu, bil-għan li jittejjeb il-kost tal-kuntratti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

### *2.4.3. Ġestjoni tal-faċilitajiet*

Fl-2018, il-ġestjoni tal-faċilitajiet sejra tiffoka fuq iċ-ċaqliq tal-Aġenzija lejn il-bini ġdid tagħha kemm f'Tallinn kif ukoll fi Strasburgu, kif ukoll fuq l-iżgurar tal-operazzjonijiet loġistiċi u organizzattivi għall-okkupazzjoni finali tal-binjiet mibnija ġodda jew irrinovati. L-għan sejjer ikun li jitwettqu l-impenji organizzattivi meħtieġa li huma previsti għat-trasferiment u r-rilokazzjoni (eż. tneħħija tal-għamara u tat-tagħmir). Dan sejjer jinkludi t-tħejjija u t-tnedija tal-offerta ġdida għall-provvisti tal-uffiċċji sabiex tippermetti t-twassil bla xkiel tal-provvisti meħtieġa u elaborazzjoni ulterjuri tal-pjan loġistiku.

Sforz ewlieni sejjer ikun it-twaqqif ta' ċentru tad-data tal-IT korporattiv ġdid u ddisinjat mill-ġdid għall-kwartieri ġenerali, filwaqt li ċ-ċentru tad-data għall-bini ta' Strasburgu mistenni jibqa' f'postu u jkompli jiġi mmodernizzat u estiż. Barra minn hekk, dan sejjer jinkludi l-previżjoni ta' sistema ġdida ta' ġestjoni tal-bini onlajn[24] fl-Aġenzija.

Barra minn hekk, sejrin jitwettqu attivitajiet sabiex jerġgħu jistabbilixxu s-servizzi korporattivi meħtieġa fiż-żewġ faċilitajiet ġodda, bħat-tindif, ir-rimi tal-iskart, il-provvisti u l-posta. Dawn l-isforzi sejrin ikunu akkumpanjati mill-implimentazzjoni ta' pjan loġistiku ddedikat għall-HQ il-ġodda.

Fir-rigward tal-applikazzjonijiet u t-teknoloġiji korporattivi, il-prijoritajiet ewlenin ulterjuri fl-2018, minbarra ċ-ċentru tad-data ġdid tal-bini tal-HQ, sejrin ikunu l-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tan-netwerk korporattiv, is-sistema korporattiva u l-arkitettura tal-ħażna tal-Aġenzija, kif ukoll l-istabbiliment mill-ġdid u r-rijabilitazzjoni tas-servizzi u tas-sistemi u l-applikazzjonijiet tal-IT korporattivi (eż. Microsoft SharePoint, Microsoft Project Server jew għodod iddedikati għall-ġestjoni tal-HR u tad-dokumenti). Barra minn hekk, l-għan tal-Aġenzija huwa li tiżviluppa l-Arkitettura tal-Intrapriża tal-eu-LISA matul dan il-perjodu, billi tieħu f'kunsiderazzjoni l-Qafas Ewropew tal-Interoperabbiltà u l-Arkitettura Ewropea ta' Referenza tal-Interoperabbiltà.

Il-kisba ta' soluzzjoni mtejba ta' rkupru minn diżastri u livell għoli ta' disponibbiltà għall-komponenti kollha tal-infrastruttura tal-IT korporattiva hija ppjanata għall-2019. B'mod parallel, il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tan-netwerk korporattiv, tas-sistema u tal-arkitettura tal-ħażna tal-Aġenzija sejrin ikomplu jiġu segwiti u miksuba b'inizjattivi differenti.

Is-sostituzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-infrastruttura korporattiva tal-Aġenzija wara perjodu ta' 5 snin għall-biċċa l-kbira tal-komponenti sejrin jitwettqu fl-2020. Barra minn hekk, l-enfasi sejra tkun fuq il-forniment ta' kapaċitajiet ta' komunikazzjoni aħjar, aktar sikuri u aktar mgħaġġla fir-rigward tal-komunikazzjoni bil-posta elettronika, bit-telefon, bl-internet u bil-web, kif ukoll fuq it-twassil ta' Aġenzija li kemm jista' jkun ma tagħmilx użu mill-karti billi tawtomatizza għadd ta' servizzi fil-katalogu tas-Servizzi Korporattivi.

Fir-rigward tal-faċilitajiet u l-bini, mill-2019 'il quddiem, l-enfasi ewlenija sejra tkun fuq il-valutazzjoni tal-bini l-ġdid f'Tallinn u fi Strasburgu, il-verifika li dawn jissodisfaw l-iskop tagħhom u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol minn perspettiva funzjonali. Sejjer jitwettaq ukoll it-titjib meħtieġ tal-faċilitajiet u x-xogħlijiet ta' manutenzjoni regolari f'konformità mal-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija. Fl-aħħar nett, dan sejjer jinkludi t-tħejjija u t-tnedija tal-offerta ġdida għall-provvisti tal-uffiċċji sabiex tippermetti t-twassil bla xkiel tal-provvisti meħtieġa u elaborazzjoni ulterjuri tal-pjan loġistiku. Fl-2020, huwa ppjanat li jkompli jittejjeb il-bini tal-HQ sabiex ikun jirrifletti l-ħtiġijiet riveduti tal-persunal, akkumpanjat minn xogħol ta' manutenzjoni regolari u titjib tal-faċilitajiet, f'konformità mal-objettivi strateġiċi tal-Aġenzija.

### 2.4.4. Ġestjoni tar-riżorsi umani

Il-funzjoni tal-HR tal-Aġenzija sejra tkompli tiżgura d-disponibbiltà tar-riżorsi umani adegwati sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi u l-pjanijiet operazzjonali tal-Aġenzija.

Hemm għadd ta' sfidi relatati mal-HR li trid tiffaċċja l-Aġenzija bejn issa u l-2020, iżda ta' tħassib immedjat huwa li tkompli tattira, tiżviluppa u żżomm il-persuni bl-esperjenza u l-ħiliet rilevanti, li tlaħħaq maż-żieda fl-ammont

24 Sistema ta' ġestjoni tal-bini, magħrufa wkoll bħala sistema awtomazzjoni tal-bini hija sistema ta' kontroll ibbażata fuq kompjuter u installata f'bini, li tikkontrolla u timmonitorja t-tagħmir elettriku u mekkaniku tal-bini, bħal ventilazzjoni, dawl u sistemi tal-enerġija.

ta' xogħol, filwaqt li fl-istess ħin timplimenta l-miżuri deskritti mill-Kummissjoni Ewropea fil-komunikazzjoni tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament sabiex tnaqqas il-persunal b'5 % sal-aħħar tal-2018[25].

Fil-ħin tal-abbozzar ta' dan id-dokument ta' programmar (PD), l-Aġenzija qiegħda tħejji għall-adozzjoni tar-Regolament dwar l-EES u tar-Regolament dwar l-ETIAS, li sejra tirriżulta fit-tkabbir tal-pjan ta' stabbiliment b'effett mid-dħul fis-seħħ tagħhom, li mistenni jkun fl-2017. L-Aġenzija sejra tirrikjedi riżorsi umani addizzjonali sabiex twettaq dawn il-kompiti addizzjonali sinifikanti u jeħtieġ li tirrekluta persunal għal dawn il-proġetti. L-għadd ta' persunal addizzjonali għal dawn u għall-attivitajiet ġodda l-oħrajn li huma mistennija b'rabta mal-Komunikazzjoni dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà[26] u mal-emenda prevista tar-Regolament tat-twaqqif, ladarba jiġu adottati, sejrin jinfluwenzaw il-ħidma fil-qasam tar-riżorsi umani u t-taħriġ, b'mod partikolari r-reklutaġġ u l-imbark tal-membri tal-persunal ġodda.

L-eu-LISA sejra tkompli tirrevedi b'mod proattiv il-kompiti tal-Aġenzija u l-impatt tagħhom fuq il-livelli tal-persunal u l-ġestjoni tar-riżorsi umani, eż. l-impatt potenzjali ta' sistemi ġodda fdati lill-eu-LISA jew kompiti addizzjonali relatati mas-sistemi diġà ġestiti mill-Aġenzija.

Hija sejra tkompli ttejjeb il-proċessi interni, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-infrastruttura fi ħdan l-HR, kif ukoll tiffoka fuq l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Istrateġija tal-HR tagħha, il-Politika dwar iż-Żamma tal-Persunal u l-Politika dwar is-Saħħa u s-Sigurtà li hija ppjanata li tiġi żviluppata fl-2017.

L-eu-LISA sejra tipprova wkoll tkompli ssaħħaħ il-kultura ta' eċċellenza tagħha permezz ta' programmi mmirati ta' żvilupp u taħriġ tekniċi u oħrajn rilevanti għall-persunal u inizjattivi sostenibbli sabiex tiġi żviluppata organizzazzjoni bi prestazzjoni għolja. Wara analiżi sħiħa tad-diskrepanza fil-ħiliet, l-Aġenzija sejra tiżviluppa pjan ta' taħriġ għall-organizzazzjoni kollha sabiex tiżgura li l-membri tal-persunal ikunu konxji tal-ħtiġijiet tat-taħriġ tagħhom u jkunu jistgħu jiksbu aċċess għal materjal u korsijiet ta' taħriġ xierqa.

### 2.4.5. Verifika

Il-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur Eżekuttiv sejrin ikomplu jistrieħu fuq il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-eu-LISA għal assigurazzjoni oġġettiva u indipendenti li l-kontrolli interni eżistenti huma adegwati sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-Aġenzija, li l-proċessi tal-governanza u l-ġestjoni tar-riskji tagħha huma effettivi u effiċjenti u li l-għanijiet annwali u l-objettivi strateġiċi tagħha jiġu ssodisfati.

L-eu-LISA sejra tkompli tuża l-IAC bħala faċilitatur ewlieni għat-tisħiħ tal-valutazzjoni tar-riskji u t-titjib tal-proċess. Għaldaqstant, l-Aġenzija sejra tkompli tikkoopera mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u mas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS), billi tospita l-missjonijiet ta' verifika tagħhom u tieħu miżuri sabiex tirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw, fejn meħtieġ. L-IAC sejra tkompli tikkoordina l-ħidma f'dan il-qasam.

Il-ħidma tal-IAC tinkludi t-tħejjija ta' pjanijiet tal-awditjar, rapporti, missjonijiet, attivitajiet ta' segwitu u l-iżgurar li l-maniġment u l-persunal tal-Aġenzija jkunu ġeneralment konxji tal-prinċipji, l-objettivi u l-proċeduri tal-awditjar intern u estern.

25 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Ipprogrammar tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020 tal-10 ta' Lulju 2013, COM(2013) 519 finali.

26 Komunikazzjoni tas-6 ta' April 2016 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Sistemi ta' Informazzjoni Aktar b'Saħħithom u Aktar Intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà, COM(2016) 205 finali.

Il-Mudell tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern għandu livelli minn 1 sa 5. Fl-2018, l-eu-LISA sejra timplimenta l-livell 3, 'Integrati', u l-livell 4, 'Ġestiti', sabiex b'hekk tippermetti lill-Aġenzija tinkorpora l-uffiċċju tal-awditjar intern tagħha fl-aktar operazzjonijiet rilevanti.

### 2.4.6. Komunikazzjoni esterna u interna

L-Aġenzija sejra tiffoka l-isforzi tagħha ta' komunikazzjoni esterna fuq il-komunikazzjoni strateġika, implimentata permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni integrata wara l-koordinazzjoni mal-Kummissjoni kif indikat fil-memorandum ta' qbil iffirmat mal-Kummissjoni. Din sejra tiġi ġestita f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli tar-Regolament tat-twaqqif u tal-MtQ mal-Kummissjoni u skont l-Istrateġija tal-Komunikazzjoni Esterna tal-eu-LISA għall-perjodu 2017-2020. L-għan huwa li jitrawmu relazzjonijiet trasparenti u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Aġenzija u l-partijiet ikkonċernati tagħha. L-eu-LISA sejra tkompli tibni fuq relazzjonijiet proattivi mal-udjenzi fil-mira, bħall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-industrija, u tkun responsabbli lejn il-pubbliku ġenerali b'informazzjoni online u offline regolari, fattwali u f'waqtha rigward il-mandat, l-attivitajiet u r-responsabbiltajiet ġodda tagħha.

L-Aġenzija sejra tiżviluppa u teżegwixxi l-komunikazzjoni interna tagħha bil-għan li tippromwovi l-istandards, il-kultura u l-valuri korporattivi tal-eu-LISA. L-organizzazzjoni sejra tkompli ssaħħaħ il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u għarfien, kif ukoll l-inizjattivi ta' involviment tal-impjegati fid-diversi postijiet tal-Aġenzija skont l-Istrateġija ta' Komunikazzjoni Interna aġġornata tal-eu-LISA għall-perjodu 2016-2020 u f'konformità mal-pjanijiet ta' azzjoni annwali. Sejra ssir enfasi fuq l-iffaċilitar ulterjuri ta' komunikazzjoni bidirezzjonali bejn il-persunal u l-maniġment billi jsir użu minn varjetà ta' għodod u mezzi ta' komunikazzjoni għall-benefiċċju tal-persunal.

# 3. Prospettiva tar-riżorsi umani u finanzjarji għas-snin 2018-2020

## *3.1 Ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni tal-passat u dik attwali*

### *3.1.1 Ħarsa ġenerali lejn il-popolazzjoni tal-persunal għall-2016*

Il-popolazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA tikkonsisti f'aġenti temporanji[27], aġenti kuntrattwali u esperti nazzjonali ssekondati.

Fl-2016, il-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija huwa stabbilit għal 118-il kariga għal aġenti temporanji, inklużi 44 kariga għall-grupp ta' funzjoni AST u 74 kariga għall-grupp ta' funzjoni AD.

Minħabba li xi kompiti kibru u ġew allokati kompiti ġodda lill-Aġenzija, in-numru ta' aġenti kuntrattwali laħaq 29 kariga maħluqa[28] sal-aħħar tal-2016, li juri żieda notevoli mis-sitwazzjoni fl-2015 u min-numru ta' karigi ta' AK awtorizzati skont il-baġit tal-2016.

Fl-2016, il-popolazzjoni totali tal-persunal tal-eu-LISA kienet tikkonsisti f'155 kariga, inklużi l-kategoriji ta' persunal kollha msemmija hawn fuq: 118-il aġent temporanju, 29 aġent kuntrattwali u 8 esperti nazzjonali ssekondati. Fl-2016, id-dawran tal-impjegati qabeż il-KPI fil-mira ta' 5 % u laħaq 7.64 %.

| Kategorija tal-persunal | Strasburgu | Tallinn | L-eu-LISA b'mod ġenerali |
|---|---|---|---|
| AT | 4.11 % | 14.63 % | 7.89 % |
| AK | 0.00 % | 28.57 % | 8.33 % |
| ENS | 0.00 % | 0.00 % | 0.00 % |
| Kollha | 3.19 % | 16.00 % | 7.64 % |

Għall-2017, skont il-baġit awtorizzat, il-popolazzjoni tal-persunal għandha tikkonsisti f'131 aġent temporanju (115-il kariga fil-pjan ta' stabbiliment u 16-il kariga ġdida; 88 fil-grupp ta' funzjoni AD u 43 fil-grupp funzjonali AST), 30 aġent kuntrattwali u 9 esperti nazzjonali ssekondati.

27 Dawn huma karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija. L-eu-LISA ma għandhiex karigi ta' Uffiċjali fil-pjan ta' stabbiliment tagħha.

28 Sal-aħħar tal-2016, kienu okkupati 24 kariga ta' AK, kienu ġew aċċettati 2 offerti ta' impjiegi bid-dati tal-bidu fil-Q1 tal-2017 u 3 karigi baqgħu vakanti, bir-reklutaġġ għadu għaddej.

Id-deskrizzjoni aktar dettaljata tal-iżviluppi hija pprovduta fit-taqsima 3.2.2, 'Riżorsi umani', b), 'Tkabbir tal-kompiti eżistenti', fejn huma inklużi l-perspettiva u l-ippjanar għall-perjodu 2018-2020.

### 3.1.2 In-nefqa għall-2016

Fl-2016, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' EUR 80.02 miljun riċevuti mis-sussidju tal-UE. L-Aġenzija żammet ir-rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit tagħha sa tmiem is-sena:

- 97.9 % għall-approprjazzjonijiet ta' impenn;
- 97.6 % għall-approprjazzjonijiet ta' pagament li jinkludu r-riport tan-nefqa amministrattiva għall-2017.

Mill-baġit totali, 28.2 % intefqu fuq it-tmexxija tal-Aġenzija (it-Titolu 1 u t-Titolu 2), li jammontaw għal EUR 22.1 miljun, li EUR 14.2 miljun minnhom kienu nefqa fuq il-persunal u EUR 7.9 miljun kienu nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat. Il-baġit operattiv totali li ġie eżegwit kien jammonta għal EUR 56.2 miljun (71.8 % tal-baġit totali), li EUR 12.8 miljun minnhom kienu impenjati għal SIS II, EUR 31.2 miljun għal VIS, EUR 1.3 miljun għal Eurodac u EUR 7.0 miljun għal infrastruttura ta' sistema kondiviża u għas-sigurtà tas-sistema u l-kontinwità tan-negozju. Ġew impenjati EUR 4.0 miljun għal, fost l-oħrajn, taħriġ relatat mal-operazzjonijiet u servizzi ta' appoġġ estern relatati ma' sistemi ewlenin, eċċ.

### 3.1.3 Informazzjoni oħra

L-informazzjoni rigward ir-riżorsi umani, il-politika tar-reklutaġġ, l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u r-riklassifikazzjoni, il-politika tal-mobbiltà, il-bilanċ ġeografiku u bejn is-sessi, kif ukoll l-edukazzjoni skolastika hija pprovduta fl-Anness IV A-E.

## 3.2 Programmar tar-riżorsi għall-perjodu 2018-2020

### 3.2.1 Ir-riżorsi finanzjarji

Matul il-ftit snin li ġejjin, l-Aġenzija sejra jkollha baġit dejjem akbar minħabba li sejrin jiġu assenjati kompiti ġodda lilha. Fil-ħin tal-abbozzar ta' dan id-dokument, huma għadhom soġġetti għall-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi rispettivi. It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kompiti ġodda u l-baġit korrispondenti għall-perjodu tal-ippjanar 2018-2020.

| Kompiti ġodda soġġetti għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika **oriġinarjament inklużi** fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja tal-Infiq u d-Dħul tal-eu-LISA (Jannar 2017) | | | |
|---|---|---|---|
| **Kompiti ġodda soġġetti għal bażi ġuridika ġdida** | **Infiq stmat (EUR miljuni)** | | |
| | **2018** | **2019** | **2020** |
| LFS dwar l-iżvilupp tal-EES* | 59.389 | 146.202 | 25.827 |
| LFS dwar l-Eurodac* | 12.138 | 5.868 | 0.268 |
| LFS dwar l-Allokazzjoni ta' Dublin | 0.983 | 0.135 | 0.735 |
| LFS dwar it-tfassil mill-ġdid ta' SIS II dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija/fil-fruntieri* | 13.103 | 2.261 | 2.192 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| LFS dwar it-tfassil mill-ġdid ta' SIS II dwar ir-ritorn* | 2.590 | 0.517 | 0.517 |
| LFS dwar ETIAS* | 26.763 | 14.231 | 59.879 |
| **Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida** | **114.966** | **169.214** | **89.418** |

* L-estimi jinkludu l-infiq amministrattiv, li sejjer jiġi allokat f'konformità man-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, 'Nefqa tal-persunal', u fit-Titolu 2, 'Nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat'.

Imqabbla mal-limiti massimi tal-baġit inizjali stabbiliti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2015-2020, l-introduzzjoni tal-kompiti l-ġodda sejra żżid l-infiq b'aktar minn 200 % matul il-perjodu ta' programmar previst.

Flimkien mal-kompiti ġodda elenkati hawn fuq, li għalihom l-Aġenzija talbet fiċ-ċirkulari tal-baġit għall-2018 l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament rispettivi, huma mistennija li jiżdiedu mal-baġit għall-2018 kompiti addizzjonali li jammontaw għal EUR 30 miljun meta tiġi adottata l-bażi ġuridika (ara t-tabella ta' hawn taħt għad-dettalji).

| Kompiti ġodda soġġetti għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika **mhux oriġinarjament inklużi** fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja tal-Infiq u d-Dħul tal-eu-LISA (Jannar 2017) | | | |
|---|---|---|---|
| **Kompiti ġodda soġġetti għal bażi ġuridika ġdida** | Infiq stmat (EUR miljuni) | | |
| | **2018** | **2019** | **2020** |
| LFS dwar ECRIS* | 4.029 | 4.116 | 4.116 |
| LFS dwar l-ER rivedut - reviżjoni tal-persunal addizzjonali* | 2.902 | 3.178 | 3.454 |
| LFS dwar l-ER rivedut - internalizzazzjoni tal-AK* | -0.281 | -0.281 | -0.281 |
| LFS dwar l-ER rivedut - trasferiment tan-netwerk | 19.221 | 19.221 | 19.221 |
| LFS dwar l-ER rivedut - studji/konsulenza | 4.000 | 4.000 | 4.000 |
| **Baġit totali soġġett għal bażi ġuridika ġdida** | **29.871** | **30.234** | **30.510** |

* L-estimi jinkludu l-infiq amministrattiv, li sejjer jiġi allokat f'konformità man-nomenklatura baġitarja fit-Titolu 1, 'Nefqa tal-persunal', u fit-Titolu 2, 'Nefqa fuq l-infrastruttura u l-operat'.

L-approprjazzjonijiet ta' impenn stmati għall-attivitajiet ewlenin fl-2018, fl-2019 u fl-2020 jaqblu mal-limitu massimu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Sejrin ikunu meħtieġa servizzi ta' appoġġ estern għal kompiti marbuta man-nefqa amministrattiva u operattiva u dawn jinkludu speċifikament forrnituri ta' servizzi esterni li jappoġġjaw lill-Aġenzija għal kompiti li ma jistgħux ikunu koperti mill-persunal tal-Aġenzija minħabba limitazzjonijiet ta' riżorsi umani jew in-natura speċjalizzata tal-kwalifiki jew l-għarfien meħtieġa, jekk ma jkunux disponibbli fl-Aġenzija.

Fir-rigward tan-nefqa amministrattiva, huwa previst li n-nefqa sejra tiżdied f'konformità mat-tkabbir ulterjuri fin-numri ta' persunal statutorju u aġenti kuntrattwali kif mitluba u soġġetti għall-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi l-ġodda. Il-baġit għall-bini mistenni jiżdied sabiex jakkomoda l-forniment tal-għamara u t-tagħmir kemm tas-sit estiż fi Strasburgu, kif ukoll, mill-2018, tal-kwartieri ġenerali ġodda f'Tallinn, li bħalissa qegħdin jiġu ppjanati mill-gvern Estonjan għas-spejjeż tiegħu. Tqassim ulterjuri tal-estimi skont il-kapitolu baġitarju huwa ppreżentat fl-Anness II.

L-Anness I jipprovdi informazzjoni dettaljata tan-nefqa operattiva skont is-sistema kif stabbilita fil-PD 2018 u l-ippjanar pluriennali u l-ġustifikazzjoni tal-baġit. L-Anness II fih tqassim tal-baġit skont l-istruttura baġitarja tal-Aġenzija, fejn l-infiq operattiv huwa raggruppat għal kull sistema skont il-kapitolu baġitarju.

### *3.2.2 Riżorsi umani*

L-informazzjoni dettaljata dwar l-ippjanar tar-riżorsi umani tal-Aġenzija hija ppreżentata fit-Tabelli 1 u 2 fl-Anness III, li jipprovdu l-ippjanar tal-persunal għat-tul tal-pjan pluriennali: 2018-2020.

Hija tieħu f'kunsiderazzjoni l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea kif deskritta fil-Komunikazzjoni tagħha[29] lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Programmar tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020 tal-10 ta' Lulju 2013, f'dak li għandu x'jaqsam maċ-ċifri tal-pjan ta' stabbiliment. It-tnaqqis jinkludi 5 % tal-persunal (ugwali għal sitt karigi) u kariga waħda għall-grupp tal-iskjerament tal-aġenziji Ewropej. F'dan il-kuntest, il-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA għandu jonqos bejn l-2016 u l-2018 minn 120 kariga fl-2015 għal 113-il kariga.

Fl-istess ħin, dan id-dokument ta' programmar jinkludi l-ħtiġijiet tal-persunal għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u t-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac[30] mill-2017, sabiex b'hekk il-pjan ta' stabbiliment jiżdied b'16-il kariga.

L-iżviluppi msemmija hawn fuq għandhom jirriżultaw fil-pjan ta' stabbiliment għall-2017 li jikkonsisti f'131 kariga ta' AT (115 mill-pjan ta' stabbiliment u 16 ġodda), maqsuma bejn 88 kariga ta' AD u 43 kariga ta' AST.

Fl-2018, il-pjan ta' stabbiliment sejjer jiżdied b'7 karigi addizzjonali għall-ETIAS il-ġdida[31], sabiex jintlaħqu 136 kariga ta' AT (113 mill-pjan ta' stabbiliment u 23 ġodda), maqsuma bejn 94 kariga ta' AD u 42 kariga ta' AST.

Hija prevista wkoll żieda fin-numru ta' ENS, minn 9 karigi fl-2017 għal 11 fl-2018, sabiex tiġi koperta l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti.

L-aġenti kuntrattwali mhumiex parti mill-pjan ta' stabbiliment, iżda għadhom rilevanti kemm minn perspettiva baġitarja kif ukoll minn dik tal-ippjanar tal-forza tax-xogħol. L-informazzjoni dettaljata ppreżentata fit-Tabella 1 fl-Anness III tirrifletti d-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija u tad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA dwar il-karigi addizzjonali ta' aġenti kuntrattwali għall-2016 u l-impatt tagħhom fuq l-ippjanar tal-persunal fis-snin 2018-2020. Huma deskritti wkoll fil-punt b) (Tkabbir tal-kompiti eżistenti) hawn taħt.

Il-prospettiva tar-riżorsi matul is-snin 2018-2020

L-enfasi ewlenija fir-rigward tar-riżorsi umani tal-eu-LISA sejra tkompli tkun fuq il-kombinazzjoni ta' żvilupp regolari u flessibbli ta' riżorsi umani interni mal-approċċ ta' esternalizzazzjoni, kull fejn din tkun ta' valur miżjud għall-attivitajiet imwettqa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-PDs tal-Aġenzija fis-snin 2018-2020.

a) **Kompiti ġodda**

L-Aġenzija għadha lesta li tieħu r-responsabbiltà għall-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi oħrajn, soġġetta għall-adozzjoni tal-istrumenti legali rilevanti, pereżempju s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jew l-ETIAS.

---

29 COM (2013) 519 finali. Huwa jipprevedi li tnaqqis fil-persunal (aġenti temporanji) jirriżulta fil-livelli ta' persunal li ġejjin: 120 fl-2015 segwiti minn 118 fl-2016, 115 fl-2017 u 113 fis-snin 2018-2020.

30 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida], għall-identifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirrisjedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (tfassil mill-ġdid).

31 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624.

### Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)

L-EES sejra ssir kompitu ġdid għall-eu-LISA ladarba l-bażi ġuridika tal-EES tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) għar-reġistrazzjoni tad-data dwar id-dħul u l-ħruġ u tad-data dwar ir-rifjut tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal finijiet ta' infurzar tal-liġi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u r-Regolament (KE) 767/2008 dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża.

Dan ir-Regolament sejjer jemenda wkoll ir-Regolament tat-twaqqif sabiex ikun jirrifletti l-kompiti ġodda tal-EES.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess, ġiet skedata ħidma preparatorja għall-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u r-reklutaġġ tal-persunal addizzjonali meħtieġ.

Hija ppjanata żieda fil-pjan ta' stabbiliment b'14-il kariga b'effett mill-2017 għar-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa għall-EES. It-Tabella 1 ta' hawn taħt tippreżenta l-gradazzjoni u r-responsabbiltajiet ta' dawn il-karigi.

*Tabella 1: Previżjoni tal-karigi addizzjonali meħtieġa għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ*

| Aġenti temporanji (AT) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Unità** | **Kariga** | **Grad** | **2017** | **2018** | **2019** | **Kumulattivi 2017-2020** |
| **AMMU** | Maniġer tal-Programmi | AD 8 | 1 | | | 1 |
| | Maniġer tal-Proġetti | AD 7 | 1 | | | 1 |
| | Garanzija tal-Kwalità Teknika u tal-Proġetti | AD 5 | 1 | | | 1 |
| | Maniġer tal-Ittestjar | AD 5 | 2 | | | 2 |
| | Amministratur tal-Applikazzjoni | AD 5 | 1 | | | 1 |
| | Arkitett tal-Applikazzjoni | AD 7 | 1 | | | 1 |
| | Inġinier tal-Bażijiet ta' Data/Speċjalista tal-Midwer tal-Arkitettura Orjentat għas-Servizzi | AD 5 | 1 | | | 1 |
| | Analista Kummerċjali/Arkitett tas-Soluzzjonijiet | AD 7 | 1 | | | 1 |
| **OIU** | Amministratur tas-Sistema | AD 5 | 1 | | | 1 |
| **SEC** | Uffiċjal għas-Sigurtà tal-Informazzjoni | AD 5 | 1 | | | 1 |
| **FPU** | Uffiċjal tal-Finanzi | AD 7 | 1 | | | 1 |
| | Uffiċjal tal-Akkwisti | AD 5 | 1 | | | 1 |
| | Uffiċjal/Assistent tal-Finanzi/Baġit | AST 4 | 1 | | | 1 |
| **AT totali: 1 × AD 8, 4 × AD 7, 8 × AD 5 u 1 × AST 4** | | | **14** | **0** | **0** | **14** |

Għall-karigi msemmija hawn fuq, il-gradazzjoni proposta hija f'konformità mal-Artikolu 53 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fil-firxa ta' AD 5 sa 8 għall-Amministraturi u fil-firxa ta' AST 1 sa 4 għall-Assistenti. Għall-maġġoranza tal-karigi tintuża gradazzjoni fil-livell tad-dħul. Il-gradi li huma aktar għoljin huma ppjanati għall-karigi fejn hija strettament meħtieġa esperjenza preċedenti speċjalizzata jew sostanzjali (ġestjoni tal-proġetti u tal-programmi, disinn u analiżi tal-arkitettura teknika, ġestjoni finanzjarja għolja). Dan huwa l-minimu meħtieġ mill-Aġenzija sabiex tfassal, tiżviluppa, tevolvi u żżomm sistema ġdida ta' disponibbiltà għolja, b'baġit addizzjonali li jirdoppja l-approprjazzjonijiet operattivi. Minħabba l-kompiti speċjalizzati, sejjer ikun diffiċli li jiġi attirat il-professjonaliżmu meħtieġ, sakemm l-anzjanità fil-gradazzjoni ma tkunx tirrifletti l-livell ta' responsabbiltà għall-kompiti relatati mal-EES.

**ETIAS**

Karigi ta' aġenti temporanji

Il-Kummissjoni Ewropea ħejjiet Proposta għal Regolament[32] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/794 u (UE) 2016/1624, li jipprevedu żieda fil-pjan ta' stabbiliment tal-eu-LISA b'seba' karigi fil-grupp tal-funzjoni ta' AD għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-ETIAS.

*Tabella 2: Previżjoni tal-karigi addizzjonali ta' AT għall-ETIAS*

| **Aġenti temporanji (AT)** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Unità/dipartiment** | **Profil tal-kariga** | **Grad** | **2018** | **2019** | **2020** | **Kumulattivi 2018-2020** |
| **OD** | Ġestjoni tal-programmi/proġetti – Kap tal-Unità | AD 10[33] | 2 | 2 | 2 | 2 |
| **AMMU** | Ġestjoni tal-programmi/proġetti | AD 7 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| **AMMU** | Assigurazzjoni tal-kwalità | AD 6 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| **FPU** | Ġestjoni tal-kuntratti | AD 5 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| **AT totali: 2 × AD 10, 2 × AD 7, 2 × AD 6 u 1 × AD 5** | | | **7** | **7** | **7** | **7** |

Karigi ta' aġenti kuntrattwali

Barra minn hekk, huma ppjanati xi karigi addizzjonali għal aġenti kuntrattwali għall-ETIAS: 10 għal Esperti Tekniċi mill-2018, 2.5 għall-attivitajiet tal-ittestjar mill-2019 u 2.5 aktar għall-ittestjar mill-2020. Mill-2020, sejrin jiġu allokati wkoll ħames karigi addizzjonali għall-appoġġ tal-helpdesk (24/7) u ħamsa għall-operaturi li jimmonitorjaw is-sistema ċentrali (24/7).

*Tabella 3: Previżjoni tal-karigi addizzjonali ta' AK għall-ETIAS*

32 COM(2016) 731 finali.

33 Huma ppjanati żewġ karigi ta' AD 10 fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet sabiex jiġi żgurat il-livell ta' esperjenza professjonali meħtieġ għat-twettiq tar-rwol tal-Kap tal-Unità, li potenzjalment jippermetti l-mobbiltà interna. Jekk il-pjan ta' stabbiliment jiżdied b'mod ġenerali għal xi karigi addizzjonali ta' maniġment intermedju, dan il-pjan jista' jiġi rivedut. L-istruttura organizzattiva tal-eu-LISA se jkollha tiġi riveduta wara l-implimentazzjoni tal-proġett addizzjonali u ż-żieda korrispondenti tal-persunal.

| Aġenti kuntrattwali (AK) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Unità** | **Karigi** | **Grupp ta' funzjoni** | **2018** | **2019** | **2020** | **Kumulattivi 2018-2020** |
| **AMMU** | Esperti Tekniċi | FG IV | 10 | 10 | 10 | 10 |
| **AMMU** | Ittestjar | FG IV | 0 | 2.5 | 5 | 5 |
| **OIU** | Appoġġ tal-Helpdesk | FG III | 0 | 0 | 5 | 5 |
| **OIU** | Operaturi li Jimmonitorjaw is-Sistema Ċentrali | FG III jew FG IV[34] | 0 | 0 | 5 | 5 |
| **AK totali: FG IV u FG III** | | | **10** | **12.5** | **25** | **25** |

Wara l-inizjattivi leġiżlattivi tal-Kummissjoni Ewropea u soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika mill-koleġiżlaturi, fl-2018, l-Aġenzija se jkollha tibda l-passi għall-iżvilupp tas-sistema ECRIS-TCN (għal Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi). ECRIS-TCN sejra tkun is-sistema ġdida żviluppata u ġestita mill-eu-LISA. Il-kompiti mwettqa mill-eu-LISA matul il-fażi ta' implimentazzjoni huma ppjanati għall-ġestjoni tal-proġetti, is-segwitu għall-iżvilupp, l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-ittestjar tas-sistema[35].

*Tabella 4: Previżjoni tal-karigi addizzjonali ta' AK għall-ECRIS-TCN*

| Unità | Profil | Grupp ta' funzjoni | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | Kumulattivi 2019-2021 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TBD[36] | Maniġer tal-Proġetti | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| TBD | Inġinier tas-Sistema | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| TBD | Espert tal-Applikazzjonijiet | FG IV | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| TBD | Inġinier tal-Kwalità tas-Softwer | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AK totali: FG IV | | | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 |

**b) It-tkabbir tal-kompiti eżistenti**

*Kompiti derivati mid-deċiżjonijiet meħuda fis-snin 2015-2017 li jaffettwaw l-ippjanar għas-snin 2018-2020*

Karigi ta' aġenti temporanji

Fis-sitwazzjoni politika attwali u l-istadju attwali tal-iżviluppi fit-teknoloġija, l-Aġenzija tibqa' ffokata fuq it-titjib jew l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi ġestiti minnha.

34 Distribuzzjoni aktar preċiża tal-gruppi ta' funzjoni sejra sseħħ meta tiġi aċċettata l-proposta għall-proġett. Għall-fini ta' ħarsa ġenerali lejn il-persunal, intuża l-grupp ta' funzjoni IV fit-Tabella 1 fl-Anness III.

35 It-talba inizjali tal-eu-LISA kienet għas-6 FTEs bħala aġenti temporanji. It-Tabella 4 tippreżenta l-livell tal-persunal f'konformità mal-LFS legali tal-Kummissjoni.

36 "TBD" tfisser "li għandu jiġi ddeterminat".

L-implimentazzjoni tat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac sejra ssir kompitu estiż għall-eu-LISA ladarba tiġi adottata l-proposta li ġejja mill-koleġiżlaturi: proposta għal Regolament[37] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-[Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida] għall-idenifikazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil mad-data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi (tfassil mill-ġdid).

Hija ppjanata żieda fil-pjan ta' stabbiliment b'żewġ karigi b'effett mill-2017 għar-riżorsi umani addizzjonali meħtieġa għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac. It-Tabella 5 tippreżenta l-gradazzjoni u r-responsabbiltajiet ta' dawn il-karigi.

*Tabella 5: Previżjoni tal-karigi addizzjonali għat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac*

| **Aġenti temporanji (AT)** | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Unità** | **Kariga** | **Grad** | **2018** | **2019** | **2020** | **Kumulattivi 2018-2020** |
| **AMMU** | Speċjalista tal-IT | AD 5 | 2 | 0 | 0 | 2 |
| **AT totali: AD 5** | | | **2** | **0** | **0** | **2** |

Karigi ta' aġenti kuntrattwali

Inizjalment ġew ippjanati 12-il kariga għall-2016 u li mbagħad ġew awtorizzati fil-baġit għall-2016. Minbarra dawn, fl-aħħar tal-2015 u fl-ewwel trimestru tal-2016, inħolqu l-11-il kariga li ġejjin permezz tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija u kariga waħda permezz tad-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv minħabba l-kompiti li qed jespandu:

- sitt karigi ta' AK FG IV għall-amministraturi tan-Netwerk (TESTA-ng);
- kariga waħda ta' AK FG IV għall-Kontinwità tan-Negozju Korporattiv;
- erba' karigi ta' AK FG IV għall-Eurodac;
- kariga waħda ta' AK FG III għal Assistent tal-HR sabiex jissostitwixxi membru tal-persunal fuq liv estiż, bil-possibbiltà li tiġi ttrasformata f'kariga ta' żmien twil jekk il-bażi ġuridika għall-EES tiġi adottata fl-2016.

Barra minn hekk, fl-2016, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA approva u emenda l-Programm ta' Ħidma Annwali għall-2016 bl-inklużjoni tal-proġett AFIS ta' SIS II[38] għall-integrazzjoni tat-teknoloġija tal-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' f'SIS II. Għalkemm id-dikjarazzjonijiet legali u finanzjarji għall-proposta ta' AFIS ta' SIS II ma kinux inklużi, wara din id-deċiżjoni, ġiet aċċettata talba[39] mill-Kap tal-AMMU sabiex jiġu żgurati r-riżorsi umani rilevanti u ġew irreklutati żewġ karigi addizzjonali ta' AK (Speċjalista tal-IT u Amministratur tal-Applikazzjonijiet). Fil-ġejjieni, kariga waħda addizzjonali ta' ENS (għal Analista Kummerċjali) hija riflessa fil-ħarsa ġenerali lejn il-persunal għal dan il-proġett li jibda mill-2018.

37 COM(2016) 272 finali/2.

38 Deċiżjoni 2016-012 tal-BT tal-eu-LISA tal-15 ta' Marzu 2016 (dokument ta' ref. 2016-024).

39 Nota mill-Kap tal-AMMU lill-Kap ta' RAD tal-20 ta' Mejju 2016 (referenza: eu-LISA/AMMU/RP/I-97/2016).

Fil-Q3 tal-2016, id-Direttur Eżekuttiv approva l-ħolqien ta' **tliet karigi addizzjonali ta' AK** sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-ammont ta' xogħol li ma jistgħux jiġu ġestiti permezz tal-esternalizzazzjoni tal-kompiti li huma ta' natura kummerċjali ewlenija fis-Settur tas-Servizzi Korporattivi u fl-Unità tal-Koordinazzjoni Ġenerali. Dawn il-karigi huma għall-pożizzjonijiet li ġejjin: Inġinier tan-Netwerk fi Strasburgu, Uffiċjal tal-Politika fl-Uffiċċju ta' Kollegament fi Brussell u Assistent għall-Kap tal-Unità ta' Koordinazzjoni Ġenerali f'Tallinn.

Billi l-karigi ta' AK imsemmija hawn fuq ma kinux inklużi fid-dokument ta' ppjanar għall-2016, is-sitwazzjoni kienet regolarizzata fi ħdan il-proċedura li temenda l-Programm ta' Ħidma 2017 u l-baġit għall-2017.

Fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea ħejjiet żewġ proposti għal Regolamenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill: dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirrisjedu illegalment[40] (SIS II ritorni) u dwar l-istabbiliment, l-operat u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006[41] (SIS II Fruntieri/LE). Dawn ikunu jirrikjedu li l-eu-LISA taġġorna s-sistema fis-seħħ sabiex tirrispondi għall-kompiti l-ġodda. Għal dan l-iżvilupp, ġew ippjanati erba' karigi ta' aġenti kuntrattwali.

*Tabella 6: Previżjoni għall-karigi addizzjonali għal SIS II ritorni u SIS II Fruntieri/LE*

| Aġenti kuntrattwali (AK) | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Unità/proġett** | **Kariga** | **Grupp ta' funzjoni** | **2018** | **2019** | **2020** | **Kumulattivi 2018-2020** |
| **AMMU/SIS II Fruntieri/LE** | Speċjalista tal-IT | FG IV | 3 | 3 | 3 | 3 |
| **AMMU/SIS II ritorni** | Speċjalista tal-IT | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| | | **AK totali: FG IV** | **4** | **4** | **4** | **4** |

F'Novembru 2016, il-Bord tat-Tmexxija awtorizza[42] lill-Aġenzija sabiex titlob ekwivalenti ta' ingaġġ full-time (FTE) intern wieħed u espert estern wieħed sabiex jassistu lill-Awditur Intern fil-kompitu tal-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Awditjar Intern. Għalhekk, kariga ta' AK addizzjonali hija ppreżentata mill-2018 u riflessa fit-Tabella 7 ta' hawn taħt.

### *Il-ħtiġijiet tal-persunal għall-kompiti li joħorġu minn dan il-WP 2018-2020*

Sommarju tal-persunal addizzjonali meħtieġa sabiex jimplimentaw il-kompiti u jwettqu l-attivitajiet deskritti f'dan il-PD 2018-2020 huwa ppreżentat fit-Tabella 7.

*Tabella 7: Previżjoni tal-persunal addizzjonali għall-attivitajiet elenkati fil-PD 2018, fl-Anness I*

| Unità | Titolu tal-attività tal-PD | Numru ta' membri tal-persunal ġodda | Ġustifikazzjoni | Tip ta' kariga | 2018 | 2019 | 2020 | Kumulattivi 2018-2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

40 COM(2016) 881 finali.

41 COM(2016) 882 finali.

42 Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2016-123 (punt B 14 fuq l-aġenda, dokument ta' referenza 2016-129).

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **meħtieġa għall-kompitu/proġett** | | | | | | |
| GCU | Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Gruppi Konsultattivi | 1 | FTE wieħed (1) għal Assistent tal-AG tal-EES | AK FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |
| GCU | L-għoti ta' pariri legali lill-eu-LISA | 1 | FTE wieħed (1) sabiex jappoġġja l-ħidma tal-Uffiċjal Legali | AK FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| AMMU | L-implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data sabiex tittejjeb il-Fażi 2 tal-ġenerazzjoni tal-istatistika u r-rapportar awtomatizzat (kontinwazzjoni mill-2017) soġġetta għall-eżitu tal-HLEG u l-emendi leġiżlattivi possibbli | 1 | FTE wieħed (1) għal Uffiċjal tar-Rapporti tas-Sistemi | AK FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| HRTU | Għodod tal-IT tal-HR żviluppati u implimentati fil-produzzjoni (Allegro, Sysper II u/jew applikazzjoni ddedikata għall-ġestjoni tal-ħin) | 1 | FTE wieħed (1) meħtieġ sabiex jassisti fil-proġett u jservi bħala helpdesk għall-HRTU u l-membri tal-persunal fl-ewwel sentejn tal-implimentazzjoni u l-użu tal-għodod tal-IT | AK FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| IA[43] | L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali | 1 | FTE wieħed għal Assistent tal-Awditjar jekk l-Aġenzija tiġi fdata sabiex tiżviluppa u tiġġestixxi r-raba' sistema tal-IT fuq skala kbira, l-EES. Il-baġit mehmuż ma' dan huwa ta' | AK FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |

43 Din il-kariga ġiet inkluża fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament rivedut tal-eu-LISA..

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | madwar EUR 59.4 miljun, li jkun id-doppju tal-baġit tal-Aġenzija u jżid riskji u sfidi ġodda mas-sistema ta' kontroll intern. Sabiex tiġi żgurata l-kopertura minima tal-awditjar, sejjer ikun meħtieġ FTE wieħed (1) addizzjonali | | | | | |
| UPD | Il-monitoraġġ mill-qrib tan-notifika tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar, l-Istħarriġ Annwali dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-għoti ta' gwida dwar il-privatezza mid-disinn | 1 | FTE wieħed (1) għal Assistent tal-UPD Din saret talba kritika, minħabba li l-ammont ta' xogħol qed jiżdied b'mod qawwi, speċjalment bil-kompiti ġodda fdati lill-eu-LISA. Din it-talba hija bbażata fuq is-sejbiet riċenti tar-rapport ta' evalwazzjoni dwar l-eu-LISA, kif ukoll fuq ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa permezz ta' ittra mill-KEPD lid-Direttur Eżekuttiv. Il-kariga sejra sservi sabiex tappoġġja l-attivitajiet kollha elenkati fit-taqsima tal-WP 2018 dwar l-UPD | AK FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSS | Arkitettura tan-netwerk korporattiv | 1 | L-attivitajiet u l-proġetti relatati mal-arkitettura tan-netwerk jeħtieġu koordinazzjoni teknika u tal-proġetti fejn l-involviment parzjali tal-kontropartijiet tal-membri tal-persunal huwa meħtieġ sabiex jipproteġi l-interessi tal-eu-LISA u jippermetti l-preservazzjoni tal-għarfien internament. Bħalissa, l-eu-LISA għandha biss membru tal-persunal | AK FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | tekniku wieħed (1) għall-IT korporattiva kollha | | | | | |
| CSS | Sistema korporattiva u arkitettura tal-ħażna | 1 | L-attivitajiet u l-proġetti relatati mas-sistema u mal-arkitettura tal-ħażna jeħtieġu koordinazzjoni teknika u tal-proġetti fejn l-involviment parzjali tal-kontropartijiet tal-membri tal-persunal huwa meħtieġ sabiex jipproteġi l-interessi tal-eu-LISA u jippermetti l-preservazzjoni tal-għarfien internament. Bħalissa, l-eu-LISA għandha biss membru tal-persunal tekniku wieħed (1) għall-IT korporattiva kollha | AK FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSS | Infrastruttura tal-IT fil-HQ il-ġodda | 1 | Huwa meħtieġ Espert tal-IT fiċ-Ċentru tad-Data li jista' jiżgura l-konformità mal-ISKE[44] u jista' jagħti pariri dwar ir-rilokazzjoni ta' komponenti sensittivi tal-IT | AK FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSS | Titjib tal-applikazzjonijiet korporattivi | 1 | Aħna neħtieġu Żviluppatur tal-Applikazzjonijiet sabiex ikopri l-ħtiġijiet kostanti u kontinwi tal-applikazzjonijiet korporattivi | AK FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSS | L-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-HQ il-ġodda | 1 | L-ippjanar effiċjenti u effettiv u l-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-bini ġdid f'Tallinn (rinnovament, forniment tal-ikel, | AK FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |

[44] L-ISKE huwa standard tas-sigurtà tal-informazzjoni li huwa żviluppat għas-settur pubbliku Estonjan. Skont ir-Regolament tal-Gvern nru. 273 tat-12 ta' Awwissu 2004, l-ISKE huwa obbligatorju għall-organizzazzjonijiet tal-Istat u tal-gvern lokali li jittrattaw il-bażijiet ta' data/ir-reġistri.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | laqgħat, tindif, rimi tal-iskart, provvisti, posta, loġistika) | | | | | |
| AMMU | L-iżvilupp ta' mekkaniżmu tal-Allokazzjoni ta' Dublin, soġġett għal emendi leġiżlattivi | 2 | Sistema ġdida bbażata fuq l-internet użata għar-reġistrazzjoni tas-sehem ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tal-allokazzjoni ta' Dublin (utenti: l-iSM, il-Kummissjoni Ewropea, l-EASO) | AK FG IV | 2 | 2 | 2 | 2 |
| AMMU | L-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ | 4[45] | Inġiniera tat-Test għall-EES, sabiex jappoġġjaw l-istruttura tal-każijiet tat-test, il-konfigurazzjoni tal-għodod tat-test u t-tħejjija tal-ambjenti tat-test | AK FG IV | 4 | 4 | 4 | 4 |
| Total | | 17 | **3 × AK FG III u 14 × AK FG IV** | | 17 | **17** | **17** | **17** |

Fil-laqgħa ta' Novembru 2016, il-Bord tat-Tmexxija stieden lill-Aġenzija sabiex tippreżenta pjan dettaljat għal analiżi kostijiet-benefiċċji tal-użu ta' aġenti kuntrattwali minflok persunal interim għal xi funzjonijiet li bħalissa huma (jew huma ppjanati li jiġu) esternalizzati. Il-pjan dettaljat ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija f'Marzu 2017, b'analiżi preliminari ppreżentata f'Jannar. L-elementi tal-pjan dettaljat huma ppreżentati fit-Tabella 8 hawn taħt.

Minn perspettiva finanzjarja, l-esternalizzazzjoni hija intrinsikament aktar għalja mill-persunal ipprovdut minn aġenti kuntrattwali għal funzjonijiet interim ekwivalenti fil-kuntratt ta' servizzi esterni, permezz ta':

- 37.7 % għal profili tal-IT (ewlenin u korporattivi);
- 34.4 % għal appoġġ amministrattiv.

L-Aġenzija sejra twettaq analiżi kostijiet-benefiċċji każ b'każ tal-konverżjoni tas-servizzi attwalment esternalizzati f'karigi ta' aġenti kuntrattwali mhux permanenti. L-istabbiliment ta' listi ta' riżerva tat-tip ta' CAST

45 Tabella 8 tal-Istudju Tekniku dwar il-Fruntieri Intelliġenti – Analiżi tal-Kostijiet. Ir-Rapport Finali ta' Ottubru 2014 (http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/borders-and-visas/smart-borders/docs/smart_borders_costs_study_en.pdf, paġna 24) jispeċifika 4.5 FTEs għall-finijiet ta' ttestjar li għandhom jiġu esternalizzati. L-eu-LISA qiegħda tippjana li tuża aġenti kuntrattwali sabiex iwettqu dan il-kompitu.

(aġenti kuntrattwali għal kompiti speċifiċi), abbażi ta' proċeduri ta' reklutaġġ miftuħa, jifforma l-grupp li minnu jistgħu jiġu rreklutati l-aġenti kuntrattwali.

*Tabella 8: Persunal addizzjonali permezz tal-konverżjoni tal-profili intra-muros fl-entità organizzattiva tal-karigi ta' aġent kuntrattwali tal-eu-LISA*

| Karigi ta' aġent kuntrattwali (AK) internalizzati (profili ta' servizzi esterni kkonvertiti) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dipartiment/unità/settur** | **Kariga** | **Numru ta' karigi** | **Grupp ta' funzjoni** | **2018** | **2019** | **2020** | **Kumulattivi 2018-2020** |
| **AMMU** | Inġinier tat-Test | 1 | FG III | 3 | 3 | 3 | 3 |
| | Analista tar-Rilaxx | 1 | | | | | |
| | Uffiċjal Subaltern tal-Proġetti | 1 | | | | | |
| | Maniġer Anzjan tal-Proġetti | 1 | FG IV | 3 | 3 | 3 | 3 |
| | Arkitett Anzjan tal-Applikazzjonijiet | 1 | | | | | |
| | Analista tat-Test | 1 | | | | | |
| **OIU** | Assistent Amministrattiv | 1 | FG III | 4 | 4 | 4 | 4 |
| | Amministratur tas-Sistema tal-IT | 2 | | | | | |
| | Uffiċjal tal-Appoġġ għall-Proġetti | 1 | | | | | |
| | Maniġer Anzjan tal-Proġetti (1) | 1 | FG IV | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | Uffiċjal tal-Proċess tal-ITSM | 1 | | | | | |
| **GCU** | Assistent tal-Ippjanar | 1 | FG III | 5 | 5 | 5 | 5 |
| | Assistent tas-Segretarjat tal-BT/AG | 2 | | | | | |
| | Uffiċjal Subaltern tar-R&Ż | 1 | | | | | |
| | Assistent tal-Komunikazzjoni Interna | 1 | | | | | |
| | Uffiċjal tal-Politika | 1 | FG IV | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | Uffiċjal tal-Ippjanar | 1 | | | | | |
| **FPU** | Uffiċjal Legali tal-Akkwist Pubbliku | 1 | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| | Assistent Finanzjarju Subaltern | 2 | FG II | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | Assistent tal-Akkwist Pubbliku | 1 | FG III | 1 | 1 | 1 | 1 |
| **HRTU** | Maniġer tal-Fajls Personali | 1 | FG III | 5 | 5 | 5 | 5 |
| | Assistent tat-Taħriġ | 1 | | | | | |
| | Appoġġ Amministrattiv tal-HR | 2 | | | | | |
| | Appoġġ Amministrattiv Subaltern tal-HR | 1 | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Uffiċjal tar-Riżorsi Umani | 1 | FG IV | 1 | 1 | 1 | 1 |
| CSS | Assistent għal Missjonijiet | 1 | FG III | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | Appoġġ għall-Proġetti | 1 | | | | | |
| | Analista tan-Negozju | 1 | FG IV | 4 | 4 | 4 | 4 |
| | Inġinier tas-Sistema | 1 | | | | | |
| | Amministratur tad-Database | 1 | | | | | |
| | Inġinier Anzjan tan-Netwerk | 1 | | | | | |
| SEC | Espert Subaltern tal-Politika tas-Sigurtà | 1 | FG III | 3 | 3 | 3 | 3 |
| | (BC) u Espert dwar l-Eżerċizzju | 1 | | | | | |
| | Assistent għas-Sigurtà | 1 | | | | | |
| | Espert dwar is-Sigurtà Ċibernetika | 1 | FG IV | 3 | 3 | 3 | 3 |
| | Espert dwar is-Sigurtà Fiżika | 2 | | | | | |
| EPMO | Uffiċjal Subaltern tal-EPMO | 2 | FG III | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | Uffiċjal tal-EPMO | 2 | FG IV | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | **Totali:** | **45** | **2 FG II**<br>**25 FG III**<br>**18-il FG IV** | **45** | **45** | **45** | **45** |

Iż-żieda mistennija fil-persunal hija ppreżentata fit-Tabella 9 ta' hawn taħt u fit-Tabella 1 fl-Anness III.

*Tabella 9: Persunal addizzjonali – sommarju tal-ippjanar għal persunal addizzjonali*[46]

| **Elementi** | **2017** | | | **2018** | | | **2019** | | | **2020** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **AT** | **AK** | **Persunal addizzjonali totali** | **AT** | **AK** | **Persunal addizzjonali totali** | **AT** | **AK** | **Persunal addizzjonali totali** | **AT** | **AK** | **Persunal addizzjonali totali** |
| Linja bażi | 115 | | | 113 | | | 113 | | | 113 | | |

46 Sakemm jiġi adottat il-baġit ġenerali tal-UE għall-2018.

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| COM (2013) 519 finali (pjan stmat bi tnaqqis) | | | | | | | | | | | | |
| Karigi ta' AK awtorizzati fil-baġit għall-2017 | | 30 | | | 30 | | | 30 | | | 30 | |
| LFS dwar l-EES | 14 | | 14 | 14 | | 14 | 14 | | 14 | 14 | | 14 |
| LFS dwar l-Eurodac | 2 | | 2 | 2 | | 2 | 2 | | 2 | 2 | | 2 |
| LFS dwar ETIAS | | | | 7 | 10 | 17 | 7 | 12.5 | 19.5 | 7 | 25 | 32 |
| LFS dwar SIS II Fruntieri/LE | | | | | 3 | 3 | | 3 | 3 | | 3 | 3 |
| LFS dwar SIS II ritorni | | | | | 1 | 1 | | 1 | 1 | | 1 | 1 |
| ECRIS-TCN | | | | | 5 | 5 | | 5 | 5 | | 5 | 5 |
| PD 2018-2020 dwar il-persunal addizzjonali | | | | | 17 | 17 | | 17 | 17 | | 17 | 17 |
| Karigi ta' AK addizzjonali minħabba internalizzazzjoni | | | | | 45 | 45 | | 50 | 50 | | 50 | 50 |
| **Total** | **131** | **30** | 16 | **136** | **111** | 104 | **136** | **118.5** | 111.5 | **136** | **136** | 124 |

### c) Il-kisbiet fl-effiċjenza

L-objettivi ta' politika għandhom jintlaħqu wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-limitazzjonijiet li jaffettwaw il-baġit u r-riżorsi umani disponibbli tal-eu-LISA, inkluż it-tnaqqis previst fil-persunal għall-kompiti mwettqa bħalissa u l-kompiti addizzjonali li jridu jittieħdu mill-Aġenzija fil-ġejjieni. Għalhekk, huwa inevitabbli li kull membru tal-persunal jerfa' parti mill-piż tax-xogħol addizzjonali. It-tfittxija għal żidiet fl-effiċjenza u l-ottimizzazzjoni tas-soluzzjonijiet ser ikollhom irwol vitali fl-ippjanar tal-attivitajiet u fl-eżekuzzjoni tal-kompiti.

Għandu jkun hemm aktar kisbiet fl-effiċjenza fuq medda ta' żmien itwal billi tibda ssir ħidma fuq l-awtomatizzazzjoni u, fejn possibbli, is-simplifikazzjoni tal-proċessi interni, speċjalment fil-qasam tal-kompiti amministrattivi, bħar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol tal-persunal tal-Aġenzija jew il-ġestjoni tad-dokumenti. Madankollu, l-esperjenza turi li l-adattament jew l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-IT jirrikjedi sforz akbar sabiex jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u tiġi ttestjata kull soluzzjoni proposta. Għalhekk, għal fażi ta' żvilupp, huwa meħtieġ ċertu appoġġ addizzjonali f'termini tar-riżorsi umani.

L-Aġenzija sejra tkompli tuża kuntratt qafas għal servizzi ta' appoġġ estern, hekk kif dan wera li huwa effettiv sabiex jittratta l-kompiti rilevanti fuq bażi ta' żmien qasir.

### d) Prijoritajiet negattivi/tnaqqis fil-kompiti eżistenti

Ma hemmx prijoritajiet negattivi previsti mill-Aġenzija fil-futur immedjat, minħabba l-istadju bikri tal-maturità organizzattiva. Madankollu, fil-ħin tal-abbozzar ta' dan id-dokument, ma jistax jiġi eskluż li l-assorbiment tal-kompiti addizzjonali mhux ippjanati allokati lill-Aġenzija bi prijorità għolja jista' potenzjalment jirriżulta fil-ħtieġa li jiġu riveduti l-attivitajiet ippjanati fil-PD 2018, speċjalment f'każ ta' nuqqas, jew dewmien fil-forniment, tar-riżorsi kollha meħtieġa, kemm jekk ikunu finanzjarji jew umani.

### e) Skjerament mill-ġdid tar-riżorsi fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji

Fil-ħin tal-abbozzar ta' dan id-dokument, ittieħdu ħafna inizjattivi sabiex itejbu u jkompli javvanzaw l-operat tal-Aġenzija. Jekk il-limitazzjonijiet baġitarji jaffettwaw il-baġit tal-eu-LISA, tiġi kkunsidrata prijoritizzazzjoni tal-kompiti.

*Konklużjoni dwar il-bidliet fir-riżorsi meta mqabbla mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2014-2020*

Kif ġie ddikjarat fil-bidu tat-taqsima 3.2.2., l-Aġenzija ħadet f'kunsiderazzjoni għall-ippjanar tar-riżorsi umani tagħha l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea deskritta fil-Komunikazzjoni[47] lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Programmar tar-Riżorsi Umani u Finanzjarji għall-Aġenziji Deċentralizzati 2014-2020 u inkludiet fil-pjan ta' stabbiliment tagħha għat-3 snin li ġejjin l-għadd ta' persunal f'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni. Huwa previst li d-dawran naturali tal-impjegati jew it-tmiem tal-kuntratt ta' impjieg jintużaw għal dan l-iskop, skont in-natura tal-kariga li ssir vakanti. Fl-ippjanar, ittieħdu f'kunsiderazzjoni l-aktar gradi baxxi fiż-żewġ gruppi ta' funzjonijiet sabiex jiġu kkalkolati l-livelli tal-persunal.

Fl-istess ħin, ġiet ippreżentata proposta sabiex il-pjan ta' stabbiliment jiżdied b'16-il kariga (15 AD u 1 AST) għall-EES u t-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac. Madankollu, għandu jiġi nnotat li, meta wieħed jikkunsidra r-rwol sostanzjali li għandha l-eu-LISA fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar l-interoperabbiltà, datata s-6 ta' April 2016, flimkien ma' għadd ta' kompiti addizzjonali assenjati lill-Aġenzija fl-2015 u fl-2016 , jista' jkun meħtieġ aktar tisħiħ mar-riżorsi umani fil-perjodu 2018-2020, bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-kompiti assenjati kollha.

Dawn il-bidliet fil-pjan ta' stabbiliment u r-riżorsi umani tal-eu-LISA u l-mod kif sejrin jiżviluppaw matul is-snin, inklużi l-pjanijiet għall-perspettiva 2018-2020, kienu riflessi fit-Tabelli 1 u 2 fl-Anness III.

47 COM (2013) 519 finali.

# Taqsima III Programm ta' Ħidma għall-2018

## 1. Sommarju eżekuttiv

### *Tmexxija operattiva tas-sistemi*

Minbarra l-ġestjoni operattiva tas-sistemi VIS/BMS, SIS II u Eurodac, l-eu-LISA sejra timplimenta soluzzjoni analitika tan-negozju (2.4.1.2) u ta' monitoraġġ tal-avvenimenti. L-Aġenzija sejra tistabbilixxi monitoraġġ integrat ta' sistemi kummerċjali ewlenin u sejra tkompli timplimenta t-tieni fażi tas-servizzi kondiviżi, li bdiet fl-2017. Il-livell 2 tal-infrastruttura tal-IT tas-sistemi kummerċjali ewlenin (2.3.1.10) sejjer ikompli jiġi ġestit, filwaqt li sejjer jiġi żgurat tħaddim ta' kwalità għolja u bla interruzzjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin. Sejjer jitwettaq studju dwar id-desktops virtwali għall-amministraturi u l-liċenzjar ta' Oracle sejjer jiġi ċentralizzat. Sejjer jitwettaq ukoll benchmarking tal-Uffiċċju ta' Servizz. Sabiex jiġi żgurat servizz bla interruzzjoni, l-Aġenzija sejra tkompli topera, tiġġestixxi u żżomm iċ-ċentru tad-data ta' riżerva u s-sit operattiv ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija.

DubliNet ġiet fdata lill-eu-LISA permezz ta' memorandum ta' qbil f'Lulju 2014. Sabiex dan jiġi formalizzat fi strument leġiżlattiv, ir-Regolament dwar l-Eurodac imfassal mill-ġdid, ladarba jiġi adottat mill-koleġiżlaturi, sejjer jassenja l-ġestjoni operattiva ta' DubliNet u l-kompiti relatati lill-eu-LISA.

### *Evoluzzjoni tas-sistemi*

Fl-2018, l-Aġenzija sejra twettaq studju awtomatizzat dwar il-kontroll tal-kwalità tad-data segwit minn fażi ta' ttestjar, soġġetta għall-eżitu tal-HLEG u, jekk meħtieġ, tal-emendi legali rilevanti u sejra tfassal mill-ġdid il-moduli ta' statistika għas-sistemi kollha.

Fl-istess sena sejrin jitwettqu wkoll studji oħrajn, bħal studju ta' servizz ta' tqabbil bijometriku kondiviż[48] u studju għall-implimentazzjoni ta' arkitettura orjentata lejn is-servizz[49].

L-Aġenzija sejra tiffinalizza l-proġett sabiex iżżid il-kapaċità tas-SIS II u l-evoluzzjonijiet legali u funzjonali. Il-proġett AFIS sejjer ikompli bit-tħejjija tat-tieni fażi tiegħu u s-SIS II sejra tiżviluppa aktar. Minbarra t-tieni fażi tal-bidu tal-AFIS ta' SIS II, l-2018 sejra tara l-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tad-deċiżjonijiet dwar ir-ritorn: ser ikun hemm kategorija ta' twissija ġdida fis-SIS II u l-introduzzjoni ta' projbizzjonijiet fuq id-dħul sejra tkun obbligatorja.

Sejra titwettaq il-fażi tat-test tal-virtwalizzazzjoni, kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt għas-softwer bħala servizz.

Mal-approvazzjoni tal-qafas legali (ir-riforma tal-Eurodac, li mistennija tiġi approvata matul l-2017), eu-LISA sejra tibda u tkompli timplimenta l-bidliet sostantivi fil-funzjonalitajiet tal-Eurodac u fil-mod kif l-Istati Membri jużaw is-sistema. L-evoluzzjoni tal-Eurodac, li għandha l-għan li tikkonforma mal-qafas legali l-ġdid, sejra tinkludi (a) estensjoni tat-tfittxija u l-ħażna għall-kategoriji kollha ta' data (persuni li jfittxu l-ażil, ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu preżenti illegalment fit-territorju tal-UE, ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda illegalment waqt li jkunu qegħdin jaqsmu l-fruntieri tal-UE); (b) tnaqqis tal-età tal-persuni soġġetti għat-teħid tal-marki tas-

48 Soġġetta għall-eżitu tal-HLEG.

49 Tfassil tekniku mill-ġdid mingħajr implikazzjonijiet legali. Dan jippermetti li diversi bidliet, bħall-interoperabbiltà tas-sistemi, jiġu implimentati b'mod aktar faċli.

swaba' għal 6 snin (imqabbla ma' 14-il sena, li huwa l-limitu attwali) sabiex ilaħħqu aħjar mal-wasliet ta' minuri, applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u movimenti sekondarji, (ċ) estensjoni tal-mudell tad-data sabiex ikun ikopri data bijografika personali addizzjonali, (d) estensjoni tal-perjodi taż-żamma tad-data; u (e) introduzzjoni ta' immaġini tal-wiċċ: ir-riforma tal-Eurodac tinkludi t-trażmissjoni ta' immaġini tal-wiċċ għall-Eurodac. L-immaġnijiet tal-wiċċ għall-ewwel jinħażnu u jintbagħtu lura lill-iSM bħala parti mis-settijiet ta' riżultati tat-tfittxija. Matul l-2018, l-eu-LISA sejra tibda studju sabiex tkompli tinvestiga l-inklużjoni tal-kapaċitajiet ta' rikonoxximent tal-wiċċ fis-sistema. L-istudju sejjer jinvestiga l-modalitajiet u l-għażliet, l-impatt fuq l-iSM, l-effett fuq l-arkitettura u l-alternattivi tekniċi, kif ukoll jipprovdi indikazzjonijiet għall-pjan direzzjonali tal-implimentazzjoni għar-rikonoxximent tal-wiċċ.

Minbarra l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Eurodac (minħabba r-riforma tal-bażi ġuridika), sejrin jiġu implimentati għadd ta' evoluzzjonijiet tekniċi oħrajn, bħal (a) aktar titjib fil-kapaċità sabiex jiġi indirizzat l-impatt tal-bidliet funzjonali fil-ħażna u t-throughput tat-tranżazzjonijiet tas-sistema, (b) il-bidliet possibbli fl-allinjament jew l-iffaċilitar tal-interoperabbiltà, (ċ) l-allinjament ulterjuri mas-servizzi kondiviżi u (d) l-adattamenti u t-titjib teknoloġiku (eż. fuq l-infrastruttura jew il-livell ta' monitoraġġ).

L-eu-LISA sejra tappoġġja, kif meħtieġ, l-integrazzjoni tal-Istati Membri u tal-Europol skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-proposta ta' tfassil mill-ġdid tal-Eurodac u wara l-approvazzjoni tal-bażi ġuridika.

Fil-kuntest tal-Eurodac u bil-għan li jitnaqqas iż-żmien ta' żvilupp għall-inklużjoni ta' servizzi ġodda u t-tnaqqis tal-ħin għat-tqegħid fis-suq, tista' tkun prevista arkitettura nazzjonali standard għall-ġejjieni. Din tista' tkun ibbażata fuq arkitettura nazzjonali ta' referenza bbażata fuq standards komuni u l-aħjar prattiki, li għandha tnaqqas l-isforzi ta' żvilupp għall-iSM u tippermetti flessibbiltà għal bidliet ta' malajr u ekonomiji ta' skala għaż-żamma tas-soluzzjoni standard. Sejjer jitwettaq studju[50] mill-eu-LISA dwar x'tista' tinkludi soluzzjoni bħal din, kif tista' tiġi implimentata teknikament u liema għażliet u teknoloġiji jkunu l-aktar xierqa (valutazzjoni tal-impatt għas-softwer bħala servizz).

Soġġetta għall-eżitu tal-HLEG, l-implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data, li twassal għal titjib fit-tfassil ta' rapporti u statistika, sejra ssir fl-istess sena[51].

## *Infrastruttura tal-komunikazzjoni*

Minbarra l-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u tas-sistemi ta' komunikazzjoni relatati, l-Aġenzija sejra tiffinalizza l-istudju tan-netwerk unifikat li beda fl-2017. Sejra tibda t-tħejjija għat-tieni ġenerazzjoni ta' TESTA-ng u, mal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti, l-eu-LISA sejra tieħu l-passi meħtieġa sabiex tiżgura t-trasferiment xieraq tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni relatati mal-ġestjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

## *L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda*

Il-proġetti għall-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ sejrin ikunu prijorità fl-2018. Dan il-proġett sejjer ikun fit-tieni fażi tiegħu, bl-iżvilupp tal-interfaċċja mal-VIS/BMS; iridu jsiru l-attivitajiet ta' integrazzjoni u

50 L-istudju huwa ffokat fuq il-ġbir tal-aħjar prattiki u l-istandards proposti u ma għandu ebda implikazzjoni legali. Mhuwiex meħtieġ li r-realizzazzjoni futura tal-eżiti/proposti ssir b'mod ċentrali.

51 Jekk tittieħed deċiżjoni sabiex il-funzjonalità tal-maħżen virtwali tad-data tiġi estiża lil hinn mill-produzzjoni ta' rapporti tekniċi, li huwa l-kamp ta' applikazzjoni attwali tal-attività, tista' tkun meħtieġa bidla fil-bażi ġuridika.

ttestjar, li jwasslu għal attivitajiet ta' koordinazzjoni ewlenin. Sejrin jinbdew ukoll il-proġetti ta' żvilupp ETIAS u ECRIS-TCN, jekk tiġi adottata l-bażi ġuridika rilevanti.

Mal-adozzjoni tal-qafas legali rilevanti (tfassil mill-ġdid ta' Dublin), l-eu-LISA sejra tgħaddi għall-iżvilupp u t-tranżizzjoni għall-operazzjonijiet tas-sistema l-ġdida għall-mekkaniżmu ta' Allokazzjoni ta' Dublin.

## *Sigurtà*

Sejra tiġi implimentata t-tieni fażi tal-proġett tas-sigurtà komuni tal-infrastruttura kondiviża[52]. L-ewwel fażi kienet parti mill-proġett ta' servizzi komuni kondiviżi li ġie eżegwit fl-2017. L-Aġenzija sejra topera, tippjana u tiżviluppa l-elementi tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-kontinwità tan-negozju/l-irkupru minn diżastri/ir-rispons f'każ ta' emerġenza tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà u sejra topera, tippjana u tiżviluppa l-elementi protettivi rispettivi. Il-membri tal-persunal tas-sigurtà sejrin iżommu u jtejbu l-Qafas tal-Politika tas-Sigurtà u jwasslu r-rapporti rilevanti. L-Aġenzija sejra timplimenta soluzzjoni tal-IT tal-intrapriżi għall-ġestjoni tal-approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal tal-eu-LISA. L-eu-LISA sejra timplimenta wkoll eżerċizzju ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju flimkien mal-iSM (fuq bażi volontarja). Il-proċessi tal-approvazzjoni sejrin jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sigurtà fiżika għall-kuntratturi. Fl-aħħar nett, sejra tiġi implimentata infrastruttura ta' web-browsing iżolata u sigura għas-sistema tal-IT korporattiva.

## *Il-protezzjoni tad-data*

L-attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni tad-data sejrin ikopru l-abbozzar tar-Rapport ta' Ħidma Annwali għall-2017, li jiżgura l-għarfien dwar il-Protezzjoni tad-Data, it-twettiq tal-Istħarriġ Annwali dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-monitoraġġ tan-notifika tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar. Il-gwida dwar il-privatezza mid-disinn sejra tiġi pprovduta wkoll fil-kuntest tal-iżvilupp ta' sistemi tal-IT ġodda.

## *Rapportar statutorju*

Ir-rapportar statutorju, kif mitlub mill-mandat legali tal-Aġenzija, sejjer jitkompla f'konformità mar-rekwiżiti legali eżistenti.

## *Il-forniment ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri*

L-Aġenzija sejra tkompli tipprovdi taħriġ imfassal apposta għall-Istati Membri dwar l-użu tekniku tas-sistemi ġestiti minnha.

## *L-evoluzzjoni bħala ċentru ta' eċċellenza*

L-evoluzzjoni bħala ċentru ta' eċċellenza sejra tkun appoġġjata mill-finalizzazzjoni tal-proġett ta' Statistika ta' Netwerk Avvanzat[53] u mill-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' Rapportar Avvanzat għall-proċessi ITSM, il-

52 Il-proġett jipprevedi l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ta' sigurtà kondiviża komuni li tinkludi erba' elementi: (1) avveniment ta' sigurtà u ġestjoni tal-informazzjoni, (2) ġestjoni tal-vulnerabbiltà teknika, (3) servizzi ta' ġestjoni ta' informazzjoni privileġġata u (4) is-Servizz Unifikat tal-Ġestjoni tat-Theddid.

53 L-għan tal-attività huwa li żżid il-kapaċitajiet tal-eu-LISA sabiex tissorvelja l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u sabiex tikkoordina l-attivitajiet tan-netwerk billi tagħżel u timplimenta soluzzjoni li tkejjel il-prestazzjoni reali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni sal-livell tal-flussi tal-IP. Is-soluzzjoni sejra tippermetti wkoll l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni proattivi tal-ostakoli u l-individwazzjoni ta' soluzzjonijiet aktar mgħaġġla għall-problemi u l-kwistjonijiet fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni.

KPIs u l-FLS/OLAs. Sejrin jiġu implimentati l-valutazzjoni tal-Mudell ta' Maturità, kif ukoll iċ-ċiklu tal-ħajja ta' żvilupp tas-sistemi.

It-tisħiħ tal-kapaċità tagħha fl-iżvilupp taċ-ċiklu tal-ħajja bl-implimentazzjoni tal-għodda għall-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-applikazzjoni (proġett taċ-ċiklu tal-ħajja għall-iżvilupp tas-sistemi) sejjer jikkontribwixxi wkoll għall-progress tal-eu-LISA bħala ċentru ta' eċċellenza. Dan sejjer isaħħaħ l-organizzazzjoni, billi jippermetti kontroll aħjar u aktar sigur taċ-ċikli tal-ħajja tal-applikazzjonijiet kollha, filwaqt li jappoġġja bis-sħiħ ukoll lin-negozji tal-iSM.

Bil-għan li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-proġett, sejrin jiġu adottati għodod maħsuba sabiex jappoġġjaw il-proċess u dawn mistennija jiġu adattati matul is-snin.

### *L-evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija*

L-eu-LISA sejra tkompli timplimenta l-attivitajiet interni relatati mal-proċess tal-ġestjoni tar-riskju korporattiv u l-istandards ta' kontroll intern. Sejrin jitwettqu wkoll miżuri ta' kwalità bħala eżiti tal-eżerċizzju ta' ġestjoni tal-kwalità li tlesta fl-2017, filwaqt li r-Rieżami tal-Mudell ta' Governanza sejjer jiġi ffinalizzat bi proposti raffinati għal bidliet.

### *Il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-iżviluppi fir-riċerka għall-evoluzzjoni tas-sistema*

Matul l-2018, sejjer jiġi implimentat il-Pjan Direzzjonali għall-Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka (li għandu jitħejja fl-aħħar tal-2017 abbażi tal-Istrateġija ġdida ta' Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka 2018-2020 deskritta hawn fuq). Huwa ppjanat li jitħejjew żewġ rapporti għat-tixrid pubbliku fuq is-sit web tal-eu-LISA, kif ukoll għall-kondiviżjoni mal-awtoritajiet tal-UE xierqa kif speċifikat fir-regolament tal-Aġenzija. Is-suġġetti ta' dawn ir-rapporti sejrin jintgħażlu fl-aħħar tal-2017 f'konsultazzjoni mal-Gruppi Konsultattivi tal-Aġenzija. Irrispettivament, kif imsemmi hawn fuq, l-enfasi sejra tkun fuq suġġetti li huma direttament rilevanti għal sistemi ġodda li għandhom jiġu żviluppati mill-Aġenzija (eż. ETIAS) u/jew li huma direttament relatati mal-proġetti li għandhom jitwettqu mill-Aġenzija u li l-input fihom mill-monitoraġġ tar-riċerka jidher li huwa ta' benefiċċju (eż. approċċi għall-ittestjar tal-bijometrika, bħala appoġġ għal proġetti fuq it-titjib tal-BMS u BMS kondiviża fil-ġejjieni). Sejrin jiġu speċifikati wkoll inputs oħrajn iffokati fuq il-proġetti mill-monitoraġġ tat-teknoloġija u r-riċerka (eż. relatati ma' studji ffokati fuq l-interoperabbiltà u potenzjalment provi ta' kunċett mogħtija mill-Aġenzija u/jew mill-Kummissjoni Ewropea), l-istess bħal suġġetti għal attivitajiet konġunti ma' aġenziji oħrajn (eż. il-Frontex, l-Europol). Il-librerija tal-eu-LISA sejra tiġi aġġornata b'titoli ġodda matul l-2018 abbażi tal-ħtiġijiet ġenerali tal-Aġenzija u l-oqsma ta' ħidma ta' prijorità.

### *Sħubiji ma' aġenziji oħrajn u korpi rilevanti oħrajn*

Is-sħubiji ma' aġenziji tal-UE oħrajn u korpi rilevanti oħrajn, b'mod partikolari l-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, sejrin jissaħħu aktar.

### *Sħubiji mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn*

L-attenzjoni sejra tkun iffokata fuq il-monitoraġġ tal-iżviluppi rilevanti fl-oqsma tal-ĠAI.

## *Ippjanar strateġiku u operazzjonali*

Minbarra li tipproduċi d-dokumenti legalment meħtieġa tagħha, bħall-PD u r-Rapport Annwali tal-Attività, l-Aġenzija sejra żżid il-kapaċitajiet tal-ippjanar tagħha sabiex tikseb titjib ġenerali f'termini ta' ġustifikazzjoni għall-proġetti u r-riżorsi.

## *Ġestjoni finanzjarja u akkwist*

Il-proġett prinċipali lil hinn mill-attivitajiet fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu sejjer ikun l-introduzzjoni ta' bbaġitjar ibbażat fuq l-attività. L-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Akkwist u Akkwiżizzjoni u t-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tal-akkwisti sejrin ikunu l-prijoritajiet ulterjuri għall-2018.

## *Ġestjoni tal-faċilitajiet*

L-Aġenzija sejra tiffoka fuq il-finalizzazzjoni tat-trasferiment ta' tagħmir u persunal lejn il-bini l-ġdid f'Tallinn u fi Strasburgu u fuq l-istabbiliment ta' servizzi korporattivi fil-bini l-ġdid.

L-isforzi ewlenin fl-2018 relatati mat-teknoloġiji tal-informazzjoni korporattiva sejrin ikunu fuq il-manutenzjoni u l-evoluzzjoni tal-arkitettura tan-netwerk u tal-arkitettura tal-ħażna u s-sistema. Barra minn hekk, sejra tiġi żviluppata l-Infrastruttura tal-IT korporattiva fil-HQ il-ġodda u sejrin jissaħħu l-applikazzjonijiet korporattivi. Sejrin jiġu żviluppati l-arkitettura tal-intrapriżi, kif ukoll l-Istrateġija tal-IT Korporattiva.

## *Ġestjoni tar-riżorsi umani*

Ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, ir-regoli ta' implimentazzjoni għalihom adottati mill-Aġenzija, il-linji gwida interni u l-Istrateġija tal-HR sejrin ikomplu jiġu implimentati. Sejra tiġi implimentata politika dwar is-saħħa u s-sigurtà u sejrin jiġu akkwistati servizzi mediċi bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u sabiex ikun hemm konformità mar-regolamenti nazzjonali. L-attivitajiet fil-qasam tal-HR, bħall-istabbiliment ta' drittijiet u intitolamenti, pagi u pagamenti, liv u proċessi ta' valutazzjoni u riklassifikazzjoni, sejrin jitwettqu b'mod preċiż u fi żmien debitu. Il-proċess rilevanti sabiex jiġi żgurat ir-reklutaġġ f'waqtu u s-sostituzzjoni tal-persunal minħabba d-dawran naturali tal-impjegati u għall-kompiti jew il-proġetti assenjati sejjer jissaħħaħ aktar. Barra minn hekk, l-għodda tal-IT għall-HR sejra tiġi żviluppata u implimentata ulterjorment. Fl-aħħar nett, l-attivitajiet u l-kompiti ta' tagħlim u żvilupp sejrin jiġu eżegwiti f'konformità mal-pjan miftiehem.

## *Verifika*

L-isforzi f'dan il-qasam ta' azzjoni strateġika huma ffokati fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Awditjar Annwali żviluppat mill-awditur intern tal-eu-LISA u adottat kull sena mill-Bord tat-Tmexxija (BT).

## *Komunikazzjoni esterna u interna*

F'dan il-qasam ta' azzjoni strateġika, l-isforzi ewlenin sejrin ikunu fuq l-eżekuzzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Esterna u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna.

# 2. Attivitajiet fl-2018

## 2.1. Attivitajiet orizzontali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu[54]

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet trażversali organizzazzjonali kollha li jitwettqu fuq bażi ta' kuljum sabiex jappoġġjaw l-eżekuzzjoni tan-negozju operattiv ewlieni tal-Aġenzija. Dawn l-attivitajiet jeħtieġu 35.61 FTE diretti u sejrin jiswew madwar EUR 2.6 miljun. L-attivitajiet jinkludu l-eżerċizzji annwali ta' ppjanar u rapportar, il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati esterni, bħall-iSM, il-Kummissjoni jew aġenziji u korpi oħrajn, l-isforzi ta' komunikazzjoni esterna u interna, il-ġestjoni tar-riskji korporattivi u attivitajiet relatati mal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll intern. Huma jkopru wkoll il-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tal-akkwisti, kif ukoll ir-reklutaġġ, it-tagħlim u l-iżvilupp tal-persunal, l-amministrazzjoni tal-persunal u l-pagi. L-awditjar intern u l-attivitajiet ta' protezzjoni tad-data fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu huma wkoll parti minn din it-taqsima. Dan jipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' sigurtà ta' kuljum relatati mas-sigurtà fiżika u tal-informazzjoni.

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| GCU | L-ippjanar, l-abbozzar u l-adozzjoni tal-PD | PD 2019-2021 adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA.<br><br>PD 2020-2022 ippjanat, abbozzat u sottomess għad-diskussjonijiet lill-AGs u l-BT. | L-issodisfar tar-rekwiżiti legali tar-Regolament tat-twaqqif tal-eu-LISA u tal-istrumenti tas-sistemi, l-istabbiliment tal-objettivi operattivi neċessarji u l-iżgurar tal-konformità tal-attivitajiet proposti mar-riżorsi disponibbli. | L-Aġenzija sejra tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha relatati mal-funzjonijiet ewlenin tagħha, kif ukoll kwalunkwe proġetti ta' żvilupp meħtieġa f'konformità mal-qafas legali applikabbli. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi reviżjoni annwali tal-implimentazzjoni tal-istrateġija fit-tul, u l-adozzjoni tal-PD 2019-2021 mill-BT, kif ukoll tistabbilixxi l-prijoritajiet annwali. Sejjer jiġi pprovdut taħriġ dwar il-proċess ta' programmar annwali. Barra minn hekk, għandu jiġi definit il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet għat-3 snin li ġejjin u l-unitajiet u l-AGs għandhom jipprovdu proposti ta' proġetti li għandhom jiġu inklużi fil-PD 2020-2022. Abbażi ta' dawn il-proposti, l-abbozz tal-PD 2020-2022 għandu jitfassal u jiġi kkonsultat mal-AGs, mal-BT u mal-Kummissjoni Ewropea.<br><br>VALUR MIŻJUD: L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u, fl-istess ħin, tiġġestixxi l-ħidma tagħha b'mod prevedibbli u |

54 L-informazzjoni rigward l-indikaturi u l-miri relatati ma' dawn l-attivitajiet tista' tinkiseb mill-bażi ta' data tal-ippjanar tal-eu-LISA.

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | strutturat, filwaqt li sejra taġixxi f'konformità mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tagħha.<br>SFIDI EWLENIN: L-iżgurar tal-għoti f'waqtu ta' informazzjoni tal-kwalità u l-kwantità mixtieqa. |
| GCU | L-abbozzar ta' rapporti dwar il-progress u rapporti annwali tal-attività, inkluż ir-rapportar tal-KPIs korporattivi | Ir-rapporti dwar il-progress u r-rapporti annwali adottati mill-Bord tat-Tmexxija. | L-għoti ta' informazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet fil-PD u dwar il-kisba tal-objettivi annwali; l-għoti ta' informazzjoni verifikabbli b'mod oġġettiv dwar il-prestazzjoni tal-Aġenzija f'oqsma ewlenin; u l-issodisfar tar-rekwiżiti tar-Regolament tat-twaqqif. | L-eu-LISA tipprovdi lill-partijiet ikkonċernati tagħha b'informazzjoni suffiċjenti dwar l-eżekuzzjoni tal-kompiti fdati lill-Aġenzija u l-prestazzjoni tagħha, sabiex b'hekk tiżgura livell għoli ta' fiduċja. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi l-ġbir ta' informazzjoni u data tal-KPI u l-abbozzar tar-rapport tal-progress u tar-rapport annwali tal-attività.<br>VALUR MIŻJUD: Il-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA jirċievu informazzjoni f'waqtha u suffiċjenti dwar l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija u l-kisba tal-objettivi tagħha. Il-maniġment u l-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA sejrin ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet operattivi u strateġiċi bbażati fuq data verifikabbli b'mod oġġettiv.<br>SFIDI EWLENIN: L-għoti ta' input u informazzjoni f'waqthom tal-kwalità u l-kwantità mixtieqa. |
| GCU | L-implimentazzjoni tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskji korporattivi fl-2018 | L-istabbiliment ta' pjan ta' rispons annwali għar-riskji korporattivi, l-għoti ta' rapporti ta' kull tliet xhur u l-istabbiliment ta' reġistru tar-riskji korporattivi. | It-twettiq ta' proċess ta' ġestjoni tar-riskji tal-eu-LISA bħala attività kontinwa, proattiva u sistematika sabiex jiġu identifikati, evalwati u ġestiti r-riskji skont il-livelli ta' riskju aċċettati. | Permezz tat-twettiq tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskji korporattivi, l-eu-LISA qiegħda tiġġestixxi b'mod suffiċjenti r-riskji korporattivi identifikati tagħha. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: It-twettiq ta' ġbir tar-riskji korporattivi, prijoritizzazzjoni tar-riskji korporattivi, workshop dwar il-ġestjoni tar-riskji korporattivi u l-istabbiliment ta' pjan ta' rispons għar-riskji korporattivi.<br>VALUR MIŻJUD: Ir-riskji identifikati, prijoritizzati u ġestiti jiżguraw li l-eu-LISA tiġġestixxi r-riskji korporattivi b'mod suffiċjenti.<br>SFIDI EWLENIN: Il-kontribuzzjonijiet f'waqthom mill-parteċipanti involuti u l-impenn tagħhom. |
| GCU | Il-faċilitazzjoni tal-ġestjoni tal-istandards ta' kontroll intern fl-2018 | Reġistru ta' kontroll intern tal-Aġenzija aġġornat u implimentat għall-2018 f'kooperazzjoni mal- | L-iffaċilitar tal-applikazzjoni ta' governanza tajba fl-eu-LISA permezz tal-implimentazzjoni ta' qafas tal-istandards ta' | Il-qafas tal-istandards ta' kontroll intern tal-Aġenzija huwa applikat f'konformità mal-elementi u r-rekwiżiti | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Aġġornament annwali u l-istabbiliment tar-reġistru ta' kontroll intern tal-Aġenzija, eżerċizzji ta' monitoraġġ kull tliet xhur u rapporti bbażati fuqhom. |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | maniġers u l-persunal b'funzjonijiet relatati mal-ICS, inklużi miżuri definiti għall-iżgurar ta' governanza tajba. | kontroll u l-monitoraġġ tagħhom f'konformità mad-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija 059-2014. | definiti, li jiffaċilita l-governanza tajba, filwaqt li l-monitoraġġ perjodiku jappoġġja l-implimentazzjoni ta' miżuri definiti fil-kamp ta' applikazzjoni, il-kwalità u ż-żmien meħtieġa. | VALUR MIŻJUD: Governanza tajba implimentata fl-azzjonijiet u l-proċess tal-eu-LISA.<br><br>SFIDI EWLENIN: L-iżgurar tat-tlestija f'waqtha tal-miżuri miftiehma. |
| GCU | Il-faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kwalità bħala eżiti tal-eżerċizzju ta' ġestjoni tal-kwalità li tlesta fl-2017 | Il-faċilitazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kwalità kif miftiehma matul l-eżerċizzju ta' ġestjoni tal-kwalità fl-2017. | L-għoti ta' għajnuna lill-Aġenzija sabiex issegwi l-pjan ta' titjib tal-kwalità miftiehem tagħha li jirriżulta mill-eżerċizzju tal-ġestjoni tal-kwalità tal-2017 abbażi tal-metodoloġija tal-Qafas ta' Valutazzjoni Komuni. | Ir-rapporti dwar il-progress tal-kwalità jiġu pprovduti abbażi tal-laqgħat trimestrali dwar ir-rieżami tal-progress. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: L-eżerċizzji u r-rapporti ta' monitoraġġ ta' kull tliet xhur huma bbażati fuq il-pjan ta' titjib tal-kwalità miftiehem, bi proposta għal aġġornamenti, jekk meħtieġa.<br><br>VALUR MIŻJUD: Il-miżuri ta' kwalità implimentati sejrin jgħollu l-kwalità fi ħdan l-eu-LISA, eż. fi ħdan il-proċessi jew il-proċeduri.<br><br>SFIDI EWLENIN: Fl-2017 ġew deċiżi miżuri ta' kwalità, iżda jistgħu jkunu meħtieġa bidliet minħabba, pereżempju, bidliet fin-negozju. |
| GCU | Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Bord tat-Tmexxija | L-appoġġ loġistiku u amministrattiv lill-Bord tat-Tmexxija jinżamm f'livell għoli. | L-operat effettiv tal-Bord tat-Tmexxija. | Il-Bord tat-Tmexxija jwettaq id-doveri tiegħu b'mod effettiv. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Il-koordinazzjoni, it-tħejjija u l-faċilitazzjoni tal-governanza pprovduta mill-BT.<br><br>VALUR MIŻJUD: L-għoti ta' appoġġ għall-eżekuzzjoni tar-rekwiżiti tar-regolament tat-twaqqif (l-Artikolu 12 u l-Artikolu 15); iż-żamma ta' immaġini pożittiva tal-Aġenzija.<br><br>SFIDI EWLENIN: Iż-żamma tal-livell għoli ta' impenn meħtieġ għal governanza effiċjenti. |
| GCU | Appoġġ amministrattiv f'waqtu għall-Gruppi Konsultattivi | L-appoġġ loġistiku u amministrattiv lill-Gruppi Konsultattivi jinżamm f'livell għoli. | L-operat effettiv tal-Gruppi Konsultattivi. | Il-Gruppi Konsultattivi jwettqu d-doveri tagħhom b'mod effettiv. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Il-koordinazzjoni, it-tħejjija u l-faċilitazzjoni tal-ħidma tal-AGs.<br><br>VALUR MIŻJUD: L-għoti ta' appoġġ għall-eżekuzzjoni tar-rekwiżiti tar-regolament tat-twaqqif (l-Artikolu 19); iż-żamma ta' |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | immaġini pożittiva tal-Aġenzija; il-massimizzazzjoni tal-valur miżjud tal-AGs bħala konsulenti għall-BT.<br>SFIDI EWLENIN: L-iffaċilitar ta' djalogu matul il-laqgħat tal-AG sabiex l-AGs ikunu jistgħu jipprovdu l-kompetenzi ta' livell għoli meħtieġa lill-BT. |
| GCU | L-għoti ta' pariri legali lill-eu-LISA | Pariri legali u opinjonijiet lill-uffiċjali interni u r-rappreżentanza tal-eu-LISA fil-qrati nazzjonali jew tal-UE, jekk ikunu meħtieġa. | L-iżgurar tal-konformità mill-eu-LISA mar-regolamenti applikabbli. | L-eu-LISA tikkonforma mar-regolamenti applikabbli. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: L-għoti ta' pariri legali; valutazzjoni ta' kwistjonijiet legali kumplessi; kollegament ma' ditta legali esterna.<br>VALUR MIŻJUD: Il-mitigazzjoni tar-riskji ta' kritika u kawżi tal-qorti.<br>SFIDI EWLENIN: Riżorsi limitati għall-għoti ta' pariri legali skont il-ħtiġijiet u l-iskadenzi mistennija. |
| GCU | Analiżi tal-politika u faċilitazzjoni tal-implimentazzjoni tal-politika | Noti, aġġornamenti, sfond u analiżi tal-politiki tal-UE fl-oqsma tal-ĠAI. | L-għoti ta' appoġġ u informazzjoni għat-teħid ta' deċiżjonijiet interni. | It-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-Aġenzija huwa infurmat. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività sejra tinkludi analiżijiet tal-politika u monitoraġġ tal-iżviluppi rilevanti fl-oqsma tal-ĠAI, kif ukoll it-tħejjija ta' noti ta' tagħrif u analiżi u dokumenti ta' sfond oħrajn.<br>VALUR MIŻJUD: L-għoti ta' appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet informati tal-maniġment superjuri tal-Aġenzija fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' diversi żviluppi politiċi tal-UE.<br>SFIDI EWLENIN: It-twassil f'waqtu tal-input. |
| GCU | Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Esterna | Il-pubblikazzjonijiet u l-materjali ta' informazzjoni obbligatorji kollha jsiru disponibbli għall-pubbliku skont ir-rekwiżiti tat-trasparenza u l-istandards tal-kwalità. | L-għoti ta' informazzjoni aġġornata u ż-żieda fl-għarfien.<br>Iż-żieda tal-viżibbiltà tal-missjoni, tal-viżjoni u tan-negozju ewlieni tal-Aġenzija u l-għoti malajr ta' informazzjoni oġġettiva, affidabbli u li | Il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku huma aktar konxji ta', u jafu aktar dwar, ir-rwol u l-kompiti tal-Aġenzija għall-benefiċċju taċ-ċittadini.<br>Il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku għandhom aċċess | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Il-koordinazzjoni tal-produzzjoni tal-kontenut f'konformità mal-flussi tax-xogħol editorjali approvati u f'konformità mal-pjanijiet ta' traduzzjoni u pubblikazzjoni; it-tixrid ta' pubblikazzjonijiet offline u online permezz ta' mezzi definiti u għall-gruppi fil-mira ta' prijorità. L-introduzzjoni ta' aġġornamenti regolari fis-sit web ġestit b'mod f'waqtu u ta' formati innovattivi sabiex jiżdied l-għadd ta' viżitaturi/żjarat. |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Id-disponibbiltà ta' informazzjoni fattwali u aġġornata regolarment fuq is-sit web tal-eu-LISA u l-introduzzjoni ta' formati multimedjali u awdjoviżivi ġodda.<br>L-implimentazzjoni ta' avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni u azzjonijiet ta' viżibbiltà. | tinftiehem faċilment lill-pubbliku u lill-partijiet ikkonċernati.<br>L-iffaċilitar ta' immaġini korporattiva pożittiva u koerenti. | faċli għal informazzjoni rilevanti li tippermettilhom ikunu infurmati aħjar dwar il-prestazzjoni tal-Aġenzija.<br>L-Aġenzija tikkollabora regolarment mal-imsieħba ewlenin u tipprovdi komunikazzjoni bidirezzjonali effettiva. | L-organizzazzjoni ta' konferenza annwali u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni mal-partijiet ikkonċernati primarji u mal-imsieħba ewlenin.<br>Il-parteċipazzjoni f'avvenimenti ta' viżibbiltà fil-livell nazzjonali u tal-UE.<br>Il-ġestjoni b'mod proattiv tar-relazzjonijiet u l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni tal-midja.<br>It-tixrid ta' informazzjoni u għarfien lill-viżitaturi tal-eu-LISA.<br>Il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 7 tal-MtQ.<br>VALUR MIŻJUD: L-Aġenzija żżomm u trawwem l-immaġini pożittiva tagħha bħala entità pubblika/istituzzjoni tal-UE trasparenti responsabbli għall-pubbliku.<br>SFIDI EWLENIN: L-iskadenzi għall-approvazzjoni tal-kontenut intern u estern u l-ġestjoni tal-kwalità lingwistika mhumiex issodisfati u, konsegwentement, kemm il-perjodu ta' żmien stipulat kif ukoll il-previżjonijiet baġitarji mhumiex irrispettati; il-limitazzjonijiet possibbli imposti fuq l-Aġenzija minn kuntratturi li jospitaw u/jew jiżviluppaw il-funzjonalitajiet għas-sit web; it-trattament ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi. |
| GCU | Implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna tal-eu-LISA | L-attivitajiet kollha tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Komunikazzjoni Interna annwali huma implimentati b'mod sħiħ. | It-titjib tal-kondiviżjoni ta' għarfien u informazzjoni bejn l-aġenziji u l-kontribuzzjoni għall-involviment tal-impjegati | Il-membri tal-persunal fis-siti kollha tal-Aġenzija huma informati u involuti fil-livell korporattiv, li jippermettilhom li jieħdu deċiżjonijiet informati rigward il-kompiti professjonali tagħhom u għandhom aċċess għal għodod ta' komunikazzjoni interna għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni u r-rispons. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività sejra tinkludi l-kompiti li ġejjin:<br>- il-komunikazzjoni ta' aħbarijiet u informazzjoni organizzattivi, operattivi, amministrattivi u ta' ispirazzjoni permezz ta' siti onlajn interni;<br>- il-koordinazzjoni tal-produzzjoni tal-kontenut għall-intranet f'oqsma definiti u l-għoti ta' pariri lill-membri tal-persunal iddedikati dwar mistoqsijiet relatati mal-produzzjoni tal-kontenut;<br>- il-koordinazzjoni tal-ġestjoni tal-avvenimenti għad-Direttur Eżekuttiv/il-laqgħat ta' informazzjoni interni tal-maniġment u l-assemblei tal-persunal, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ għall- |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' informazzjoni dwar suġġetti miġbura (l-HR, l-operazzjonijiet ewlenin, is-sigurtà, il-protezzjoni tad-data, eċċ.);<br>- il-koordinazzjoni tal-produzzjoni ta' podcasts u stejjer bir-ritratti għall-finijiet ta' motivazzjoni;<br>- il-kompilazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' reviżjonijiet tal-istampa interni dwar suġġetti tal-ĠAI sabiex il-membri tal-persunal jiġu pprovduti b'kamp ta' applikazzjoni usa' ta' informazzjoni kuntestwali;<br>- il-ġestjoni tal-azzjonijiet ta' involviment tal-impjegati u ż-żamma ta' mezzi għar-rispons mill-persunal lill-maniġment;<br>- it-twettiq ta' stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon tal-persunal fuq il-komunikazzjoni interna u l-analiżi relatata.<br><br>VALUR MIŻJUD: L-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna jiffaċilitaw it-tisħiħ tal-kultura korporattiva tal-Aġenzija bħala organizzazzjoni moderna u li tiffunzjona sewwa.<br><br>SFIDI EWLENIN: Nuqqas ta' membri tal-persunal iddedikati sabiex jipprovdu riżorsi stabbli fil-qasam tan-negozju; tranżizzjoni għall-postijiet ġodda tal-Aġenzija u l-kumplessità tal-komunikazzjoni dwar il-bidla; ġestjoni tal-inċidenti waqt kriżi potenzjali li teħtieġ l-implimentazzjoni ta' komunikazzjoni dwar il-kriżi għal finijiet interni. |
| GCU | Sħubiji ma' istituzzjonijiet, aġenziji u/jew awtoritajiet tal-Istati Membri | L-implimentazzjoni tal-attivitajiet fl-arranġament ta' ħidma, fil-MtQ u fil-Pjanijiet ta' Kooperazzjoni Annwali mal-aġenziji tal-UE; l-Aġenzija tikkoopera ma' oħrajn fuq suġġetti xierqa fil-mandat tagħha. | Il-ħolqien ta' sinerġiji ma' aġenziji u istituzzjonijiet tal-UE, l-evitar ta' duplikazzjoni tal-isforzi u t-titjib tar-relazzjonijiet tax-xogħol. | L-għoti ta' appoġġ sinifikanti mill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-ĠAI. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: It-tisħiħ tas-sħubiji ma' aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, ma' istituzzjonijiet tal-UE permezz tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-eu-LISA fi Brussell, u mal-Istati Membri, inklużi l-konsulenti tal-ĠAI u l-korpi diplomatiċi.<br><br>VALUR MIŻJUD: Is-sinerġiji li jirriżultaw mill-kooperazzjoni fost l-aġenziji msieħba u partijiet ikkonċernati oħrajn fl- |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | implimentazzjoni ta' politiki tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.<br><br>SFIDI EWLENIN: Id-disponibbiltà tar-riżorsi. |
| GCU | L-amministrazzjoni tal-Librerija tal-eu-LISA | Librerija funzjonali u mgħammra sewwa li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-persunal fit-tagħlim indipendenti u l-iżvilupp. | L-għoti ta' kotba u perjodiċi rilevanti għall-qari u l-istudju mill-persunal u l-materjali magħmula faċilment disponibbli għall-kollegi kollha. | It-titjib tal-għarfien intern dwar suġġetti ta' rilevanza u l-għoti ta' spinta lill-kultura tat-tagħlim fi ħdan l-organizzazzjoni. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Ix-xiri ta' materjali u ż-żamma ta' listi tal-librerija sabiex jiġi żgurat it-traċċar tal-prodotti mixtrija u d-disponibbiltà tal-materjali għal kulħadd.<br><br>VALUR MIŻJUD: L-għodod għall-kisba tal-għarfien huma disponibbli għal kulħadd, sabiex b'hekk tittejjeb il-kultura tat-tagħlim fi ħdan l-organizzazzjoni u tingħata spinta lill-għarfien intern.<br><br>SFIDI EWLENIN: L-identifikazzjoni tal-materjali kollha li jistgħu jintużaw fl-organizzazzjoni kollha u l-inkoraġġiment lill-membri tal-persunal sabiex jagħmlu użu indipendenti mir-riżorsi pprovduti. |
| FPU | L-eżekuzzjoni tal-Pjan tal-Akkwist u l-Akkwiżizzjoni | Jinbdew il-proċeduri ta' sejħiet għall-offerti neċessarji u jingħataw il-kuntratti neċessarji. | L-għoti ta' appoġġ għall-attivitajiet ewlenin tal-Aġenzija billi jiġu pprovduti l-akkwist u l-akkwiżizzjoni fi żmien debitu. | Il-provvista ta' servizzi f'waqthom u ta' kwalità għolja lill-organizzazzjoni fis-servizzi baġitarji, tal-akkwist u finanzjarji bħala sostenn għall-Aġenzija matul is-sena. It-tfassil mill-ġdid tal-proċessi sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività, kull fejn possibbli, permezz ta' dematerjalizzazzjoni. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Il-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Akkwist u l-Akkwiżizzjoni. B'mod partikolari, dan jinkludi l-ġestjoni tas-sejħiet għall-offerti u l-għoti tal-kuntratti.<br><br>VALUR MIŻJUD: Iż-żamma u l-iffaċilitar tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija permezz tal-iżgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba.<br><br>SFIDI EWLENIN: Konformità mal-iskeda ta' żmien. |
| FPU | It-twassil f'waqtu ta' servizzi relatati mal-ġestjoni baġitarja, tal-akkwisti u finanzjarja | Il-provvista ta' servizzi baġitarji, finanzjarji u tal-akkwist interni u ta' kwalità għolja. | L-iżgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba u kapaċitajiet għall-ippjanar preċiż tal-baġit bħala | Il-provvista ta' servizzi f'waqthom u ta' kwalità għolja lill-organizzazzjoni fis-servizzi baġitarji, tal-akkwist u | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Il-provvista ta' servizzi interni ta' kwalità għolja u adatti għall-iskop tagħhom fil-ġestjoni baġitarja, tal-akkwist pubbliku u finanzjarja. |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | sostenn għall-operazzjonijiet tal-Aġenzija. | finanzjarji bħala sostenn għall-Aġenzija matul is-sena. It-tfassil mill-ġdid tal-proċessi sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività, kull fejn possibbli, permezz ta' dematerjalizzazzjoni. | VALUR MIŻJUD: L-għoti ta' appoġġ għall-eżekuzzjoni bla xkiel tal-kompiti tal-Aġenzija.<br><br>SFIDI EWLENIN: F'dan il-punt mhumiex mistennija sfidi ewlenin. |
| AO | Iż-żamma tal-kontijiet tal-Aġenzija | Kontijiet annwali kkonsolidati u individwali provviżorji u finali. | L-iżgurar tal-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija, is-salvagwardja tal-assi tal-Aġenzija u l-irkupru f'waqtu tal-ammonti dovuti. | Il-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali sabiex jirrappreżentaw b'mod ġust u trasparenti l-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija u l-iffaċilitar tal-proċedura ta' kwittanza. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività sejra tinkludi l-attivitajiet li ġejjin:<br>- iż-żamma ta' sistema ta' kontroll tal-kontabbiltà li tippermetti l-preżentazzjoni ġusta tad-data finanzjarja tal-input riċevuta mill-uffiċjal awtorizzanti fil-kontijiet;<br>- it-tħejjija tal-pakkett ta' konsolidazzjoni tal-kontabbiltà fl-aħħar tas-sena;<br>- il-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabbiltà applikabbli għalihom;<br>- il-kooperazzjoni mal-QEA u ma' awdituri esterni fl-attivitajiet ta' awditjar tagħhom;<br>- iċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet annwali.<br><br>VALUR MIŻJUD: Il-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija tiġi ppreżentata kif suppost.<br><br>SFIDI EWLENIN: Ma hemmx sfidi ewlenin. |
| HRTU | Il-konsolidazzjoni tal-proċessi u s-servizzi tal-HR fl-oqsma tar-reklutaġġ, l-iżvilupp tal-persunal, l-amministrazzjoni tal-persunal u l-pagi | Id-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra huma riflessi fil-pagi u/jew fil-fajl personali tal-membru tal-persunal. Is-servizz jitwettaq f'konformità mal-proċess tan-negozju rilevanti, mar- | L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea. | L-eu-LISA tissodisfa l-obbligi tagħha lejn il-persunal tagħha f'konformità mal-qafas regolatorju. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi t-twettiq u, fejn meħtieġ, ir-rapportar tal-passi amministrattivi kollha relatati mal-attivitajiet fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu fil-qasam tal-HR fir-rigward tar-reklutaġġ ta' membri tal-persunal ġodda, il-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni mill-ġdid, kif ukoll evalwazzjoni komprensiva tal-membri tal-persunal, l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-intitolamenti, l-amministrazzjoni |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | regoli u l-istruzzjonijiet rilevanti u jiġi rrapportat fir-rapport dwar l-amministrazzjoni tal-maniġment superjuri (SMART). | | | tal-ġestjoni tal-ħin u tal-liv, kif ukoll il-proċess tal-pagi, f'konformità mal-proċeduri u r-regoli fis-seħħ u b'mod f'waqtu.<br><br>VALUR MIŻJUD: l-eu-LISA sejra tissodisfa l-obbligi legali u finanzjarji tagħha lejn il-persunal u sejra tikkonforma mal-istipulazzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal u mal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, mar-Regoli ta' Implimentazzjoni u ma' regoli oħrajn li jirregolaw il-ġestjoni tar-riżorsi umani fl-eu-LISA.<br><br>SFIDI EWLENIN: L-iżgurar tad-disponibbiltà tal-persunal fl-HRTU bl-għarfien rilevanti, u t-trasferiment tal-għarfien fil-każ ta' dawran tal-impjegati tal-HR; l-iżgurar li l-preċiżjoni tar-rekords tkun ippreservata u li l-għadd ta' żbalji umani jkun limitat għal minimu; l-iżgurar ta' rapportar f'waqtu u bla xkiel fl-oqsma rilevanti tal-ħidma tal-HR. |
| HRTU | Tagħlim u żvilupp | L-eżekuzzjoni tal-attivitajiet ta' tagħlim u żvilupp abbażi ta' analiżi koerenti u l-ħtiġijiet tan-negozju. | L-iżvilupp ulterjuri ta' ħiliet u għarfien tal-membri tal-persunal, kif ukoll l-issodisfar tar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea. | L-eu-LISA tiżviluppa l-persunal tagħha sabiex toħloq organizzazzjoni effiċjenti u aġli. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi l-organizzazzjoni u l-għoti ta' taħriġ u għażliet ta' tagħlim oħrajn lill-persunal, kif ukoll il-manutenzjoni u l-użu ulterjuri tal-LMS f'konformità mal-proċeduri u r-regoli fis-seħħ u b'mod f'waqtu.<br><br>VALUR MIŻJUD: L-eu-LISA sejra tikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-ħiliet meħtieġa sabiex teċċella fuq livell operattiv. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali u finanzjarji tagħha lejn il-persunal u sejra tikkonforma mal-istipulazzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal u mal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea u ma' dokumenti interni rilevanti oħrajn fil-qasam tat-tagħlim u l-iżvilupp, kif ukoll tikkontribwixxi direttament għall-objettivi tal-eu-LISA.<br><br>SFIDI EWLENIN: L-iżgurar tad-disponibbiltà tar-riżorsi. |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| UPD | L-abbozzar tar-Rapport ta' Ħidma Annwali għall-2017 | Ir-Rapport ta' Ħidma Annwali għall-2017 jiġi sottomess għall-approvazzjoni lill-Bord tat-Tmexxija. | Ir-rapportar lill-Bord tat-Tmexxija dwar l-attivitajiet imwettqa mill-UPD u l-livell ta' konformità mal-protezzjoni tad-data fl-Aġenzija. | Il-BT jiġi informat dwar il-livell ta' konformità fir-rigward tal-protezzjoni tad-data. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Il-BT tal-eu-LISA u l-KEPD jiġu informati dwar il-livell ta' konformità dwar il-protezzjoni tad-data u jitolbu appoġġ għal kwalunkwe azzjoni ppjanata.<br>VALUR MIŻJUD: Tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data lill-partijiet ikkonċernati rilevanti.<br>SFIDI EWLENIN: Nuqqas ta' riżorsi. |
| UPD | Għarfien dwar il-protezzjoni tad-data | Il-membri tal-persunal jiksbu għarfien akbar dwar kunċetti ta' protezzjoni tad-data. | L-aġġornar tal-għarfien tal-persunal dwar il-protezzjoni tad-data. | Il-membri tal-persunal jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Jiġi pprovdut tagħrif ta' aġġornament dwar il-kunċetti ta' protezzjoni tad-data għall-persunal u l-utenti ġodda, b'informazzjoni komplementarja pprovduta mill-bullettin.<br>VALUR MIŻJUD: L-għarfien dwar il-protezzjoni tad-data huwa perċepit f'livell għoli.<br>SFIDI EWLENIN: Nuqqas ta' interess mill-persunal, demotivazzjoni jew nuqqas ta' kompromess mill-maniġers u mill-maniġers ta' grad medju. |
| UPD | Il-monitoraġġ mill-qrib tan-notifika tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar | L-operazzjonijiet tal-ipproċessar kollha jiġu mmonitorjati qabel u wara d-dħul fl-operazzjonijiet. Dan il-monitoraġġ isir permezz ta' notifika xierqa ppreżentata lill-UPD. Jinħarġu rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib sabiex ikunu garantiti l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data. | L-iżgurar tat-trasparenza u l-għoti ta' informazzjoni dwar l-operazzjonijiet ta' ppproċessar bi skop ta' data personali lill-persunal tal-eu-LISA u oħrajn; il-garanzija tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data. | L-istabbiliment ta' proċedura ta' notifika pubblika effiċjenti u avviżi ta' privatezza, b'informazzjoni rilevanti għas-suġġetti tad-data. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar b'data personali.<br>VALUR MIŻJUD: Konformità mal-protezzjoni tad-data.<br>SFIDI EWLENIN: Operazzjonijiet tal-ipproċessar b'data personali li mhumiex magħrufa mal-UPD jew li mhumiex ikkomunikati lill-UPD. |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Jekk tkun meħtieġa verifika minn qabel, din tintbagħat lill-KEPD. | | | |
| UPD | L-għoti ta' appoġġ lill-Aġenzija bl-ispezzjonijiet tal-KEPD | L-eu-LISA tħejji u tappoġġja lill-ispetturi tal-KEPD u tiġġestixxi l-fażi tal-kummenti tar-rapporti ta' spezzjoni tal-KEPD dwar is-sistemi fuq skala kbira li huma taħt is-superviżjoni tal-KEPD. | L-għoti ta' appoġġ lill-ispetturi tal-KEPD qabel, matul u wara l-ispezzjonijiet tagħhom tas-sistemi fuq skala kbira taħt is-superviżjoni tagħhom. | L-eu-LISA tagħti struzzjonijiet lill-persunal, tappoġġja lill-persunal matul l-ispezzjoni, tiċċekkja li l-attivitajiet ta' spezzjoni ma jmorrux lil hinn mill-mandat tal-ispetturi u tiġġestixxi/tikkoordina l-fażi tal-kummenti tal-ispezzjonijiet. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Il-ġestjoni tal-appoġġ tal-attivitajiet ta' spezzjoni tal-KEPD. L-appoġġ għat-tħejjija tal-kummenti fuq ir-rapporti tal-KEPD dwar il-verifiki li għandhom jiġu adottati mill-BT.<br><br>VALUR MIŻJUD: Eżiti ta' spezzjoni tajba mingħajr ebda sejba kritika.<br><br>SFIDI EWLENIN: Nuqqas ta' riżorsi għall-UPD u nuqqas ta' monitoraġġ xieraq tas-sistemi mill-UPD. |
| SEC | L-iżvilupp, l-ippjanar u t-tħaddim tal-partijiet ta' kontinwità tan-negozju/irkupru minn diżastri/rispons f'każ ta' emerġenza tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà | L-adozzjoni ta' pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju għas-sistemi u l-Aġenzija mill-Bord tat-Tmexxija. | Il-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-istandards tal-ISO 22301. | L-Aġenzija tikseb reżiljenza fil-ġestjoni operattiva tagħha. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi l-kompiti li ġejjin:<br>- it-twettiq ta' analiżi tal-impatt kummerċjali fuq l-oqsma kummerċjali kollha (korporattivi u operattivi);<br>- l-aġġornar tal-pjanijiet tal-BC - il-VIS, is-SIS II, l-Eurodac, l-Aġenzija;<br>- l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' taħriġ u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal;<br>- l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' valutazzjoni esterna u interna (inkluż l-eżerċizzju tas-sigurtà u tal-kontinwità tan-negozju għas-SIS II);<br>- l-aġġornar tal-fajls tat-Tim tal-Programm (sostituzzjoni, faċilità u komunikazzjoni mal-midja);<br>- il-konsultazzjoni dwar ir-riskji, eż. għal każijiet kummerċjali;<br>- l-integrazzjoni tar-riskji fil-Katagolu tas-Servizzi u fir-Reġistru tar-Riskji Korporattivi.<br><br>VALUR MIŻJUD: L-Aġenzija tagħti valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati billi tagħti ħarsa lejn is-sigurtà minn tarf sa tarf tas- |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | sistemi ġestiti minnha u mir-reżiljenza tas-servizzi tagħha lill-partijiet ikkonċernati.<br>SFIDI EWLENIN: L-impenn tal-maniġment u l-impenn tal-partijiet ikkonċernati esterni. |
| SEC | Iż-żamma u t-titjib tal-qafas tal-politika tas-sigurtà u t-tressiq ta' rapporti | Il-qafas tal-politika tas-sigurtà jiġi adottat mill-Bord tat-Tmexxija. | Il-qafas tal-politika tas-sigurtà u l-komunikazzjoni tiegħu jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Aġenzija. | L-Aġenzija għandha qafas ta' governanza u kapaċità ta' komunikazzjoni li jissodisfaw lill-utenti interni u lill-partijiet ikkonċernati esterni (inklużi l-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea). | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi:<br>- it-tressiq ta' rapporti lill-ED jew lill-BT;<br>- l-aġġornar tal-qafas ta' politika;<br>- l-ippjanar u t-twettiq ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni;<br>- it-twettiq ta' verifiki u valutazzjonijiet esterni u interni.<br>VALUR MIŻJUD: L-Aġenzija tagħti valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati billi tagħti ħarsa lejn is-sigurtà minn tarf sa tarf tas-sistemi ġestiti minnha u mir-reżiljenza tas-servizzi tagħha lill-partijiet ikkonċernati.<br>SFIDI EWLENIN: L-impenn tal-maniġment u l-impenn tal-partijiet ikkonċernati esterni. |
| SEC | L-iżvilupp, l-ippjanar u t-tħaddim tal-elementi protettivi tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà | L-Aġenzija tadotta u timplimenta miżuri ta' sigurtà xierqa bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskji, il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-aħjar prattiki. | Il-konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-familja ta' standards tal-ISO 27000. | L-Aġenzija tiggarantixxi s-sikurezza u s-sigurtà tan-nies u tal-assi fil-bini tagħha. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi l-kompiti li ġejjin:<br>- il-ġestjoni tal-forza tal-gwardja (Strasburgu/Tallinn);<br>- it-twassil ta' pjan tas-sigurtà tas-sit (Strasburgu/Tallinn);<br>- il-penetrazzjoni fis-sit tat-test (Strasburgu/Tallinn);<br>- it-twettiq ta' operazzjonijiet ta' sigurtà protettiva;<br>- l-inkorporazzjoni tal-valutazzjoni esterna tar-riskji speċjalizzati għaż-żewġ siti.<br>VALUR MIŻJUD: L-Aġenzija tagħti valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati billi tagħti ħarsa lejn is-sigurtà minn tarf sa tarf tas-sistemi ġestiti minnha u mir-reżiljenza tas-servizzi tagħha lill-partijiet ikkonċernati.<br>SFIDI EWLENIN: L-impenn tal-maniġment u l-impenn tal-partijiet ikkonċernati esterni. |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| SEC | L-iżvilupp, l-ippjanar u t-tħaddim tal-elementi tas-sigurtà tal-informazzjoni tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà | L-Aġenzija tadotta miżuri ta' sigurtà xierqa bbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskji u l-aħjar prattiki. | Il-konformità mar-rekwiżiti tal-qafas tas-sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, mad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà tal-istrumenti legali rilevanti u mal-pjanijiet tas-sigurtà għas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-aħjar prattiki u l-familja ta' standards tal-ISO 27000. | L-Aġenzija tiżgura s-sigurtà tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u n-netwerk tal-IT korporattiva. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi l-kompiti li ġejjin:<br>- l-istabbiliment, l-implimentazzjoni, it-tħaddim, il-monitoraġġ, ir-reviżjoni, iż-żamma u t-titjib ta' Sistema integrata tal-Ġestjoni tal-Kontinwità u s-Sigurtà tal-Informazzjoni;<br>- l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' awtorizzazzjoni u assigurazzjoni tal-informazzjoni sabiex tiġi pprovduta validazzjoni formali li s-sistemi tal-IT korporattiva u fuq skala kbira jipproteġu l-informazzjoni li jittrattaw u jiffunzjonaw kif u meta meħtieġ minnhom, taħt il-kontroll tal-utenti leġittimi u f'konformità mal-pjanijiet tas-sigurtà rispettivi;<br>- l-implimentazzjoni u t-tħaddim ta' proċess ta' ċibersigurtà sabiex ir-riskji tas-sigurtà jiġu ġestiti kontinwament permezz ta' ħames funzjonijiet ewlenin: identifikazzjoni, protezzjoni, individwazzjoni, rispons u rkupru.<br><br>VALUR MIŻJUD:<br>- assigurazzjoni mtejba dwar il-protezzjoni tal-assi ta' informazzjoni mir-riskji ta' sigurtà;<br>- l-issodisfar tar-rekwiżiti tal-konformità u l-awditjar intern;<br>- approċċ aktar komprensiv, integrat u sistematiku għall-ġestjoni tal-kontrolli tas-sistema li jwassal għal ottimizzazzjoni fl-użu tar-riżorsi;<br>- approċċ iffaċilitat min-negozju għall-ġestjoni tar-riskji tas-sigurtà.<br><br>SFIDI EWLENIN:<br>- appoġġ għall-ġestjoni;<br>- sjieda tan-negozju tar-riskji tas-sigurtà;<br>- bilanċ adegwat bejn id-deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riskji tas-sigurtà u l-ħtiġijiet operazzjonali;<br>- il-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi tas-sigurtà. |

| Unità | Titolu tal-attività annwali | Riżultat(i) tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Deskrizzjoni qasira tal-attività |
|---|---|---|---|---|---|
| Verifika | L-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar intern annwali | Il-produzzjoni ta' memos, rapporti tal-awditjar u opinjonijiet, kif ukoll pjanijiet ta' azzjoni għal titjib. | Il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza u awditjar oġġettivi u indipendenti lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija. | Hemm fis-seħħ proċessi u proċeduri ta' governanza, kontroll u ġestjoni tar-riskji effiċjenti u effettivi sabiex l-eu-LISA tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha. | AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN: Din l-attività tinkludi l-kompiti li ġejjin:<br>- l-iżvilupp ta' pjan tal-awditjar annwali bl-użu ta' metodoloġija xierqa bbażata fuq ir-riskji;<br>- il-koordinazzjoni tal-ħidma mal-IAS u mal-QEA;<br>- l-implimentazzjoni tal-pjan tal-awditjar annwali kif adottat;<br>- segwitu fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar;<br>- l-iżvilupp tal-programm ta' titjib u assigurazzjoni tal-kwalità tal-IAC.<br><br>VALUR MIŻJUD:<br>- Jiġu pprovduti servizzi ta' konsulenza u assigurazzjoni oġġettivi, indipendenti u koerenti lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija.<br>- Tissaħħaħ ir-reputazzjoni tal-Aġenzija għal proċessi tan-negozju effettivi u effiċjenti.<br>- Tittejjeb il-ġestjoni finanzjarja soda.<br><br>SFIDI EWLENIN: L-iżgurar tal-aħjar kopertura tal-awditjar tal-proċessi tal-eu-LISA minħabba r-riżorsi umani skarsi allokati lill-awditur intern. |

## 2.2. Attivitajiet orizzontali tal-proġett

Din it-taqsima tkopri l-proġetti trażversali organizzazzjonali kollha maħsuba sabiex jappoġġjaw l-eżekuzzjoni tan-negozju operattiv ewlieni tal-Aġenzija. Dawn jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, appoġġ finanzjarju u tar-riżorsi umani, attivitajiet ta' sigurtà, il-ġestjoni tal-faċilitajiet, l-IT korporattiva, proġetti ta' ppjanar u governanza, kif ukoll il-protezzjoni tad-data.

### *2.2.1. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1*

*Sigurtà*

### *2.2.1.1. L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni tal-IT tal-intrapriżi għall-ġestjoni tal-proċessi tal-approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal tal-eu-LISA u l-issodisfar tar-rekwiżiti tas-sigurtà għall-kuntratturi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-attività tinvolvi:

- it-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti;
- l-akkwist tas-servizzi u s-soluzzjoni tal-IT;
- l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni tal-IT.

**VALUR MIŻJUD:**

- Ġestjoni aktar effiċjenti u effettiva tal-proċess ta' approvazzjoni tas-sigurtà tal-persunal u l-issodisfar tar-rekwiżiti tas-sigurtà mill-kuntratturi tagħha;
- It-tnaqqis tal-għadd ta' żbalji fil-proċessi;
- Il-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli u r-regolamenti speċifiċi f'termini tas-sigurtà tal-persunal u s-sigurtà industrijali;
- It-tnaqqis tal-ħin kif ukoll tar-riżorsi umani allokati għal dawn il-kompiti.

**SFIDI EWLENIN:** Dewmien minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani disponibbli għall-proġett.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | L-iżgurar ta' standards tas-sigurtà komuni tal-Aġenzija | Progress kontinwu lejn il-konformità mal-istandards tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal- | L-Aġenzija tagħti ħarsa ġenerali integrata lejn il-konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà personali | Il-konformità mal-leġiżlazzjoni, mal-aħjar prattiki u mal-familja ta' standards tal-ISO 27000 | L-Aġenzija tiggarantixxi s-sikurezza u s-sigurtà tan-nies u tal-assi fil-bini tagħha | Il-livell ta' konformità tal-proċessi interni tal-approvazzjoni tas-sigurtà għall-persunal u s-sigurtà tal-eu-LISA. Il-livell ta' konformità tal-kuntratturi tal-eu-LISA mar-regoli u | Konformità sħiħa tal-proċessi interni tal-approvazzjoni tas-sigurtà għall-persunal u s-sigurtà tal-eu-LISA. Il-konformità tal-kuntratturi tal-eu-LISA mar-regoli u r-regolamenti | Rapporti dwar l-attività ta' sigurtà regolari | SEC |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Informazzjoni[55] rilevanti | | | | r-regolamenti speċifiċi | speċifiċi hija ta' 100 % | | |

## *2.2.1.2. Titjib tas-sigurtà fiżika f'Tallinn*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-attività tinkludi:

- valutazzjoni tar-riskji tas-sigurtà tas-sit wara l-proċess ta' trasferiment ta' bini ġdid;
- it-tħejjija ta' rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskji, inkluża l-implimentazzjoni ta' pjan b'kontrolli sabiex jittaffew ir-riskji identifikati;
- l-akkwist tas-servizzi u tal-assi meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-pjan;
- l-implimentazzjoni tal-kontrolli.

**VALUR MIŻJUD:** Livell adegwat ta' assigurazzjoni tas-sigurtà fiżika.

**SFIDI EWLENIN:**

- Is-sigurtà fiżika mhijiex indirizzata biżżejjed fil-proġett ta' bini attwali;
- Il-potenzjal li l-livell ta' riskju tas-sigurtà fl-2018 ikompli jikber u li l-baġit u l-iskeda ta' żmien ippjanati għall-proġett jiġu sostitwiti;
- Dewmien fil-proġett ta' kostruzzjoni tal-Gvern Estonjan, li jinfluwenza direttament it-tul tal-proġett preżenti;
- Nuqqas ta' abbiltà li jiġu implimentati l-kontrolli tas-sigurtà kollha proposti bħalissa mill-eu-LISA minħabba l-aspetti tekniċi tad-disinn jew il-mod kif jinbena l-bini.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ- | L-iżgurar ta' standards tas- | Progress kontinwu lejn il-konformità mal- | Il-HQ f'Tallinn huma konformi mal-valutazzjoni | Il-konformità mal-leġiżlazzjoni, mal-aħjar prattiki u | L-Aġenzija tiggarantixxi s-sikurezza u s- | Il-konformità tal-miżuri tas-sigurtà fiżika mal- | Il-konformità tal-miżuri tas-sigurtà fiżika mal- | Rapporti dwar il-valutazzjoni tar-riskji tas-sigurtà | SEC |

55 Is-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni hija approċċ sistematiku għall-ġestjoni tal-informazzjoni sensittiva tal-kumpanija sabiex b'hekk tibqa' sigura. Hija tinkludi persuni, proċessi u sistemi tal-IT billi tapplika proċess ta' ġestjoni tar-riskji. Wieħed mill-aktar standards popolari tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni huwa l-familja ta' standards ISO 27000.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | sigurtà komuni tal-Aġenzija | istandards tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni rilevanti | tar-riskji u mal-istandards rilevanti għas-sigurtà fiżika | mal-familja ta' standards tal-ISO 27000 | sigurtà tan-nies u tal-assi fil-bini tagħha. | leġiżlazzjoni, mal-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskji u mal-istandards tal-ISO | leġiżlazzjoni, mal-eżiti tal-valutazzjoni tar-riskji u mal-istandards tal-ISO hija 100 % | | |

### *2.2.1.3. Titjib tas-sigurtà fiżika fi Strasburgu*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-attività tkopri:

- valutazzjoni tar-riskji tas-sigurtà tas-sit wara t-tmiem tal-proġett ta' kostruzzjoni ta' bini ġdid u rinnovazzjoni taċ-ċentru tad-data;
- it-tħejjija ta' rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskji, inkluża l-implimentazzjoni ta' pjan b'kontrolli sabiex jittaffew ir-riskji identifikati;
- l-akkwist tas-servizzi u tal-assi meħtieġa sabiex jiġi implimentat il-pjan;
- l-implimentazzjoni tal-kontrolli.

**VALUR MIŻJUD:**Livell adegwat ta' assigurazzjoni tas-sigurtà fiżika.

**SFIDI EWLENIN:**

- Jintlaħqu l-istadji ewlenin kollha ppjanati f'termini tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà fiżika;
- Il-potenzjal li l-livell ta' riskju tas-sigurtà fl-2018 ikompli jikber u li l-baġit u l-iskeda ta' żmien ippjanati għal dan il-proġett jiġu sostitwiti;
- Nuqqas ta' abbiltà li jiġu implimentati xi kontrolli tas-sigurtà minħabba l-aspetti tekniċi tad-disinn u/jew tal-kostruzzjoni tal-bini ġdid/tar-rinnovazzjoni taċ-ċentru tad-data.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | L-iżgurar ta' standards tas-sigurtà komuni tal-Aġenzija | Progress kontinwu lejn il-konformità mal-istandards tas-Sistema ta' Ġestjoni tas- | Is-sit fi Strasburgu huwa konformi mal-valutazzjoni tar-riskji u mal-istandards | Il-konformità mal-leġiżlazzjoni, mal-aħjar prattiki u mal-familja ta' standards tal-ISO 27000 | L-Aġenzija tiggarantixxi s-sikurezza u s-sigurtà tan-nies u tal-assi fil-bini tagħha | Il-konformità tal-miżuri tas-sigurtà fiżika mal-leġiżlazzjoni, mal-eżiti tal-valutazzjoni tar- | Il-konformità tal-miżuri tas-sigurtà fiżika mal-leġiżlazzjoni, mal-eżiti tal-valutazzjoni tar- | Rapporti dwar il-valutazzjoni tar-riskji tas-sigurtà | SEC |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sigurtà tal-Informazzjoni rilevanti | rilevanti għas-sigurtà fiżika | | | riskji u mal-istandards tal-ISO | riskji u mal-istandards tal-ISO hija 100 % | | |

## *Il-protezzjoni tad-data*

### 2.2.1.4. Stħarriġ Annwali dwar il-Protezzjoni tad-Data

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Verifika mwettqa fuq unità speċifika ta' organizzazzjoni tal-eu-LISA, li tindirizza l-prattiki tal-protezzjoni tad-data tal-unità, u kif tiġi ttrattata u ġestita l-informazzjoni.

**VALUR MIŻJUD:** Titjib fil-konformità mal-protezzjoni tad-data u prattiki riskjużi possibbli fuq kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data identifikati.

**SFIDI EWLENIN:** L-azzjonijiet ta' segwitu u l-verifika jistgħu jiġu perċepiti bħala spezzjoni, bil-konnotazzjonijiet negattivi kollha li jirriżultaw minnhom.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni tad-data | Konformità sħiħa kontinwa mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data u r-rekwiżiti speċifiċi tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data tal-istrumenti leġiżlattivi għas-sistemi u l- | Id-data personali fis-sistemi taħt it-tmexxija tiġi pproċessata f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data aċċettati; dik id-data għandha tinżamm sigura l-ħin kollu u sikura minn kwalunkwe aċċess, tibdil, użu | Jiġi ppreżentat rapport b'eżiti/sejbiet u rakkomandazzjonijiet lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA | Verifika tal-konformità mal-protezzjoni tad-data f'unità speċifika tal-eu-LISA | Għandhom jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-data sabiex tiżdied il-konformità mal-protezzjoni tad-data tal-Aġenzija | Il-ħin tat-twettiq ta' stħarriġ | It-twettiq f'waqtu tal-istħarriġ, li ma jiħux aktar minn 4 xhur | Ir-rapport ippreżentat lid-Direttur Eżekuttiv | UPD |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Aġenzija u l-aħjar prattika | jew telf mhux awtorizzat | | | | | | | |

### 2.2.1.5. *L-għoti ta' gwida dwar il-privatezza mid-disinn*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Jiġi pprovdut rapport tal-PIA dwar il-proġetti tal-eu-LISA.

**VALUR MIŻJUD:** Konformità mal-protezzjoni tad-data.

**SFIDI EWLENIN:** In-nuqqas ta' riżorsi disponibbli għall-UPD jista' jipperikola l-iskeda ta' żmien għall-proġetti jew il-ħidma ewlenija tal-UPD.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-protezzjoni tad-data | Konformità sħiħa kontinwa mal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data u r-rekwiżiti speċifiċi tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data tal-istrumenti leġiżlattivi għas-sistemi u l- | L-evoluzzjoni ta' mekkaniżmi robusti u xierqa tal-protezzjoni tad-data għall-aspetti korporattivi u operattivi tan-negozju<br><br>Id-data personali fis-sistemi taħt it-tmexxija tiġi pproċessata | Valutazzjoni tal-impatt tal-privatezza tad-data personali fuq il-proġetti mmexxija mill-eu-LISA. Din tippermetti li jiġu identifikati r-riskji f'termini tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data tal-proġetti, | Mitigazzjoni tar-riskji tal-privatezza fi stadju bikri tal-proġetti tal-eu-LISA | Għandhom jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-data sabiex tiżdied il-konformità mal-protezzjoni tad-data tal-Aġenzija | L-għadd ta' proġetti b'rapport tal-PIA u tal-privatezza mid-disinn[56] | Kull proġett ġdid tal-eu-LISA li jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali għandu jkollu PIA u rakkomandazzjonijiet dwar kif jittaffew ir-riskji (privatezza mid-disinn) | Dokumentazzjoni tal-proġett | UPD |

56 Rapport dwar il-privatezza mid-disinn huwa l-identifikazzjoni tal-kontrolli mfassla fis-soluzzjoni/fil-proġett għall-konformità mal-qafas regolatorju tal-protezzjoni tad-data, l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data personali jew il-mitigazzjoni tar-riskji identifikati fil-PIA.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Aġenzija u l-aħjar prattika | f'konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data aċċettati; dik id-data għandha tinżamm sigura l-ħin kollu u sikura minn kwalunkwe aċċess, tibdil, użu jew telf mhux awtorizzat | tas-sistemi kummerċjali ewlenin u tal-ICT.<br>Mitigazzjoni tar-riskji assoċjati mal-proġetti f'termini tal-privatezza billi tiġi adottata l-privatezza mid-disinn fil-proġetti tal-eu-LISA, fis-sistemi kummerċjali ewlenin jew fl-ICT | | | | | | |

## 2.2.2. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*Mhux applikabbli. Ma hemmx proġetti orizzontali għall-Għan Strateġiku 2 previsti fl-2018*

## 2.2.3. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3

*Sħubiji ma' aġenziji oħrajn u korpi rilevanti oħrajn*

### 2.2.3.1. Il-kondiviżjoni ta' servizzi dwar il-protezzjoni tad-data ma' aġenziji rilevanti oħrajn

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-għoti ta' għarfien dwar il-protezzjoni tad-data u appoġġ lil aġenziji oħrajn.

**VALUR MIŻJUD:** Tkun rikonoxxuta bħala sieħba ta' eċċellenza minn aġenziji oħrajn tal-UE.

**SFIDI EWLENIN:** Nuqqas ta' riżorsi għall-UPD, prinċipalment ta' żmien, u dipendenti fuq ir-rekwiżiti tal-aġenziji.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tmexxija tal-ġbir u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fil-qasam tal-ICT[57] | Il-kondiviżjoni tal-kompetenzi, tal-'lezzjonijiet miksuba' u tal-aħjar prattika fl-oqsma tas-suġġetti rilevanti jew il-proġetti fuq skala kbira skambjati fuq bażi regolari mal-partijiet interni u esterni rilevanti | It-tfittxija tas-sinerġiji rilevanti ma' atturi oħrajn fil-qasam tal-ICT fis-settur pubbliku u privat u l-iżvilupp ta' programmi ta' tagħlim xierqa u opportunitajiet għal skambju ta' informazzjoni | L-għoti ta' gwida rilevanti dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-data lil aġenziji rilevanti oħrajn li jitolbu dan is-servizz mill-eu-LISA jew il-kooperazzjoni mal-eu-LISA fuq kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data.<br>Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki rilevanti | L-eu-LISA għandha tikber bħala sieħba rilevanti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u sieħba rikonoxxuta mill-aġenziji tal-UE bħala li kapaċi tipprovdi servizzi eċċellenti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data | L-għoti ta' appoġġ lil aġenziji oħrajn, meta jintalab, fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, permezz tal-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin, sessjonijiet ta' għarfien u dokumentazzjoni rilevanti bħall-bullettin dwar il-protezzjoni tad-data | L-għadd ta' avvenimenti kollaborattivi | Skont l-għadd ta' aġenziji li jipparteċipaw, iżda mill-inqas żewġ avvenimenti għal kull aġenzija tal-UE rilevanti | Rapport ta' ħidma annwali tal-UPD | UPD |

## 2.2.4. *Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4*

*L-evoluzzjoni tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija*

57 Dan il-kompitu jaqa' taħt is-setgħat tal-UPD approvati mid-Deċiżjoni tal-BT tal-eu-LISA 93/2013, l-Artikolu 6(1)(d).

### *2.2.4.1. It-tisrif tal-eżiti tar-Rieżami tal-Mudell ta' Governanza fi proposti ta' raffinament*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Analiżi mhux fuq il-post sabiex jinżamm il-mudell ta' governanza tal-Aġenzija u, jekk meħtieġ, għadd limitat ta' intervisti/workshops mal-partijiet ikkonċernati rilevanti ewlenin tal-eu-LISA involuti fil-governanza korporattiva.

**VALUR MIŻJUD:**It-titjib tal-prestazzjoni ġenerali tal-mudell ta' governanza korporattiva tal-Aġenzija.

**SFIDI EWLENIN:**F'dan il-punt mhumiex mistennija sfidi ewlenin.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-qafas, il-proċessi u l-proċeduri ta' governanza huma konformi mar-rekwiżiti statutorji u mal-ħtiġijiet kummerċjali rilevanti | L-identifikazzjoni ta' oqsma u proċessi kummerċjali ewlenin li jeħtieġu titjib, id-dijanjożi u l-analiżi tar-raġunijiet wara prestazzjoni ħażina u l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-bidliet meħtieġa sabiex tittejjeb il-prestazzjoni b'mod kwantifikabbli jew li jista' jitkejjel | Wara l-attività sabiex jiġi rivedut il-mudell ta' governanza korporattiva tal-Aġenzija u sabiex is-sejbiet inizjali jissarrfu f'rapport iddedikat | Iż-żamma ta' mudell ta' governanza korporattiva xieraq għall-Aġenzija | Mudell ta' governanza korporattiva, li jikkonsisti f'elementi bħall-ġestjoni tar-riskji, il-ġestjoni tal-kontroll intern, il-ġestjoni tal-kwalità u kapaċitajiet oħrajn, implimentat u mħaddem mill-Aġenzija f'konformità mad-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tagħha | Rapport iddedikat b'eżiti bbażati fuq is-sejbiet miftiehma tal-eżerċizzju tal-2017 sabiex jiġi rivedut il-mudell ta' governanza korporattiva tal-eu-LISA | Rapport mogħti mhux aktar tard mill-aħħar tal-2018 | Rapport iddedikat | GCU |

*Ippjanar strateġiku u operazzjonali*

### 2.2.4.2. Iż-żieda tal-kapaċitajiet tal-ippjanar tal-Aġenzija

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Dan il-proġett żgħir iżda importanti jimmira li jnaqqas diskrepanza li ġiet identifikata fil-kapaċitajiet tal-ippjanar tal-Aġenzija, billi l-Aġenzija tipprova ttejjeb u tipperfezzjona l-kapaċità u l-abbiltajiet tal-ippjanar tagħha. L-Aġenzija wriet li għandha l-għarfien tekniku meħtieġ sabiex tippjana u teżegwixxi proġetti kumplessi, iżda l-ġustifikazzjoni tal-proġett u tar-riżorsi hija qasam fejn jista' jsir titjib. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija qiegħda tipprevedi li tipprovdi taħriġ u gwida speċifiċi permezz ta' appoġġ estern lill-membri tal-persunal involuti fil-proċess tal-ippjanar.Barra minn hekk, il-manwali tal-ippjanar tal-Aġenzija jkollhom jiġu aġġornati.

**VALUR MIŻJUD:** L-Aġenzija sejra ttejjeb il-kwalità tal-ippjanar.

**SFIDI EWLENIN:** Minħabba l-ammont ta' xogħol eċċessiv preżenti, sejjer ikun diffiċli li jiġi żgurat li l-membri tal-persunal kollha involuti fl-ippjanar jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' taħriġ.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-allinjament kontinwu tal-ippjanar strateġiku u operazzjonali, kif ukoll tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjoni sabiex iservu bl-aħjar mod il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati | L-implimentazzjoni tal-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija kif deskritti fid-dokument tal-istrateġija ta' 6 snin tagħha | L-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-istrateġija fit-tul tal-Aġenzija u l-evidenza ta' din permezz tal-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti u preċiża dwar il-ġestjoni | Żieda fil-kapaċità għall-ippjanar, inkluż, speċjalment, fil-qasam tal-ġustifikazzjoni tal-proġett u tar-riżorsi | L-iżgurar li l-Aġenzija jkollha qafas ta' ppjanar u kapaċitajiet aġġornati sabiex tkun tista' tfassal u żżomm id-dokumenti tal-ippjanar tagħha b'mod suffiċjenti | L-eu-LISA hija kapaċi tiżgura kwalità għolja ta' ppjanar | L-għadd ta' membri tal-persunal ikkonċernati mħarrġin.<br><br>Gwida aġġornata | Ingħata taħriġ lil minimu ta' 20 membru tal-persunal ikkonċernati.<br><br>Manwal wieħed aġġornat | Ir-rapporti interim u annwali tal-Aġenzija | GCU |

## *Ġestjoni finanzjarja u akkwist*

### *2.2.4.3. L-introduzzjoni ta' bbaġitjar ibbażat fuq l-attività*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Id-definizzjoni u l-analiżi tar-relazzjoni bejn l-attivitajiet u r-rabta ta' dawn l-attivitajiet ma' għanijiet strateġiċi. It-tħejjija tal-baġit li jmiss bil-kostijiet tal-attivitajiet meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati l-objettivi u l-istrateġiji organizzattivi.Dan il-proġett huwa ppjanat li jitwettaq f'perjodu ta' sentejn, li jibda bil-Fażi 1 fl-2018, sabiex tkun garantita l-implimentazzjoni sħiħa sal-2020.

**VALUR MIŻJUD:**Il-kisba ta' previżjoni tal-baġit aktar preċiża u t-trasparenza tal-proċess tal-baġit.

**SFIDI EWLENIN:**It-twaqqif tal-ambjent neċessarju (eż. it-tħejjijiet tal-IT).

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i ppoġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | L-implimentazzjoni sħiħa tal-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività (ABB) | L-iżvilupp u t-tisħiħ ulteriuri tal-proċeduri tal-akkwist u l-finanzi tal-Aġenzija f'konformità man-normi, il-gwida u l-aħjar prattika rilevanti tal-UE, inkluż mis-settur privat | Kapaċitajiet aħjar sabiex l-attivitajiet jiġu allinjati mal-objettivi, jiġu ssimplifikati l-kostijiet u jittejbu l-prattiki tan-negozju bil-għan li jkun hemm trasparenza akbar fil-proċess tal-baġit | L-iżgurar ta' ppjanar baġitarju aktar preċiż u rapportar finanzjarju relatat mal-kostijiet imġarrba mis-sistemi | Il-provvista ta' servizzi f'waqthom u ta' kwalità għolja lill-organizzazzjoni fis-servizzi baġitarji, tal-akkwist u finanzjarji bħala sostenn għall-Aġenzija matul is-sena. It-tfassil mill-ġdid tal-proċessi sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività, kull | L-eżekuzzjoni tal-baġit (approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament - krediti ta' C1) | Tnaqqis ta' 10 % fl-għadd ta' trasferimenti baġitarji mqabbla mal-2016<br>Baġit Amministrattiv (Titoli 1 u 2): 95 %<br>Baġit Operattiv (Titolu 3): 95 % | Rapporti perjodiċi dwar l-implimentazzjoni tal-baġit | FPU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | fejn possibbli, permezz ta' dematerjalizzazzjoni. | | | | |

*Ġestjoni tal-faċilitajiet*

### *2.2.4.4. L-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-HQ il-ġodda*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-ippjanar effiċjenti u effettiv u l-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-bini ġdid fi Strasburgu (rinnovament, forniment tal-ikel, laqgħat, tindif, rimi tal-iskart, provvisti, posta, loġistika, eċċ.).It-twettiq tal-proċessi ta' akkwist pluriennali u ta' valur għoli neċessarji maħsuba sabiex jappoġġjaw is-servizzi u l-utilitajiet.

**VALUR MIŻJUD:**Benesseri sostenibbli itwal tal-persunal b'kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati f'konformità mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

**SFIDI EWLENIN:**Dipendenza fuq is-sidien u l-kuntratturi tal-proċessi esterni.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fis-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' HQ permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | Il-bini l-ġdid f'Tallinn huwa lest sabiex jintuża mill-eu-LISA | L-iżgurar li l-membri tal-persunal ikollhom il-kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u neċessarji | Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal | Konformità mal-istandards applikabbli | L-ispazju tal-uffiċini huwa f'konformità mal-istandards applikabbli | Protokoll dwar it-trasferiment | CSS |

### 2.2.4.5. Operazzjonijiet loġistiċi u organizzazzjonali għall-okkupazzjoni finali tal-bini ġdid jew rinnovat fi Strasburgu

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Kompiti organizzazzjonali fir-rigward tal-bini antik u ġdid fi Strasburgu.Iċ-ċaqliq tal-assi (laptops, desktops, eċċ.) relatati mas-sistemi kummerċjali ewlenin (eż. oġġetti relatati mal-funzjonijiet tal-amministraturi tas-sistemi, tal-amministratur tan-netwerk u tat-tim tal-ittestjar).

**VALUR MIŻJUD:**It-tranżizzjoni bla xkiel tas-servizzi tas-sistemi kummerċjali ewlenin.

**SFIDI EWLENIN:** Id-dipendenza fuq kuntrattur estern.Id-disponibbiltà ta' żmien suffiċjenti allokat għar-rilokazzjoni.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | It-twettiq tal-kompiti neċessarji kollha għar-rilokazzjoni mill-bini l-antik għall-bini l-ġdid | Il-forniment ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-bini, il-ġestjoni tal-faċilitajiet u l-loġistika fi Strasburgu | Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-kuntratturi sabiex ikunu permessi flussi tax-xogħol aktar effiċjenti | It-tneħħija u l-akkwiżizzjoni skont l-iskeda u fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni | It-tneħħija u l-akkwiżizzjoni jitwettqu fil-ħin u fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni | Rapport finali dwar il-proġett | OD |

### 2.2.4.6. Operazzjonijiet loġistiċi u organizzazzjonali għall-okkupazzjoni finali tal-bini ġdid tal-kwartieri ġenerali f'Tallinn

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Kompiti organizzazzjonali fir-rigward tal-bini antik u ġdid f'Tallinn: rilokazzjoni, trasferiment tal-bini antik f'Tallinn u l-akkwiżizzjoni ta' bini ġdid f'Tallinn, inklużi l-istabbiliment, it-tħaddim u l-operat ta' sistema ġdida ta' faċilitajiet online għall-bini l-ġdid.

**VALUR MIŻJUD:**It-tranżizzjoni bla xkiel tas-servizzi ta' negozju tal-IT u mhux tal-IT.

**SFIDI EWLENIN:** Id-dipendenza fuq kuntrattur estern.Id-disponibbiltà ta' żmien suffiċjenti allokat għar-rilokazzjoni.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | It-twettiq tal-kompiti neċessarji kollha għar-rilokazzjoni mill-bini l-antik għall-bini l-ġdid | Il-forniment ta' servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-bini, il-ġestjoni tal-faċilitajiet u l-loġistika f'Tallinn | Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-abbiltà tagħhom li jużaw il-HQ ġodda b'mod effettiv | It-tneħħija u l-akkwiżizzjoni skont l-iskeda u fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni | It-tneħħija u l-akkwiżizzjoni jitwettqu fil-ħin u fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni | Rapport finali dwar il-proġett | CSS |

### *2.2.4.7. L-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-bini l-ġdid fi Strasburgu*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-ippjanar effiċjenti u effettiv u l-istabbiliment ta' servizzi korporattivi u servizzi oħrajn fil-bini ġdid fi Strasburgu (rinnovament, forniment tal-ikel, laqgħat, tindif, rimi tal-iskart, provvisti, posta, loġistika, eċċ.).It-twettiq tal-proċessi ta' akkwist pluriennali u ta' valur għoli neċessarji maħsuba sabiex jappoġġjaw is-servizzi u l-utilitajiet.

**VALUR MIŻJUD:**Benesseri sostenibbli itwal tal-persunal b'kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati f'konformità mal-istandards tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

**SFIDI EWLENIN:**Dipendenza fuq is-sidien u l-kuntratturi tal-proċessi esterni.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | Il-bini l-ġdid fi Strasburgu huwa lest sabiex jintuża mill-eu-LISA | L-iżgurar li l-membri tal-persunal ikollhom il-kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa u neċessarji | Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal u l-kuntratturi sabiex ikunu permessi flussi tax-xogħol imtejba u aktar effiċjenti | Aderenza tas-servizzi korporattivi u ta' servizzi oħrajn mal-pjanijiet u l-ispeċifikazzjonijiet[58] | Is-servizzi korporattivi u servizzi oħrajn huma stabbiliti skont il-pjanijiet u l-ispeċifikazzjonijiet | Dokumentazzjoni tal-kuntratti | OD |

### *2.2.4.8. Il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' arkitettura tan-netwerk korporattiv*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Sensja ġeografika, xogħol ta' konfigurazzjoni addizzjonali fuq il-pjattaformi tan-netwerk korporattiv eżistenti u integrazzjoni aħjar tal-pjattaformi. Din l-attività tinvolvi s-superviżjoni teknika tal-ispeċifikazzjonijiet u l-offerti mressqa mill-kuntrattur, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni, is-superviżjoni tal-inizjattivi esternalizzati u l-verifika tar-riżultati kkomunikati.Fost l-attivitajiet tan-netwerk previsti, l-eu-LISA qiegħda tippjana l-provvediment tal-eżekuzzjoni ta' servizz ta' Sistema tal-Isem tad-Dominju, l-ibbilanċjar globali tat-tagħbija għal diversi applikazzjonijiet tan-netwerk bejn iż-żewġ siti prinċipali tagħna u t-tisħiħ ulterjuri tal-firewalls korporattivi tagħna.

**VALUR MIŻJUD:**Titjib fil-komunikazzjonijiet tan-netwerk.

58 Inklużi dawk elenkati fit-taqsima tal-Azzjonijiet u l-Kompiti Ewlenin.

**SFIDI EWLENIN:**Nuqqas potenzjali ta' riżorsi umani disponibbli għat-twettiq tal-attività (sabiex jiġi ppreservat l-għarfien intern ma' membru tal-persunal iddedikat wieħed biss fis-CSS).

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | L-implimentazzjoni ta' titjib fl-arkitettura tan-netwerk korporattiv | It-titjib tal-arkitettura tan-netwerk tal-Aġenzija għal użu korporattiv sabiex jiġu pprovduti flessibbiltà, disponibbiltà aħjar u affidabbiltà, kif ukoll integrazzjoni tal-pjattaformi | Servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-IT korporattiva<br>Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal<br>Abbiltajiet ta' komunikazzjoni mtejba | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | CSS |

### *2.2.4.9. Il-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' arkitettura tas-sistema u tal-ħażna*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Sensja ġeografika, xogħol ta' konfigurazzjoni addizzjonali fuq il-pjattaformi tas-sistema korporattiva eżistenti, inkluża l-posta elettronika, u integrazzjoni aħjar tal-pjattaformi. Din l-attività tinvolvi s-superviżjoni teknika tal-ispeċifikazzjonijiet u l-offerti mressqa f'isem il-kuntrattur, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni, is-superviżjoni tal-inizjattivi esternalizzati u l-verifika tar-riżultati kkomunikati.Fost l-attivitajiet ta' inġinerija tas-sistema previsti, aħna qegħdin nippjanaw it-titjib tas-servizzi tal-identità u tad-direttorju; l-awtomatizzazzjoni tal-eżekuzzjoni tas-servizz ta' sistema komprensiva, b'monitoraġġ, konfigurazzjoni u ġestjoni awtomatizzati tar-rekwiżiti tal-kunsinna tas-sistema; it-tnedija tal-verżjonijiet li jmiss tal-pjattaformi tal-kompjuters tal-utenti finali, bħas-sistemi operattivi u l-għodod tal-uffiċċju; u l-modernizzazzjoni tal-pjattaformi ta' komunikazzjoni tal-web u kollaborazzjoni tagħna.

**VALUR MIŻJUD:** Titjib fil-komunikazzjoni.Żieda fis-sikurezza u r-reżiljenza fil-proċessi ta' riżerva.

**SFIDI EWLENIN:** Nuqqas potenzjali ta' riżorsi umani disponibbli għat-twettiq tal-attività (sabiex jiġi ppreservat l-għarfien intern ma' membru tal-persunal iddedikat wieħed biss fis-CSS).

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | L-implimentazzjoni ta' titjib fl-arkitettura tas-sistema korporattiva | It-titjib tal-arkitettura tas-sistema tal-Aġenzija għal użu korporattiv sabiex jiġu pprovduti flessibbiltà, disponibbiltà aħjar u affidabbiltà, kif ukoll integrazzjoni tal-pjattaformi | Servizzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-IT korporattiva<br><br>Kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba għall-persunal<br><br>Abbiltajiet ta' komunikazzjoni mtejba | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | CSS |

### *2.2.4.10. L-iżvilupp ta' Infrastruttura tal-IT korporattiva fil-kwartieri ġenerali ġodda*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-implimentazzjoni ta' ċentru tad-data[59] għall-IT korporattiva fil-HQ il-ġodda f'Tallinn skont l-istandard tal-ISKE abbażi tal-ħidma ta' tħejjija mwettqa fl-2017. Din l-attività tinvolvi s-superviżjoni teknika tal-ispeċifikazzjonijiet u l-offerti mressqa mill-kuntrattur, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet fil-

59 Ċentru tad-data huwa faċilità li tintuża sabiex tospita sistemi tal-kompjuter u komponenti assoċjati, bħal sistemi ta' ħażna u telekomunikazzjoni. Dan ġeneralment jinkludi provvisti tal-enerġija żejda jew ta' riżerva, konnessjonijiet ta' komunikazzjoni tad-data żejda, kontrolli ambjentali (eż. kundizzjonament tal-arja, trażżin tan-nirien) u diversi apparati tas-sigurtà. Dak inkwistjoni huwa biss għal ħtiġijiet korporattivi u mhuwiex relatat mas-CBS fdata lill-eu-LISA.

kamp ta' applikazzjoni, is-superviżjoni tal-inizjattivi esternalizzati u l-verifika tar-riżultati kkomunikati.L-implimentazzjoni tas-servizzi tal-IT neċessarji għall-ħażna tas-sistema korporattiva u l-użu tan-netwerk.

**VALUR MIŻJUD:**IT korporattiva funzjonali fil-HQ il-ġodda.

**SFIDI EWLENIN:**Nuqqas potenzjali ta' riżorsi umani disponibbli għat-twettiq tal-attività (membru tal-persunal wieħed biss fis-CSS, kif ukoll nuqqas ta' għarfien espert tal-ISKE).

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | Hemm fis-seħħ infrastruttura tal-IT fil-HQ il-ġodda f'Tallinn | L-akkwist ta' ħardwer u s-servizzi ta' implimentazzjoni għall-ħtiġijiet tal-IT taċ-ċentru tad-data tal-HQ il-ġodda f'Tallinn<br>L-ispezzjoni tal-inizjattivi esternalizzati fir-rigward tal-bini l-ġdid u r-rapportar tal-istatus | Hemm fis-seħħ infrastruttura tal-IT fil-HQ il-ġodda f'Tallinn | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | CSS |

## 2.2.4.11. *Titjib tal-applikazzjonijiet korporattivi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività sejra timmira lejn għadd ta' applikazzjonijiet korporattivi ewlenin bħal Microsoft SharePoint u Microsoft Project Server, għodod għall-ġestjoni tad-Dokumenti u tal-HR, kif ukoll Ftehimiet ta' Liċenzji tal-Microsoft Windows u tal-Microsoft Office Enterprise.Hija sejra tinvolvi s-superviżjoni teknika tal-ispeċifikazzjonijiet u l-offerti mressqa f'isem il-kuntrattur, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni, is-superviżjoni tal-inizjattivi esternalizzati u l-verifika tar-riżultati kkomunikati.

**VALUR MIŻJUD:**Jittejbu d-disinn u l-funzjonalità u tiġi permessa integrazzjoni aħjar tal-pjattaformi.

**SFIDI EWLENIN:** Nuqqas potenzjali ta' riżorsi umani disponibbli għat-twettiq tal-attività (sabiex jiġi ppreservat l-għarfien intern ma' membru tal-persunal wieħed biss fis-CSS).

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | It-tisħiħ tad-disinn tal-intranet/extranet u t-titjib tal-fluss tax-xogħol<br><br>It-titjib tas-Sistema għall-Ġestjoni tad-Dokumenti<br><br>It-titjib tal-għodod tal-HR | It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-applikazzjonijiet korporattivi tal-Aġenzija u t-titjib tal-kapaċitajiet ta' kollaborazzjoni u tal-flussi tax-xogħol | Il-kapaċitajiet imtejba tal-pjattaforma SharePoint tal-Aġenzija<br><br>Il-kapaċitajiet imtejba tal-pjattaforma DMS tal-Aġenzija<br><br>Il-kapaċitajiet imtejba tal-pjattaforma tal-HR tal-Aġenzija | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | CSS |

## 2.2.4.12. *L-iżvilupp ulterjuri tal-arkitettura tal-intrapriżi*[60]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività għandha l-għan li tkompli tiżviluppa sett ta' prinċipji u prattiki għall-eu-LISA sabiex tiggwida lill-Aġenzija permezz tal-bidliet fin-negozju, fl-informazzjoni, fil-proċess u fit-teknoloġija li huma meħtieġa sabiex teżegwixxi l-istrateġiji tagħha.

60 Fir-rigward tal-aspetti ta' governanza tal-ICT, l-eu-LISA hija meħtieġa tuża l-istandards ta' governanza tal-IT u, kull fejn xieraq, il-blokki tal-bini li jistgħu jerġgħu jintużaw magħmula disponibbli mill-Kummissjoni skont il-Linji Gwida tat-Telekomunikazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. F'dak il-kuntest, is-sinerġiji fil-governanza tal-IT u djalogu regolari bejn l-eu-LISA u l-Kummissjoni sejrin ikunu ta' benefiċċju; meta tiżviluppa l-mudell tal-arkitettura tal-intrapriża tagħha, l-eu-LISA sejra tqis il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà rivedut – Strateġija ta' Implimentazzjoni COM (2017)134 mit-23/03/2017 u x-xogħol li sar taħt il-programm tal-ISA mill-Kummissjoni u mir-rappreżentanti tal-Istati Membri dwar l-EIRA (Arkitettura ta' Referenza Ewropea għall-Interoperabbiltà) dwar it-twassil ta' servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli bejn il-fruntieri u s-setturi.

**VALUR MIŻJUD:**Il-produzzjoni ta' qafas tal-arkitettura tal-intrapriżi għall-Aġenzija.

**SFIDI EWLENIN:**Nuqqas ta' FTEs interni disponibbli.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-titjib kontinwu tal-ġestjoni u l-effikaċja tal-allokazzjoni tar-riżorsi permezz tal-introduzzjoni tal-aħjar prattiki u standards tal-industrija | Il-forniment imtejjeb ta' akkomodazzjoni ta' uffiċini fuq is-sit tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-progress kontinwu lejn l-istabbiliment ta' kwartieri ġenerali permanenti f'Tallinn | It-titjib tal-produttività permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol imtejba tal-membri tal-persunal kollha. | L-istabbiliment ta' qafas ta' arkitettura tal-intrapriżi għall-Aġenzija | L-istabbiliment ta' qafas ta' arkitettura tal-intrapriżi għall-Aġenzija u d-dħul fis-seħħ tiegħu | Ħarsa olistika lejn l-inter-relazzjoni bejn l-IT u n-negozju | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | CSS |

## *Ġestjoni tar-riżorsi umani*

### *2.2.4.13.L-implimentazzjoni tal-monitoraġġ tal-Istrateġija tal-HR u tal-Politika dwar iż-Żamma tal-Persunal*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività tinkludi r-reviżjoni tal-pjanijiet direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-HR u tal-Politika dwar iż-Żamma tal-Persunal (SRP), ir-reġistrazzjoni tal-kisbiet fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet elenkati hemmhekk, l-identifikazzjoni tal-oqsma jew tal-elementi tal-Istrateġija dwar ir-Riżorsi Umani u l-SRP li jeħtieġu żvilupp ulterjuri u t-tħejjija ta' rapporti dwar kull wieħed mill-aspetti msemmija hawn fuq, kif ukoll l-evalwazzjoni tal-SRP sal-aħħar tal-2018. Din l-attività tinkludi l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-kompiti rilevanti u l-monitoraġġ tal-użu tar-riżorsi b'rabta ma' dawk il-kompiti.Din l-attività tista' teħtieġ konsultazzjonijiet mal-Kumitati tal-Persunal u tal-Maniġment tal-Aġenzija u tipprovdi informazzjoni lill-persunal dwar il-progress u l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni tal-attivitajiet partikolari.

**VALUR MIŻJUD:** Il-membri tal-persunal u l-partijiet ikkonċernati jsiru konxji tal-progress li sar fil-kisba tal-objettivi stabbiliti fid-dokumenti interni strateġiċi tal-HR.

**SFIDI EWLENIN:** L-iżgurar li l-attivitajiet kollha elenkati fil-pjanijiet direzzjonali jitwettqu u jiġu rrapportati fil-ħin.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdija personalizzata tal-iżvilupp tal-impjegati | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | Il-ħolqien ta' qafas u strateġija xierqa għall-ġestjoni tal-għarfien għall-Aġenzija | Ir-reviżjoni kemm tad-dokument dwar l-Istrateġija tal-HR u tal-Politika dwar iż-Żamma tal-Persunal, kif ukoll tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tar-Riżorsi Umani u tal-SRP inklużi fir-Rapport Annwali tal-Attività | L-ippjanar tal-attivitajiet u tar-riżorsi fil-qasam tal-ġestjoni tar-riżorsi umani sabiex jiġu ssodisfati l-għanijiet strateġiċi u l-objettivi tal-Aġenzija | L-issodisfar tal-obbligi tal-eu-LISA lejn il-persunal tagħha b'mod strutturat u b'ippjanar tajjeb | Il-perċentwal tal-azzjonijiet elenkati fl-Istrateġija tar-Riżorsi Umani u fil-pjanijiet direzzjonali tal-SRP għall-2018 | L-implimentazzjoni ta' 90 % tal-azzjonijiet ippjanati għall-2017 | Rapport SMART, deċiżjoni tal-ED dwar is-suġġett, il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat ta' Ġestjoni, Rapport Annwali tal-Attività | HRTU |

## *2.2.4.14. L-implimentazzjoni tal-Politika dwar is-Saħħa u s-Sigurtà*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività tinkludi l-parteċipazzjoni f'konsultazzjonijiet interni mal-atturi maħtura responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika dwar is-Saħħa u s-Sigurtà (H&S) fiż-żewġ siti tal-eu-Lisa u l-użu ta' għarfien espert estern fit-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskji tas-saħħa u s-sigurtà fl-Aġenzija, li tkun teħtieġ l-allokazzjoni ta' riżorsi umani, materjali u finanzjarji. Ir-riżorsi interni sejrin jintużaw għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-azzjonijiet elenkati fil-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-Politika H&S li għandha tiġi żviluppata sal-aħħar tal-2017.Ir-riżorsi esterni sejrin jintużaw sabiex titwettaq il-valutazzjoni tar-riskji f'konformità mar-regolamenti tal-UE u dawk nazzjonali.

**VALUR MIŻJUD:** l-eu-LISA bħala entità li tħaddem sejra tikkonforma mar-regolamenti nazzjonali u tal-UE fil-qasam tal-H&S. Hija sejra tirrispondi wkoll għall-aspettattivi tal-membri tal-persunal imqajma f'dan ir-rigward.

**SFIDI EWLENIN:**Billi x-xogħol jirrikjedi kooperazzjoni orizzontali u interdixxiplinarja bejn is-servizzi tal-Aġenzija, hemm riskju li l-proġett jiġi ttrattat bi prijorità aktar baxxa minn dik mistennija għall-eżekuzzjoni f'waqtha tal-kompiti relatati.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdija personalizzata tal-iżvilupp tal-impjegati | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | Il-ħolqien ta' qafas u strateġija xierqa għall-ġestjoni tal-għarfien għall-Aġenzija | Is-sottomissjoni ta' rapport dwar l-implimentazzjoni lill-Kumitat tat-Tmexxija tal-eu-LISA qabel l-aħħar ta' Novembru 2018 jew l-inklużjoni tiegħu fir-Rapport Annwali tal-Attività għall-2018 | L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea | Bħala entità li tħaddem, l-eu-LISA tissodisfa l-obbligi tagħha fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol | L-attivitajiet imwettqa f'konformità mal-pjan jew mal-pjan direzzjonali adottat | 80 % tal-attivitajiet ippjanati jitwettqu kif ippjanat | Rapport SMART u Rapport Annwali tal-Attività | HRTU |

## 2.2.4.15. *L-għoti ta' kuntratti għal servizzi mediċi tal-eu-LISA*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Din l-attività tinkludi t-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta sabiex jinkiseb servizz mediku (preferibbilment wieħed għal kull sit u inkluż konsulent mediku u tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol) għat-twettiq ta' eżamijiet mediċi annwali u verifika tal-liv għal raġunijiet mediċi, il-monitoraġġ tal-kooperazzjoni mal-kuntrattur, kif ukoll iċ-ċirku tal-ħlas għas-servizz ikkuntrattat.

**VALUR MIŻJUD:**Żieda fis-sodisfazzjon tal-persunal bis-servizzi pprovduti mill-eu-LISA bħala entità li tħaddem, tnaqqis fil-piż amministrattiv u żmien iqsar sabiex il-membri tal-persunal jiġu rrimborżati għall-ispejjeż relatati mal-eżami mediku.

**SFIDI EWLENIN:**L-iżgurar li din l-attività titwettaq kif ippjanat, billi l-kompiti fl-HRTU jistgħu jiġu prijoritizzati mill-ġdid minħabba d-dawran tal-impjegati fl-unità jew minħabba ħtiġijiet mhux mistennija oħrajn ta' prijorità ogħla.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdija personalizzata tal-iżvilupp tal-impjegati | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz ta' opportunitajiet xierqa ta' avvanz fil-karriera | Jiġi kuntrattat servizz mediku | L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea u l-limitazzjoni tal-ammont ta' xogħol amministrattiv | L-eu-LISA tiżgura l-implimentazzjoni tajba tal-qafas regolatorju (l-Artikolu 59 tar-Regolamenti tal-Persunal) | Is-sottomissjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-offerta lill-FPU | L-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta finali lesti sa Ġunju 2018 | Dokument li juri s-sottomissjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta lill-FPU, il-pubblikazzjoni tal-offerta jew is-sejħa għall-offerti | HRTU |

### *2.2.4.16. Għodod tal-IT tal-HR żviluppati u implimentati fil-produzzjoni (Allegro, Sysper II u/jew applikazzjoni ddedikata għall-ġestjoni tal-ħin)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività tinkludi t-trasferiment tad-data personali u tad-dokumenti tal-membri tal-persunal minn Allegro għal Sysper II, jekk Sysper II tkun disponibbli għall-eu-LISA.Hija tista' tinkludi wkoll l-iżvilupp ta' applikazzjoni ddedikata għall-ġestjoni tal-ħin u tal-liv.

**VALUR MIŻJUD:** L-eu-LISA sejra ttejjeb il-ġestjoni tal-proċessi tan-negozju fl-HRTU, li jirrikjedu operazzjonijiet manwali jew semi-manwali fuq id-data u d-dokumentazzjoni tal-persunal. Il-kisbiet fl-effiċjenza mistennija fl-HRTU għat-tħejjija tar-rapporti jistgħu jiġu osservati u rrapportati fis-sena/snin li jmiss.

**SFIDI EWLENIN:**L-isfida ewlenija tista' tkun dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett minħabba ċirkostanzi interni jew esterni u l-ħtieġa ta' riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali matul il-fażi ta' żvilupp, adattament u/jew ittestjar.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdija personalizzata tal-iżvilupp tal-impjegati | L-allinjament konsistenti tal-Impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni ta' għarfien, żvilupp u taħriġ | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar tal-iżvilupp tagħhom permezz ta' opportunitajiet xierqa ta' avvanz fil-karriera | Id-data personali tal-persunal tiġi ttrasferita għal Sysper II (dan jiddependi fuq atturi esterni: id-DĠ DIGIT u d-DĠ HR) jew is-sistema Allegro tintuża kompletament | L-iżvilupp tal-kapaċità ta' rapportar u l-istinkar sabiex jinkisbu kisbiet fl-effiċjenza fit-twettiq tal-kompiti amministrattivi bl-użu tat-teknoloġija disponibbli | L-attività sejra tappoġġja l-kisbiet fl-effiċjenza f'termini tal-ġestjoni tal-HR. | Il-finalizzazzjoni tat-trasferiment ta' data personali lejn Sysper II. It-tnedija tal-għodda għall-membri tal-persunal kollha jew il-bidu ta' taħriġ għall-membri tal-persunal | It-trasferiment ta' data personali lejn Sysper II qabel Diċembru 2018. It-tnedija tal-għodda għall-membri tal-persunal kollha qabel l-aħħar tal-2018 | Rapport dwar l-istatus tal-proġett, rapport SMART | HRTU |

## 2.3. Attivitajiet operazzjonali fejn kollox jibqa' għaddej bħas-soltu

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet kollha tan-negozju operattiv ewlieni tal-Aġenzija li jitwettqu fuq bażi ta' kuljum.

### 2.3.1. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

*Il-ġestjoni operattiva tas-sistemi*

#### *2.3.1.1. Manutenzjoni tal-VIS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

- Manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet;
- Manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex il-VIS tibqa' kontinwament konformi mal-aktar teknoloġiji avvanzati u d-disponibbiltà ta' appoġġ għall-manifatturi jew l-edituri tal-komponenti;

- Manutenzjoni perfettiva: it-titjib, abbażi tal-għarfien espert tekniku u l-bidliet għall-aħjar identifikati, tal-komponenti tal-VIS sabiex jiksbu l-aħjar prestazzjoni possibbli;
- Manutenzjoni preventiva: it-twettiq tal-bidliet fil-VIS abbażi tal-osservazzjonijiet operattivi sabiex jiġi evitat li s-sorsi potenzjali identifikati ta' kwistjonijiet iwasslu għal inċidenti.

**VALUR MIŻJUD:** L-Aġenzija sejra tipprovdi lill-Istati Membri b'VIS li taħdem f'konformità mal-qafas leġiżlattiv tal-VIS u mal-FLS miftiehem.

**SFIDI EWLENIN:** L-iżgurar li l-bidliet tal-VIS meħtieġa mill-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati b'mod xieraq fil-pjan direzzjonali globali tal-VIS/BMS u jiġu skjerati fil-ħin sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-qafas leġiżlattiv tal-VIS u mal-FLS miftiehem.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | Il-manutenzjoni tal-VIS tiġi ġestita b'tali mod li l-prestazzjoni tas-sistema tkun skont il-ftehim dwar il-livell ta' servizz | L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-VIS tkun skont ir-rekwiżiti f'termini tad-disponibbiltà u l-prestazzjoni, u li l-avvenimenti li jwasslu għal imġiba mhux mistennija tas-sistema jiġu ġestiti f'konformità mal-istandards tal-ITSM u mal-FLS mal-utenti finali. Barra minn hekk, permezz tal-manutenzjoni | Il-VIS taġixxi skont ir-rekwiżiti. L-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq jiġu ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-ftehim dwar il-livell ta' servizz mal-utenti finali | Aderenza mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz tal-VIS (jekk jogħġbok irreferi għall-Anness XI) | L-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-VIS li jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz, it-titjib mistenni u l-inċidenti evitati | Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | adattiva, irid jiġi żgurat li l-VIS dejjem tkun appoġġjata mill-manifatturi jew mill-edituri tal-assi użati mis-sistema | | | | | |

### 2.3.1.2. *L-iżgurar tal-operat ta' kwalità għolja u bla interruzzjonijiet tas-sistemi kummerċjali ewlenin*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Il-monitoraġġ tas-sistemi kummerċjali ewlenin 24 siegħa kuljum; il-ġestjoni tal-inċidenti fil-livell 1 u interazzjonijiet mal-iSM u l-faċilitazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-proġetti.

**VALUR MIŻJUD:**L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-regolament tat-twaqqif (l-Artikolu 1(4)) sabiex il-funzjonament tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira jinżamm f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għalihom.

**SFIDI EWLENIN:** L-iżgurar ta' servizzi mhux interrotti b'riżorsi limitati disponibbli, meta mqabbla mad-domanda għall-provvista tas-servizzi f'mudell ta' xiftijiet 24/7.Sabiex tindirizza din l-isfida, l-Aġenzija sejra tkompli tfassal, timplimenta u ttejjeb is-sistemi xierqa maħsuba sabiex jimmonitorjaw it-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-prestazzjoni tal-applikazzjonijiet u l-istatus tan-netwerk u s-sistemi.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-operazzjonijiet fil-livell 1/il-ġestjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin ikunu bla interruzzjonijiet u ta' kwalità għolja 24 siegħa kuljum | L-iżgurar ta' operazzjonijiet fil-livell 1/ġestjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin bla interruzzjonijiet u ta' kwalità għolja | L-iSM jirċievu servizz affidabbli mis-sistemi kummerċjali ewlenin | Konformità mal-FLS | Il-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz tissodisfa r-rekwiżiti tal-FLS relatat | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS | OIU |

### 2.3.1.3. It-tħaddim, il-ġestjoni u ż-żamma taċ-ċentru tad-data ta' riżerva u s-sit operattiv ta' riżerva f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Operazzjonijiet 24 siegħa kuljum tal-Infrastruttura tal-IT tas-sistemi kummerċjali ewlenin, li jkopru l-ġestjoni operattiva, il-ġestjoni tar-rilaxxi u tal-bidliet, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-inċidenti u tal-problemi, l-attivitajiet ta' manutenzjoni u l-faċilitazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-proġetti, sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla interruzzjonijiet tas-sistemi kummerċjali ewlenin u jkun limitat it-telf potenzjali tad-data f'każ ta' inċident fuq is-CU.

**VALUR MIŻJUD:** L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-Regolament tat-twaqqif tal-eu-LISA (l-Artikolu 1 (4)) sabiex il-funzjonament tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira jinżamm f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-istrumenti tas-sistemi applikabbli għalihom.

**SFIDI EWLENIN:** F'dan il-punt mhumiex mistennija sfidi ewlenin.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-operazzjonijiet/il-ġestjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin ikunu bla interruzzjonijiet u ta' kwalità għolja 24 siegħa kuljum | L-iżgurar ta' operazzjonijiet fil-livell 1/ġestjoni tas-sistemi kummerċjali ewlenin bla interruzzjonijiet u ta' kwalità għolja u l-infrastruttura sottostanti | L-iSM jirċievu servizz affidabbli mis-sistemi kummerċjali ewlenin | L-għadd ta' kwistjonijiet tal-infrastruttura tal-BCU tal-eu-LISA li jinterrompu s-servizzi tas-sistemi kummerċjali ewlenin lejn l-iSM | Il-kwistjonijiet potenzjali tal-infrastruttura tal-BCU tal-eu-LISA li ma jinterrompux is-servizzi tas-sistemi kummerċjali ewlenin lejn l-iSM | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema | OIU |

### 2.3.1.4. Manutenzjoni tal-BMS

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

- Manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet;
- Manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex il-BMS tibqa' kontinwament konformi mal-aktar teknoloġiji avvanzati u d-disponibbiltà ta' appoġġ għall-manifatturi jew l-edituri tal-komponenti;

- Manutenzjoni perfettiva: it-titjib, abbażi tal-għarfien espert tekniku u l-bidliet għall-aħjar identifikati, tal-komponenti tal-BMS sabiex jiksbu l-aħjar prestazzjoni possibbli;
- Manutenzjoni preventiva: it-twettiq tal-bidliet fil-BMS abbażi tal-osservazzjonijiet operattivi sabiex jiġi evitat li s-sorsi potenzjali identifikati ta' kwistjonijiet iwasslu għal inċidenti.

**VALUR MIŻJUD:**L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'BMS bħala subservizz tal-VIS li taħdem f'konformità mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħhom.

**SFIDI EWLENIN:**L-iżgurar li l-bidliet tal-BMS meħtieġa mill-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati b'mod xieraq fil-pjan direzzjonali globali tal-VIS/BMS u jiġu skjerati fil-ħin sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-ħtiġijiet tan-negozju.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | Il-manutenzjoni tal-BMS tiġi ġestita b'tali mod li l-prestazzjoni tal-BMS tkun skont il-ftehim dwar il-livell ta' servizz | L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-BMS tkun skont ir-rekwiżiti f'termini tad-disponibbiltà u l-prestazzjoni, u li l-avvenimenti li jwasslu għal imġiba mhux mistennija tas-sistema jiġu ġestiti f'konformità mal-istandards tal-ITSM u mal-FLS mal-utenti finali | Il-BMS taġixxi skont ir-rekwiżiti u l-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq jiġu ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-ftehim dwar il-livell ta' servizz mal-utenti finali | Aderenza mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz tal-BMS (jekk jogħġbok irreferi għall-Anness XI) | L-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-BMS li jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz, it-titjib mistenni u l-inċidenti evitati | Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni | AMMU |

### *2.3.1.5. Manutenzjoni tas-SIS II*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

- Manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet;
- Manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex is-SIS II tibqa' kontinwament konformi mal-aktar teknoloġiji avvanzati u d-disponibbiltà ta' appoġġ għall-manifatturi jew l-edituri tal-komponenti;
- Manutenzjoni perfettiva: it-titjib, abbażi tal-għarfien espert tekniku u l-bidliet għall-aħjar identifikati, tal-komponenti tas-SIS II sabiex jiksbu l-aħjar prestazzjoni possibbli;
- Manutenzjoni preventiva: it-twettiq tal-bidliet fis-SIS II abbażi tal-osservazzjonijiet operattivi sabiex jiġi evitat li s-sorsi potenzjali identifikati ta' kwistjonijiet iwasslu għal inċidenti.

**VALUR MIŻJUD:**L-Aġenzija sejra tipprovdi lill-Istati Membri b'SIS II li taħdem f'konformità mal-qafas leġiżlattiv tas-SIS II u mal-FLS miftiehem.

**SFIDI EWLENIN:**L-iżgurar li l-bidliet tas-SIS II meħtieġa mill-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati b'mod xieraq fil-pjan direzzjonali globali tas-SIS II u jiġu skjerati fil-ħin sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-ħtiġijiet tan-negozju.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | Il-manutenzjoni tas-SIS II tiġi ġestita b'tali mod li l-prestazzjoni tas-sistema tkun skont il-ftehim dwar il-livell ta' servizz | L-iżgurar li l-prestazzjoni tas-SIS II tkun skont ir-rekwiżiti f'termini tad-disponibbiltà u l-prestazzjoni, u li l-avvenimenti li jwasslu għal imġiba mhux mistennija tas-sistema jiġu | Is-SIS II taġixxi skont ir-rekwiżiti u l-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq jiġu ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-ftehim dwar il-livell ta' | Aderenza mal-qafas leġiżlattiv u l-ftehim dwar il-livell ta' servizz tas-SIS II (jekk jogħġbok irreferi għall-Anness XI) | L-attivitajiet ta' manutenzjoni tas-SIS II li jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mar-rekwiżiti leġiżlattivi u mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz, it- | Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | ġestiti f'konformità mal-istandards tal-ITSM u mal-FLS mal-utenti finali. Barra minn hekk, irid jiġi żgurat li s-SIS II dejjem tkun appoġġjata mill-manifatturi jew mill-edituri tal-assi użati mis-sistema | servizz mal-utenti finali | | titjib mistenni u l-inċidenti evitati | | |

### *2.3.1.6. Il-ġestjoni operattiva tas-SIS II (tranżizzjoni għall-kuntratt tal-MWO ġdida tas-SIS II, kontinwazzjoni mill-2017)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-attivitajiet ta' tranżizzjoni u struttura meħtieġa għall-kuntratt ġdid ta' MWO tas-SIS II sabiex ikunu żgurati l-forniment kontinwu ta' servizzi ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet 24/7, is-superviżjoni tal-manutenzjoni, inklużi software korrettiv, ġestjoni tar-rilaxxi u ġestjoni tat-tibdil.

**VALUR MIŻJUD:** Il-forniment ta' servizzi tas-SIS II lill-Istati Membri bil-kwalità xierqa u bla interruzzjonijiet.

**SFIDI EWLENIN:** Jingħelbu l-ostakoli għat-tranżizzjoni bejn iż-żewġ fornituri.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistema tas-SIS II | Is-SIS II topera kif mitlub mill-MWO l-ġdid | Iż-żamma tas-SIS II f'ordni ta' tħaddim ottimali | It-trasferiment tal-għarfien lill-kuntrattur il-ġdid u t-twettiq tal-istruttura | Il-konformità mal-FLS tas-SIS II wara t-tranżizzjoni | L-FLS standard u speċifiċi tas-SIS II issodisfati kompletament wara t-tranżizzjoni | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistema u l-FLS. Riżultati tanġibbli addizzjonali relatati mat-tranżizzjoni | AMMU |

### *2.3.1.7. Appoġġ għall-Istati Membri (SIS II)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-attività tinkludi:

- il-kwalifika ta' midwers orjentati għall-messaġġi (MOMs) ġodda;
- l-appoġġ għas-sistemi nazzjonali ġodda;
- it-testijiet tal-konformità.

**VALUR MIŻJUD:** L-iżgurar tal-konformità mas-sistema ċentrali.

**SFIDI EWLENIN:** Dipendenza fuq l-informazzjoni u t-talbiet li jiġu mill-Istati Membri.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Servizzi addizzjonali (eż. statistika, rapportar) disponibbli għall-partijiet ikkonċernati | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | Il-provvista tas-servizzi tal-ittestjar kollha kif mitlub mill-iSM | L-għoti ta' appoġġ lill-iSM fl-ittestjar tas-sistemi nazzjonali tagħhom fir-rigward tas-Sistema Ewlenija | L-iSM jiġu pprovduti b'appoġġ suffiċjenti għall-użu tas-SIS II minnhom | Il-perċentwal tax-xenarji tal-każijiet ta' prova għadda l-100 % fi tmiem il-fażi tat-test | 100 % tax-xenarji tal-każijiet ta' ttestjar mgħoddija b'suċċess | Is-servizzi ta' ttestjar tal-konformità għar-rapporti tal-iSM | AMMU |

### *2.3.1.8. Manutenzjoni tal-eurodac*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

- Manutenzjoni korrettiva: ġestjoni tal-inċidenti, ġestjoni tal-problemi, ġestjoni tal-bidliet;
- Manutenzjoni adattiva: is-segwitu u l-antiċipazzjoni tal-obsolexxenza tal-komponenti tas-sistema sabiex is-sistema tibqa' kontinwament konformi mal-aktar teknoloġiji avvanzati u d-disponibbiltà ta' appoġġ għall-manifatturi jew l-edituri tal-komponenti.

**VALUR MIŻJUD:** L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'Eurodac li taħdem f'konformità mal-qafas leġiżlattiv u mal-FLS.

**SFIDI EWLENIN:** L-iżgurar li l-bidliet tal-Eurodac meħtieġa mill-attivitajiet ta' manutenzjoni jkunu integrati b'mod xieraq fil-pjan direzzjonali globali tal-Eurodac u jiġu skjerati fil-ħin sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun konformi mal-qafas leġiżlattiv u mal-FLS.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | Il-manutenzjoni tal-Eurodac tiġi ġestita b'tali mod li l-prestazzjoni tas-sistema tkun skont il-ftehim dwar il-livell ta' servizz | L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-Eurodac tkun skont ir-rekwiżiti f'termini tad-disponibbiltà u l-prestazzjoni, u li l-avvenimenti li jwasslu għal imġiba mhux mistennija tas-sistema jiġu ġestiti f'konformità mal-istandards tal-ITSM u mal-FLS mal-utenti finali. Barra minn hekk, permezz tal-manutenzjoni adattiva, irid jiġi żgurat li l-Eurodac dejjem tkun appoġġjata mill-manifatturi jew mill-fornituri terzi tal-assi użati mis-sistema | L-Eurodac taġixxi skont ir-rekwiżiti. L-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq jiġu ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-ftehim dwar il-livell ta' servizz mal-utenti finali | Aderenza mal-indikaturi tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz tal-Eurodac (jekk jogħġbok irreferi għall-Anness XI) | L-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-Eurodac li jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz, it-titjib mistenni u l-inċidenti evitati | Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni | AMMU |

### *2.3.1.9. Manutenzjoni tal-VIS Mail*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Segwitu ta' kuljum tal-attivitajiet relatati mal-VIS Mail.

**VALUR MIŻJUD:**Jiġi magħmul disponibbli appoġġ sħiħ għall-Istati Membri.

**SFIDI EWLENIN:**Ma hemmx sfidi ewlenin.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-attivitajiet relatati mal-VIS Mail jiġu ttrattati bla ebda difett u l-appoġġ meħtieġ jiġi magħmul disponibbli għall-Istati Membri | L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-VIS Mail tkun skont ir-rekwiżiti | L-eu-LISA tissodisfa l-obbligu legali tagħha fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-VIS Mail billi tipprovdi l-appoġġ mistenni lill-Istati Membri | Aderenza mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz tal-VIS (jekk jogħġbok irreferi għall-Anness XI) | L-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-VIS li jwasslu sabiex il-prestazzjoni tas-sistema tkun f'konformità mal-ftehim dwar il-livell ta' servizz, it-titjib mistenni u l-inċidenti evitati | Rapporti perjodiċi dwar it-tħaddim u l-manutenzjoni | AMMU |

*Infrastruttura tal-komunikazzjoni*

### *2.3.1.10.Il-ġestjoni fil-livell 2 tal-infrastruttura tal-IT tas-sistemi kummerċjali ewlenin*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-operazzjonijiet ta' kuljum tal-Infrastruttura tal-IT tas-sistemi kummerċjali ewlenin, li jkopru l-ġestjoni operattiva, il-ġestjoni tar-rilaxxi u tat-tibdil, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-inċidenti u l-problemi, l-attivitajiet ta' manutenzjoni u l-kontribuzzjoni għat-tħejjija, it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-proġetti ġestiti f'unitajiet oħrajn.

**VALUR MIŻJUD:** L-issodisfar tar-rekwiżiti tar-regolament tat-twaqqif tal-eu-LISA (l-Artikolu 1 (4)) sabiex il-funzjonament tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira jinżamm f'konformità mad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-istrumenti leġiżlattivi tas-sistemi applikabbli għalihom.

**SFIDI EWLENIN:** F'dan il-punt mhumiex mistennija sfidi ewlenin.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ lill-iSM | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | L-Infrastruttura tal-IT tiżgura l-funzjonament xieraq u bla interruzzjonijiet tas-sistemi kummerċjali ewlenin matul is-sena.<br>It-tfassil u l-implimentazzjoni kontinwa tal-ambjent tal-iżvilupp tan-netwerk | L-iżgurar tal-operat ta' kwalità għolja u bla interruzzjonijiet tal-infrastruttura tas-sistemi kummerċjali ewlenin | L-iSM jirċievu servizz affidabbli mis-sistemi kummerċjali ewlenin | Konformità mal-FLS. Jekk jogħġbok ara l-Annessi XI u XII | L-FLS standard u speċifiċi ssodisfati kompletament | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistemi | OIU |

### *2.3.1.11.Il-ġestjoni operattiva regolari tal-kuntratti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (eżekuzzjoni tal-baġit, akkwiżizzjoni, tiġdid, ġestjoni tal-kuntratti)*[61]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-attività sejra tibda ladarba jitlesta t-trasferiment mid-DĠ Home u tkompli wara.Hija sejra tkopri:

- l-estensjoni jew it-tiġdid tal-appoġġ fuq il-komponenti ta' Sirenemail u VIS Mail;
- l-akkwiżizzjoni tal-komponenti tat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS;

61 L-implimentazzjoni ta' din l-attività tiddependi fuq l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti.

- it-tiġdid tal-komponenti tat-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS II;
- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratt TESTA-ng tas-SIS II u tal-VIS;
- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti ta' appoġġ għas-sistemi VIS u SIS II Mail
- il-ġestjoni kuntrattwali tal-kuntratti għat-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS u tas-SIS II Mail
- l-għoti ta' speċifikazzjonijiet għall-estensjoni tal-kuntratti speċifiċi.

**VALUR MIŻJUD:**L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u tipprovdi lill-Istati Membri b'infrastruttura ta' komunikazzjoni għas-SIS u għall-VIS f'konformità mal-qafas leġiżlattiv u mal-FLS.

**SFIDI EWLENIN:**Ma ġewx identifikati sfidi ewlenin.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Id-disponibbiltà kontinwa ta' servizz sħiħ tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni | L-iżgurar ta' ġestjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi kollha | Il-manutenzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tiġi ġestita b'tali mod li l-prestazzjoni tas-sistema tkun skont il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz u jiġi pprovdut appoġġ lill-Istati Membri | L-iżgurar li l-prestazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tkun skont ir-rekwiżiti f'termini tad-disponibbiltà u l-prestazzjoni. Għal Sirenemail u VIS Mail, b'mod partikolari, irid jiġi żgurat li l-komponenti kollha jkunu koperti minn partijiet terzi u | L-infrastruttura tal-komunikazzjoni taġixxi skont ir-rekwiżiti. L-avvenimenti li jimpedixxu lis-sistema milli taġixxi kif xieraq jiġu ġestiti b'mod f'waqtu sabiex il-prestazzjoni tibqa' fi ħdan il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz | Aderenza mal-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz għall-komunikazzjoni | Il-prestazzjoni tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni f'konformità mal-FLS, it-titjib mistenni u l-inċidenti evitati | Rapporti ta' kull xahar dwar l-FLS | OIU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | appoġġ għall-manifattura | | | | | |

*L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda*

## 2.3.1.12. Il-ġestjoni operattiva ta' DubliNet[62]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Il-ġestjoni operattiva ta' DubliNet u l-allinjament mal-mudell operattiv tal-eu-LISA, mad-dħul fis-seħħ tal-istrumenti leġiżlattivi.Minbarra l-appoġġ operattiv ta' kuljum, dan jinkludi allinjament mal-istandards tal-ITSM u appoġġ kuntrattwali sabiex jiġu koperti l-adattamenti u l-iżviluppi tekniċi possibbli (eż. bidla għal kontenut tal-web/XML) bi qbil mal-Istati Membri.

**VALUR MIŻJUD:**Jiġi magħmul disponibbli appoġġ sħiħ għall-Istati Membri.

**SFIDI EWLENIN:**F'dan il-punt mhumiex mistennija sfidi ewlenin.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | L-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali oħrajn jekk ikunu meħtieġa mill-istrumenti | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk dan ikun previst mill-istrumenti | L-eu-LISA hija legalment fdata bir-responsabbiltà operattiva sħiħa għal DubliNet mir-Regolament tal-Eurodac | L-allinjament tal-mudell operattiv ta' DubliNet ma' dak tas-sistemi l-oħrajn u l-iżgurar tal-mudell ta' appoġġ meħtieġ | L-eu-LISA tassumi r-responsabbiltà operattiva sħiħa għal DubliNet – mudell ta' appoġġ allinjat mas-sistemi l-oħrajn | It-twaqqif u l-aderenza mal-indikaturi tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz operattiv ta' DubliNet mal- | L-attivitajiet ta' manutenzjoni u l-operazzjonijiet ta' DubliNet iwasslu għall-prestazzjoni tas-sistema f'konformità mal- | Rapporti perjodiċi dwar it-theddim u l-manutenzjoni | AMMU |

62 Soġġetta għall-adozzjoni tat-tfassil mill-ġdid tal-Eurodac.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | leġiżlattivi rilevanti | leġiżlattivi rilevanti<br><br>Il-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati | imfassal mill-ġdid (meta jiġi adottat). L-Aġenzija diġà qiegħda topera DubliNet skont MtQ mill-2014 (fuq bażi tal-aħjar sforz, mingħajr ebda appoġġ kuntrattwali u bil-possibbiltà ta' ammeljoramenti tekniċi) | għall-iSM (servizzi ta' infrastruttura taċ-ċavetta pubblika (PKI), appoġġ operazzjonali u kuntrattwali, ammeljoramenti possibbli, eċċ.) | | adozzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-ħolqien tal-FLS rilevanti | miri tal-ftehim dwar il-livell ta' servizz | | |

*Rapportar statutorju*

### *2.3.1.13.L-abbozzar ta' rapporti tekniċi, l-aggregazzjoni tal-istatistika u l-pubblikazzjoni tal-lista aġġornata ta' awtoritajiet*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Din l-attività tinkludi l-ġbir ta' informazzjoni fi ħdan l-eu-LISA, kif ukoll mill-Istati Membri, u l-abbozzar tad-dokument li għandu jiġi sottomess lill-BT u sottomess mill-BT lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

**VALUR MIŻJUD:**L-Aġenzija sejra tissodisfa l-obbligi legali tagħha u fl-istess ħin iżżomm lill-benefiċjarju informat.

**SFIDI EWLENIN:**L-iżgurar tat-twassil f'waqtu tal-input meħtieġ.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | L-Aġenzija sejra tkompli tissodisfa b'suċċess l-obbligi statutorji kollha ta' rapportar kif stipulat fil-bażijiet legali rilevanti | Konformità sħiħa u f'waqtha mal-obbligi statutorji kollha tar-rapportar | Ir-rapporti tekniċi, l-istatistika annwali u l-lista ta' awtoritajiet jiġu sottomessi lill-istituzzjonijiet tal-UE jew ippubblikati fil-ĠU tal-UE kif mitlub mir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija u l-bażi ġuridika ta' kull sistema li topera l-Aġenzija | L-għoti ta' informazzjoni dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi u l-użu tagħhom<br>L-issodisfar tar-rekwiżiti tal-istrumenti tas-sistemi u tar-Regolament tat-twaqqif | L-obbligi kollha tar-rapportar jiġu ssodisfati kif deskritt fir-Regolament tat-twaqqif u fil-bażijiet ġuridiċi għas-sistemi ġestiti | Is-sottomissjoni lill-istituzzjonijiet tal-UE ta':<br>- l-istatistika annwali tas-SIS II għall-2017<br>- ir-rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS<br>- ir-rapport annwali li jinkludi l-funzjonament tekniku tal-Eurodac.<br>Il-pubblikazzjoni ta':<br>- aġġornament tal-lista ta' awtoritajiet/N.SIS /SIRENE għas-SIS II fil-ĠU<br>- aġġornament tal-lista ta' awtoritajiet (ażil) għall-Eurodac fuq is-sit web | Is-sottomissjoni lill-istituzzjonijiet tal-UE ta':<br>- l-istatistika annwali tas-SIS II għall-2017 sal-aħħar tal-Q1 2018<br>- ir-rapport dwar il-funzjonament tekniku tal-VIS sal-aħħar tal-Q1 2018<br>- ir-rapport annwali li jinkludi l-funzjonament tekniku tal-Eurodac sa nofs il-Q2 2018<br>- Il-pubblikazzjoni ta':<br>- aġġornament tal-lista ta' awtoritajiet/N.SIS /SIRENE għas-SIS II fil-ĠU sal-aħħar tal-Q2 2018<br>- aġġornament tal-lista ta' awtoritajiet (ażil) għall-Eurodac fuq | Ittri ta' sottomissjoni tar-rapport/tal-istatistika rilevanti lill-partijiet ikkonċernati; il-pubblikazzjoni fil-ĠU tal-UE jew fuq is-sit web tal-Aġenzija | GCU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | is-sit web sal-aħħar tal-Q2 2018 | | |

*Il-forniment ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri*

### *2.3.1.14.L-għoti ta' taħriġ dwar l-użu tekniku tas-sistemi lill-Istati Membri*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-organizzazzjoni u l-għoti ta' taħriġ kif stabbilit fil-Pjan ta' Taħriġ Annwali.

**VALUR MIŻJUD:** Jiżdied l-għarfien tekniku tal-Istati Membri dwar is-sistemi, li jirriżulta fi prestazzjoni aħjar fil-livell nazzjonali.L-Istati Membri sejrin jirċievu taħriġ imfassal apposta dwar l-użu tekniku tas-sistemi.

**SFIDI EWLENIN:** Id-disponibbiltà suffiċjenti tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA sabiex jikkoordinaw u jipprovdu t-taħriġ, kif ukoll tal-kuntratturi sabiex iħejju u jagħtu korsijiet ta' taħriġ speċifiċi.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | Hemm fis-seħħ programm ta' taħriġ imfassal apposta u risponsiv dwar is-sistemi li jissodisfa b'mod sħiħ il-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati | L-għoti ta' taħriġ xieraq dwar is-sistemi għall-Istati Membri | L-għoti ta' taħriġ lill-iSM skont il-Pjan ta' Taħriġ Annwali | L-issodisfar tal-kompitu ewlieni tal-Aġenzija skont ir-Regolament tat-twaqqif u l-għoti ta' taħriġ tekniku dwar il-funzjonament u l-użu tas-sistemi lill-iSM | It-titjib u l-applikazzjoni tal-għarfien tal-iSM dwar il-funzjonament tekniku u l-użu tas-sistemi | Ir-rata ta' sodisfazzjon (skali 1-6, b'1 l-aktar baxxa, 6 l-ogħla) | Medja mhux inqas minn 4 (skali 1-6) | Formoli ta' evalwazzjoni | GCU |

## 2.3.2. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*Il-monitoraġġ u l-applikazzjoni tal-iżviluppi fir-riċerka għall-evoluzzjoni tas-sistema*

### *2.3.2.1. L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar il-Monitoraġġ tat-Teknoloġija u r-Riċerka*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Is-sottomissjoni ta' rapporti regolari lill-Kunsill, lill-PE u lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Aġenzija u rapporti biannwali lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 15 tal-MtQ; il-kompilazzjoni ta' informazzjoni minn sorsi differenti dwar suġġetti identifikati bħala prijoritajiet għas-sena u t-tressiq ta' rapport pubbliku koerenti u strutturat li jispjega r-rilevanza tal-informazzjoni lill-partijiet ikkonċernati; it-tfassil tal-aġendi għall-konferenza u għall-avvenimenti tal-industrija, l-interazzjoni mal-kelliema u ma' esperti oħrajn sabiex jattendu u jipprovdu l-għarfien tagħhom u l-identifikazzjoni tal-imsieħba u tal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu mistiedna għall-avvenimenti; it-twettiq ta' preżentazzjonijiet ibbażati fuq monitoraġġ dokumentarju tar-riċerka, inklużi letteratura b'sors miftuħ, ġurnali akkademiċi u materjali rilevanti ppubblikati.

**VALUR MIŻJUD:**Il-partijiet ikkonċernati interni u esterni huma aktar konxji tat-teknoloġiji ġodda u rilevanti u jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati aħjar dwar l-iżvilupp u l-evoluzzjoni tas-sistema.

**SFIDI EWLENIN:**Attivitajiet f'kompetizzjoni ma' xulxin minħabba l-proġetti li għadhom għaddejjin, li jinterferixxu mal-proċess ta' monitoraġġ u/jew abbozzar.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-monitoraġġ ta' teknoloġiji ġodda u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda sabiex tiġi ffaċilitata l-ottimizzazzjoni tal-proċessi kummerċjali | Il-monitoraġġ regolari tar-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet lill-maniġment rigward it-teknoloġiji u s-soluzzjonijiet ġodda applikabbli | L-iżvilupp ulterjuri ta' għodod ta' involviment u monitoraġġ tar-riċerka sabiex tkun tista' ssir l-integrazzjoni rapida tal-aspetti rilevanti tar-riċerka fil-proċessi | It-tħejjija ta' rapporti biannwali dwar ir-riċerka u t-teknoloġija, il-pubblikazzjoni tagħhom fuq is-sit web tal-eu-LISA u s-sottomissjoni tagħhom lill-Kunsill, lill-PE u | Id-disponibbiltà tal-informazzjoni miksuba permezz ta' monitoraġġ tat-teknoloġija għall-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti. | Il-partijiet ikkonċernati huma aktar konxji tal-iżviluppi fit-teknoloġiji ta' rilevanza għall-iżvilupp u l-evoluzzjoni tas-sistemi u, għalhekk, jinsabu | L-eżekuzzjoni f'waqtha tal-attivitajiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Monitoraġġ tar-Riċerka u t-Teknoloġija.<br>Livell għoli ta' sodisfazzjon minn | L-eżekuzzjoni tal-attivitajiet f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti fil-Pjan Direzzjonali għall-Monitoraġġ tar-Riċerka u t-Teknoloġija. | Rapporti prodotti wara l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Monitoraġġ tar-Riċerka u l-Iżvilupp. | GCU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | kummerċjali tal-Aġenzija; l-iżvilupp ta' proċess strutturat ta' valutazzjoni u monitoraġġ tat-teknoloġija | lill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll lill-KEPD, meta jkunu kkonċernati kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data. L-organizzazzjoni ta' diskussjonijiet madwar mejda mal-industrija u konferenza annwali. It-twettiq ta' preżentazzjonijiet dettaljati u aġġornati lill-partijiet ikkonċernati interni u esterni | L-organizzazzjoni tal-konferenza annwali tal-Aġenzija u ta' diskussjonijiet madwar mejda mal-industrija sabiex jittejbu l-iskambju ta' għarfien u l-bini tal-kapaċità, filwaqt li l-industrija tiġi ggwidata fil-proċessi ta' żvilupp tagħha fil-ġejjieni | f'pożizzjoni aħjar sabiex jieħdu deċiżjonijiet informati | dawk li attendew wara l-parteċipazzjoni tagħhom fl-avvenimenti; attendenza ripetuta fl-avvenimenti annwali | Sodisfazzjon espress minn aktar minn 70 % ta' dawk li attendew fl-istħarriġ ta' wara l-avveniment; attendenza ripetuta ta' mill-inqas 40 % ta' dawk li attendew u pparteċipaw fil-konferenza fis-snin suċċessivi | Stħarriġ dwar is-sodisfazzjon ta' wara l-avveniment; listi ta' dawk li attendew | |

## 2.3.3. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 3

### *2.3.3.1. L-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija bħala osservatur fil-missjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Schengen*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Il-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-missjonijiet tal-Evalwazzjoni ta' Schengen:Evalwazzjonijiet ta' SIS/SIRENE u tal-Politika Komuni dwar il-Viża.

**VALUR MIŻJUD:** L-Aġenzija tissodisfa l-obbligi tagħha bħala osservatur fl-Evalwazzjoni ta' Schengen b'mod preċiż u affidabbli.

**SFIDI EWLENIN:** L-għadd ta' missjonijiet ta' Evalwazzjoni ta' Schengen mitluba jaqbeż il-kapaċità tal-Aġenzija li tirrispondi.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Issir konsulenta fdata għall-istituzzjonijiet tal-UE dwar kwistjonijiet tal-ICT li jaqgħu taħt il-mandat tal-Aġenzija | It-turija ta' fiduċja konsistentement għolja tal-partijiet ikkonċernati fil-kapaċità tal-Aġenzija li twettaq il-kompiti mogħtija b'mandat lilha, ikkwantifikata permezz ta' stħarriġ immirat għall-partijiet ikkonċernati | L-għoti ta' pariri effettivi lill-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mandat u l-attivitajiet tal-Aġenzija | L-eu-LISA tipparteċipa fil-missjonijiet ta' Evalwazzjoni ta' Schengen bħala osservatur (evalwazzjonijiet ta' SIS/SIRENE u tal-Politika Komuni dwar il-Viża) | L-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-esperti tal-Aġenzija fil-missjonijiet ta' Evalwazzjoni ta' Schengen (missjonijiet ta' SIS/SIRENE u tal-Politika Komuni dwar il-Viża) | L-Istati Membri jiġu pprovduti b'appoġġ kontinwu għall-proċess ta' Evalwazzjoni ta' Schengen (evalwazzjonijiet ta' SIS/SIRENE u tal-Politika Komuni dwar il-Viża) | Il-parteċipazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA fil-missjonijiet ta' Evalwazzjoni ta' Schengen (SIS/SIRENE u l-Politika Komuni dwar il-Viża), kif mitlub | Il-parteċipazzjoni adegwata skont il-pjan imressaq mill-Kummissjoni | Rapporti dwar l-Attivitajiet Annwali | GCU, OPD, SEC |

## 2.3.4. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 4

*Ġestjoni tar-riżorsi umani*

### *2.3.4.1. Taħriġ lill-persunal tal-eu-LISA relatat mal-operazzjonijiet*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**L-attività sejra tinkludi l-għoti ta' taħriġ dwar is-sistemi, il-proċessi, il-ġestjoni tal-proġetti, is-sigurtà, eċċ.

**VALUR MIŻJUD:** Il-membri tal-persunal tal-eu-LISA jistgħu jwettqu d-doveri tagħhom aħjar.

**SFIDI EWLENIN:**Id-disponibbiltà tal-membri tal-persunal sabiex jattendu t-taħriġ u jassiguraw il-faċilitajiet għall-korsijiet.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żamma u l-iżvilupp kontinwu tal-persunal tal-Aġenzija permezz ta' ġestjoni robusta tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod parallel mal-mogħdija personalizzata tal-iżvilupp tal-impjegati | L-allinjament konsistenti tal-impenn individwali u kollettiv lill-Aġenzija permezz tal-għoti ta' opportunitajiet ta' kondiviżjoni tal-għarfien, żvilupp u taħriġ | L-identifikazzjoni, l-attrazzjoni, l-iżvilupp u ż-żamma tal-impjegati mogħnija bit-talenti u l-iżgurar li dawn jiġu żviluppati permezz ta' opportunitajiet xierqa ta' avvanz fil-karriera; il-ħolqien ta' strateġija u qafas xierqa għall-ġestjoni tal-għarfien għall-Aġenzija | Sejrin jiġu pprovduti korsijiet relatati mal-operazzjonijiet u s-sistemi lill-persunal tal-eu-LISA | L-iżgurar li l-eu-LISA tipprovdi servizz ta' livell għoli u innovazzjoni lill-partijiet ikkonċernati interni tagħha | Il-membri tal-persunal tal-eu-LISA sejrin ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom aħjar u jkunu jafu l-aħjar prattiki fil-qasam tat-teknoloġija | L-għadd ta' jiem ta' taħriġ fis-sena<br><br>Livell ta' sodisfazzjon ġenerali | 400 persuna-jiem ta' taħriġ fis-sena<br><br>Il-livell ta' sodisfazzjon mhux inqas minn 80 % | Rapport SMART | HRTU |

# 2.4. Attivitajiet ta' proġett operattiv

Din it-taqsima tkopri l-attivitajiet kollha tan-negozju operattiv ċentrali tal-Aġenzija li jitwettqu bħala proġetti.

## 2.4.1. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 1

*Tmexxija operattiva tas-sistemi*

### *2.4.1.1. L-iżvilupp tal-Ispeċifikazzjonijiet tal-Offerti Tekniċi ta' referenza għas-Sejħiet għall-Offerti ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**L-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tal-offerti tekniċi ta' referenza għal kull kuntratt differenti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Aġenzija (magħruf fid-data tal-bidu tal-proġett).

**VALUR MIŻJUD:**B'referenza bħal din, l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti tekniċi ddokumentati sejrin itejbu l-effiċjenza ġenerali tas-sejħiet għall-offerti kollha u sejrin inaqqsu b'mod sinifikanti ż-żmien imqatta' internament mill-persunal tal-Aġenzija fuq l-abbozzar ta' rekwiżiti u speċifikazzjonijiet.

**SFIDI EWLENIN:**F'dan il-punt ma hija prevista ebda sfida.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | It-titjib kontinwu tal-prestazzjoni fl-oqsma operattivi kollha u livelli miżjuda ta' awtomatizzazzjo | L-inkorporazzjoni ta' kultura ta' titjib kontinwu matul l-operazzjonijiet kollha permezz | Sejrin jinkitbu Speċifikazzjonijiet tal-Offerti Tekniċi ta' Referenza għas-Sejħiet għall-Offerti ta' | Minħabba li ma hemm ebda mudell formali ta' linji gwida għall-abbozzar tal-Ispeċifikazzjonijie | Din l-attività sejra tirriżulta f'linji gwida ċari (Speċifikazzjonijiet tal-Offerti Tekniċi) kull meta | It-twassil u l-aċċettazzjoni ta' sett ta' dokumenti | Id-dokumenti kollha mwassla fil-ħin u aċċettati mill-eu-LISA | Rapport dwar l-Aċċettazzjoni ta' Proġett | OIU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | ni, fejn xieraq u possibbli | tal-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-istandards u/jew iċ-ċertifikazzjonijiet rilevanti tal-aħjar prattika tal-industrija; It-titjib kontinwu tal-proċessi, l-għodod, ir-rapportar u l-kapaċitajiet ewlenin tal-ġestjoni tal-kuntratti fi ħdan l-Aġenzija; It-titjib tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni kontinwi tal-kost totali tas-sjieda | Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira | t tal-Offerti Tekniċi, ikun hemm Speċifikazzjonijiet tal-Offerti Tekniċi għas-Sejħiet għall-Offerti abbozzati għal kuntratti speċifiċi differenti tal-Aġenzija | jkun hemm ħtieġa li tiġi abbozzata Sejħa għall-Offerti | | | | |

### 2.4.1.2. *Monitoraġġ integrat tas-sistemi kummerċjali ewlenin*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Huwa meħtieġ li wieħed jimxi lejn l-istandardizzazzjoni (titnaqqas il-varjetà ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ differenti għal kull sistema ta' negozju, jitnaqqas it-taħriġ fuq għodod differenti u l-iffaċilitar tal-amministrazzjoni teknika, tal-ġestjoni u tas-superviżjoni tas-sistemi). L-għan ewlieni u prinċipali huwa li jittaffew ir-riskji eżistenti li jirriżultaw mill-isfidi operattivi għall-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA, jiġifieri l-għodod ta' monitoraġġ b'aktar minn pjattaforma waħda f'kuntest ta' diversi bejjiegħa fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum għal applikazzjonijiet kritiċi għan-negozju u ssorveljati ċentralment.Pereżempju, bħalissa l-Operaturi tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA jeħtieġ li joperaw minimu ta' 8 Pcs differenti simultanjament u li jużaw u jissorveljaw aktar minn 10 pjattaformi ta' monitoraġġ differenti (proposti minn bejjiegħa differenti) fis-sit Ċentrali u fis-sit ta' Riżerva.

Il-proġett sejjer ikollu żewġ fażijiet: (a) (analiżi) u (b) validazzjoni u implimentazzjoni tal-istudju

**VALUR MIŻJUD:** Sejra tinħoloq il-possibbiltà ta' monitoraġġ u superviżjoni tas-soluzzjonijiet tan-negozju kollha eżistenti u futuri permezz ta' soluzzjoni integrata ta' monitoraġġ uniku, filwaqt li jiġu kkunsidrati r-restrizzjonijiet li ġejjin mill-aspetti ta' aktar minn pjattaforma waħda u diversi bejjiegħa ta' kull sistema, bl-użu ta' approċċ standardizzat teknikament sempliċi, flessibbli u li jista' jiġi personalizzat.

**SFIDI EWLENIN:** Il-prerekwiżit obbligatorju: il-proċess tal-ġestjoni tal-avvenimenti ITSM tal-eu-LISA[63] huwa definit u fis-seħħ.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | Is-sinerġiji potenzjali identifikati bejn is-sistemi, l-infrastruttura u s-servizzi identifikati (fejn it-teknoloġija u r-rekwiżiti legali u kummerċjali jippermettu) | It-titjib tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni kontinwi tal-kost totali tas-sjieda | Sejra tinħoloq soluzzjoni integrata ta' monitoraġġ uniku għas-sistemi kummerċjali ewlenin taħt ir-responsabbiltà tal-eu-LISA - attwali u futuri | Il-kunsiderazzjoni, l-analiżi, id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni integrata effiċjenti u effettiva ta' monitoraġġ uniku għall-Uffiċċju ta' Servizz sabiex jiġi ffaċilitat b'mod sinifikanti l-monitoraġġ ta' kuljum, jitnaqqas ir-riskju, tittejjeb b'mod sinifikanti | Sejra tiġi implimentata soluzzjoni integrata għall-għodod eżistenti kollha ta' monitoraġġ tas-sistemi kummerċjali ewlenin, abbażi tal-proċess ta' ġestjoni tal-avvenimenti rilevanti, bil-għan li jiġu ffaċilitati u mtejba b'mod sinifikanti s- | Tressiq u ftehim ta' rapport ta' analiżi | Rapport ta' analiżi mressaq u miftiehem fi żmien debitu | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | OIU |

63 Dan il-proċess jiddefinixxi kif jiġu ġestiti l-avvenimenti murija fl-għodod tal-monitoraġġ.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | l-effiċjenza tal-ħajja ta' kuljum u jiżdied il-livell ta' kontroll raġonevoli | superviżjoni u l-kontroll ta' kuljum, kif ukoll tiġi rrealizzata l-ekonomija ta' skala.<br><br>Dan sejjer jikkontribwixxi għal tnaqqis kumplessiv fil-ġestjoni teknika u fl-ammont ta' xogħol operattiv (iffrankar tax-xogħol) u tnaqqis fl-ammont ta' xogħol ta' ġestjoni kuntrattwali u l-kamp ta' applikazzjoni għall-kuntratti tas-sistemi kummerċjali ewlenin (kombinazzjoni ta' ammont ta' xogħol u ffrankar finanzjarju – ebda implimentazzjoni individwali tal-għodda ta' monitoraġġ) | | | | |

### 2.4.1.3. *It-twettiq ta' benchmarking tal-Uffiċċju ta' Servizz*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività għandha l-għan li timplimenta aktar il-kapaċitajiet għall-benchmarking fi ħdan l-eu-LISA: il-benchmarking huwa rrakkomandat mill-Qafas tal-Aħjar Prattika tal-ITSM bħala teknika sabiex titkejjel u tittejjeb il-prestazzjoni. Hija tintuża sabiex tqabbel il-prestazzjoni tal-proċessi bejn funzjonijiet simili fi ħdan organizzazzjoni waħda jew f'organizzazzjonijiet differenti. L-Uffiċċju ta' Servizz fl-eu-LISA huwa l-Punt ta' Kuntatt Uniku għall-utenti interni u esterni tas-sistemi ewlenin, kif ukoll għas-servizzi ta' appoġġ operattiv. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-benchmarking jestendi għall-attivitajiet imwettqa ġewwa l-Uffiċċju ta' Servizz, kif ukoll għall-attivitajiet li nbdew mill-Uffiċċju ta' Servizz fuq il-proċessi tal-ITSM relatati mal-eu-LISA.Il-benchmarking ma' organizzazzjoni simili sejjer ikopri l-kejl ta' metriċi simili bil-għan li jibbenifika mill-aħjar prestazzjoni.

**VALUR MIŻJUD:**Il-prestazzjoni pprovata tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA.

**SFIDI EWLENIN:**Jinstabu l-imsieħba għall-benchmarking.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | It-titjib kontinwu tal-prestazzjoni fl-oqsma operattivi kollha u livelli miżjuda ta' awtomatizzazzjoni, fejn xieraq u possibbli | It-titjib tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni kontinwi tal-kost totali tas-sjieda | L-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA sejjer jiġi referenzjat ma' organizzazzjoni simili u funzjonijiet simili, filwaqt li jfittex l-għażliet possibbli sabiex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività | Il-kisba tal-effiċjenza billi l-mod ta' kif jiġu pprovduti s-servizzi tal-IT u l-kontribut ta' dawn is-servizzi għall-klijenti jitqabblu ma' dak li jinkiseb f'organizzazzjonijiet oħrajn – dan jgħin lill-organizzazzjoni sabiex tidentifika | Il-prestazzjoni tal-Uffiċċju ta' Servizz sejra tiġi pprovata u sejjer jiġi ssuġġerit it-titjib possibbli, bħala parti mir-reġistru ta' Titjib Kontinwu tas-Servizzi | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | OIU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | l-oqsma għal titjib possibbli | | | | | |

### 2.4.1.4. *It-twettiq ta' studju dwar desktops virtwali għall-amministraturi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Sejjer jitwettaq studju bl-għanijiet li ġejjin: tiġi vvalutata l-predispożizzjoni għall-virtwalizzazzjoni tad-desktop fl-organizzazzjoni u jiġu ffissati l-aspettattivi; jiġu kkonfermati l-benefiċċji mistennija; jinstab il-grad ta' aċċettazzjoni tal-kultura ta' virtwalizzazzjoni; jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-utenti u t-tħejjija teknika; jiġi ddeterminat l-ispettru tat-tagħmir tal-utenti sabiex ikunu permessi bħala klijenti (PC korporattiv, iMac, iPad, BYOD ('Bring Your Own Device'), eċċ.); jiġi aċċertat l-impatt tad-desktops virtwali fuq il-politika dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data; jiġu definiti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-pjan direzzjonali tal-migrazzjoni; titmexxa fażi ta' ttestjar (fakultattiva), sakemm l-istudju jikkonkludi b'mod favorevoli, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-data.

**VALUR MIŻJUD:**Jista' jiġi stmat faċilment li ċ-ċaqliq mill-istazzjonijiet tax-xogħol fiżiċi tal-amministrazzjoni attwali għall-infrastruttura virtwali jista' jippermetti tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b'sa 66 %; tnaqqis tal-impronta tal-uffiċċju bi 30 %; ergonomija aħjar tal-uffiċċju u politika ta' flessibbiltà; żieda fil-kapaċità tal-plaggs tal-LAN għal kull uffiċċju; tnaqqis fil-kostijiet tas-sistema lokali u tal-amministrazzjoni tan-netwerk b'sa 80 %; forniment ta' PC aktar veloċi; titjib fis-sigurtà tad-data; ġestjoni/migrazzjoni ssimplifikata tal-applikazzjonijiet; titjib f'sistema operattiva aktar sempliċi; konformità mal-politiki dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data; żieda fil-mobbiltà (jiġifieri ħinijiet flessibbli tax-xogħol, telexogħol jew inizjattivi oħrajn ta' tkabbir).

**SFIDI EWLENIN:**L-Infrastruttura tad-Desktop Virtwali għandha vantaġġ inerenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tas-sigurtà; madankollu, ir-rekwiżit speċifiku tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data tal-eu-LISA jista' jinnewtralizza wħud mill-benefiċċji.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | Is-sinerġiji potenzjali identifikati bejn is-sistemi, l-infrastruttura u s-servizzi identifikati (fejn it-teknoloġija u r- | It-titjib tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni kontinwi tal-kost totali tas-sjieda | Sejjer jinkiteb rapport ta' studju, b'valutazzjoni tal-impatt fuq il-politika dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tad-data, kif ukoll l- | Il-valutazzjoni tal-possibbiltajiet u l-proposta ta' soluzzjoni għat-tnaqqis tal-għadd ta' stazzjonijiet tax-xogħol tal-utenti finali, it- | Għandhom jiġu kkonfermati l-kostijiet/l-effiċjenza tas-soluzzjoni fil-mira f'konformità mal-bażi ġuridika | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fi ħdan it-tolleranza miftiehma tal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien | Tabella operattiva tal-proġett ta' kull ġimgħa u l-għeluq fi tmiem il-proġett | OIU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | rekwiżiti legali u kummerċjali jippermettu) | | ispeċifikazzjonijiet tekniċi u pjan direzzjonali għall-migrazzjoni | tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u ta' kostijiet oħrajn, it-titjib tal-ergonomija tal-uffiċċju, eċċ., bl-użu ta' desktops virtwali | | | | | |

### 2.4.1.5. *Implimentazzjoni tat-tieni fażi tas-servizzi kondiviżi (kontinwazzjoni mill-2017)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Il-proġett ta' studju dwar is-servizzi kondiviżi komuni, li tlesta f'Novembru 2015, identifika għadd ta' servizzi ta' ġestjoni teknika kondiviża komuni (eż. monitoraġġ tekniku, ġestjoni tal-ħardwer u tal-bażi ta' data), li għandhom jiġu pprovduti flimkien ma' infrastruttura kondiviża komuni, sabiex tiġi razzjonalizzata, minn perspettiva finanzjarja u ta' riżorsi tekniċi, il-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-data tal-eu-LISA.F'dan il-kuntest, il-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi jsegwi approċċ f'fażijiet:

1. It-tqegħid fis-seħħ, fil-bidu tal-2017, ta' kuntratt qafas għal infrastruttura kondiviża komuni sabiex l-eu-LISA l-ewwel tikseb l-infrastruttura kondiviża komuni (l-installazzjoni, il-konfigurazzjoni u l-manutenzjoni ta' ħardwer/softwer kummerċjalment disponibbli ('commercial off-the-shelf' - COTS)) b'pedamenti tal-virtwalizzazzjoni. Minbarra l-infrastruttura kondiviża komuni, sejrin jiġu implimentati s-servizzi kondiviżi komuni matul il-perjodu mill-2017 sal-2019, kif deskritt hawn taħt.
2. L-implimentazzjoni tal-ewwel sett ta' servizzi tekniċi kondiviżi komuni fl-2017, li sejrin jinkludu:
    a. ix-xiri ta' infrastruttura fuq l-art (inkluża l-bażi għas-servers virtwalizzati tal-bażijiet tad-data ta' Oracle u l-bażi għall-ħażna);
    b. l-integrazzjoni/implimentazzjoni tal-liċenzji tas-softwer (softwer u sistemi operattivi COTS, eċċ.);
    c. l-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi (l-ewwel sett);
    d. attivitajiet ta' manutenzjoni fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum.
3. L-implimentazzjoni tat-tieni sett ta' servizzi tekniċi kondiviżi komuni fl-2018, bħala l-iskop tal-attività deskritta hawnhekk, li sejrin jinkludu:
    a. il-konsenja tal-infrastruttura kondiviża komplementarja għal dan is-sett ta' servizzi kondiviżi;
    b. iż-żieda tal-kapaċità tal-ħażna kondiviża, li tippermetti l-ġestjoni ċentrali tal-ispazju tal-ħażna, filwaqt li l-ħażna fiżika sejra tibqa' ddedikata għal kull sistema kummerċjali ewlenija (fi ħdan infrastruttura komuni unika);
    c. l-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi (it-tieni sett);

d. l-attivitajiet ta' manutenzjoni għall-infrastruttura kondiviża komuni li kienet diġà ddaħħlet fis-seħħ fl-2017, fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum.

4. L-implimentazzjoni tal-aħħar sett ta' servizzi kondiviżi fl-2019, minħabba limitazzjonijiet baġitarji.

**VALUR MIŻJUD:** Ir-razzjonalizzazzjoni, minn perspettiva finanzjarja u ta' riżorsi tekniċi, tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-data tal-eu-LISA, billi jitnaqqas b'mod sinifikanti l-ammont ta' tipi differenti ta' implimentazzjonijiet tekniċi, kif ukoll l-approċċ iżolat ('silo') fis-sistemi kummerċjali ewlenin kollha.F'dan il-kuntest, sal-aħħar tal-2018, l-eu-LISA għandu jkollha fis-seħħ infrastruttura kondiviża komuni 'lesta sabiex tintuża', b'pedamenti tal-virtwalizzazzjoni, li tkun tikkonsisti f'servizzi tekniċi kondiviżi, servers virtwalizzati tal-bażijiet tad-data ta' Oracle u ħażna kondiviża.

**SFIDI EWLENIN:** L-attivitajiet ippjanati għall-2017, kif deskritti fil-punti 1 u 2 ta' hawn fuq, diġà fis-seħħ.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | It-titjib kontinwu tal-prestazzjoni fl-oqsma operattivi kollha u livelli miżjuda ta' awtomatizzazzjoni, fejn xieraq u possibbli | It-titjib tal-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija u l-monitoraġġ u l-ottimizzazzjoni kontinwi tal-kost totali tas-sjieda | Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett, maqsum fuq 3 snin, huwa li jħejji l-infrastruttura għall-virtwalizzazzjoni sħiħa kif stabbilit fl-istrateġija teknoloġika fit-tul tal-eu-LISA. Dan il-proġett (l-ewwel pass lejn il-virtwalizzazzjoni sħiħa) ikopri l-implimentazzjoni ta' servizzi | L-armonizzazzjoni tal-ġestjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru tad-data tal-eu-LISA | Għandu jkun hemm fis-seħħ servizzi kondiviżi | L-għadd ta' servizzi kondiviżi implimentati | 60 % | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | OIU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | kondiviżi komuni f'konformità mal-eżitu tal-istudju dwar is-servizzi kondiviżi komuni. | | | | | | |

### *2.4.1.6. Iċ-ċentralizzazzjoni tal-ħruġ tal-liċenzji ta' Oracle*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**L-attività sejra tikkompila inventarju xieraq tal-liċenzji eżistenti ta' Oracle, kif ukoll previżjoni tal-liċenzji għat-3 snin li jmiss.

**VALUR MIŻJUD:** Bħalissa, il-liċenzji ta' Oracle huma mifruxa fuq is-sistemi kummerċjali differenti, li jagħmlu l-ġestjoni kumplessa. Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' ekonomija ta' skala, minn perspettiva ta' pprezzar.Din l-attività sejra tipprovdi mudell uniku ta' liċenzji li jippermetti lill-eu-LISA tibbenifika minn mudell ta' pprezzar aħjar.

**SFIDI EWLENIN:**Il-kostijiet tal-ħruġ tal-liċenzji li għandhom jiġu ttrasferiti mill-kuntratti ta' MWO attwali għal kuntratt uniku futur.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-kisba u ż-żamma ta' eċċellenza operattiva | It-titjib kontinwu tal-prestazzjoni fl-oqsma operattivi kollha u livelli miżjuda ta' awtomatizzazzjoni, fejn xieraq u possibbli | It-titjib kontinwu tal-proċessi, l-għodod, ir-rapportar u l-kapaċitajiet ewlenin tal-ġestjoni tal-kuntratti fi ħdan l-Aġenzija | L-eu-LISA sejra jkollha kuntratt wieħed ma' Oracle rigward il-liċenzja u l-manutenzjoni minflok il-ġestjoni ta' liċenzja waħda għal kull kuntratt tas-sistemi kummerċjali ewlenin | It-trasferiment tal-ġestjoni tal-liċenzji lill-eu-LISA bl-użu ta' mudell ġdid ta' ħruġ tal-liċenzji sabiex jinkisbu ffrankar finanzjarju u segwitu aħjar.<br><br>Bi tħejjija għall-virtwalizzazzjoni ta' Oracle u l-ħruġ ta' liċenzji tas- | Għandu jkun hemm fis-seħħ mudell ġdid ta' ħruġ tal-liċenzji u għandu jiġi aġġornat il-kuntratt tas-sistemi kummerċjali ewlenin (il-kostijiet tal-manutenzjoni eżistenti tneħħew mill-kuntratt ta' | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | OIU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | servers virtwali ta' Oracle bħala sid ta' liċenzja, sabiex l-eu-LISA jkollha l-appoġġ kollu neċessarju minn Oracle u wkoll aċċess għall-bażi ta' Oracle Knowledge | MWO eżistenti tas-sistemi kummerċjali ewlenin) | | | | |

## *Evoluzzjoni tas-sistemi*

### *2.4.1.7. It-twettiq ta' studju awtomatizzat dwar il-kontroll tal-kwalità tad-data segwit minn test*[64]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Il-proġett, soġġett għall-eżitu tal-HLEG, jinkludi l-azzjonijiet li ġejjin: it-tfassil tal-pjan u l-organizzazzjoni tal-istudju (l-istadji ewlenin, il-preżentazzjoni, ir-riżorsi, il-baġit); it-tmexxija tal-laqgħat (bil-minuti); il-ġbir tad-dokumentazzjoni; l-identifikazzjoni tal-utenti u l-ħtiġijiet tagħhom/il-ġbir tar-rekwiżiti; l-identifikazzjoni ta' tliet soluzzjonijiet COTS li jeżistu fis-suq għall-ġestjoni tal-kontrolli tal-kwalità tad-data b'kapaċità ta' instream (immappjar tal-ħtiġijiet/tar-rekwiżiti); l-identifikazzjoni tal-għażla possibbli ta' arkitettura (konformi mal-infrastruttura jew mas-servizzi kondiviżi komuni tal-UE-LISA) u l-valutazzjoni tal-fattibbiltà (il-vantaġġi/l-iżvantaġġi) ta' kull għażla COTS identifikata; il-valutazzjoni tal-impatti potenzjali tal-implimentazzjoni; il-kunsiderazzjoni tal-għażliet għall-implimentazzjoni; il-kunsiderazzjoni tal-ixprunaturi tal-baġit u l-istima tal-kostijiet; l-identifikazzjoni tal-limitazzjonijiet fl-ambjent tagħna għall-iskjerament ta' dawn l-għodod ta' kontroll tal-kwalità tad-data – legali, tekniċi u organizzattivi; il-valutazzjoni tal-kisbiet u tat-titjib; il-forniment ta' pjan direzzjonali ta' livell għoli għall-implimentazzjoni; il-kitba ta' studju bbażat fuq l-informazzjoni dwar l-inputs u t-tmexxija taċ-ċiklu tar-rieżami (kollha f'konformità man-normi u l-istandards tal-eu-LISA fil-qasam tal-ġestjoni u l-kwalità tal-proġetti); it-tfassil tal-fażi tal-ittestjar; il-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-fażi tal-ittestjar mal-Istati Membri parteċipanti; l-eżekuzzjoni tat-testijiet fil-fażi tal-ittestjar; il-kompilazzjoni tal-

64 L-implimentazzjoni ta' din l-attività tiddependi fuq l-emendar tal-bażi ġuridika jew fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 9 tar-Regolament tat-twaqqif.

informazzjoni dwar l-eżekuzzjoni u l-analiżi tar-riżultati tal-fażi tal-ittestjar; il-produzzjoni tar-rapporti dwar l-eżekuzzjoni tal-fażi tal-ittestjar; il-ġenerazzjoni tal-approċċ irfinut abbażi tal-istudju u l-fatturament tar-riżultati tat-testijiet fihom.

**VALUR MIŻJUD:**

Immedjat:

- ikun hemm pjan għall-indirizzar tal-kwalità tad-data tas-sistemi kollha ġestiti mill-eu-LISA.

Jirriżultaw mill-implimentazzjoni:

Is-sistemi kollha ġestiti mill-eu-LISA għandhom kwalità ogħla ta' data, b'tali mod li jikkontribwixxu direttament jew indirettament għal:

- titjib tal-aspetti tal-protezzjoni tad-data u konformità mal-qafas legali;
- titjib tal-affidabbiltà tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri;
- inqas sforz u ammont ta' xogħol wara l-ipproċessar, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-eu-LISA;
- standardizzazzjoni tal-kontrolli tal-kwalità tad-data, sabiex tiġi evitata l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' proġett personalizzat fuq il-kontrolli tal-kwalità tad-data;
- l-uniformità u l-ġestjoni omoġenja tal-kwalità tad-data, jiġifieri l-anjostika tal-applikazzjonijiet;
- approċċ aktar sostenibbli għall-kwalità tad-data.

**SFIDI EWLENIN:** L-identifikazzjoni tal-għodod disponibbli fis-suq għall-istudju.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; It-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas- | Sejjer jinkiteb studju dwar l-għodod standard għall-ġestjoni tal-kontroll tal-kwalità tad-data f'sistemi fuq skala kbira | Il-forniment ta' pjan direzzjonali tal-implimentazzjoni għall-għodod awtomatizzati tal-kontroll tal-kwalità tad-data | L-istudju sejjer jgħin sabiex jiġi definit proġett li jkollu l-għan li jimplimenta supplimentazzjoni standard ta' kontroll tal-kwalità tad-data | - Attivitajiet imwettqa f'konformità mat-termini ta' referenza (li jitfasslu fil-bidu tal-istudju), jiġifieri r-riżultati kollha tal-attività | 100 % tal-attivitajiet miftiehma mwettqa<br><br>Ir-rapport tal-istudju ppreżentat b'devjazzjoni ta' inqas minn 10 % fuq it-termini tal- | Dokumentazzjoni tal-proġett<br><br>Rapport dwar l-istat ta' progress tal-proġetti<br><br>Rapport dwar il-kwalità<br><br>Verifika fattwali | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | servizzi lill-Istati Membri | | | għas-sistemi ġestiti mill-eu-LISA | eżegwita<br>- Rapport ta' studju u rapport dwar l-eżekuzzjoni tal-proġett tal-fażi tal-ittestjar u l-issodisfar tal-livell ta' kwalità miftiehem<br>- Dokument li jappoġġja l-attivitajiet eżegwiti f'konformità mal-livell ta' kwalità definit fit-termini ta' referenza | ispeċifikazzjonijiet ta' referenza. Il-livell ta' kwalità f'konformità man-normi u l-istandards tal-eu-LISA<br>Mill-inqas 90 % tal-attivitajiet tal-fażi tal-ittestjar imwettqa<br>100 % tar-riżultati analizzati<br>100 % tar-rapport ippreżentat | Studju u dokumentazzjoni tal-fażi tal-ittestjar | |

### 2.4.1.8. *Żieda fil-bażi ta' data tal-BMS (kontinwazzjoni mill-2017)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Dan il-proġett għandu l-għan li jżid il-kapaċità tal-ħażna tad-data tal-BMS minn 60 miljun għal 100 miljun rekord (li trid tiġi ddeterminata abbażi tal-istudju preliminari) sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas; din il-ħtieġa akbar tiġi mill-analiżi tal-kapaċità u l-projezzjoni li turi li Marzu 2018 huwa l-punt fiż-żmien meta tiġi kkonsmata l-kapaċità disponibbli għall-ospitar ta' 60 miljun rekord.Barra minn hekk, dan il-proġett jinkludi s-sostituzzjoni tal-infrastruttura tal-ħażna eżistenti fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u, barra minn hekk, ikopri l-ġestjoni operattiva.

**VALUR MIŻJUD:** L-implimentazzjoni ta' dan il-proġett sejra tiżgura li l-kapaċità meħtieġa min-negozju tkun disponibbli fis-sistema BMS.L-estimi huma bbażati fuq l-istatistika uffiċjali magħmula mill-Kunsill u ppubblikata mill-Kummissjoni Ewropea.

**SFIDI EWLENIN:**L-għodod imtejba għall-ittestjar tal-VIS-BMS minn tarf sa tarf iridu jiġu implimentati u, sabiex jiġu żgurati l-preċiżjoni u r-rappreżentattività tal-ittestjar, il-konfigurazzjoni tas-sistema ttestjata u l-kundizzjonijiet tat-test iridu jkunu kemm jista' jkun qrib l-ambjent tal-produzzjoni fil-mira.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat ewlieni tal-Aġenzija | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | Sejra tiżdied il-kapaċità tal-ħażna tal-bażi tad-data tal-BMS2 | Il-kapaċità tal-bażi ta' data tal-BMS għandha tirrispondi għall-ħtiġijiet kummerċjali (li jridu jintlaħqu fl-2018) | It-titjib u l-ameljorament tal-VIS u tal-BMS sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi | Aderenza mal-kwalità, il-baġit, iż-żmien u l-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | AMMU |

## 2.4.1.9. *Dekummissjonar tal-BMS 1.0*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Wara d-dħul fis-seħħ tal-BMS 2.1, it-tlestija tat-tieqa ta' riżerva definita fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett tal-Evoluzzjonijiet tal-BMS u r-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet ta' BMS 1.0 Crystal Reports, is-sistemi ta' produzzjoni, qabel il-produzzjoni u l-ittestjar tal-BMS 1.0 bdew jintfew b'mod progressiv fil-Q1 u l-Q2 tal-2016.Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett jinkludi dawn li ġejjin:

- l-identifikazzjoni tal-lista sħiħa ta' materjal li għandu jiġi dekummissjonat;
- id-dekummissjonar tan-netwerk l-antik tal-BMS 1.0 u tal-infrastruttura tas-sistema;
- is-sanitizzazzjoni tad-diski pendenti;
- it-tneħħija tal-liċenzji l-antiki;
- iċ-ċaqliq tal-ixtillieri u tas-servers mis-siti tal-eu-LISA lejn is-sit tal-qerda;
- il-qirda fiżika tal-materjal imneħħi.

**VALUR MIŻJUD:** Permezz tat-tneħħija tat-tagħmir tal-produzzjoni u mhux tal-produzzjoni tal-BMS 1.0, l-ispazju taċ-ċentru tad-data kemm tas-CU kif ukoll tal-BCU sejjer jinħeles, li huwa neċessarju għall-iskjerament ta' materjal ġdid fil-kuntest ta' ameljoramenti ulterjuri.Din l-attività hija partikolarment importanti fil-każ tal-BCU, li għandha spazju mhux okkupat limitat ħafna, għalhekk, il-possibbiltà li jiġi skjerat materjal ġdid hija ristretta.

**SFIDI EWLENIN:** Jekk il-proġett ma jiġix approvat, dan iwassal għal kwistjonijiet ta' spazju taċ-ċentru tad-data tas-CU u tal-BCU, li jkollhom impatt negattiv dirett u sinifikanti fuq l-iżvilupp tas-sistemi tal-eu-LISA.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | It-titjib kontinwu tas-servizzi offruti u tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri | L-ispazju taċ-ċentru tad-data tas-CU u tal-BCU sejjer jinħeles għall-iżviluppi futuri | Iż-żamma tal-kapaċità tal-eu-LISA li tospita b'mod suffiċjenti l-ameljoramenti ulterjuri tal-applikazzjonijiet eżistenti u dawk ġodda | L-eu-LISA sejra tkun tista' żżomm l-ameljoramenti ulterjuri tal-applikazzjonijiet eżistenti u ġodda | L-ammont ta' tagħmir tal-ħardwer BMS 1.0 (inklużi l-kejbils) li jibqa' wara l-eżekuzzjoni tal-attività | Ma jibqa' ebda tagħmir tal-ħardwer BMS 1.0 (inklużi l-kejbils) wara l-eżekuzzjoni tal-attività | Spezzjoni fiżika | AMMU |

### 2.4.1.10. *L-implimentazzjoni tal-pjattaforma tal-ittestjar tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar (kontinwazzjoni mill-2017)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività għandha l-għan li tiddefinixxi u timplimenta soluzzjoni ta' ttestjar flessibbli tal-VIS/BMS mill-bidu sal-aħħar abbażi tal-COTS u l-istandards tal-industrija, li jkopru aspetti funzjonali u mhux funzjonali.Barra minn hekk, il-proġett jinkludi d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' bażi ta' data globali u rappreżentattiva tal-ittestjar tal-VIS/BMS, kuntrarju għas-sitwazzjoni attwali fejn jeżistu flimkien żewġ bażijiet ta' data tal-VIS u tal-BMS.

**VALUR MIŻJUD:**L-implimentazzjoni ta' għodda ta' ttestjar flessibbli u standardizzata b'awtomatizzazzjoni sejra ġġib magħha l-benefiċċji li ġejjin:

- Din mhijiex sejra tiddependi fuq soluzzjoni proprjetarja u deprezzata (li hija għalja u ineffiċjenti f'termini ta' żvilupp, manutenzjoni u appoġġ).
- Il-kapaċità tal-iżvilupp u l-prestazzjoni sejrin jitjiebu b'mod sinifikanti, tant li jippermettu l-użu mill-ġdid tal-istess sett ta' testijiet awtomatizzati.
- L-ittestjar manwali jista' jkun ordinarju u suxxettibbli għall-iżbalji u, għalhekk, isir eżasperanti. L-awtomatizzazzjoni tat-testijiet tippermetti l-eżekuzzjoni tat-testijiet b'interazzjoni tal-utenti limitata ħafna, filwaqt li tiggarantixxi r-ripetibbiltà u l-preċiżjoni. Il-membri tal-persunal tal-eu-LISA għandu jkollhom aktar kapaċità sabiex itejbu kontinwament il-proċess ta' kwalifika minflok jikkonċentraw ħafna sforzi fuq l-eżekuzzjoni mill-ġdid tax-xenarji tat-testijiet eżistenti.
- B'każijiet ta' testijiet awtomatizzati, l-eu-LISA sejra tkun tista' tmexxi kampanji ta' testijiet bir-reqqa għal bidliet iżgħar (bħal manutenzjoni korrettiva/adattiva) u b'hekk tiżgura garanzija tal-kwalità kontinwa u aħjar tas-sistema.
- Id-dokumentazzjoni u r-rapportar sejrin jiġu ġġenerati awtomatikament.
- Id-disponibbiltà tal-ħaddiema esterni tiżdied meta jintużaw għodod tal-ittestjar standardizzati.

**SFIDI EWLENIN:** L-implimentazzjoni u l-kwalifika tal-prodotti tal-proġett sejrin jirrikjedu d-disponibbiltà konġunta tal-ambjenti tal-ittestjar tal-VIS u tal-BMS, li jistgħu jkunu konfliġġenti ma' flussi tax-xogħol oħrajn.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; It-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni ta' ttestjar flessibbli mill-bidu sal-aħħar u bażi ta' data waħda għall-BMS u l-VIS | L-implimentazzjoni tal-għodod għall-ittestjar tal-VIS u tal-BMS abbażi tal-istandard tal-industrija u s-soluzzjonijiet ta' COTS (li jridu jinkisbu fl-2018). Il-fużjoni taż-żewġ bażijiet ta' data separati u eżistenti tal-BMS u tal-VIS f'bażi ta' data rappreżentattiva u globali waħda | It-titjib u l-evoluzzjoni tal-VIS u tal-BMS sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi | Aderenza mal-kwalità, il-baġit, iż-żmien u l-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | AMMU |

### 2.4.1.11. *L-aġġustament tat-throughput tranżazzjonali tal-VIS (kontinwazzjoni mill-2017)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni mill-bidu sal-aħħar tal-VIS sabiex id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistema ċentrali tal-VIS u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi.

**VALUR MIŻJUD:** Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni mill-bidu sal-aħħar tal-VIS sabiex id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistemi Nazzjonali tal-Istati Membri u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi.Din l-attività hija inter-relatata mal-aġġustament tat-throughput tranżazzjonali tal-BMS u tinkludi:

- valutazzjoni tal-utilizzazzjoni tas-sistema wara t-tlestija tat-tnedija globali tal-VIS u rakkomandazzjonijiet għall-aġġustament tranżazzjonali meħtieġ (il-parti tal-VIS);
- il-kostijiet addizzjonali għall-ħardwer, il-manutenzjoni u l-liċenzji ta' COTS (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-produzzjoni u mhux relatati mal-produzzjoni);

- il-kostijiet tas-servizzi għall-implimentazzjoni (għall-ambjenti tal-BMS kollha relatati mal-produzzjoni u mhux relatati mal-produzzjoni) u l-aġġornament tad-dokumentazzjoni kollha;
- l-ispejjeż tas-servizzi għall-kwalifika tal-bidliet fuq l-ambjenti kollha (inklużi testijiet tal-prestazzjoni tal-VIS-BMS mill-bidu sal-aħħar).

Il-konsolidazzjoni tal-iżvilupp imwettqa b'din l-attività sejra żżid il-valur tas-sistema għall-iSM billi tallinja u tottimizza l-kapaċità tal-VIS u tal-BMS minn tarf sa tarf.

**SFIDI EWLENIN:** Dipendenza fuq l-użu mill-Istati Membri tas-sistema wara t-tnedija tal-VIS madwar id-dinja u wara l-perjodu ta' monitoraġġ intensiv fl-2016 u d-disponibbiltà ta' figuri proprji għad-distribuzzjoni tat-tranżazzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi ddeterminata l-konfigurazzjoni xierqa tal-VIS. Minħabba li l-kapaċità attwali tal-VIS kienet ikkalkolata l-aktar abbażi tal-previżjonijiet, wara t-tmiem tat-tnedija globali tal-VIS, jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk ir-riżorsi komputazzjonali tal-VIS humiex mirquma jew le sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri.Mingħajr żvilupp bħal dan, ir-riżorsi komputazzjonali jibqgħu fi skala akbar jew iżgħar meta mqabbla mal-ħtiġijiet reali.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | Id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu tas-sistema ċentrali tal-VIS | L-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tekniċi tal-VIS f'konformità mal-użu proprju mill-Istati Membri | It-titjib u l-ameljorament tal-VIS u tal-BMS sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi | Aderenza mal-kwalità, il-baġit, iż-żmien u l-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | AMMU |

### 2.4.1.12. *Aġġustament tat-throughput tranżazzjonali tal-BMS (kontinwazzjoni mill-2017)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività hija ffokata fuq it-titjib tal-konfigurazzjoni mill-bidu sal-aħħar tal-BMS sabiex id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-VIS tiġi allinjata mal-użu proprju tas-sistema ċentrali tal-VIS u, għalhekk, jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi tekniċi (aktar dettalji jinstabu fl-Anness 1).

**VALUR MIŻJUD:** Il-konfigurazzjoni tranżazzjonali tal-BMS tiġi adattata għall-użu proprju tas-sistema mill-utenti finali u r-riżorsi tekniċi jintużaw bl-aħjar mod.

**SFIDI EWLENIN:** Dipendenza fuq l-użu mill-Istati Membri tas-sistema wara t-tnedija tal-VIS madwar id-dinja u wara l-perjodu ta' monitoraġġ intensiv fl-2016 u d-disponibbiltà ta' figuri proprji tad-distribuzzjoni tat-tranżazzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi ddeterminata l-konfigurazzjoni xierqa tal-VIS.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | Id-distribuzzjoni tranżazzjonali tal-BMS tiġi allinjata mal-użu tas-sistema ċentrali tal-VIS. | L-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tekniċi tal-BMS f'konformità mal-użu proprju mill-Istati Membri | It-titjib u l-ameljorament tal-VIS u tal-BMS sabiex jadattaw għall-ħtiġijiet kummerċjali u l-bidliet leġiżlattivi | Aderenza mal-kwalità, il-baġit, iż-żmien u l-kamp ta' applikazzjoni meħtieġa | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | AMMU |

## *2.4.1.13. Tiġdid tal-USK*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Bħala kontinwazzjoni tal-istudji u l-ftehimiet li saru fl-2016 u l-2017, il-proġett għandu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri b'sett ta' għodod standardizzati għall-akkwiżizzjoni tal-marki tas-swaba', inkluża wkoll l-istruttura ta' servizz ċentrali ta' appoġġ u manutenzjoni pprovdut fil-ġejjieni mill-eu-LISA.

B'rispons għall-ħtiġijiet imqajma mill-Istati Membri, fl-2016 l-eu-LISA wettqet żewġ studji bil-għan li ssib sett ta' għodod komuni għall-akkwiżizzjoni tal-marki tas-swaba' adattati għall-varjetà wiesgħa ta' ħtiġijiet tal-Istati Membri. Bħala eżitu tal-istudji u d-diskussjonijiet/il-ftehimiet ta' segwitu relatati, il-proġett jinkludi l-forniment ta' prodott Safran personalizzat imsejjaħ MorphoKit lill-Istati Membri, attivitajiet ta' kwalifika, rilaxx u taħriġ relatati, l-għadd meħtieġ ta' liċenzji tal-istazzjon tax-xogħol u l-istruttura ta' servizz ċentralizzat ta' manutenzjoni u appoġġ permezz tal-Uffiċċju ta' Servizz tal-eu-LISA. Minħabba li xi Stati Membri diġà investew f'soluzzjonijiet b'sors miftuħ bħal NIST NFIQ2, huma jistgħu jkomplu jżommu s-soluzzjonijiet tagħhom billi jipprovdu konformità mal-istandards ta' kwalità definiti mill-eu-LISA.

**VALUR MIŻJUD:** L-aspett ewlieni li għandu jiġi kkunsidrat għall-benefiċċji mistennija huwa l-istandardizzazzjoni tas-sett ta' għodod għall-kisba tal-marki tas-swaba', li huwa pass kbir 'il quddiem għall-inseriment ta' data bijometrika ta' kwalità għolja fis-sistema ċentrali. Bħalissa, l-Istati Membri qegħdin jużaw varjetà kbira ta' għodod, fejn kull wieħed minnhom għandu l-algoritmi bijometriċi tiegħu u ma hemm ebda standard komuni li dawn kollha jistgħu jkunu konformi miegħu. Minbarra dan, l-Istati Membri li jużaw is-sett ta' għodod antiki ta' Morpho USK għandhom numru dejjem jikber ta' problemi minħabba li l-għodda tagħhom ma għadhiex tintuża, ma tappoġġjax l-aħħar verżjoni tas-sistemi operattivi u ma hemm ebda appoġġ għall-bejjiegħa u/jew manutenzjoni disponibbli. Bħala konklużjoni, u wkoll minħabba n-nuqqas ta' persunal, huwa diffiċli jew saħansitra impossibbli li tiġi garantita l-kwalità tad-data meħtieġa għall-operazzjonijiet tan-negozju bla xkiel u bi prestazzjoni tajba tal-VIS-BMS.Ir-rekwiżiti tal-kwalità tad-data

bijometrika ħażina u/jew mhux standardizzata jistgħu mhux biss jirriżultaw fi prestazzjoni mnaqqsa tas-sistema ċentrali, iżda wkoll jinfluwenzaw l-effiċjenza tal-operat tal-VIS definita fir-regolament relatat.

**SFIDI EWLENIN:**Ir-rilaxx f'waqtu, progressiv u bla xkiel ta' MorphoKit għall-entitajiet u l-ESPs kollha għandu jkun ikkoordinat mill-awtoritajiet nazzjonali, għalkemm dan ikun ifisser ammont konsiderevoli ta' xogħol u ġestjoni diffiċli tal-partijiet ikkonċernati.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | It-titjib kontinwu tas-servizzi offruti u tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri | Il-forniment ta' sett ta' għodod standardizzati għall-kisba tal-marki tas-swaba' | L-istandardizzazzjoni tal-komputazzjoni tal-kwalità tal-marki tas-swaba' mill-Istati Membri billi dawn jiġu pprovduti b'sett ta' għodod xierqa u servizzi ta' appoġġ u manutenzjoni relatati | Din l-attività sejra tirriżulta fi:<br>• il-preżentazzjoni ta' dokument standard dwar il-kwalità tal-marki tas-swaba' li miegħu jridu jkunu konformi l-Istati Membri kollha li jużaw għodod ta' akkwiżizzjoni personalizzati;<br>• il-preżentazzjoni ta' | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | MorphoKit personalizzat bl-appoġġ ċentrali meħtieġ għar-rilaxx nazzjonali tiegħu | | | | |

### 2.4.1.14. *Żieda fil-bażi ta' data tal-VIS minn 60 miljun għal 100 miljun rekord (kontinwazzjoni)*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-eu-LISA sejra tkompli bil-proġett li għandu l-għan li jżid il-kapaċità tal-VIS sabiex tkun konformi mal-ħtiġijiet kummerċjali tal-Istati Membri fil-kuntest tal-użu regolari tas-sistema. Iż-żieda fil-kapaċità tal-bażi ta' data tal-VIS minn 60 miljun għal 100 miljun applikazzjoni għal viża tkopri:

- l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-ħażna meħtieġa lis-servers tal-bażi ta' data sabiex il-kapaċità fil-mira tkun disponibbli għas-sistema;
- l-aġġornar tal-għodod tal-ittestjar, inkluż iżda mhux limitat għal:
  - l-aġġornar tal-proċess tal-ġenerazzjoni tad-data tat-test;
  - l-aġġornar tal-bażi ta' data ta' sfond tal-VIS sabiex jiġu inklużi 100 miljun applikazzjoni għal viża;
- l-ameljorament tal-memorja tas-servers tal-bażi tad-data u tal-qawwa tal-ipproċessar;
- l-ameljorament tal-memorja tas-servers tal-magni ta' tfittxija u tal-qawwa tal-ipproċessar;
- il-kwalifika minn tarf sa tarf tas-soluzzjoni;
- it-tħejjija u l-prova tat-tnedija.

**VALUR MIŻJUD:** Abbażi tal-projezzjonijiet tal-użu tal-kapaċità tal-VIS matul iż-żmien, din l-attività hija maħsuba sabiex tipprevjeni li l-VIS ma tibqax f'pożizzjoni li taħżen u tiġġestixxi n-numru li jiżdied regolarment ta' viżi introdotti mill-Istati Membri fi kwalunkwe ħin.Iż-żieda fil-bażi ta' data tal-VIS preċedenti (minn 40 miljun għal 60 miljun applikazzjoni għal viża), ġestita b'suċċess fl-2016, diġà tipprovdi esperjenza qawwija u tillimita r-riskji interni tal-proġett.

**SFIDI EWLENIN:** L-isfidi ewlenin ma jinsabux fil-livell tal-proġett innifsu iżda huma pjuttost mistennija mill-interdipendenza ma' proġetti oħrajn, kemm jekk huma VIS u BMS biss jew inkella jekk ġejjin minn attivitajiet anċillari bħall-interoperabbiltà tas-sistema jew l-iżvilupp ta' sistema oħra b'impatt fuq il-VIS u/jew il-BMS.Hija meħtieġa skeda bir-reqqa u preċiża ħafna sabiex jiġi evitat li waħda jkollha impatt fuq oħra.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | It-titjib kontinwu tas-servizzi offruti u tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri | Din l-attività sejra tirriżulta f'ammeljorament ta' diversi komponenti kritiċi u ambjenti tal-VIS sabiex il-kapaċità tal-ħardwer, il-qawwa tal-ipproċessar tal-bażijiet ta' data u s-servers tal-magni ta' tfittxija jkunu jistgħu jinġiebu f'livell li jippermettilhom jiġġestixxu sa 100 miljun viża. Bħala parti mill-attività, sejra tiġi ppreżentata bażi ta' data ta' sfond ġdida tal-VIS, flimkien ma' għodod u proċess ta' ġenerazzjoni tad-data aġġornati | Iż-żieda tal-kapaċità tal-VIS (il-komponenti kollha affettwati) sabiex tiġi allinjata mal-ħtiġijiet kummerċjali | Il-kapaċità tal-VIS hija konformi mal-ħtiġijiet tal-Istati Membri | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | AMMU |

### 2.4.1.15. It-tisħiħ tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-VIS/BMS (kontinwazzjoni)

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-eu-LISA sejra tkompli tkabbar l-infrastruttura tal-ittestjar tal-VIS u tal-BMS għad-daqs tal-infrastruttura tal-produzzjoni, inkluża l-provvista neċessarja ta' ħardwer, softwer u servizzi professjonali. Dan it-tkabbir huwa ppjanat li jitwettaq b'mod parallel mat-tkabbir tal-kapaċità tal-produzzjoni sabiex il-pjattaforma tal-ittestjar tkun lesta fil-ħin għall-kwalifika tal-bidliet fil-produzzjoni.

It-tisħiħ tal-ambjenti tal-ittestjar tal-VIS/BMS huwa primarjament iffokat fuq:

- it-tkabbir tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-BMS għal 60 miljun rekord u l-kapaċità tat-throughput tat-tranżazzjoni tal-produzzjoni tal-BMS fl-2016; dan it-tkabbir għandu jinkludi wkoll il-forniment ta' bażi ta' data ġdida tal-ħsejjes imfassla għall-kapaċità l-ġdida tal-bażi ta' data tat-testijiet tal-BMS; kuntrarju għall-akkwiżizzjonijiet preċedenti, il-bażi ta' data ġdida tal-ħsejjes għandha tinkludi mhux biss mudelli ċatti tal-marki tas-swaba' iżda wkoll is-sorsi tagħhom (immaġnijiet semi-sintetiċi tal-marki tas-swaba'), li jistgħu jerġgħu jintużaw aktar tard anki barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-BMS Evolutions, jekk ikun meħtieġ;
- it-tkabbir tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-VIS għal 100 miljun rekord; dan it-tkabbir għandu jinkludi wkoll il-provvista ta' bażi ta' data ta' sfond ġdida mfassla għall-kapaċità l-ġdida tal-bażi ta' data tat-testijiet tal-VIS.

**VALUR MIŻJUD:** L-aspett ewlieni li għandu jiġi kkunsidrat għall-benefiċċji mistennija huwa l-kapaċità li jiġu kkwalifikati l-evoluzzjonijiet kritiċi għan-negozju tal-VIS u tal-BMS. It-tisħiħ tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-VIS u tal-BMS huwa prerekwiżit importanti li mingħajru s-suċċess ta' kwalunkwe evoluzzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni (bażi ta' data jew throughput) ma jistax jiġi garantit b'mod sodisfaċenti. Dan huwa partikolarment minnu għall-BMS, fejn ġie pprovat li l-estrapolazzjoni tal-konklużjonijiet mir-riżultati tat-testijiet tal-prestazzjoni fuq skala iżgħar jew b'infrastruttura ta' speċifikazzjonijiet ta' ħardwer differenti għandha tiġi ttrattata bi prekawzjoni kbira. Għalhekk, għal sistemi kritiċi għan-negozju bħall-VIS (u l-BMS relatata), huwa ta' importanza kbira li l-kwalifika tal-evoluzzjonijiet tal-kapaċità ssir f'kundizzjonijiet simili għal dawk tal-produzzjoni u f'ambjenti ta' ttestjar simili għall-produzzjoni f'termini ta' daqs u ħardwer.Il-forniment ta' bażijiet ta' data tal-ħsejjes jew ta' sfond relatati huwa inkluż ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni sabiex jiġi żgurat li l-kampanji ta' kwalifika jsiru taħt użu sħiħ tal-bażijiet ta' data, li jista' jinfluwenza b'mod negattiv il-prestazzjoni ta' kwalunkwe sistema.

**SFIDI EWLENIN:** Hemm xi sfidi tekniċi primarjament relatati mat-tkabbir tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-BMS. Minħabba li xi komponenti ta' ħardwer użati fil-produzzjoni mhumiex disponibbli aktar fis-suq, ir-rekwiżit tal-infrastruttura li tintuża l-istess infrastruttura ta' ħardwer kemm fis-settur tal-produzzjoni kif ukoll f'dak mhux tal-produzzjoni jista' jiġi garantit biss jekk xi servers tal-produzzjoni eżistenti jiġu skambjati b'oħrajn ġodda, u dawk imneħħija mill-produzzjoni jiżdiedu mal-infrastruttura tal-ittestjar. Dan jagħmel il-kampanja tal-kwalifika tal-proġett twila u aktar kumplessa.Minbarra dan, meta wieħed iqis id-daqs mistenni tal-bażi ta' data tal-ħsejjes ġdida tal-BMS, għandu jiġi identifikat metodu ġdid għall-ġenerazzjoni tas-sett ta' data ta' 60 miljun rekord dwar il-ħsejjes, li huwa mistenni li jinkorpora l-ispeċifiċitajiet statistiċi tad-data tal-produzzjoni eżistenti.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | It-titjib kontinwu tas-servizzi offruti u tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri | It-tkabbir tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-VIS u tal-BMS għad-daqs tal-produzzjoni | Iż-żieda tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-VIS u tal-BMS għad-daqs tal-produzzjoni | Din l-attività sejra tirriżulta f'infrastruttura tal-ittestjar imtejba li fuqha l-eu-LISA tista' twettaq b'mod sodisfaċenti l-kwalifika tal-ameljoramenti fil-kapaċità tal-produzzjoni. Bħala parti mill-attività, sejrin jiġu ppreżentati bażi ta' data ta' sfond ġdida (ameljorata) tal-VIS u bażi ta' data ġdida tal-BMS dwar il-ħsejjes. Minbarra l-mudelli ċatti tal-marki tas-swaba', sejjer jiġi pprovdut ukoll sett ta' data ta' 60 miljun immaġini ta' | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | marki tas-swaba', bil-għan li jkun jista' jintuża mill-ġdid kemm għall-ameljoramenti futuri kif ukoll barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-VIS/BMS | | | | |

### *2.4.1.16. It-twettiq ta' studju dwar l-implimentazzjoni ta' arkitettura orjentata lejn is-servizzi*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Għandu jitħejja studju minn arkitetti u disinjaturi tas-sengħa b'għarfien profond fil-qasam tal-arkitettura orjentata lejn is-servizzi, li jivvaluta l-adegwatezza tal-arkitettura orjentata lejn is-servizzi fi ħdan l-eu-LISA u jipproponi soluzzjoni adegwata li tista' tiġi implimentata fi proġett sussegwenti.Dan l-istudju għandu jinkludi d-definizzjoni tas-servizzi sabiex jiġu inkapsulati b'mod indipendenti funzjonijiet kummerċjali flessibbli u li jistgħu jerġgħu jintużaw, l-interfaċċji tagħhom u t-teknoloġiji possibbli ta' integrazzjoni u orkestrazzjoni.

Għandha tiġi esplorata wkoll l-adegwatezza tas-sostenn ta' dan l-approċċ ta' arkitettura orjentata lejn is-servizzi b'EBS ('enterprise service bus'), kif ukoll id-definizzjoni tal-funzjonalità li għandu jkun fih dan l-element. Test jista' jkun utli sabiex juri l-benefiċċji tas-soluzzjoni fil-mira.

**VALUR MIŻJUD:**Is-segwitu ta' approċċ ta' arkitettura orjentata lejn is-servizzi huwa magħruf bħala li jġib miegħu bosta benefiċċji:

- żieda tal-veloċità li biha jistgħu jiġu implimentati jew mibdula l-funzjonijiet jew il-proċessi kummerċjali ġodda;
- tnaqqis tal-kostijiet tal-implimentazzjoni u tas-sjieda;
- simplifikazzjoni u tħaffif tal-integrazzjoni, b'tali mod li tiżdied il-flessibbiltà;
- utilizzazzjoni aħjar tal-IT;
- użu mill-ġdid;
- l-indipendenza tas-servizzi, li tippermetti li wieħed minnhom jinbidel mingħajr ma jaffettwa l-bqija;
- teknoloġija matura.

**SFIDI EWLENIN:** It-tħejjija xierqa tal-istudju teħtieġ għarfien profond u fehim komprensiv tas-sistemi tal-IT fi ħdan l-eu-LISA sabiex jiġi pprovdut eżitu rilevanti. Għalhekk, huma meħtieġa l-kollaborazzjoni u l-kontribuzzjonijiet mit-timijiet kollha. L-istudju għandu jitfassal minn disinjaturi esperti u arkitetti tas-soluzzjonijiet.Il-proġett għandu jiġi eżegwit f'koordinazzjoni mill-qrib mal-EES, li sejra tkun fil-fażi tal-iżvilupp tagħha.

Riskji identifikati oħrajn huma:

- nuqqas ta' esperjenza tal-kuntrattur; dan ir-riskju għandu jittaffa fil-fażi tal-akkwist;
- nuqqas ta' kooperazzjoni min-nies fi rwoli ewlenin fi ħdan l-eu-LISA sabiex jappoġġjaw il-ħidma tal-kuntrattur;
- nuqqas ta' allinjament ma' inizjattivi vertikali u orizzontali oħrajn;
- nuqqas ta' approvazzjoni mill-partijiet ikkonċernati (il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri, l-Europol, l-Eurojust).

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Interoperabbiltà mtejba tas-sistemi (soġġetta għall-bidliet fl-istrumenti legali rilevanti) | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | Rapport ta' studju jipprovdi informazzjoni dwar l-adegwatezza tal-użu ta' arkitettura orjentata lejn is-servizzi u l-implimentazzjoni tagħha għal sistemi kummerċjali ewlenin | Il-valutazzjoni tal-fattibbiltà u tal-benefiċċji tal-implimentazzjoni ta' arkitettura orjentata lejn is-servizzi, inkluż l-użu ta' 'enterprise service bus' | L-għan ta' arkitettura orjentata lejn is-servizzi huwa li ġġib il-benefiċċji ta' akkoppjar laxk u inkapsulament għall-integrazzjoni fil-livell ta' intrapriża; hija tiffaċilita wkoll l-użu mill-ġdid ta' funzjonalità eżistenti għal żviluppi futuri, sabiex b'hekk jiġu ffrankati l-isforzi, il-ħin u l-baġit | Il-kompletezza tal-istudju | L-istudju tlesta kompletament | Reġistru għall-ġestjoni tal-proġetti | AMMU |

## 2.4.1.17. L-evoluzzjoni tal-għodod tal-ittestjar komuni

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Il-migrazzjoni tal-oġġetti ta' prova eżistenti fl-għodda ta' ttestjar ġdida.

**VALUR MIŻJUD:** Tnaqqis fil-ħin, żieda fl-effiċjenza, tnaqqis fil-kostijiet u inqas involviment tal-kuntrattur għall-kwalifika ta' evoluzzjonijiet ulterjuri.Ittestjar tal-industrijalizzazzjoni u tal-awtomatizzazzjoni, kif ukoll rapportar imtejjeb tat-testijiet.

**SFIDI EWLENIN:**It-twaqqif tal-għodod tal-ittestjar, li sejjer jibda fl-2017 u li għandu jiġi ffinalizzat qabel il-bidu ta' din l-attività; l-iżgurar tal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | It-titjib kontinwu tas-servizzi offruti u tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri | Il-migrazzjoni tal-oġġetti ta' prova fl-għodda ta' ttestjar għall-intrapriża kollha, li tipprovdi interoperabbiltà fost is-sistemi | L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni omoġenja ta' għodda ta' ttestjar fost is-sistemi kollha | L-ittestjar jista' jsir bl-għodda ta' ttestjar ġdida. Analiżi tal-kopertura sħiħa. Il-kisba ta' livell ogħla ta' indipendenza mill-għodod speċifiċi għall-bejjiegħa | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | AMMU |

### 2.4.1.18. L-implimentazzjoni ta' fażi ta' ttestjar tal-virtwalizzazzjoni

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Sabiex ikun hemm pjattaforma ta' ttestjar li tkun tista' tospita ambjenti tal-fażi ta' ttestjar jew tal-iżvilupp għal kunċetti ġodda (ittestjar ta' applikazzjoni virtwalizzata), għandhom jiġu estiżi l-pedamenti infrastrutturali virtwalizzati li ddaħħlu fis-seħħ fl-2017, bħala parti mis-servizzi kondiviżi komuni.Fl-2018 xorta tista' tkun meħtieġa estensjoni addizzjonali għal dik diġà inkluża fil-baġit jekk ikun hemm bżonn li jiġu stabbiliti sistemi ġodda (eż. l-EES).

**VALUR MIŻJUD:**Jintlaħaq l-għan tal-istrateġija tat-teknoloġija tal-eu-LISA lejn il-virtwalizzazzjoni.

**SFIDI EWLENIN:**Trid tintgħażel l-aktar applikazzjoni xierqa u tiddaħħal fis-seħħ l-infrastruttura tal-virtwalizzazzjoni

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti | Il-validazzjoni tal-imġiba ta' applikazzjoni virtwalizzata tat-test (SIS II, VIS, BMS u Eurodac) f'ambjent ta' infrastruttura kondiviża komuni ('common shared infrastructure' - CSI) | Il-verifika li r-riżultat tal-proġett tal-Istudju Attiv/Attiv tal-Virtwalizzazzjoni (li tlesta fl-2016) kien relatat mal-għażla tat-teknoloġiji tal-infrastruttura, rigward il-virtwalizzazzjoni; is-sistema kummerċjali titħalla tissodisfa r-rekwiżiti tagħhom | L-estensjoni tal-infrastruttura virtwalizzata mdaħħla fis-seħħ bħala parti mill-implimentazzjoni tas-servizzi kondiviżi komuni sabiex tospita fażi ta' ttestjar. (Għandha tiġi definita bejn SIS II, VIS, BMS jew Eurodac.) L-applikazzjoni magħżula tiġi virtwalizzata u l-imġiba tagħha tiġi vvalidata | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali/tal-għeluq tal-proġetti | OIU |

### 2.4.1.19. *Il-konsolidazzjoni u t-tħejjija tal-AFIS tas-SIS II għall-implimentazzjoni tal-Fażi 2*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività tinkludi l-manutenzjoni tal-AFIS, l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali, l-attivitajiet tat-tfassil u l-bidu tal-proġett u l-ġestjoni finanzjarja u tal-bejjiegħa.Hija tkopri l-adattamenti neċessarji (Oracle, WebLogic), l-appoġġ tekniku u l-attivitajiet ta' taħriġ assoċjati mat-tnedija ta' proġetti tal-IT fuq skala kbira.

**VALUR MIŻJUD:**L-inizjattiva tal-AFIS tiġi kkonsolidata u l-fażi li jmiss titħejja kif suppost.

**SFIDI EWLENIN:** L-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet fi żmien debitu u skont il-baġit u r-riżorsi disponibbli.L-iżgurar tal-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kollha.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | L-istabbiltà tas-sistema sejra tiġi kkonfermata permezz ta' manutenzjoni u aġġustamenti xierqa matul it-tnedija (eż. allinjament ta' Oracle). It-tħejjija tar-rekwiżiti, il-bidu u t-tfassil tat-tieni fażi | L-istabbilizzazzjoni tal-proġett tal-AFIS, inklużi l-iSM kollha, u t-tħejjija għat-tieni fażi | L-AFIS titħaddem bla xkiel għall-Istati Membri kollha. Isiru l-aġġustamenti neċessarji. It-tħejjija għall-implimentazzjoni tat-tieni fażi | L-AFIS tinżamm u tiġi adattata kif suppost (eż. Oracle) immedjatament wara t-tnedija tagħha.<br><br>Id-dokumenti dwar il-bidu tal-Fażi 2 tal-proġett ippreżentati fil-ħin, il-baġit u l-kamp ta' applikazzjoni | Devjazzjoni tal-iskeda b'inqas minn 10 %. Ir-riżultati tal-proġett aċċettati kompletament.<br><br>Sistema stabbli tal-AFIS tas-SIS II | Rapporti interim u tal-għeluq tal-proġetti<br><br>Rapporti dwar il-manutenzjoni tal-AFIS | AMMU |

### *2.4.1.20. Evoluzzjonijiet tas-SIS II*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività tinkludi attivitajiet tal-proġett, it-tfassil u l-implimentazzjoni, il-finalizzazzjoni tal-proġett sabiex tiżdied il-kapaċità/prestazzjoni tas-SIS II u l-irfinar tal-funzjonalitajiet inizjalment previsti għall-2017, l-ittestjar u l-ġestjoni finanzjarja u tal-bejjiegħa.

**VALUR MIŻJUD:** Sistema mtejba.

**SFIDI EWLENIN:** L-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet fi żmien debitu, il-baġit, id-disponibbiltà tar-riżorsi u l-possibbiltà tat-tqassim tal-proġett f'fażijiet.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | It-tisħiħ tas-SIS II b'funzjonalitajiet ġodda | Is-sistema għandha tkun tista' tirrispondi għall-ħtiġijiet legali u kummerċjali | Is-sistema msaħħa tas-SIS II sejra tiġi allinjata mal-leġiżlazzjoni riveduta tas-SIS II | L-eżekuzzjoni tal-proġetti fil-ħin, il-baġit u l-kamp ta' applikazzjoni | Devjazzjoni tal-iskeda b'inqas minn 10 %. Ir-riżultati tal-proġett aċċettati kompletament | Rapporti interim u tal-għeluq tal-proġetti | AMMU |

### 2.4.1.21. *Tfassil mill-ġdid tas-SIS II*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din l-attività tinkludi attivitajiet tal-proġett, it-testijiet tat-tfassil u tal-implimentazzjoni, kif ukoll ġestjoni finanzjarja u tal-bejjiegħa.

**VALUR MIŻJUD:** Ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-bażi ġuridika l-ġdida sejrin jittieħdu f'kunsiderazzjoni.

**SFIDI EWLENIN:** L-implimentazzjoni tad-deċiżjoni dwar it-tfassil mill-ġdid tas-SIS II fi żmien debitu u skont il-baġit u r-riżorsi disponibbli.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; | L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ġodda (eż. kategorija ġdida ta' twissijiet, | L-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tan-negozju addizzjonali – | Huma disponibbli funzjonalitajiet addizzjonali għall-Istati Membri | L-eżekuzzjoni tal-proġetti fil-ħin, il-baġit u l-kamp ta' applikazzjoni | Devjazzjoni tal-iskeda b'inqas minn 10 %. Ir-riżultati tal-proġett aċċettati kompletament | Rapporti interim u tal-għeluq tal-proġetti | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| skont il-mandat tagħhom | | it-titjib kontinwu tas-servizzi offruti u tal-kapaċitajiet għall-Istati Membri | marki tas-swaba' latenti, rikonoxximent tal-wiċċ) | inkluża l-bijometrika – disponibbli għall-Istati Membri f'konformità mar-rekwiżiti | | | | | |

### 2.4.1.22. *Deċiżjoni tas-SIS II dwar ir-Ritorn*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Din l-attività tinkludi attivitajiet tal-proġett, it-testijiet tat-tfassil u tal-implimentazzjoni, kif ukoll ġestjoni finanzjarja u tal-bejjiegħa.

**VALUR MIŻJUD:**Ir-rekwiżiti ġodda li jirriżultaw mill-Istati Membri jew mill-bażi ġuridika l-ġdida sejrin jittieħdu f'kunsiderazzjoni

**SFIDI EWLENIN:**L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tas-SIS II dwar ir-Ritorn fi żmien debitu u skont il-baġit u r-riżorsi disponibbli, u l-possibbiltà tat-tqassim tal-proġett f'fażijiet.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | L-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet ġodda, li jippermettu l-introduzzjoni ta' twissijiet dwar id-deċiżjoni ta' ritorn fis-SIS II (eż. kategorija ġdida ta' twissijiet) | L-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet ġodda li jippermettu l-introduzzjoni ta' deċiżjonijiet dwar ir-ritorn fis-SIS II | Sejjer ikun possibbli li d-deċiżjonijiet ta' ritorn jiġu introdotti fis-SIS II | L-eżekuzzjoni tal-proġetti fil-ħin, il-baġit u l-kamp ta' applikazzjoni | Devjazzjoni tal-iskeda b'inqas minn 10 %. Ir-riżultati tal-proġett aċċettati kompletament | Rapporti interim u tal-għeluq tal-proġetti | AMMU |

### 2.4.1.23.L-integrazzjoni tal-eurodac mal-istandards tal-arkitettura ta' servizzi kondiviżi

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-Eurodac għandha tiżgura l-allinjament mal-eżiti tal-proġett tas-servizzi kondiviżi: titjib tal-ġestjoni tal-aċċess (minn 'Lightweight Directory Access Protocol' għal Direttorju Attiv), titjib tas-sigurtà, verifika tal-konformità, ħolqien ta' ċentru tar-reġistru, eċċ. Sabiex jinkiseb dan, l-interfaċċji bejn il-kuntratt tal-manutenzjoni tal-Eurodac u l-kuntratt tas-servizzi kondiviżi għandhom jiġu ppjanati b'tali mod li jippermettu lill-Eurodac tintegra ruħha mal-infrastruttura u s-servizzi kondiviżi.Dan jista' jinkludi mhux biss l-użu ta' komponenti differenti ta' livell baxx (ħardwer/softwer), iżda wkoll id-disinn tekniku mill-ġdid tal-interfaċċji ta' dawn il-komponenti ma' partijiet oħrajn tal-Eurodac.

**VALUR MIŻJUD:**Għandu jkun hemm disponibbli mod integrat ta' kif jiġu pprovduti s-servizzi.

**SFIDI EWLENIN:**Jeħtieġ li jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet tal-kuntratti differenti mhux mibdija fl-istess perjodi u li tiġi kkoordinata l-ħidma ta' kuntratturi differenti (kuntratturi ta' MWO/servizzi kondiviżi).

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | Il-ġestjoni tal-aċċess sejra tittejjeb permezz ta' tranżizzjoni minn 'Lightweight Directory Access Protocol' għal Direttorju Attiv, filwaqt li s-sigurtà sejra tittejjeb grazzi għal verifika tal-konformità, konformità mar-rekwiżiti taċ- | L-allinjament tal-Eurodac mal-eżiti tal-istandards tal-arkitettura tas-servizzi kondiviżi | L-Eurodac sejra tikkonverġi mal-istandards tas-servizzi kondiviżi applikabbli fl-organizzazzjoni kollha | In-numru ta' servizzi tal-Eurodac allinjati | Mhux inqas minn 4 servizzi allinjati | Dokumentazzjoni tal-proġett | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ċentru tar-Reġistru, eċċ. | | | | | | |

## 2.4.1.24. *Riforma tal-Eurodac: bidliet funzjonali u titjib tal-kapaċità*[65]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-attivitajiet tal-proġett, id-disinn, l-implimentazzjoni, it-testijiet u l-ġestjoni finanzjarja u tal-bejjiegħa.Barra minn hekk, sejjer jitwettaq studju li jesplora l-possibbiltà li jiżdied ir-rikonoxximent tal-uċuh mal-Eurodac.

**VALUR MIŻJUD:** Is-sistema tinżamm aġġornata u f'konformità mar-regolament il-ġdid.Is-sistema għandha d-daqs adattat sabiex tlaħħaq mal-ħtiġijiet kummerċjali ġodda u mal-kamp ta' applikazzjoni akbar.

**SFIDI EWLENIN:**L-implimentazzjoni, fi żmien debitu, tal-baġit u r-riżorsi, dipendenzi stretti fuq l-ippjanar tal-Istati Membri u l-previżjoni tal-volumetrika.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | Il-Verżjoni 4.0 tal-Eurodac tinkludi funzjonalitajiet ġodda li jiġu mit-tfassil mill-ġdid tar-Regolament tal-Eurodac (estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni sabiex tkopri l- | L-allinjament tal-Eurodac mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament il-ġdid tal-Eurodac. L-aġġustament tad-daqs adattat tal-Eurodac sabiex tlaħħaq mal-ħtiġijiet kummerċjali | L-Eurodac hija konformi mad-dispożizzjonijiet legali ġodda. L-Eurodac għandha d-daqs adattat sabiex tlaħħaq mad-dispożizzjonijiet legali ġodda | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | 100 % tax-xenarji tal-każijiet ta' test tal-aċċettazzjoni mgħoddija b'suċċess. Proġett fi ħdan il-limiti tal-baġit. Proġett fi ħdan iż-żmien miftiehem għall-implimentazzjoni | Rapporti tat-testijiet. Fajls u rapporti tal-proġett | AMMU |

65 Soġġetta għal emendi leġiżlattivi.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | finijiet ta' segwitu għall-migrazzjoni illegali) Il-Verżjoni 4.0 tal-Eurodac għandha d-daqs adattat sabiex tlaħħaq mal-ħtiġijiet kummerċjali ġodda wara r-riforma. Dan jinkludi studju li jikkonferma t-traffiku u l-ħtiġijiet tad-daqs (l-istima tad-daqs attwali tindika żieda għal madwar 15-il miljun rekord), kif ukoll l-implimentazzjoni tal-ameljorament. Studju ieħor ikopri r-rikonoxximent tal-uċuħ fl-Eurodac | ġodda u l-użu li jirriżulta mir-riforma tal-Eurodac | | | | | |

### 2.4.1.25. *Valutazzjoni tal-impatt għas-softwer bħala servizz*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** It-twettiq ta' valutazzjoni tal-impatt tal-implimentazzjoni ta' arkitettura standard ta' softwer nazzjonali tal-Eurodac skalabbli, kosteffiċjenti u flessibbli. Il-valutazzjoni tal-impatt sejra tgħin sabiex jinġabru l-aħjar prattiki u jiġu vvalutati l-alternattivi għall-ħolqien ta' arkitettura nazzjonali standard flessibbli.Hija tanalizza wkoll il-benefiċċji (f'termini ta' żmien għat-tqegħid fis-suq, kostijiet, eċċ.) u n-nuqqasijiet possibbli tal-kisba ta' standardizzazzjoni fil-livell nazzjonali.

**VALUR MIŻJUD:**Din iżżid l-istandardizzazzjoni u l-armonizzazzjoni bejn l-iSM, iżżid il-flessibbiltà fir-rigward tal-bidliet u twassal għal ekonomiji ta' skala.

**SFIDI EWLENIN:**Dipendenzi fuq is-sistemi interkonnessi u r-regoli kummerċjali tal-Istati Membri.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Valur miżjud akbar tas-sistemi għall-iSM permezz tal-evoluzzjoni tagħhom | L-evoluzzjoni f'waqtha, effettiva u effiċjenti tas-sistemi ġestiti; it-titjib kontinwu fl-offerta u l-kapaċitajiet tas-servizzi lill-Istati Membri | Dan sejjer joħloq arkitettura nazzjonali standard għall-Eurodac | Il-ħolqien ta' arkitettura nazzjonali standard għall-Eurodac. Il-forniment ta' softwer bħala servizz lill-iSM | Il-kisba ta' ekonomiji ta' skala u standardizzazzjoni madwar l-UE | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Riżultati skont l-ispeċifikazzjonijiet u aċċettati mill-eu-LISA | Fajls u rapporti tal-proġett | AMMU |

## *Infrastruttura tan-netwerk u l-komunikazzjoni*

### 2.4.1.26. *It-twettiq ta' fażi ta' ttestjar tan-netwerk unifikat*[66]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**Dan il-proġett pluriennali jipprevedi żewġ stadji:

- L-istudju (2017) għandu janalizza d-disinn attwali u jipproponi titjib fid-disinn attwali.
- Il-fażi tal-ittestjar (2017-2018) għandha tintuża għall-validazzjoni tas-soluzzjoni proposta f'ambjent ta' laboratorju/qabel il-produzzjoni.

66 L-implimentazzjoni ta' din l-attività tiddependi fuq l-eżiti tal-valutazzjoni tal-impatt li għandha titwettaq fl-2017 u tista' tkun soġġetta għal emendi legali.

**VALUR MIŻJUD:** Issodisfar aħjar tal-obbligi legali tal-eu-LISA. L-għoti ta' informazzjoni għat-tibdil possibbli tar-regolamenti dwar is-sistemi kummerċjali ewlenin.Il-preżentazzjoni tal-viżjoni/strateġija tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, li tista' tappoġġja l-pożizzjoni tal-eu-LISA bħala Aġenzija li tipprovdi valur miżjud għoli lill-Komunitajiet.

**SFIDI EWLENIN:**Il-proġett jiddependi fuq ambjent stabbli u sigur tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u, għalhekk, għandu jinbeda biss wara li tintemm it-tnedija tat-tieni saff ta' kriptaġġ fil-VIS.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Hemm fis-seħħ l-aħjar soluzzjoni tan-netwerk sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiżgura li d-data tas-sistema tiġi pproċessata bl-aktar mod effiċjenti, sigur u kosteffettiv possibbli | Is-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni effettivi tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri terzi ta' servizz ta' netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi | Il-fażi tal-ittestjar titwettaq f'konformità mal-proposta mill-istudju mwettaq fl-2017 | Viżjoni ċara tal-ammeljorament neċessarju tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni (li jrid jinkiseb sal-aħħar tal-2018) | Il-maniġment tal-Aġenzija jifhem it-titjib possibbli u l-bidliet possibbli fir-regolament | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | OIU |

### 2.4.1.27.It-tħejjija għat-tieni ġenerazzjoni ta' TESTA-ng

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-attività tikkonsisti f'żewġ stadji:(a) il-ġbir tar-rekwiżiti u (b) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u t-tħejjija tal-lista ta' rekwiżiti.

**VALUR MIŻJUD:**L-implimentazzjoni tal-proġetti għandha tipprovdi l-benefiċċji li ġejjin:

- it-tħejjija għall-proċess tal-arranġament tal-kuntratti għat-tieni ġenerazzjoni ta' TESTA-ng;
- it-tranżizzjoni bla xkiel minn TESTA-ng għat-tieni ġenerazzjoni ta' TESTA-ng minħabba l-integrazzjoni aħjar tar-rekwiżiti tal-eu-LISA fil-kuntratt.

**SFIDI EWLENIN:**Il-kumplessità tal-kompitu kkawżata mill-għadd ta' rekwiżiti tekniċi u ta' sigurtà (aktar minn 1 000) u l-ħtieġa ta' allinjament ma' ħafna partijiet ikkonċernati differenti, inklużi l-Istati Membri.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Hemm fis-seħħ l-aħjar soluzzjoni tan-netwerk sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiżgura li d-data tas-sistema tiġi pproċessata bl-aktar mod effiċjenti, sigur u kosteffettiv possibbli | Is-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni effettivi tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri terzi ta' servizz ta' netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi | L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-rekwiżiti għall-akkwist tas-servizzi tat-tieni ġenerazzjoni ta' TESTA-ng huma elenkati | L-iżgurar li r-rekwiżiti u l-ispeċifiċitajiet tas-sistemi kummerċjali ewlenin tal-eu-LISA jkunu koperti sewwa fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-kuntratt tat-tieni ġenerazzjoni ta' TESTA-ng | L-akkwist għat-tieni ġenerazzjoni ta' TESTA-ng ikopri l-ħtiġijiet tas-sistemi kummerċjali ewlenin tal-eu-LISA | Id-data ta' konsenja u l-kopertura tal-ispeċifiċitajiet tas-sistemi kummerċjali ewlenin tal-eu-LISA | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | OIU |

### *2.4.1.28. Il-ġestjoni operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**L-attività tikkonsisti fi:

- il-ġestjoni operattiva tal-LAN tas-sistema kummerċjali ewlenija;
- il-ġestjoni operattiva tal-LAN tal-istazzjon tax-xogħol tal-utenti finali;
- il-ġestjoni operattiva tat-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS II;
- il-ġestjoni operattiva tas-sistema VIS Mail;
- il-ġestjoni operattiva tas-sistema SIS II Mail;
- Attivitajiet ta' TESTA-ng:
    - is-superviżjoni, li tinkludi l-analiżi u r-reviżjoni tar-rapporti operattivi, l-organizzazzjoni ta' laqgħat regolari relatati mal-operazzjonijiet, is-segwitu tal-azzjonijiet mal-fornitur, it-talbiet għal tibdil u l-partijiet tekniċi tal-ordnijiet ta' servizz;

- il-koordinazzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornitur: iż-żamma tal-listi ta' kuntatt fl-Istati Membri u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha tan-netwerk li għandhom impatt fuq Stat Membru;
- il-proposta ta' speċifikazzjonijiet tekniċi kif mitluba mill-Kummissjoni.

**VALUR MIŻJUD:** L-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sistemi ta' komunikazzjoni relatati jipprovdu s-servizz meħtieġ għas-sistemi kummerċjali ewlenin u għall-Istati Membri.

**SFIDI EWLENIN:** L-iżgurar li s-servizzi jiġu pprovduti f'konformità mal-aspettattivi tan-negozju u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Hemm fis-seħħ l-aħjar soluzzjoni tan-netwerk sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiżgura li d-data tas-sistema tiġi pproċessata bl-aktar mod effiċjenti, sigur u kosteffettiv possibbli | Is-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni effettivi tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri terzi ta' servizz ta' netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi | L-operat ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni sigura u affidabbli u tas-sistemi ta' komunikazzjoni relatati kif meħtieġ | Iż-żamma u l-monitoraġġ tan-netwerks ġestiti mill-eu-LISA sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-affidabbiltà tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni | Is-sistemi kummerċjali ewlenin u l-Istati Membri jirċievu servizz affidabbli mill-infrastruttura tal-komunikazzjoni u mis-sistemi ta' komunikazzjoni relatati | Konformità mal-FLS dwar l-infrastruttura tal-komunikazzjoni | L-infrastruttura tal-komunikazzjoni u s-sistemi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni disponibbli f'konformità mal-FLS speċifiku għas-sistema deskritt fil-verżjoni valida tal-Katalogu tas-Servizzi tal-eu-LISA | Rapporti dwar il-prestazzjoni tas-sistemi u tal-FLS | OIU |

### *2.4.1.29. Trasferiment tal-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, l-akkwiżizzjoni, it-tiġdid u kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS u tas-SIS II*[67]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Trasferiment tal-attivitajiet/tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni relatati mal-baġit, l-akkwiżizzjoni, it-tiġdid u l-kwistjonijiet kuntrattwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, b'mod aktar partikolari:

- WAN tal-VIS u s-servizzi relatati;
- WAN tas-SIS II u s-servizzi relatati;
- VIS Mail;
- Sirenemail;
- Punt Uniku ta' Kuntatt tal-VIS mail;
- Punt Uniku ta' Kuntatt tas-SIS II mail;
- It-tieni saff ta' kriptaġġ tal-VIS;
- It-tieni saff ta' kriptaġġ tas-SIS II.

L-istabbiliment tal-proċessi u l-proċeduri meħtieġa min-naħa tal-eu-LISA għall-eżekuzzjoni tal-attivitajiet ittrasferiti.

**VALUR MIŻJUD:** Ma għadux ġustifikat li l-Kummissjoni żżomm ċerti kompiti relatati mal-infrastruttura tal-komunikazzjoni jew mas-sistemi, għalhekk, dawn il-kompiti għandhom jiġu ttrasferiti lill-Aġenzija bil-għan li tittejjeb il-koerenza tal-ġestjoni tagħhom.

**SFIDI EWLENIN:** Il-proġett qed jiffaċċja l-isfidi li ġejjin:

- skeda ta' żmien limitata għat-trasferiment tal-VIS – skont il-proposta tar-regolament tal-EES, it-trasferiment għandu jsir f'perjodu fiss ta' 6 xhur;

---

67 L-implimentazzjoni tiddependi fuq l-adozzjoni tal-bażi ġuridika rilevanti.

- id-data tal-bidu mhijiex magħrufa – il-bidu tat-trasferiment tal-VIS jiddependi fuq id-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-EES, filwaqt li l-bidu tat-trasferiment tas-SIS jiddependi fuq l-adozzjoni tar-Regolament ta' twaqqif tal-eu-LISA rivedut.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-għoti ta' soluzzjonijiet affidabbli u kosteffettivi lill-Istati Membri skont il-mandat tagħhom | Hemm fis-seħħ l-aħjar soluzzjoni tan-netwerk sabiex l-Aġenzija tkun tista' tiżgura li d-data tas-sistema tiġi pproċessata bl-aktar mod effiċjenti, sigur u kosteffettiv possibbli, f'konformità mal-qafas legali | Is-superviżjoni, is-sigurtà u l-koordinazzjoni effettivi tar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-fornituri terzi ta' servizz ta' netwerk għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tas-sistemi | Hemm fis-seħħ l-istruttura organizzattiva, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet sabiex titwettaq il-ġestjoni kuntrattwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni.<br><br>Id-DĠ Home jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għat-trasferiment | L-iżgurar li l-Aġenzija jkollha l-kapaċità li twettaq il-ġestjoni kuntrattwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni | Id-DĠ Home jipproduċi rapport tat-trasferiment.<br><br>Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet huma deskritti u organigramma tispjega l-ġestjoni kuntrattwali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma | Rapporti interim u finali tal-proġetti | OIU |

*L-iżvilupp u l-ġestjoni operattiva ta' sistemi ġodda*

### *2.4.1.30.L-implimentazzjoni tal-maħżen virtwali tad-data sabiex tittejjeb il-Fażi 2 tar-rapportar awtomatizzat u l-ġenerazzjoni tal-istatistika (kontinwazzjoni mill-2017)*[68]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**

- Repożitorju fejn jiġu ġestiti r-rapporti tekniċi kollha li tipproduċi l-Aġenzija sabiex tissorvelja l-funzjonament tajjeb tas-sistemi u r-rapporti li jipproduċu l-applikazzjonijiet (SIS II, Eurodac u VIS) u l-istatistika, flimkien mal-mezzi xierqa sabiex jinkiseb l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti meħtieġa mill-partijiet ikkonċernati. Ir-repożitorju ċentrali ta' rapporti u statistika jaħżen ammonti kbar ta' data storika sabiex b'hekk ikun possibbli li jiġu analizzati l-perjodi ta' żmien u x-xejriet differenti bil-għan li jkunu jistgħu jsiru l-previżjonijiet.
- Sett ta' għodod sabiex il-bidliet isiru faċilment (jiġifieri mingħajr riżorsi jew bl-inqas possibbli) u jiġu adattati meta jinħolqu ħtiġijiet ġodda tal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-informazzjoni ġestita mill-eu-LISA u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-ġestjoni tal-applikazzjonijiet li biha hija fdata l-eu-LISA. Sejjer ikun possibbli li dawk l-għodod ikunu direttament disponibbli għall-użu tal-utenti finali permezz ta' interfaċċja grafika sempliċi.
- It-titjib tar-rapportar bħala servizz sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi legali tal-Aġenzija.

**VALUR MIŻJUD:** Rapportar awtomatizzat imtejjeb u ġenerazzjoni tal-istatistika li hija allinjata mal-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-applikazzjonijiet ġestiti mill-eu-LISA (SIS II, VIS/BMS, Eurodac), appoġġjati mill-bażi ġuridika, il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni, tal-eu-LISA, tal-awtoritajiet intitolati, bħall-KEPD u l-aġenziji tal-ĠAI rilevanti, skont il-bażi ġuridika rispettiva. Barra minn hekk, billi l-partijiet ikkonċernati jistgħu jiksbu aċċess malajr għad-data kritika minn għadd ta' sorsi f'post wieħed, huma jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati malajr dwar l-inizjattivi ewlenin.Barra minn hekk, minħabba li d-data minn kull waħda mid-diversi sistemi hija standardizzata, il-partijiet ikkonċernati jista' jkollhom aktar fiduċja fil-preċiżjoni tad-data.

**SFIDI EWLENIN:**

- Minħabba r-restrizzjonijiet legali fuq l-aċċess għad-data tal-applikazzjoni, bħalissa huwa meħtieġ ħin ta' rispons sinifikanti għat-tfassil u l-produzzjoni ta' rapporti ġodda. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll rispons ad hoc jekk dawk ir-rapporti jkunu jridu jiġu prodotti fuq bażi regolari.
- Hemm restrizzjonijiet tas-sigurtà.

---

68 Soġġetta għall-eżitu tal-HLEG u l-emendi leġiżlattivi possibbli.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | L-implimentazzjoni ta' maħżen virtwali tad-data soġġetta għal valutazzjoni tal-impatt | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk ikun hekk stabbilit mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti; il-provvista ta' servizzi u soluzzjonijiet ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati; tiżdied il-viżibbiltà tal-prestazzjoni korporattiva u tas-sistemi tal-Aġenzija għall- | Jeżistu sistema trasversali ġdida u infrastruttura għat-tħaddim tagħha. Hemm fis-seħħ Repożitorju Ċentrali tal-Istatistika u r-Rapporti. Ir-rapporti tal-applikazzjonijiet ewlenin tal-eu-LISA jiġu ġġenerati awtomatikament. Is-soluzzjoni ta' rapportar mill-bogħod[69] isservi lill-iSM permezz tan-network garantit. Hemm repożitorju ċentrali għall- | L-implimentazzjoni tal-għażla magħżula għar-Repożitorju Ċentrali tal-Istatistika u r-Rapporti ladarba tkun ġiet ivvalidata fil-fażi tal-ittestjar. Id-dħul fis-seħħ tas-soluzzjoni bl-attivitajiet neċessarji ta' appoġġ għat-tranżizzjoni (taħriġ, coaching). Ir-rapporti kollha jiġu ġġenerati bl-użu ta' din is-soluzzjoni unifikata | Il-viżibbiltà u l-fehim kummerċjali analitiku tal-applikazzjonijiet ġestiti mill-eu-LISA li jrawmu l-proċess tad-deċiżjoni. Ir-rapporti u l-istatistika huma ġestiti ċentralment b'mod standard u anjostiku għall-applikazzjonijiet. L-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-aġenziji tal-ĠAI rilevanti u l-maniġment u t-timijiet tal-eu-LISA għandhom aktar | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett. L-għadd ta' rapporti eżistenti trasposti f'din is-soluzzjoni. L-għadd ta' rapporti prodotti. Iż-żmien għall-implimentazzjoni ta' rapporti ġodda. L-użu tal-kapaċità għall-produzzjoni ta' rapporti mill-bogħod | Il-proġett jiġi eżegwit fil-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien miftiehma 100 % tar-rapporti eżistenti trasposti saż-żmien tad-dħul fis-seħħ. Żieda minima ta' 5 % fl-għadd ta' rapporti prodotti bl-għodod. Ħin ta' rispons ta' bejn jum u xahrejn għall-implimentazzjoni ta' rapport ġdid skont il-kumplessità tar-rapport. Mill-inqas 60 % tal-partijiet | Dokumentazzjoni tal-proġetti – rapporti dwar l-istat tal-progress. Reġistri tar-Repożitorju Ċentrali tal-Istatistika u r-Rapporti | AMMU |

69 Ipprovduta ċentralment bl-użu ta' applikazzjoni ta' web browser fil-modalità normali tas-servers tal-klijenti

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-produzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' data tal-prestazzjoni teknika xierqa | ġestjoni tar-rapporti kollha prodotti ċentralment jew b'mod remot minn sistemi/applikazzjonijiet operati mill-eu-LISA | Ir-rapportar ipprovdut bħala servizz | informazzjoni dwar l-użu u l-funzjonament tal-applikazzjoni (SIS II, VIS/BMS, Eurodac, eċċ.) permezz ta' interfaċċja faċli. Hemm soluzzjoni effiċjenti għall-iżvilupp malajr ta' soluzzjonijiet ta' rapportar ġodda. Dan għandu jkun il-pass preliminari qabel jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet analitiċi tan-negozju | | ikkonċernati (l-iSM, il-Kummissjoni Ewropea, l-eu-LISA) li jużaw il-faċilitajiet b'funzjoni mill-bogħod għall-produzzjoni tar-rapporti | | |

## *2.4.1.31.L-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ*[70]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni Ewropea ssottomettiet proposta riveduta għal pakkett dwar il-Fruntieri Intelliġenti. Din kienet tinkludi proposta għal Regolament li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ, kif ukoll proposta għar-reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Fruntieri ta' Schengen. Skont id-dokument tal-Kummissjoni Ewropea MEMO/16/1495, l-adozzjoni tal-proposti mill-koleġiżlaturi għandha tiġi ffinalizzata sal-aħħar tal-2016 sabiex is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tkun operattiva sal-bidu tal-2020, wara t-3 snin meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sistema. L-eu-LISA sejra tibda l-attivitajiet ta' akkwist pubbliku għall-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida malli tiġi approvata l-bażi ġuridika. L-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida sejra tinkludi l-istruttura ta' sistema ċentrali tal-EES, Sistema ta' Informazzjoni Bijometrika,

70 Soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

Interfaċċja Uniformi Nazzjonali, Mezz ta' Komunikazzjoni Sigura bejn is-sistema ċentrali tal-EES u s-sistema ċentrali tal-VIS u infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn is-sistema ċentrali u l-Interfaċċji Uniformi Nazzjonali. Barra minn hekk, jeħtieġ ukoll li jitwaqqaf servizz tal-web għall-vjaġġaturi u t-trasportaturi u repożitorju tad-data ċentrali għar-rapportar u l-istatistika.Sabiex tiġi stabbilita l-interoperabbiltà bejn l-EES u l-VIS, sejjer jiġi implimentat il-Mezz ta' Komunikazzjoni Sigura bejn is-sistema ċentrali tal-EES u s-sistema ċentrali tal-VIS imsemmija hawn fuq, kif ukoll l-adattamenti meħtieġa sabiex jiġu kondiviżi xi komponenti ta' ħardwer u softwer tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-EES mal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-VIS.

**VALUR MIŻJUD:**L-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ huwa meqjus bħala neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin:

- it-titjib tal-kwalità u l-effiċjenza tal-kontrolli fuq il-fruntieri għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-għajnuna lill-Istati Membri sabiex jittrattaw il-flussi dejjem jiżdiedu ta' vjaġġaturi, mingħajr ma neċessarjament iżidu l-għadd ta' gwardji tal-fruntieri;
- l-iżgurar ta' identifikazzjoni sistematika u affidabbli tal-persuni b'permanenza b'awtorizzazzjoni skaduta;
- it-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja.

**SFIDI EWLENIN:** L-iskadenza tirrappreżenta riskju, assoċjat ma' dewmien possibbli fil-proċess ta' approvazzjoni tal-proposta legali u deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Huwa diffiċli li l-paralleliżmu bejn il-proċessi ta' akkwist pubbliku u reklutaġġ jiġi ġestit bir-riżorsi eżistenti.Il-forniment ta' dawn is-servizzi permezz ta' mezz sigur fuq l-internet ser iġib miegħu sfidi ġodda għall-eu-LISA f'termini ta' operazzjonijiet, sigurtà u appoġġ għall-utenti.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | Sistema ta' Dħul/Ħruġ eżegwita skont l-iskeda, diment li jiġi adottat l-istrument leġiżlattiv rilevanti | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti | Is-sistema ċentrali tal-EES tidħol fis-seħħ sad-data fil-mira | It-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali, tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni, tal-interfaċċja uniformi nazzjonali, tal-Mezz ta' Komunikazzjoni Sigura bejn is- | L-Istati Membri huma appoġġjati sabiex jiksbu ġestjoni aktar intelliġenti u aktar effiċjenti tal-fruntieri | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien ippjanati | Tabelli operattivi tal-proġett ta' kull ġimgħa, rapporti tal-proġetti intermedji u rapport fi tmiem il-proġett | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | sistema ċentrali tal-EES u s-sistema ċentrali tal-VIS, tas-servizz web u tar-repożitorju tad-data ċentrali | | | | | |

## *2.4.1.32.L-iżvilupp tal-ETIAS*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Għall-2018, il-kompiti ewlenin huma li jinbeda l-proġett għall-implimentazzjoni tal-ETIAS, li jinbdew il-proċedura/i ta' sejħiet għall-offerti u li jiġu ingaġġati membri tal-persunal għall-ħtiġijiet tal-proġett ETIAS.

**VALUR MIŻJUD:** L-iżgurar tal-implimentazzjoni xierqa tal-proġett.

**SFIDI EWLENIN:** Id-disponibbiltà ta' riżorsi suffiċjenti għall-kompitu.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | L-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali oħrajn jekk ikunu meħtieġa mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk dan ikun previst mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti | Is-sistema ċentrali tal-ETIAS tidħol fis-seħħ sal-iskadenza legali fi tmiem il-proġett.<br>Ir-riżultati speċifiċi għall-2018 huma:<br>- inbeda proġett għall-implimentazzjoni tal-ETIAS | It-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali, tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, tal-infrastruttura uniformi nazzjonali u tal-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn | L-Istati Membri huma appoġġjati sabiex jiksbu ġestjoni aktar sigura tal-fruntieri. | Bidu tal-proġett.<br>Konformità mal-iskeda miftiehma | Bidu inqas minn xahar wara l-adozzjoni tal-proposta legali.<br>Devjazzjoni ta' inqas minn 15 % bejn il-pjan u l-eżitu | Dokumentazzjoni tal-proġett | AMMU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | - inbdew proċedura/i ta' sejħiet għall-offerti<br>- sar reklutaġġ addizzjonali għall-ħtiġijiet tal-proġett ETIAS | | | | | | |

### 2.4.1.33. L-iżvilupp ta' sistema ġdida għas-segwitu tal-Mekkaniżmu tal-Allokazzjoni ta' Dublin[71]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Analiżi tar-rekwiżiti, l-attivitajiet tal-proġett, id-disinn, it-testijiet tal-implimentazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-ġestjoni tal-bejjiegħa.

**VALUR MIŻJUD:** Sistema ġdida fl-operazzjonijiet skont il-qafas legali ġdid (ir-riforma ta' Dublin).

**SFIDI EWLENIN:** Jiġu implimentati, fi żmien debitu, il-baġit u r-riżorsi, filwaqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-data.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | L-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali oħrajn jekk ikunu meħtieġa mill-istrumenti | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk dan ikun previst mill-istrumenti | Tintuża sistema ġdida għas-segwitu tal-mekkaniżmu tal-allokazzjoni ta' Dublin (utenti: l-iSM, il- | Ir-rispons għar-rekwiżiti legali għall-iżvilupp u t-tħaddim ta' sistema ġdida għas-segwitu awtomatizzat tal- | Hemm fis-seħħ sistema ġdida | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | 100 % tax-xenarji tal-każijiet ta' test tal-aċċettazzjoni mgħoddija b'suċċess. | Rapporti tat-testijiet.<br>Fajls u rapporti tal-proġett | AMMU |

71 Soġġetta għal emendi leġiżlattivi.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | leġiżlattivi rilevanti | leġiżlattivi rilevanti<br>Il-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati | Kummissjoni Ewropea, l-EASO) | mekkaniżmu tal-allokazzjoni ta' Dublin (ara r-riforma ta' Dublin) | | | Proġett fi ħdan il-limiti tal-baġit.<br>Proġett fi ħdan iż-żmien miftiehem għall-implimentazzjoni | | |

### 2.4.1.34. *L-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN*[72]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Fid-29 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni Ewropea ssottomettiet proposta għal regolament dwar l-ECRIS-TCN. Din tinkludi proposta għal Regolament li jistabbilixxi sistema ċentrali ECRIS-TCN, li għandha tidħol fis-seħħ sal-2020.Soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika mill-koleġiżlaturi, fl-2018, l-Aġenzija jkollha tibda l-passi meħtieġa għall-fażijiet tal-bidu tal-akkwist pubbliku u l-iżvilupp.

**VALUR MIŻJUD:** Din is-sistema ċentralizzata tippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jidentifikaw liema Stati Membri oħrajn għandhom rekords kriminali fuq TCN partikolari, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jużaw is-sistema ECRIS eżistenti bil-għan li jindirizzaw it-talbiet għal informazzjoni dwar kundanni lil dawn l-Istati Membri biss.

**SFIDI EWLENIN:** L-implimentazzjoni tal-proġett tiddependi ħafna fuq l-adozzjoni f'waqtha tal-leġiżlazzjoni u l-forniment tar-riżorsi meħtieġa. Jekk wieħed jassumi li l-bażi ġuridika sejra tidħol fis-seħħ fl-2017, fl-2018 l-istadju tal-proġett sejjer ikun bejn tmiem il-fażi tal-akkwist pubbliku u l-fażi tal-bidu tal-iżvilupp. Matul l-2019, kuntrattur estern sejjer ikun responsabbli għall-iżvilupp tas-sistema ċentrali, li sejra titwettaq f'sinkronizzazzjoni mal-implimentazzjoni tas-Sistema Nazzjonali, taħt il-koordinazzjoni tal-eu-LISA.Fattur ta' suċċess kritiku għat-twassil f'waqtu u b'mod kwalitattiv sejjer ikun l-istabbiliment ta' forum għall-ġestjoni tal-proġetti b'maniġers ta' proġetti nazzjonali ppresedut mill-eu-LISA, bil-għan li jantiċipa u jtaffi r-riskji, jiġġestixxi l-kwistjonijiet komuni fil-pront u jrawwem komunikazzjoni bejn il-proġetti.

72 Soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Iż-żieda tal-valur miżjud tad-data u tat-teknoloġija għall-Istati Membri | L-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali oħrajn jekk ikunu meħtieġa mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti | L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda/addizzjonali, jekk ikunu meħtieġa mill-istrumenti leġiżlattivi rilevanti;<br><br>Il-forniment ta' servizzi u soluzzjonijiet ġodda u t-titjib ta' dawk eżistenti sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-partijiet ikkonċernati | Is-sistema ċentrali ECRIS-TCN tidħol fis-seħħ sal-iskadenza legali | It-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema ċentrali, tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, tal-infrastruttura uniformi nazzjonali u tal-interoperabbiltà ma' sistemi ċentrali oħrajn | L-iSM jiksbu ġestjoni aktar intelliġenti u aktar sigura tal-fruntieri | Aderenza mal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u ż-żmien meħtieġa tal-proġett | Il-proġett jiġi eżegwit fi ħdan it-tolleranza miftiehma tal-kamp ta' applikazzjoni, il-baġit u l-perjodu ta' żmien ippjanati | Tabelli operattivi tal-proġett ta' kull ġimgħa u rapport fi tmiem il-proġett | AMMU |

*Sigurtà*

## *2.4.1.35.It-tieni fażi tal-implimentazzjoni tas-sigurtà tal-infrastruttura kondiviża komuni*[73]

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Il-proġett jipprevedi l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ta' sigurtà kondiviża komuni li tinkludi erba' elementi: (a) avveniment ta' sigurtà u ġestjoni tal-informazzjoni, (b) ġestjoni tal-vulnerabbiltà teknika, (ċ) servizzi ta' ġestjoni ta' informazzjoni privileġġata u (d) is-servizz unifikat tal-ġestjoni tat-theddid. Dan il-proġett (l-ewwel pass lejn il-virtwalizzazzjoni sħiħa) ikopri l-implimentazzjoni ta' servizzi ta' sigurtà kondiviża komuni f'konformità mal-eżitu tal-istudju dwar is-servizzi kondiviżi komuni. Dan il-proġett huwa parti mill-infrastruttura kondiviża komuni (CSI).L-FwC għas-CSI nbeda u sejjer ikun lest fil-bidu tal-2017.

**VALUR MIŻJUD:**L-attività tarmonizza l-kontrolli tas-sigurtà ċentrali fil-livell tas-sistemi kummerċjali ewlenin (għal kull sistema, f'konformità mar-regolamenti ta' twaqqif rispettivi tagħhom); ittejjeb il-protezzjoni tal-linja bażi kontra t-theddid emerġenti għas-sigurtà (skont l-Artikolu 29 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija, permezz tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 444/2015 għall-iżgurar tas-sigurtà ta' informazzjoni kklassifikata u l-prinċipji tas-sigurtà tal-Kummissjoni li jirrigwardjaw l-ipproċessar ta' informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata ); ittejjeb il-viżibbiltà tal-istatus ta' sigurtà tal-Aġenzija b'informazzjoni f'ħin reali, individwazzjoni u rispons aktar malajr għal inċidenti ta' sigurtà; u żżid l-awtomatizzazzjoni tal-kompiti ta' sigurtà, li jwasslu għal użu aktar ottimali tar-riżorsi.

**SFIDI EWLENIN:**Il-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi sabiex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | L-iżgurar ta' standards tas-sigurtà komuni tal-Aġenzija | It-tisħiħ u l-evoluzzjoni tal-qafas tas-sigurtà ċibernetika tal-Aġenzija għas-sistemi u n- | Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett, maqsum fuq 3 snin, huwa li jtejjeb u | It-titjib u l-armonizzazzjoni tal-infrastruttura tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-eu-LISA | L-implimentazzjoni ta' servizzi ta' sigurtà kondiviżi | Il-perċentwal ta' servizzi ta' sigurtà kondiviżi komuni ppjanati li ġew implimentati | 60 % | Ir-riżultati tal-proġett aċċettati | SEC |

73 L-ewwel fażi ta' dan il-proġett sejra tiġi eżegwita bħala parti mill-proġett tas-servizzi kondiviżi komuni fl-2017.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | netwerks ta' komunikazzjoni tagħha; It-tkomplija tal-progress lejn il-konformità mal-istandards rilevanti tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni; Iż-żamma u l-evoluzzjoni tal-istrateġija ta' sigurtà tal-Aġenzija | jarmonizza l-infrastruttura tas-sigurtà tas-sistemi kummerċjali ewlenin kif stabbilit fl-istrateġija tat-teknoloġija fit-tul tal-eu-LISA | | | | | | |

### 2.4.1.36. L-implimentazzjoni ta' sistema ta' skambju ta' informazzjoni Ristretta għall-UE (kontinwazzjoni mill-2017)

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistema għall-ħolqien u l-iskambju ta' fajls Ristretti għall-UE, li tkun kapaċi tittratta informazzjoni ristretta. Hija sejra tiġi żviluppata għall-użu intern tal-eu-LISA sabiex tiġi skambjata l-informazzjoni ma' aġenziji oħrajn u mal-Kummissjoni Ewropea.Is-sistema sejra tuża s-sistema tal-Kummissjoni Ewropea għall-iskambju ta' informazzjoni sigura bħala gwida bil-għan li tiżgura l-interoperabbiltà.

**VALUR MIŻJUD:** L-Aġenzija ser tkun tista' tiskambja informazzjoni R-UE sigura f'konformità mar-rekwiżiti legali.

**SFIDI EWLENIN:** Id-dipendenza fuq l-implimentazzjoni esterna u l-prontezza tal-proċessi interni sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sistema.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | L-iżgurar ta' standards tas-sigurtà komuni tal-Aġenzija | It-tkomplija tal-progress lejn il-konformità mal-istandards rilevanti tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni | L-implimentazzjoni tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni Ristretta għall-UE u l-akkreditazzjoni tas-sigurtà | Jiġu permessi l-immaniġġjar u t-trażmissjoni elettroniċi siguri tad-dokumenti R-UE fl-Aġenzija | Il-protezzjoni tal-persunal, tal-proprjetà u tal-informazzjoni tal-Aġenzija permezz tal-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol sikur u sigur | Konformità mal-iskeda ta' żmien | Ittestjar tas-sistema implimentata sal-Q3<br>Sistema akkreditata sal-Q4 | Rapporti interim u annwali tal-attivitajiet | SEC |

## *2.4.1.37.L-implimentazzjoni ta' infrastruttura iżolata u sigura ta' brawżing fuq il-web fuq l-IT korporattiva*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:**It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' infrastruttura ta' sigura brawżing fuq il-web fuq l-IT korporattiva.

**VALUR MIŻJUD:**Tnaqqis fir-riskju għall-punti finali tal-IT korporattiva u għall-infrastruttura minn malwer u attakki 'drive-by' minn siti web miżjura mill-persunal.

**SFIDI EWLENIN:**L-attività tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' riżorsi suffiċjenti fl-entitajiet tal-eu-LISA kkonċernati.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sigurtà, taċ-ċibersigurtà u tal-ġestjoni tal-informazzjoni | L-iżgurar ta' standards tas-sigurtà komuni tal-Aġenzija | It-tisħiħ u l-evoluzzjoni tal-qafas taċ-ċibersigurtà tal-Aġenzija għas-sistemi u n-networks ta' komunikazzjoni tagħha; | L-implimentazzjoni ta' infrastruttura sigura ta' brawżing fuq il-web fuq l-IT korporattiva, li tkun iżolata mis-saff tas-sistema | L-implimentazzjoni ta' infrastruttura iżolata sigura ta' brawżing fuq il-web fuq l-IT korporattiva sabiex jiġu minimizzati s- | Jitnaqqas ir-riskju għall-punti ta' tmiem tal-IT korporattiva u għall-infrastruttura minn malwer u attakki 'drive-by' minn siti web | L-implimentazzjoni tar-riżultati tal-proġetti | 100 % | Rapporti ta' aċċettazzjoni | SEC |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | It-tkomplija tal-progress lejn il-konformità mal-istandards rilevanti tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni;<br>Iż-żamma u l-evoluzzjoni tal-istrateġija ta' sigurtà tal-Aġenzija | operattiva sottostanti fuq id-desktops u l-laptops tal-IT korporattiva | superfiċje vulnerabbli għall-attakki u l-opportunitajiet għall-awturi tal-attakki sabiex jimmanipulaw l-imġiba umana permezz tal-interazzjoni tagħhom mal-brawżers tal-web | miżjura mill-persunal | | | | |

## 2.4.2. Attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Għan Strateġiku 2

*L-evoluzzjoni bħala ċentru ta' eċċellenza*

### 2.4.2.1. L-introduzzjoni ta' statistika avvanzata tan-netwerk (kontinwazzjoni mill-2017)

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** L-għan ġenerali tal-attività huwa li żżid il-kapaċitajiet tal-eu-LISA sabiex tissorvelja l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u sabiex tikkoordina l-attivitajiet tan-netwerk billi tagħżel u timplimenta soluzzjoni kummerċjalment disponibbli li tkejjel il-prestazzjoni reali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni sal-livell tal-flussi tal-Protokoll tal-Internet. Is-soluzzjoni sejra tippermetti wkoll l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni proattivi tal-ostakoli u l-individwazzjoni ta' soluzzjonijiet aktar mgħaġġla għall-problemi u l-kwistjonijiet fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni.Il-proġett jipprevedi tliet stadji:

- L-istudju għandu janalizza l-ħtiġijiet tal-eu-LISA fid-dettall u għandu jipproponi kif jistgħu jiġu indirizzati dawn il-ħtiġijiet (magħmul fl-2017).
- Il-fażi tal-ittestjar għandha tintuża sabiex tivvalida s-soluzzjoni proposta fi skala limitata fuq parti waħda tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni. Hija tibda fl-2017 u hija ppjanata li tiġi konkluża fl-2018.

- L-istadju tal-implimentazzjoni għandu jkopri t-tnedija tas-soluzzjoni vvalidata fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni kollha. Dan l-istadju għandu jibda wara l-fażi tal-ittestjar fl-2018 u għandu jiġi konkluż fl-2019.

**VALUR MIŻJUD:** Issodisfar aħjar tal-obbligi legali tal-eu-LISA fil-forma ta' superviżjoni effiċjenti tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni. Tħaddim aktar bla xkiel tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u tas-sistemi kummerċjali ewlenin li jiddependu fuqha.Struttura aktar effettiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni u allinjament aħjar tas-servizzi tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni pprovduti mal-ħtiġijiet tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira.

**SFIDI EWLENIN:** Il-proġett jiddependi fuq ambjent stabbli tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni, għalhekk, il-parti tal-implimentazzjoni għandha tinbeda biss wara t-tlestija tal-migrazzjoni lejn TESTA-ng.Il-ġbir tal-istatistika għandu jsir f'konformità mal-politiki applikabbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-data.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell effiċjenti u kosteffettiv ta' servizz u governanza | Hemm fis-seħħ eżerċizzji ta' benchmarking regolari tal-attivitajiet tal-organizzazzjoni | L-ibbażar tal-qafas ta' governanza tal-Aġenzija fuq l-istandards tal-industrija għall-governanza korporattiva tal-ICT u l-integrazzjoni sħiħa tar-rapportar dwar il-prestazzjoni fl-istrutturi tal-ġestjoni tal-Aġenzija | Is-superviżjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni permezz tad-data miġbura b'mod indipendenti dwar il-fornitur tal-Infrastruttura tal-Komunikazzjoni.<br><br>Hemm fis-seħħ għodda avvanzata għall-istatistika tan-netwerk | L-iżgurar tal-implimentazzjoni tas-sistema avvanzata ta' statistika tan-netwerk (l-ewwel parti) li tippermetti lill-eu-LISA tkejjel u tevalwa l-prestazzjoni reali tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni użata mis-sistemi kummerċjali ewlenin kollha (li għandhom jinkisbu fl-2019) | Tiżdied l-effiċjenza tas-superviżjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni<br><br>L-informazzjoni meħtieġa sabiex jittieħdu deċiżjonijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni hija disponibbli | Id-data ta' konsenja tal-fażi tal-ittestjar.<br><br>Id-data tal-bidu tal-implimentazzjoni | It-tlestija tal-fażi ta' ttestjar fi żmien debitu u l-validazzjoni tas-soluzzjoni rrakkomandata.<br><br>L-implimentazzjoni mibdija skont l-iskeda ppjanata | Rapporti interim u finali tal-proġetti | OIU |

### *2.4.2.2. L-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' Rapportar Avvanzat għall-KPIs u l-FLS/OLAs tal-proċessi tal-ITSM*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Din sejra jkollha żewġ fażijiet:

- studju (analiżi) sabiex jiġu analizzati s-soluzzjonijiet possibbli u tintgħażel l-aktar waħda xierqa;
- validazzjoni u implimentazzjoni tas-soluzzjoni.

**VALUR MIŻJUD:** Soluzzjoni ta' rapportar aktar effikaċi u effiċjenti għall-eu-LISA u l-Istati Membri (abbażi tal-FLS standard).

**SFIDI EWLENIN:** Għandhom jiġu definiti, miftiehma u segwiti l-metriċi tal-eu-LISA.

| Objettiv strateġiku 2015-2020 | Eżitu/i pproġettat(i) mal-konklużjoni fl-2020 | Elementi tal-objettiv strateġiku 2018-2020 | Riżultati tal-attività | Objettiv tal-attività | Eżitu mill-attività/attivitajiet | Indikatur tal-prestazzjoni | Mira | Sorsi ta' verifika | Unità |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L-iżvilupp u ż-żamma ta' mudell effiċjenti u kosteffettiv ta' servizz u governanza | Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-FLS miftiehma mal-iSM | L-iżvilupp tal-mudell operattiv tal-Aġenzija lejn il-konformità mal-istandards tal-industrija għall-ITSM/ITIL | Hemm fis-seħħ soluzzjoni ta' rapportar avvanzata | Sabiex tikkonforma bis-sħiħ mal-istandards tal-industrija għall-ITSM/ITIL, ittejjeb u tammeljora l-mudell operattiv tal-Aġenzija u ddaħħal fis-seħħ il-kejl korrispondenti. B'hekk, wara li jiġu definiti l-FLS/OLAs (li jispeċifikaw il-mekkaniżmi għar-rapportar u l- | Abbażi ta' definizzjoni ċara diġà stabbilita tal-metriċi u l-ġerarkija tas-servizzi tal-eu-LISA (Eżitu ta' Titjib Kontinwu tas-Servizzi, ippjanat għall-2017), sejjer jiġi implimentat rapportar avvanzat dwar il-KPIs u l-FLS/OLAs tal-proċess li sejrin jippermettu l-kejl u l- | Il-perċentwal tal-KPIs miftiehma li jitkejlu permezz tas-soluzzjoni.<br><br>Żieda fis-sodisfazzjon tal-klijenti | Minimu ta' 80 % tal-KPIs imkejla.<br><br>Is-sodisfazzjon tal-klijenti jżdied b'10 % jew aktar | Qafas tal-ITSM tal-eu-LISA.<br><br>Stħarriġ dwar is-sodisfazzjon tal-klijenti | OIU |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | monitoraġġ tal-prestazzjoni sabiex ikun żgurat li jintlaħqu l-livelli tas-servizzi u li dawn jinżammu matul it-termini tal-kuntratt) u l-KPIs tal-proċessi (li jkejlu u jikkontrollaw l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi partikolari), għandha tiġi implimentata għodda ta' rapportar avvanzata li tippermetti l-kejl u l-evalwazzjoni xierqa tal-proċessi u tas-sistemi tal-Aġenzija | evalwazzjoni sħaħ (integrati u f'ħin reali) tal-proċessi kollha u l-attivitajiet relatati mas-sistema jew mal-applikazzjoni | | | | |

### *2.4.2.3. L-implimentazzjoni tal-valutazzjoni tal-Mudell ta' Maturità*

**AZZJONIJIET JEW KOMPITI EWLENIN:** Il-proġett sejjer jiffoka prinċipalment fuq id-definizzjoni dwar il-valutazzjoni bħala metodu, b'inputs u riżultati ċari, kif ukoll fuq il-mudell ta' realizzazzjoni tal-valutazzjoni, li jistabbilixxi dan bħala kompitu annwali regolari. Sejjer jiġi kkunsidrat ukoll l-użu xieraq tal-oqfsa u/jew l-istandards eżistenti.Il-proġett sejjer ikollu żewġ fażijiet:

- studju (analiżi);
- validazzjoni u implimentazzjoni.

**VALUR MIŻJUD:** L-eu-LISA sejra tkun ippreparata għaċ-ċertifikazzjoni tal-ISO 20 000 bħala fornitur ta' servizz tal-IT u l-livell ta' maturità sejjer jiġi pprovat.

| **Kategorija u grad** | **Persunal attiv fl-01.01.2015** | | **Kemm kien hemm membri tal-persunal li ġew promossi/riklassifikati fl-2016** | | **Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal promossi/riklassifikati** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Uffiċjali | AT | Uffiċjali | AT | |
| AST/SC4 | | 0 | | 0 | M/A |
| AST/SC5 | | 0 | | 0 | M/A |
| AST/SC6 | | 0 | | 0 | M/A |
| **Total AST/SC** | | 0 | | 0 | M/A |
| **Total** | | 118 | | 27 | 2.61 |

# Tabella 2 - Riklassifikazzjoni tal-aġenti kuntrattwali

Fl-2016, ġew adottati mill-eu-LISA r-Regoli ta' Implimentazzjoni[144] li jiggwidaw il-proċess tar-riklassifikazzjoni tal-aġenti kuntrattwali u seħħet l-ewwel riklassifikazzjoni tal-aġenti kuntrattwali.

| Grupp ta' funzjoni | Grad | Persunal attiv fl-01.01.2015 | Kemm kien hemm membri tal-persunal li ġew riklassifikati fl-2016 | Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati |
|---|---|---|---|---|
| **AK IV** | 18 | | M/A | M/A |
| | 17 | | M/A | M/A |
| | 16 | 1 | 1 | 2 |
| | 15 | | M/A | M/A |
| | 14 | 4 | 2 | 2.21 |
| | 13 | | M/A | N/A |

144 Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2016-017 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 87(3) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

| Grupp ta' funzjoni | Grad | Persunal attiv fl-01.01.2015 | Kemm kien hemm membri tal-persunal li ġew riklassifikati fl-2016 | Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati |
|---|---|---|---|---|
| **AK III** | 12 | | M/A | M/A |
| | 11 | | M/A | M/A |
| | 10 | | M/A | M/A |
| | 9 | 1 | 1 | 2.42 |
| | 8 | | M/A | N/A |
| **AK II** | 7 | | N/A | M/A |
| | 6 | | M/A | M/A |
| | 5 | | M/A | M/A |
| | 4 | | M/A | N/A |
| **AK I** | 3 | | N/A | M/A |
| | 2 | | M/A | M/A |

| Grupp ta' funzjoni | Grad | Persunal attiv fl-01.01.2015 | Kemm kien hemm membri tal-persunal li ġew riklassifikati fl-2016 | Numru medju ta' snin fil-grad ta' membri tal-persunal riklassifikati |
|---|---|---|---|---|
| | 1 | | M/A | N/A |
| **Total** | | **6** | 4 | 2.21 |

# C. Politika dwar il-mobbiltà

L-introduzzjoni ta' kategorija ġdida ta' aġenti temporanji (AT 2f) fl-aġenziji fir-Regolamenti ġodda dwar il-Persunal ta' Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, tiffaċilita l-mobbiltà fi ħdan l-eu-LISA u bejn l-aġenziji.

Fl-2015, l-eu-LISA adottat deċiżjoni mudell[145] dwar l-ingaġġ u l-użu ta' aġenti temporanji (TA 2f). Minħabba l-istruttura organizzattiva u l-iżvilupp tal-eu-LISA, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tal-mobbiltà interna jiġu vvalutati ma' kull post tax-xogħol battal jew kariga ġdida li jinħolqu. Barra minn hekk, jistgħu jitqiesu t-trasferimenti bejn il-karigi.

Fl-2016, saru żewġ trasferimenti interni u bdil tad-dmirijiet: il-Kap tal-Unità tar-Riżorsi Umani u t-Taħriġ inħatar fil-kariga li għadha kif inħolqot ta' Konsulent għad-Direttur Eżekuttiv, u l-Assistent tal-Komunikazzjoni Interna fl-Unità tal-Koordinazzjoni Ġenerali ġie ttrasferit għall-kariga tal-Assistent tal-Ġestjoni tad-Dokumenti fis-Settur tas-Servizzi Korporattivi fid-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni.

Il-mobbiltà interistituzzjonali hija wkoll realtà fl-eu-LISA. Fl-2016, kien hemm 7 persuni li telqu mill-eu-LISA sabiex jaħdmu għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Parlament Ewropew jew għal aġenzija Ewropea oħra u 6 minn fost l-20 membru tal-persunal ġodda rreklutati kienu ġejjin minn istituzzjoni, aġenzija jew entità Ewropea oħra.

145 Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2015-166 tal-11 ta' Novembru 2015 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ġenerali dwar il-proċedura li tirregola l-ingaġġar u l-użu ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg għall-Aġenti l-Oħrajn tal-Unjoni Ewropea.

# D. Bilanċ bejn is-sessi u bilanċ ġeografiku

Id-distribuzzjoni tas-sessi skont it-tip u l-livell ta' funzjoni hija ppreżentata fit-tabella ta' hawn taħt.

**Il-persunal tal-eu-LISA maqsum skont is-sess**

| Sess | Amministraturi | | | Assistenti | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | AT | AK | ENS | AT | AK | |
| Raġel | 55 | 17 | 5 | 29 | 1 | **107** |
| Mara | 17 | 6 | 1 | 14 | 2 | **40** |
| Persunal totali | **72** | **23** | **6** | **43** | **3** | **147** |

In-nuqqas viżibbli ta' bilanċ bejn is-sessi fl-eu-LISA huwa dovut għas-sistema tax-xogħol (xogħol f'xiftijiet u xogħol stand-by fuq bażi kontinwa) u għall-fatt li l-biċċa l-kbira tal-pożizzjonijiet fil-qasam tal-IT, li huma fid-Dipartiment tal-Operazzjonijiet tal-Aġenzija fi Strasburgu, huma okkupati mill-irġiel. Huwa viżibbli wkoll livell akbar ta' interess fost l-irġiel li jaħdmu fl-eu-LISA fl-għadd ta' applikazzjonijiet li waslu għas-sejħiet għar-reklutaġġ.

Fl-2014, l-eu-LISA introduċiet ħinijiet flessibbli tax-xogħol sabiex tiffaċilita l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-membri tal-persunal tagħha. Fl-2015, l-Aġenzija ħolqot linji gwida interni dwar it-telexogħol u adottat ir-Regoli ta' Implimentazzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal dwar it-telexogħol[146] u bdiet tapplikahom. Fl-2016, dawn ir-regoli kienu fis-seħħ, filwaqt li kienu qed jistennew il-finalizzazzjoni tat-test tad-deċiżjoni mudell għall-aġenziji dwar it-telexogħol mill-Kummissjoni Ewropea.

146 Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA Nru 2015-100 tal-11 ta' Novembru 2015 dwar l-implimentazzjoni b'analoġija tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2013 li temenda l-Artikolu 7(5) u (7) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009)10224 tat-18 ta' Diċembru 2009 dwar l-implimentazzjoni tat-telexogħol fid-dipartimenti tal-Kummissjoni mill-2010 sal-2015.

**Bilanċ ġeografiku**

Fost il-membri tal-persunal tal-eu-LISA, hemm rappreżentanza ta' 21 nazzjonalità tal-UE.
Ir-reklutaġġ ta' persunal minn firxa ġeografika wiesgħa jikkontribwixxi għad-diversità tal-kulturi u l-iskambju reċiproku. L-eu-LISA tipperċepiha bħala tendenza naturali li, bil-postijiet prinċipali tagħha jkunu f'Tallinn u fi Strasburgu, il-membri tal-persunal Estonjani u Franċiżi huma rrappreżentati żżejjed, li jikkostitwixxu sa 30 % tal-impjegati totali fil-postijiet rispettivi, u tqis li dan ma jikkostitwixxi ebda distorsjoni kbira tal-bilanċ ġeografiku. Il-fatt li l-akbar grupp ta' persunal huma Franċiżi huwa dovut għall-fatt li xi membri tal-persunal li jaħdmu għall-awtoritajiet nazzjonali Franċiżi fuq proġetti tal-IT u li ġew ittrasferiti lill-Aġenzija fil-mument tat-twaqqif tagħha ssieħbu mal-eu-LISA wara l-proċedura tal-kompetizzjoni għal dawn il-karigi speċjalizzati ħafna.

In-nazzjonalitajiet tal-persunal tal-eu-LISA (aġenti temporanji) għal kull grupp ta' funzjoni huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

**Il-persunal tal-eu-LISA maqsum skont in-nazzjonalità**

| **L-istat tar-reklutaġġ fil-31.12.2016** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Nazzjonalità** | **AD** | **AST** | **Total ta' AD + AST** | **Perċentwal** |
| L-Awstrija (AT) | 0 | 0 | **0** | 0 |
| Il-Belġju (BE) | 4 | 4 | **8** | 6.96 |
| Il-Bulgarija (BG) | 3 | 0 | **3** | 2.61 |
| Il-Kroazja (HR) | 1 | 0 | **1** | 0.87 |
| Ċipru (CY) | 0 | 0 | **0** | 0.00 |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | 1 | 1 | **2** | 1.74 |
| Id-Danimarka (DK) | 0 | 0 | **0** | 0.00 |
| L-Estonja (EE) | 4 | 6 | **10** | 8.70 |
| Il-Finlandja (FI) | 0 | 1 | **1** | 0.87 |
| Franza (FR) | 17 | 9 | **26** | 22.61 |
| Il-Ġermanja (DE) | 4 | 1 | **5** | 4.35 |
| Il-Greċja (EL) | 5 | 1 | **6** | 5.22 |
| L-Ungerija (HU) | 4* | 2 | **6** | 5.22 |
| L-Irlanda (IE) | 1 | 0 | **1** | 0.87 |
| L-Italja (IT) | 8 | 1 | **9** | 7.83 |

| **L-istat tar-reklutaġġ fil-31.12.2016** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Nazzjonalità** | **AD** | **AST** | **Total ta' AD + AST** | **Perċentwal** |
| Il-Latvja (LV) | 0 | 3 | 3 | 2.61 |
| Il-Litwanja (LT) | 2 | 3 | 5 | 4.35 |
| Il-Lussemburgu (LU) | 0 | 0 | 0 | 0.00 |
| Malta (MT) | 0 | 0 | 0 | 0.00 |
| In-Netherlands (NL) | 0 | 1 | 1 | 0.87 |
| Il-Polonja (PL) | 4 | 2 | 6 | 5.22 |
| Il-Portugall (PT) | 1 | 2 | 3 | 2.61 |
| Ir-Rumanija (RO) | 8 | 4 | 12 | 10.43 |
| Is-Slovakkja (SK) | 2 | 0 | 2 | 1.74 |
| Is-Slovenja (SI) | 0 | 0 | 0 | 0.00 |
| Spanja (ES) | 3 | 1 | 4 | 3.48 |
| L-Isvezja (SE) | 0 | 0 | 0 | 0.00 |
| Ir-Renju Unit (UK) | 0 | 1 | 1 | 0.87 |
| **Persunal totali** | **72** | **43** | **115** | 100.00 |

*Inkluża offerta waħda ta' impjieg aċċettata fl-2016.

Sabiex tinkiseb rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet li tilħaq perċentwali simili għar-rappreżentanza tan-nazzjonalitajiet fil-popolazzjoni ġenerali tal-UE, minn Ottubru 2014, l-Aġenzija bdiet iżżid messaġġi speċifiċi mal-avviżi tal-postijiet tax-xogħol battala kollha tagħha, fejn bdiet tħeġġeġ lill-kandidati mill-pajjiżi sottorappreżentati fl-eu-LISA sabiex japplikaw.
In-nazzjonalitajiet tal-gruppi l-oħrajn tal-popolazzjoni tal-persunal tal-eu-LISA (l-aġenti kuntrattwali u l-esperti nazzjonali ssekondati) huma ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt.

**L-aġenti kuntrattwali u l-ENS tal-eu-LISA maqsuma skont in-nazzjonalità**

| Nazzjonalità | L-istat tar-reklutaġġ fil-31.12.2016 | | |
|---|---|---|---|
| | AK FG IV | AK FG III | ENS |
| L-Awstrija (AT) | | | |
| Il-Belġju (BE) | 1 | | |
| Il-Bulgarija (BG) | | | 1 |
| Il-Kroazja (HR) | | | |
| Ċipru (CY) | | | |
| Ir-Repubblika Ċeka (CZ) | | | |
| Id-Danimarka (DK) | | | |
| L-Estonja (EE) | 1 | 1 | |
| Il-Finlandja (FI) | 1 | | |
| Franza (FR) | 9* | 1 | |
| Il-Ġermanja (DE) | | | 2 |

| Nazzjonalità | L-istat tar-reklutaġġ fil-31.12.2016 | | |
|---|---|---|---|
| | AK FG IV | AK FG III | ENS |
| Il-Greċja (EL) | 2 | | 2 |
| L-Ungerija (HU) | | | |
| L-Irlanda (IE) | | | |
| L-Italja (IT) | 1 | | |
| Il-Latvja (LV) | | | 1 |
| Il-Litwanja (LT) | | | |
| Il-Lussemburgu (LU) | | | |
| Malta (MT) | | | |
| In-Netherlands (NL) | | | |
| Il-Polonja (PL) | 1 | | |
| Il-Portugall (PT) | 1 | | |
| Ir-Rumanija (RO) | 3 | 1 | |
| Is-Slovakkja (SK) | 1 | | |
| Is-Slovenja (SI) | | | |
| Spanja (ES) | 2* | | |
| L-Isvezja (SE) | | | |
| Ir-Renju Unit (UK) | | | |

| Nazzjonalità | L-istat tar-reklutaġġ fil-31.12.2016 | | |
|---|---|---|---|
| | AK FG IV | AK FG III | ENS |
| **Persunal totali** | 23 | 3 | 6 |

* Inkluża offerta waħda ta' impjieg aċċettata fl-2016.

Ir-rappreżentanza tal-kollegi Ġermaniżi f'dan il-grupp tgħin sabiex tiżdied ir-rappreżentanza taċ-ċittadini Ġermaniżi fil-popolazzjoni tal-persunal tal-Aġenzija.
Huwa intrinsikament diffiċli li jiġu attirati applikanti minn xi pajjiżi minħabba taħlita ta' diversi fatturi li jagħmlu l-kundizzjonijiet avversi meta mqabbla mal-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, pereżempju l-Isvezja, ir-Renju Unit jew il-Ġermanja. Dawn il-fatturi jinkludu l-ispejjeż relattivament għoljin tal-akkomodazzjoni għall-barranin, id-distanza twila minn ħafna postijiet ta' oriġini tal-membri tal-persunal tal-Aġenzija u l-ispejjeż għoljin tat-trasportazzjoni sabiex jilħquhom, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ġenerali, li jagħmluha diffiċli għall-membri familjari tal-persunal tal-eu-LISA sabiex isibu impjieg fil-postijiet fejn huma assenjati u koeffiċjent ta' korrezzjoni baxx f'Tallinn.
Il-kwistjoni tal-bilanċ ġeografiku sejra tkompli tiġi indirizzata billi tingħata attenzjoni lil dan l-aspett matul il-proċessi tar-reklutaġġ fil-ġejjieni. L-attenzjoni prinċipali tal-proċess tal-għażla sejra tkompli tkun fuq il-mertu tal-kandidati. Madankollu, jekk żewġ kandidati jiksbu l-istess numru ta' punti matul l-evalwazzjoni, iċ-ċittadini tal-pajjiżi li ma laħqux il-livell ta' reklutaġġ f'termini ta' rappreżentanza ġeografika sejrin jiġu rrakkomandati għar-reklutaġġ sabiex iġibu aktar bilanċ u jżommu d-diversità diġà miksuba.

## E. L-edukazzjoni skolastika

F'konformità mar-Regolament tat-twaqqif, l-Istati Membri tal-UE li jospitaw l-eu-LISA jipprovdu l-aqwa kundizzjonijiet possibbli sabiex jiżguraw il-funzjonament xieraq tal-Aġenzija, inkluża l-edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea.

Tallinn ilha minn Settembru 2013 toffri l-possibbiltà li l-edukazzjoni tinkiseb abbażi tal-kurrikulu tal-Iskola Ewropea Akkreditata (it-tip II). Tnax-il tifel u tifla tal-persunal tal-eu-LISA jattendu l-Iskola Ewropea f'Tallinn. It-tfal l-oħrajn jitqiegħdu fil-Kulleġġ Internazzjonali (3) jew fi skejjel preprimarji privati (1) f'każijiet fejn l-Iskola Ewropea ma tkunx f'pożizzjoni li toffri s-servizzi tagħha.

L-Iskola Ewropea (it-tip II) fi Strasburgu twaqqfet f'Settembru 2008. Fl-2016, kien hemm tlieta u għoxrin tifel u tifla tal-membri tal-persunal tal-eu-LISA li attendew l-Iskola Ewropea fi Strasburgu. Disat itfal kienu qegħdin jużaw is-servizzi tal-iskejjel preprimarji privati jew muniċipali.

Ftehim iffirmat fl-2014 mal-Kummissjoni Ewropea għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji lill-Iskejjel Ewropej f'Tallinn u fi Strasburgu jiddeskrivi l-kontribuzzjoni annwali li għandha tħallas l-Aġenzija fuq l-għadd ta' studenti li ġejjin mill-persunal tal-eu-LISA. Għas-sena skolastika 2017/2018, il-kontribuzzjonijiet annwali huma stmati li jaqbżu l-EUR 410,000.00, wara li titqies iż-żieda fl-għadd ta' persunal.

Fiż-żewġ postijiet, hemm ukoll possibbiltajiet oħrajn li l-edukazzjoni tinkiseb abbażi ta' kurrikulu internazzjonali jew kurrikulu nazzjonali rikonoxxut sewwa fit-taqsimiet internazzjonali tal-iskejjel sekondarji u l-kulleġġi internazzjonali tal-belt.

Sabiex tgħin lill-membri tal-persunal li wliedhom għandhom 4 snin jew inqas u li ma jistgħux jiġu indukrati fl-Iskejjel Ewropej, fl-2014, l-eu-LISA introduċiet allowance ta' skola preprimarja għar-rimborż tal-ispejjeż relatati mal-forniment tal-indukrar għat-tfal żgħar mill-kindergartens jew mill-iskejjel preprimarji li ffirmaw kuntratti ta' servizzi mal-eu-LISA. Din l-inizjattiva sejra titkompla wkoll fil-ġejjieni, minħabba li ħalliet impatt pożittiv fuq l-aċċettazzjoni tal-offerti ta' impjiegi, speċjalment f'Tallinn, fejn huwa relattivament diffiċli li tiġi pprovduta din ix-xorta ta' assistenza lill-ommijiet li jaħdmu, anki jekk l-għadd ta' membri tal-persunal li jibbenifikaw minn dan is-servizz naqas minħabba li xi tfal laħqu l-età tal-iskola.

B'kunsiderazzjoni tal-esperjenza ta' aġenziji Ewropej oħrajn, l-eżistenza ta' edukazzjoni skolastika multilingwi u b'orjentazzjoni Ewropea għandha implikazzjonijiet diretti għall-attrazzjoni tal-Aġenzija bħala entità li tħaddem. Għalhekk, l-eu-LISA sejra tappoġġja l-objettivi tal-aġenziji Ewropej f'dan il-qasam fil-ħidma tan-Netwerk tal-Aġenziji Ewropej.

# Anness V: Bini

| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kumment ieħor |
|---|---|---|
| | European Union House,<br>Rävala 4, Tallinn, Estonia | L-eu-LISA tokkupa l-pjan terran, l-ewwel sular u s-sitt sular tal-bini |
| Erja tas-superfiċje (m²)<br>Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 1,443.5 (is-sitt sular) u 378 (il-pjan terran u l-ewwel sular)<br>601.8 (is-sitt sular) u 200.6 (il-pjan terran u l-ewwel sular)<br>841.7 (is-sitt sular) u 177.4 (il-pjan terran u l-ewwel sular) | |
| Kera annwali (EUR) | 0 (is-sitt sular); 0 (il-pjan terran u l-ewwel sular) | L-eu-LISA tħallas biss il-kostijiet operazzjonali. Għall-pjan terran u l-ewwel sular, il-kera tiġi rrimborżata mill-Ministeru tal-Intern Estonjan lill-eu-LISA |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Memorandum ta' qbil (is-sitt sular) sal-31 ta' Diċembru 2017<br>kuntratt ta' kiri ta' 30 xahar (il-pjan terran u l-ewwel sular) sat-28 ta' Frar 2018 | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | L-Estonja tħallas għall-kera | Il-kera titħallas mill-Ministeru tal-Intern Estonjan |
| Il-valur preżenti tal-bini | M/A | |

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kumment ieħor |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | 18 Rue de la Faisanderie,<br>67100 Strasbourg, France | M/A |
| Erja tas-superfiċje (m²)<br>Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 2,380<br>806<br>1,574 | |
| Kera annwali (EUR) | HOME-2012-LISA/CT/EUROMODULES/2013/SC1: 10,790<br>(LISA-2014-NP-15: 21,000) | |

| | | |
|---|---|---|
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | HOME-2012-LISA/CT/EUROMODULES/2013/SC1: 4 kontejners - 36 xahar<br>LISA-2014-NP-15: 5 kontejners - 10 xhur | HOME-2012-LISA/CT/EUROMODULES/2013/SC1: sat-30 ta' April 2016<br>LISA-2014-NP-15: sad-29 ta' Frar 2016 |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | Franza tat il-bini sħiħ lill-eu-LISA għal EUR 1 fid-29 ta' Mejju 2013 | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Il-valur tal-bini: EUR 685,212 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2016)<br>Il-valur tal-art: EUR 1,665,315 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2016)<br>Bini taħt kostruzzjoni: EUR 4,793,504 (il-valur kontabilistiku nett fil-31/12/2016) | |

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kumment ieħor |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | Iċ-Ċentru ta' Riżerva Federali u Ċentrali Awstrijakk f'Sankt Johann im Pongau, l-Awstrija | Faċilità ta' riżerva |
| Erja tas-superfiċje (m²)<br>Li minnha, spazju ta' uffiċċji<br>Li minnha, spazju mhux ta' uffiċċji | 626<br>223<br>403 | |
| Kera annwali (EUR) | 591,328 | Nefqa operazzjonali |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Ftehim Operattiv Indefinit mar-Repubblika tal-Awstrija | |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | N/A | |
| Il-valur preżenti tal-bini | Ma hemmx data disponibbli | |

| | L-isem, il-post u t-tip ta' bini | Kumment ieħor |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| Informazzjoni li trid tiġi pprovduta għal kull bini: | L-Uffiċċju ta' Kollegament tal-eu-LISA,<br>20 avenue d'Auderghem, 1040 Brussell<br>62 m² (żewġ uffiċċji fit-tieni sular) | Pjan għall-estensjoni taż-żona tal-kera b'36 m² mill-1 ta' April 2017 |
| Erja tas-superfiċje (m²)<br>Li minnha, spazju ta' uffiċċji | 62<br>62 | |
| Kera annwali (EUR) | 12,385 | |
| It-tip u t-tul tal-kuntratt tal-kiri | Il-ftehim tal-kera | Kuntratt ta' kera ġdid mill-1 ta' April 2017, inkluż uffiċċju addizzjonali |
| Għotja jew appoġġ mill-pajjiż ospitanti | N/A | |
| Il-valur preżenti tal-bini | M/A | |

PROĠETT TA' BINI FI STRASBURGU

F'Marzu 2013, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA ddeċieda li jammeljora kompletament iċ-ċentru tad-data eżistenti fi Strasburgu, li jospita s-CUs tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-eu-LISA u jibni bini ġdid ta' uffiċini indipendenti sabiex jakkomoda l-membri tal-persunal tal-eu-LISA eżistenti u dawk previsti għall-ġejjieni, kif ukoll il-faċilitajiet ta' assistenza u taħriġ. Il-proġett ta' ammeljorament u kostruzzjoni huwa maħsub għall-kostruzzjoni ta' bini ta' uffiċini ta' tliet sulari (spazju pproġettat ta' 3,728 m²); ir-rinnovament tal-bini prinċipali eżistenti (1,497 m², mibni fl-1992), fejn jiġu ospitati sistemi tal-IT fuq skala kbira; il-kostruzzjoni ta' bini tal-enerġija ġdid ta' żewġ imħażen sabiex jiġu ospitati sistemi vitali ta' riżerva tal-enerġija (spazju pproġettat ta' 488 m²); u l-kostruzzjoni ta' gatehouse ta' sigurtà ġdida skont l-istandards aġġornati (spazju pproġettat ta' 99 m²). Dan il-proġett sejjer jespandi l-erja tas-superfiċje kumplessiva minn 1 365 m² għal 5 812 m², inklużi diversi żoni tekniċi jew operattivi speċifiċi ħafna.

Ingħatat offerta ta' disinn u bini lil kuntrattur ġenerali, li beda l-fażi tal-iżvilupp tad-disinn fl-2015. Il-proġett ta' kostruzzjoni sofra xi dewmien minħabba l-ħtieġa li jiġi emendat il-kuntratt oriġinali sabiex jinkludi xi titjib fid-disinn tal-faċilità l-ġdida, kif ukoll minħabba li l-kuntrattur bata sabiex jipprovdi input tal-kwalità meħtieġa f'kull ħin. Minn perspettiva finanzjarja, il-proġett baqa' fil-limiti tal-baġit kuntrattwali approvat mill-awtorità baġitarja. Huwa mistenni li l-bini tal-uffiċċju ġdid fi Strasburgu sejjer jitlesta mill-kuntrattur fi Frar 2018. Madankollu, bil-ħsieb għas-snin li ġejjin, hemm tħassib ġenerali dwar il-kapaċità tas-sit rinovat fi Strasburgu li jospita l-membri tal-persunal kollha tal-Aġenzija u l-kuntratturi, meta jitqiesu l-iżviluppi kbar li qegħdin isiru fil-qasam tal-ĠAI, jiġifieri l-implimentazzjoni tal-EES, l-introduzzjoni tal-ETIAS u inizjattivi oħrajn soġġetti għall-adozzjoni tal-bażijiet ġuridiċi tagħhom, li ma kinux magħrufa meta beda l-proġett.

## PROĠETT TA' BINI TA' KWARTIERI ĠENERALI F'TALLINN

Ġie deċiż li jinbena bini ġdid bħala l-kwartieri ġenerali permanenti tal-eu-LISA f'Tallinn, l-Estonja. Il-bini huwa mistenni li jitlesta sal-aħħar tal-2017. L-ispejjeż tal-proġett huma koperti mill-Gvern Estonjan, kif ikkonfermat minn deċiżjoni tal-gvern. Il-proġett jinsab fil-fażi tal-evalwazzjoni tad-disinn tal-kunċett arkitettoniku. Il-plott tas-sit tal-kostruzzjoni għandu daqs ta' 5,628 $m^2$. L-erja tas-superfiċje netta tal-bini hija ta' madwar 3,000 $m^2$, bil-possibbiltà li l-erja tiġi estiża b'2,000 $m^2$ fil-ġejjieni.

Sar progress sostanzjali fuq dan il-proġett f'konformità mal-pjan approvat. B'mod partikolari, id-disinn preliminari u d-disinn tekniku dettaljat tlestew u ġew approvati. Id-disinn ta' ġewwa wasal biex jitlesta. Il-proposti tad-disinn ġew analizzati ulterjorment minn grupp ta' inġiniera minn oqsma differenti sabiex jiġi vvalutat il-livell ta' konformità tagħhom mal-istandards tal-industrija applikabbli, kif ukoll il-kompatibbiltà ġenerali tagħhom. Ix-xogħol tal-kostruzzjoni beda fil-Q2 tal-2017.

# Anness VI: Privileġġi u immunitajiet

| Privileġġi tal-aġenzija | Privileġġi mogħtija lill-persunal | |
|---|---|---|
| | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku | Edukazzjoni/kura ta' matul il-jum |
| Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn, sakemm ma jkunux residenti permanenti tal-Estonja qabel jibdew jassumu l-ħatra tagħhom fl-Aġenzija, għandhom jingħataw rimborż mill-Gvern Estonjan ta' somma ugwali għall-VAT imħallsa għax-xiri ta' prodotti fl-Estonja (limitata għal lista speċifika ta' prodotti) matul perjodu ta' sena minn meta jibdew jassumu d-doveri tagħhom fl-Aġenzija f'Tallinn bil-għan li jiġi ffaċilitat l-istabbiliment tagħhom fl-Estonja.<br><br>Id-Direttur Eżekuttiv u l-Membri tal-Persunal Statutorji tal-eu-LISA f'Tallinn u l-membri familjari li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom, sakemm ma jkunux impjegati, għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Estonjana, diment li jkunu koperti mill- | Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn l-eu-LISA u r-Repubblika tal-Estonja, l-Artikolu 12 | Fil-ħarifa tal-2013 ġiet stabbilita Skola Ewropea Akkreditata f'Tallinn.<br><br>L-Iskola Ewropea tipprovdi l-kurrikulu tat-tip II kemm fil-livell tal-edukazzjoni pre-primarja u primarja, kif ukoll fil-livell tal-edukazzjoni sekondarja.<br><br>Fl-Iskola Ewropea jistgħu jiddaħħlu tfal minn 4 snin 'il fuq |

| Privileġġi tal-aġenzija | Privileġġi mogħtija lill-persunal | |
|---|---|---|
| | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku | Edukazzjoni/kura ta' matul il-jum |
| iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta' uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni.<br><br>Id-Direttur Eżekuttiv u l-Membri tal-Persunal Statutorji tal-Aġenzija għandhom igawdu:<br><br>immunità mill-arrest u d-detenzjoni u immunità mill-ġurisdizzjoni għall-kliem li jintqal, it-testi li jiġu prodotti jew azzjonijiet oħrajn imwettqa fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom għall-aġenzija, anki ladarba ma jibqgħux Membri tal-Persunal attivi tal-Aġenzija;<br><br>eżenzjoni minn kwalunkwe taxxa nazzjonali, reġjonali jew muniċipali fuq is-salarji, l-emolumenti u l-benefiċċji riċevuti mill-Aġenzija jew f'isimha, inklużi benefiċċji f'każ ta' mard, aċċidenti, pensjonijiet u qgħad;<br><br>id-dritt li jimportaw, mingħajr dazju u mingħajr restrizzjoni tal-projbizzjoni, l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom, inklużi vetturi bil-mutur għal użu personali, mill-pajjiż tal-aħħar residenza tagħhom jew mill-pajjiż li tiegħu huma ċittadini, | | |

| Privileġġi tal-aġenzija | Privileġġi mogħtija lill-persunal | |
|---|---|---|
| | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku | Edukazzjoni/kura ta' matul il-jum |
| matul perjodu ta' sentejn mid-data tal-bidu tal-ħatra tagħhom f'Tallinn;<br><br>id-dritt li jesportaw l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom, inklużi vetturi bil-mutur għal użu personali, mingħajr restrizzjonijiet jew dmirijiet, matul perjodu ta' sentejn mid-data tal-waqfien tad-dmirijiet tagħhom mal-Aġenzija.<br><br>Fil-każ ta' kunflitt bl-armi, inkwiet ċivili, attakk terroristiku jew kwalunkwe avveniment ieħor li jpoġġi f'riskju s-sikurezza u/jew il-benesseri tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Membri tal-Persunal Statutorji, kif ukoll tal-membri tal-familja li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom, minbarra ċ-ċittadini tal-Estonja, il-Gvern għandu jipprovdi l-istess faċilitajiet ta' ripatrijazzjoni mogħtija lil rappreżentanti diplomatiċi f'każ ta' kriżi internazzjonali. | | |
| Il-membri tal-persunal statutorji tal-eu-LISA fi Strasburgu u l-membri familjari li jifformaw parti | Ftehim dwar is-sit tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni Operattiva ta' sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl- | Il-Gvern Franċiż impenja ruħu li jsib l-aħjar soluzzjoni possibbli sabiex jeduka lit-tfal tal-persunal tal-Aġenzija u |

| **Privileġġi tal-aġenzija** | **Privileġġi mogħtija lill-persunal** | |
|---|---|---|
| | **Protokoll ta’ privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku** | **Edukazzjoni/kura ta’ matul il-jum** |
| mill-unità domestika tagħhom għandhom ikunu eżentati mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża, sakemm huma jkunu koperti mill-iskema tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali ta’ uffiċjali u aġenti oħrajn tal-Unjoni (l-Artikolu 13). Sakemm ikunu koperti mill-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat tal-oriġini tagħhom, l-esperti ssekondati għandhom ikunu eżentati wkoll mill-kontribuzzjonijiet obbligatorji kollha għall-iskema tas-sigurtà soċjali Franċiża.<br><br>Il-membri tal-persunal statutorji tal-Aġenzija għandhom igawdu l-privileġġi, l-immunitajiet, l-eżenzjonijiet u l-faċilitajiet li ġejjin:<br><br>immunità mill-ġurisdizzjoni għal atti mwettqa minnhom fil-kapaċità uffiċjali tagħhom, inklużi l-kliem mitkellma jew miktuba, anki wara t-terminazzjoni tal-funzjonijiet tagħhom; | ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja bejn l-eu-LISA u l-Gvern ta’ Franza, l-Artikoli 13 u 16. | lill-membri familjari li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom u li joffrilhom edukazzjoni fil-livell primarju u sekondarju mfassla għall-ħtiġijiet individwali tagħhom, kif ukoll jipprovdilhom l-opportunità li jiksbu kwalifiki rikonoxxuti f’livell internazzjonali. Barra minn hekk, il-gvern impenja ruħu li jiżgura li l-aċċess għall-Iskola Ewropea ta’ Strasburgu, li toffri bakkalawrjat rikonoxxut mill-Istati Membri kollha tal-UE, ikun garantit għat-tfal kollha tal-persunal tal-Aġenzija u għall-membri tal-familji tagħhom li jifformaw parti mill-unità domestika tagħhom, f’konformità mal-Artikolu 4 tal-Ftehim ta’ Akkreditazzjoni u Kooperazzjoni bejn il-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej u l-Iskola Ewropea ta’ Strasburgu, li kien iffirmat fi Brussell fl-24 ta’ Mejju 2011. |

| Privileġġi tal-aġenzija | Privileġġi mogħtija lill-persunal | |
|---|---|---|
| | Protokoll ta' privileġġi u immunitajiet/status diplomatiku | Edukazzjoni/kura ta' matul il-jum |
| il-faċilitajiet normalment mogħtija lill-uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, fir-rigward tar-regolamenti dwar il-valuta jew il-kambju;<br><br>id-dritt li jimportaw, mingħajr dazju, l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom fil-mument tal-bidu tal-kariga tagħhom fi Franza, inkluża l-vettura tagħhom għall-użu personali tagħhom, akkwistati jew fl-Istat tal-aħħar residenza tagħhom jew inkella fl-Istat li tiegħu huma ċittadini fuq it-termini li jiddeċiedu fis-suq domestiku f'dak l-Istat, għal 15-il xahar mid-data tal-bidu tal-kariga tagħhom fi Franza fi ħdan l-Aġenzija, soġġetti għall-kundizzjonijiet meqjusa bħala meħtieġa mill-Gvern Franċiż;<br><br>id-dritt li jerġgħu jesportaw, mingħajr dazju, l-għamara u l-oġġetti personali tagħhom, kif ukoll il-vettura tagħhom għall-użu personali tagħhom, soġġetti għal kundizzjonijiet meqjusa bħala meħtieġa mill-Gvern Franċiż. | | |

# Anness VII: Evalwazzjonijiet

## *Evalwazzjonijiet ex-ante*

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 29(5) tar-Regolament Finanzjarju Qafas, f'Ġunju 2017, il-Bord tat-Tmexxija, wara li ħa nota tal-proċess u tad-dokumenti kollaterali għall-evalwazzjonijiet ex-ante, iddeċieda li jadotta Politika u Proċess ta' Evalwazzjoni Ex-ante u awtorizza lid-Direttur Eżekuttiv sabiex jagħmel aktar aġġustamenti fil-proċess u d-dokumentazzjoni kollaterali, kif meħtieġ. Il-Bord tat-Tmexxija stieden lid-Direttur Eżekuttiv sabiex jipproċedi bl-implimentazzjoni pilota tal-proċess u sabiex jirrapporta r-riżultati tiegħu fil-laqgħa regolari tal-bord f'Novembru 2017, meta sejra tittieħed deċiżjoni dwar l-ammont tal-limitu li għandu jiġi applikat meta jintgħażlu l-attivitajiet għal evalwazzjoni ex-ante. Fuq din id-deċiżjoni sejra tiġi stabbilita l-lista ta' attivitajiet tal-2018 soġġetti għal evalwazzjoni ex-ante.

## *Evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sistemi*

Sabiex jevalwa u jimmonitorja l-prestazzjoni tas-sistemi ġestiti mill-eu-LISA u sabiex jappoġġja l-eżekuzzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 12(1)(t) tar-Regolament (UE) Nru 1077/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 għat-twettiq tar-rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-SIS II u tal-VIS, il-Bord tat-Tmexxija approva ftehim standard fil-livell tas-servizzi permezz tad-dokument 2013-084.

## *Standards tal-kontroll intern*

Il-qafas tas-16-il standard ta' kontroll intern, kif adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA permezz tad-deċiżjoni 057-2014 tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2014, huwa l-qafas applikat tal-kriterji ta' kontroll intern għall-eu-LISA. Id-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija kkonfermat il-validità tal-qafas għall-organizzazzjoni u fdat lid-Direttur Eżekuttiv bl-implimentazzjoni tal-istandards. Madankollu, l-istandards tal-kontroll intern (ICSs) jirrigwardjaw diversi oqsma kummerċjali tal-organizzazzjoni, li lkoll huma ugwalment importanti: l-eu-LISA, filwaqt li tagħmel ħilitha sabiex tissodisfa l-objettivi tagħha li jirriżultaw miċ-ċiklu tal-ippjanar tal-Aġenzija, tfittex li tikseb u żżomm konformità mal-ICSs sabiex turi governanza tajba fl-azzjonijiet u l-attivitajiet tagħha u lejn il-partijiet ikkonċernati tagħha. Skont il-proċedura annwali, fil-bidu tal-2018, il-Koordinatur tal-Kontroll Intern tal-Aġenzija sejjer jiltaqa' mal-maniġers tal-eu-LISA u mal-persunal b'funzjonijiet relatati mal-istandard ta' kontroll intern (ICS) (eż. Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data) sabiex jevalwa l-eżiti tal-attivitajiet tal-ICS fl-2017 u jistabbilixxi l-listi individwali ta' miżuri bil-għan li jikseb ulterjorment jew iżomm il-konformità mal-istandards ta' kontroll intern tal-eu-LISA fl-2018.

It-tabella li ġejja turi s-16-il standard ta' kontroll intern bir-raġunamenti tagħhom.

| Numru | Titolu | Tifsira |
|---|---|---|
| ICS 1 | Missjoni | Ir-raison d'être tal-eu-LISA hija definita b'mod ċar fi stqarrijiet tal-missjoni aġġornati u konċiżi li ġew żviluppati mill-perspettiva tal-klijenti tal-eu-LISA. |
| ICS 2 | Valuri Etiċi u Organizzattivi | Il-maniġment u l-persunal huma konxji ta' u jikkondividu valuri etiċi u organizzattivi xierqa u jħaddnuhom permezz tal-imġiba tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| | | u d-deċiżjonijiet meħuda minnhom. |
| ICS 3 | Allokazzjoni u Mobilità tal-Persunal | L-allokazzjoni u r-reklutaġġ tal-persunal huma bbażati fuq l-objettivi u l-prijoritajiet tal-eu-LISA. Il-maniġment jippromwovi u jippjana l-mobilità tal-persunal sabiex isib il-bilanċ ġust bejn il-kontinwità u t-tiġdid. |
| ICS 4 | Evalwazzjoni u Żvilupp tal-Persunal | Il-prestazzjoni tal-persunal tipi evalwata kull sena. Jittieħdu miżuri adegwati biex jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti. |
| ICS 5 | Objettivi u Indikaturi ta' Prestazzjoni | L-objettivi tal-eu-LISA huma definiti u aġġornati b'mod ċar, meta meħtieġ. Dawn huma fformulati b'mod li jagħmilha possibbli li tiġi mmonitorjata l-kisba tagħhom.<br><br>Huma stabbiliti indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin sabiex jgħinu lill-maniġment jevalwa u jirrapporta dwar il-progress li sar fir-rigward tal-objettivi tagħhom. |
| ICS 6 | Proċess għall-Ġestjoni tar-Riskju | Proċess għall-ġestjoni tar-riskju li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet u l-linji gwida applikabbli huwa integrat fl-ippjanar tal-attivitajiet annwali. |
| ICS 7 | Struttura Operattiva | L-istruttura operattiva tal-eu-LISA tappoġġja t-teħid ta' deċiżjonijiet effettivi permezz ta' delega ta' setgħat xierqa. Ir-riskji assoċjati mal-funzjonijiet sensittivi tal-eu-LISA jiġu ġestiti permezz ta' kontrolli mitiganti u, fl-aħħar mill-aħħar, il-mobbiltà tal-persunal. Hemm fis-seħħ strutturi ta' governanza tal-IT adegwati |
| ICS 8 | Proċessi u Proċeduri | Il-proċessi u l-proċeduri tal-eu-LISA użati għall-implimentazzjoni u l-kontroll tal-attivitajiet tagħha huma effettivi u effiċjenti, iddokumentati b'mod adegwat u konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli. Huma jinkludu arranġamenti sabiex jiżguraw is-segregazzjoni tad-dmirijiet u jsegwu u jagħtu approvazzjoni minn qabel għall-kontroll ta' preċedenzi jew devjazzjonijiet minn politiki u proċeduri. |
| ICS 9 | Superviżjoni tal-Maniġment | Is-superviżjoni tal-maniġment titwettaq biex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tal-attivitajiet qed titħaddem b'mod effiċjenti u effettiv waqt li tkun konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli. |
| ICS 10 | Kontinwità tan-Negozju | Huma stabbiliti miżuri adegwati biex tkun żgurata kontinwità tas-servizz f'każ ta' interruzzjoni ta' "operat bħas-soltu". Hemm fis-seħħ Pjanijiet tal-Kontinwità tan-Negozju sabiex ikun żgurat li l-eu-LISA tkun tista' tkompli topera, safejn ikun possibbli, tkun xi tkun in- |

| | | |
|---|---|---|
| | | natura ta' tfixkil maġġuri. |
| ICS 11 | Ġestjoni tad-Dokumenti | Bħalissa hemm fis-seħħ proċessi u proċeduri xierqa sabiex jiġi żgurat li l-ġestjoni tad-dokumenti tal-eu-LISA tkun sigura, effikaċi (b'mod partikolari fir-rigward tal-irkupru tal-informazzjoni xierqa) u konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli. |
| ICS 12 | Informazzjoni u Komunikazzjoni | Il-komunikazzjoni interna tippermetti lill-maniġment u lill-persunal jissodisfaw ir-responsabbiltajiet tagħhom b'mod effettiv u effikaċi, inkluż fil-qasam tal-kontroll intern. Fejn xieraq, l-eu-LISA għandha strateġija ta' komunikazzjoni esterna sabiex tiżgura li l-komunikazzjoni esterna tagħha tkun effettiva, koerenti u konformi mal-messaġġi politiċi ewlenin tal-Kummissjoni. Is-sistemi tal-IT użati u/jew ġestiti mill-eu-LISA (meta l-eu-LISA tkun is-sid tas-sistema) huma protetti b'mod adegwat minn theddid għall-kunfidenzjalità u l-integrità tagħhom. |
| ICS 13 | Kontabilità u Rapportar Finanzjarju | Hemm fis-seħħ proċeduri u kontrolli adegwati sabiex jiġi żgurat li d-data tal-kontabilità u l-informazzjoni relatata li jintużaw għat-tħejjija tal-kontijiet annwali u r-rapporti finanzjarji tal-organizzazzjoni jkunu preċiżi, kompleti u f'waqthom. |
| ICS 14 | Evalwazzjoni tal-Attivitajiet | Jitwettqu evalwazzjonijiet tal-programmi ta' nfiq, tal-leġiżlazzjoni u ta' attivitajiet oħrajn li ma jinvolvux infiq sabiex jiġu evalwati r-riżultati, l-impatti u l-ħtiġijiet li dawn l-attivitajiet għandhom l-għan li jiksbu u jissodisfaw. |
| ICS 15 | Valutazzjoni tas-Sistemi ta' Kontroll Intern | Il-maniġment jivvaluta l-effettività tas-sistemi ewlenin ta' kontroll intern tal-eu-LISA, inklużi l-proċessi li twettqu minn korpi ta' implimentazzjoni, tal-anqas darba fis-sena. |
| ICS 16 | Kapaċità tal-Awditjar Intern | L-eu-LISA għandha Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC), li tipprovdi servizzi ta' konsulenza u assigurazzjoni indipendenti u oġġettivi maħsuba sabiex iżidu l-valur u jtejbu l-operazzjonijiet tal-eu-LISA. |

## *Pjan ta' Azzjoni dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija*

Fl-2015 u fl-2016, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament tat-twaqqif, il-Kummissjoni wettqet l-ewwel evalwazzjoni tal-Aġenzija fi żmien tliet (3) snin mill-bidu tal-operazzjonijiet tagħha, appoġġjata minn kuntrattur estern. L-evalwazzjoni twettqet f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA u mal-Aġenzija nnifisha. Wara din l-evalwazzjoni, fl-2017, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta d-dokument 2017-023 *Pjan ta' Azzjoni dwar is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-Aġenzija*, li pprovda r-rakkomandazzjonijiet minn din l-evalwazzjoni. L-aġġornament regolari dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni huwa pprovdut lill-Bord tat-Tmexxija.

# Anness VIII: Riskji fl-2018[147]

| | |
|---|---|
| RISKJU 1 | L-iżvantaġġi potenzjali tal-proġett tal-estensjoni tas-sit ta' Strasburgu jistgħu jipperikolaw l-eżiti mixtieqa |
| RISKJU 2 | In-nuqqas ta' membri tal-persunal statutorji suffiċjenti jaffettwa b'mod negattiv lill-Aġenzija fil-kisba tal-kompiti assenjati lilha jew saħansitra jista' jwassal għal avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità. |
| RISKJU 3 | In-nuqqas ta' appoġġ 24 siegħa kuljum għas-Servizzi Korporattivi jipperikola d-disponibbiltà 24 siegħa kuljum tas-servizzi korporattivi |
| RISKJU 4 | L-eliġibbiltà tal-ftehim ta' delega tal-Fruntieri Intelliġenti |

| Riskju[148] | Rispons | Il-Proprjetarju tar-Riskju |
|---|---|---|
| RISKJU 1 | Mitigazzjoni: Il-monitoraġġ mill-qrib tal-proġett ta' estensjoni tas-sit ta' Strasburgu sabiex jiġu rċevuti twissijiet immedjati dwar sitwazzjonijiet potenzjali li jirriżultaw f'riskju ta' pretensjoni finanzjarja ta' penali minn Kuntrattur lill-Aġenzija jew kapaċità insuffiċjenti, kif ukoll l-istabbiliment ta' pjan ta' tranżizzjoni li jindirizza b'mod suffiċjenti x-xenarji possibbli (eż. iż-żamma tal-faċilitajiet oriġinarjament previsti sabiex jiżżarmaw bil-għan li tiġi żgurata l-prestazzjoni operattiva). | Kap tad-Dipartiment tal-Operazzjonijiet |
| RISKJU 2 | Mitigazzjoni: L-allinjament tal-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija sabiex jitnaqqsu l-effetti u x-xenarji negattivi possibbli. Fuq perspettiva ta' nofs it-terminu, il-konverżjoni tal-funzjonijiet/kapaċitajiet tal-fornitur tas-servizz (attwali) f'pożizzjonijiet ta' aġenti kuntrattwali – wara r-regolamenti u l-istrateġiji applikabbli (eż. l-Istrateġija tal-Akkwist tal-eu-LISA), abbażi ta' evalwazzjoni komprensiva u f'każijiet debitament ġustifikati, bil-għan li jittejjeb il-livell tal-membri tal-persunal statutorji. | Direttur Eżekuttiv |
| RISKJU 3 | Mitigazzjoni: L-istabbiliment ta' soluzzjoni għal perjodu ta' żmien qasir permezz tan-negozjati mal-fornitur ta' servizz estern dwar l-estensjoni tal-ħinijiet tax-xogħol ta' intra-muros sabiex jiġu stabbiliti kapaċitajiet suffiċjenti. Fuq perspettiva ta' żmien medju/twil, ir-riżorsi meħtieġa għandhom jiġu pprovduti skont l-istrateġiji u l-linji gwida applikabbli tal-Aġenzija, eż. l-Istrateġija tal-Akkwist, bil-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju. | Kap tad-Dipartiment tar-Riżorsi u l-Amministrazzjoni |
| RISKJU 4 | Mitigazzjoni: fil-kontrolli mwettqa fuq l-eliġibbiltà tal-fondi tal-għotjiet lill-Istati Membri, tiġi infurzata konformità stretta mal-ftehimiet ta' għotjiet u mar-regoli finanzjarji/dwar l-akkwist. Dan isir sabiex jitnaqqas | Kap tal-Unità tal-Finanzi u tal-Akkwisti |

147 Kif stmati fl-2016. Soġġetti għal reviżjoni fl-2017.

148 Il-klassifikazzjoni tar-riskji ssegwi l-eżitu tal-isforzi tal-valutazzjoni tar-riskji tal-2016.

| | | |
|---|---|---|
| | il-kamp ta' applikazzjoni tal-iżbalji li jinstabu mill-Kummissjoni, li jistgħu jirriżultaw fl-ineliġibbiltà tan-nefqa mġarrba mill-Aġenzija. | |

# Anness IX: Il-pjan ta' akkwist għas-Sena 2018

L-anness preżenti jinkludi l-offerti ppjanati fis-sena b'appoġġ dirett għall-attivitajiet operattivi inklużi fid-dokument ta' programmar jew fir-rapport finanzjarju, b'valur stmat ta' aktar minn EUR 135 000. Meta tkun disponibbli, l-informazzjoni tiġi pprovduta wkoll għal offerti mhux operattivi.

Il-pjan ma jinkludix kuntratti speċifiċi maħruġa permezz ta' kuntratti qafas diġà mogħtija mill-Aġenzija, mill-Kummissjoni Ewropea jew minn istituzzjonijiet oħrajn tal-UE.

| Numru | Referenza tal-PD | Suġġett | Tip ta' proċedura | Tip ta' kuntratt | Tul tal-kuntratt (snin) | Il-valur pluriennali stmat (sal-2020) (EUR 000) | Il-valur stmat fl-2018 (EUR 000) | Trimestru indikattiv għat-tnedija | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | *2.4.1.31* | L-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ | Ristretta | FWC | 4 | 142 052 | TBD | Q1 2018 | It-tieni fażi tal-proċedura ristretta. It-tnedija tal-offerta hija soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika u d-data tal-adozzjoni sejra taffettwa l-valur mogħti fl-2018 |
| 2 | *2.1* | Il-komunikazzjoni u l-avvenimenti | Miftuħa | FWC | 4 | 7 000 | 800 | Q1 2018 | Din il-proċedura tista' tkun imnedija diġà fl-2017 |
| 3 | *2.1* | Assigurazzjoni tal-kwalità operattiva u appoġġ estern | Miftuħa | FWC | 4 | 77 000 | 4 000 | Q1 2018 | Din il-proċedura tista' tkun imnedija diġà fl-2017 |
| 4 | *2.4.1.32* | L-iżvilupp tal-ETIAS | Ristretta | FWC | 4 | 29 204 | 3 000 | Q3/4 2018 | It-tieni fażi tal-proċedura ristretta. It-tnedija tal-offerta hija soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika |
| 5 | *2.4.1.34* | L-implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN | Ristretta | FWC | 1 | 11 928 | 3 766 | Q4/2018 | It-tieni fażi tal-proċedura ristretta. It-tnedija tal-offerta hija soġġetta għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika |

# Anness X: Ċart tal-organizzazzjoni għall-2018

Fl-2016, saru l-bidliet li ġejjin fl-istruttura organizzazzjonali tal-eu-LISA li affettwaw l-għadd ta' ħaddiema:

Inħolqot il-kariga ta' Konsulent għall-ED u l-Kap tal-HRTU ġie ttrasferit għal din il-kariga, filwaqt li d-dmirijiet tal-Kap tal-HRTU ġew allokati lill-Kap tal-RAD.

Iċ-ċart organizzazzjonali turi s-sitwazzjoni fis-16 ta' Mejju 2016. Hija għandha tippreżenta s-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2016. Għalhekk, hija tiġi aġġustata f'Jannar 2017 jekk tinbidel is-sitwazzjoni.

Għal kull ċellula organizzattiva tal-eu-LISA, hija tippreżenta l-għadd ta' karigi fil-parentesi () u l-għadd ta' karigi vakanti f'parentesi kwadri [ ].

**L-istruttura organizzattiva tal-eu-LISA**
**bl-għadd ta' persuni fl-01.09.2017**



# Anness XI: SLA standard

Fl-2013, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA adotta d-dokument **2013-084 SLA Standard għas-sistemi tal-IT ġestiti mill-eu-LISA**, li jiddefinixxi s-servizzi pprovduti mill-eu-LISA lill-Istati Membri fi ħdan il-mandat tagħha.

# Anness XII: Indikaturi tal-Livell ta’ Servizz Komuni

L-Indikaturi tal-Livell ta’ Servizz Komuni applikabbli għas-sistemi tal-IT kollha fuq skala kbira huma deskritti fil-**politika dwar il-Ġestjoni tal-Livell ta’ Servizz tal-eu-LISA, l-Anness 2 dwar ir-rekwiżiti tar-rapport dwar l-SLA**